II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/403

**ta 24 ta' Marzu 2021**

**li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali tagħhom, iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali fir-rigward ta' tali ċertifikati u li jħassar id-Deċiżjoni 2010/470/UE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 146(2), il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 156(2) u l-Artikoli 162(5), 238(3) u 239(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari il-punti (a) u (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 u l-Artikolu 126(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli dwar il-mard tal-annimali li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inklużi r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali tas-saħħa tal-annimali għal diversi movimenti ta' annimali terrestri u l-prodotti tagħhom. Jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli għall-mudelli tal-formoli għaċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u għad-dikjarazzjonijiet, kif ukoll regoli dwar l-informazzjoni li trid tiġi inkluża f'ċerti dokumenti u dikjarazzjonijiet meħtieġa għad-dħul fl-Unjoni tal-kunsinni tal-annimali u tal-prodotti ġerminali. Barra minn hekk, dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi regoli speċjali dwar il-mudelli tal-formoli għaċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, għad-dikjarazzjonijiet u għal dokumenti oħra għal ċerti kategoriji ta' annimali u għall-prodotti ġerminali. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi wkoll li ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali jistgħu jinkludu informazzjoni oħra meħtieġa skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

(2) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 146(2) kif ukoll mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 156(2) u l-Artikolu 162(5) tar-Regolament (UE) 2016/429. dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli għall-mudelli tal-formoli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti lejn Stat Membru ieħor ta' ċerti annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali ta' dawk l-annimali terrestri.

(3) Għalhekk, għall-implimentazzjoni uniformi tar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429, il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali li jkun fihom ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri u għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali ta' dawk l-annimali terrestri jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 ([3]) jistabbilixxi regoli supplimentari fir-rigward tal-istabbilimenti tal-prodotti ġerminali rreġistrati u approvati u t-traċċabbiltà u r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri. L-Anness IV ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi regoli supplimentari dwar l-informazzjoni li trid tiġi inkluża fiċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-prodotti ġerminali tal-annimali bovini, porċini, ovini, kaprini u ekwini u ta' annimali oħra elenkati fih, li jinġarru bejn l-Istati Membri. F'konformità ma' dak ir-Regolament, tali ċertifikati tas-saħħa tal-annimali jenħtieġ li jkun fihom, *inter alia*, informazzjoni rilevanti dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali. Għalhekk, ir-regoli supplimentari u r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/686 jenħtieġ li jitqiesu f'dan ir-Regolament u fil-mudelli taċ-ċertifikati stabbiliti fih.

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2020/688 ([4]) jistabbilixxi regoli supplimentari għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' mard tal-annimali trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tal-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri u ta' bajd għat-tifqis. Dak ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għal tali movimenti u regoli supplimentari għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali, b'mod partikolari, regoli dwar l-informazzjoni li trid tiġi inkluża fiċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għal ċerti annimali terrestri u għal bajda għat-tifqis li jinġarru lejn Stat Membru ieħor. Għalhekk, dan ir-Regolament u l-mudelli taċ-ċertifikati stabbiliti fih jenħtieġ li jqisu r-regoli supplimentari stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/688.

(6) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2020/692 ([5]) jistabbilixxi rekwiżiti supplimentari tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta', *inter alia*, ċerti annimali terrestri u prodotti ġerminali tal-ispeċijiet u tal-kategoriji tal-annimali terrestri miżmuma elenkati fih. B'mod partikolari, f'konformità ma' dak ir-Regolament, it-tali kunsinni għandhom jiġu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, u jekk ikun previst f'dak ir-Regolament, minn dikjarazzjonijiet jew dokumenti oħra. Għalhekk, il-garanziji rilevanti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jqisu l-mudelli taċ-ċertifikati stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(7) Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi definizzjonijiet partikolari għal, *inter alia*, ċerti prodotti ġerminali u stabbilimenti tal-prodotti ġerminali. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dak ir-Regolament Delegat, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi definizzjonijiet speċifiċi għal, *inter alia*, ċerti annimali terrestri, u jiddefinixxi wkoll il-"bajd ħieles minn patoġeni speċifikati" u n-"numru ta' approvazzjoni uniku". Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jqis ukoll ċerti definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti Delegati (UE) 2020/686 u (UE) 2020/692.

---

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 1).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri u bajd għat-tifqis (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 140).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

(8) Il-mudelli taċ-ċertifikati meħtieġa għas-saħħa tal-annimali, għat-trattament xieraq tal-annimali u għal raġunijiet ta' saħħa pubblika huma attwalment stabbiliti f'diversi atti legali. Għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza tad-dritt, kif ukoll għal aċċess faċli mill-awtoritajiet kompetenti, mill-operaturi rilevanti u mill-pubbliku, jixraq li dawn il-mudelli taċ-ċertifikati għall-movimenti bejn l-Istati Membri u għad-dħul fl-Unjoni tal-kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali tagħhom jiġu kkonsolidati f'att legali wieħed.

(9) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([6]) jistabbilixxi l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-movimenti fl-Unjoni jew bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' annimali u ta' prodotti, filwaqt li jipprevedi l-kompatibbiltà ta' tali ċertifikati mas-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES) u għall-faċilitazzjoni tas-sistema ta' ċertifikazzjoni fl-Unjoni. Għalhekk, il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-movimenti bejn l-Istati Membri tal-kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jitfasslu abbażi tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-movimenti bejn l-Istati Membri stabbiliti fil-Kapitolu 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

(10) Barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-konsistenza u biex titjieb l-effiċjenza taċ-ċertifikazzjoni, il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni tal-kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jitfasslu abbażi tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u abbażi tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni stabbiliti fil-Kapitolu 3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

(11) L-Artikolu 237(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jippermettu d-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, sakemm ma tkunx prevista deroga fl-Artikolu 237(4)(a) ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi r-rekwiżit li l-kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni jridu jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali, attestazzjoni uffiċjali jew kwalunkwe evidenza oħra li turi li l-kunsinni jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti bir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, sabiex jiġu evitati inkonsistenzi u biex jiġu ffaċilitati l-kontrolli uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali tagħhom, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għal tali kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(12) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi r-regoli għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali u ta' attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament, li jinkludu, fost l-oħrajn, regoli dwar is-sikurezza tal-ikel fl-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni, u rekwiżiti tas-saħħa u tat-trattament xieraq tal-annimali. Dan ir-Regolament jipprevedi ċerti regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali meta r-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tiegħu jeħtieġu l-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali. B'mod partikolari, dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u għall-ħruġ u s-sostituzzjoni tat-tali ċertifikati. Fin-nuqqas ta' regoli aktar speċifiċi fir-Regolament (UE) 2016/429, ir-regoli rilevanti dwar iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali japplikaw għaċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u għaċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(13) Ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 jinkludu r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali, iżda wkoll, *inter alia*, ir-regoli fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tat-trattament xieraq tal-annimali. Fl-interess taċ-ċarezza tad-dritt, u sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv matul il-ħruġ taċ-ċertifikati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, li jridu jiġu ffirmati mill-veterinarju uffiċjali. Sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-kontrolli uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni, u fi ħdan

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020 p. 1).

l-Unjoni, ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u l-prodott ġerminali tagħhom u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali stabbiliti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament (UE) 2017/625.

(14) Sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni, ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni jenħtieġ li jinkludu rekwiżiti lingwistiċi.

(15) Ir-Regolament (UE) 2016/429 għandu l-għan li jnaqqas il-piż amministrattiv fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni u tan-notifika billi kemm jista' jkun tintuża t-teknoloġija tal-informazzjoni għal diversi finijiet. Barra minn hekk, dak ir-Regolament jistabbilixxi ċerti regoli dwar il-possibbiltà li ċerti kunsinni jiġu akkumpanjati minn ċertifikati elettroniċi tas-saħħa tal-annimali minflok ċertifikati tas-saħħa tal-annimali maħruġa fuq karta. Ir-Regolament (UE) 2017/625 jipprevedi li s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC) trid tippermetti l-produzzjoni, l-immaniġġjar u t-trażmissjoni taċ-ċertifikati uffiċjali, inkluż fil-forma elettronika. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 ([7]) jipprevedi li s-sistema TRACES hija l-komponent tal-IMSOC li tippermetti li ċ-ċertifikati jiġu prodotti b'mod elettroniku, u b'hekk jiġu evitati prattiki possibbilment frodulenti jew qarrieqa fir-rigward taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali jew taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' sigurtà tal-mezzi elettroniċi taċ-ċertifikazzjoni u filwaqt li jitqies l-għan li jiġi armonizzat il-proċess ta' ċertifikazzjoni, il-mudelli taċ-ċertifikati stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu kompatibbli mas-sistema TRACES.

(16) Il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 tar-Regolament (UE) 2017/625 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar il-proċeduri li jridu jiġu segwiti għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' sostituzzjoni. Għalhekk, jixraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti komuni fir-rigward tas-sostituzzjoni taċ-ċertifikati, li jenħtieġ li japplikaw għaċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u għaċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, li jridu jiġu ffirmati mill-veterinarju uffiċjali, u dawn ir-rekwiżiti komuni jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(17) Sabiex jiġi evitat l-użu ħażin u l-abbuż, huwa importanti li jiġu stabbiliti regoli dwar il-każijiet meta jista' jinħareġ ċertifikat ta' sostituzzjoni u r-rekwiżiti li dawn iċ-ċertifikati jridu jissodisfaw. Dawn il-każijiet jenħtieġ li jkunu limitati għal żbalji amministrattivi u għal każijiet fejn iċ-ċertifikat inizjali ġie danneġġat jew mitluf.

(18) Il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-movimenti ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom jenħtieġ li jinkludu d-dettalji dwar il-kunsinna u informazzjoni speċifika dwar is-saħħa tal-annimali u s-saħħa pubblika u kif ukoll informazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali, fejn meħtieġ, iċċertifikati mill-veterinarju uffiċjali. Fil-każ ta' movimenti bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jkun fihom parti ddedikata biex jitfassal rendikont tal-kontrolli uffiċjali mwettqa matul tali movimenti u fil-post tad-destinazzjoni, kif ukoll tar-riżultati ta' dawk il-kontrolli uffiċjali.

(19) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/470/UE ([8]) tistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċijiet ekwini, ovina u kaprina u tal-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċi porċina, wara li tiġi kkunsidrata id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE ([9]). Madankollu, ir-Regolament (UE) 2016/429 ħassar u ssostitwixxa d-Direttiva 92/65/KEE b'effett mill-21 ta' April 2021. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/429 kif ukoll leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni ħassru ċerti atti oħrajn imsemmijin

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/470/UE tas-26 ta' Awwissu 2010 li tistabbilixxi mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċijiet ekwina, ovina u kaprina u tal-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċi porċina (ĠU L 228, 31.8.2010, p. 15).

([9]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A (1) ta' Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 268 14.9.1992, p. 54).

fil-mudelli taċ-ċertifikati stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni. Għalhekk, għal raġunijiet ta' armonizzazzjoni u ċarezza, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-regoli, il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa stabbiliti fid-Deċiżjoni 2010/470/UE jenħtieġ li jiġu sostitwiti bil-mudelli taċ-ċertifikati stabbiliti f'dan ir-Regolament u d-Deċiżjoni 2010/470/UE jenħtieġ li tithassar.

(20) Jixraq li jiġi introdott perjodu tranżitorju biex titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi terzi li jridu jagħmlu l-arranġamenti neċessarji biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament u s-sitwazzjoni speċifika tal-vjeġġi ta' kunsinni ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom akkumpanjati minn ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([10]) u (UE) Nru 206/2010 ([11]), mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 ([12]) u (UE) 2018/659 ([13]), mad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2006/168/KE ([14]), 2010/470/UE u 2010/472/UE ([15]) kif ukoll dawk maħruġa f'konformità mad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/630/UE ([16]), 2012/137/UE ([17]) u (UE) 2019/294 ([18]) qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(21) Billi r-Regolament (UE) 2016/429 japplika b'effett mill-21 ta' April 2021, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll minn dik id-data.

(22) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli fir-rigward taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali previsti fir-Regolament (UE) 2016/429 u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali bbażati fuq ir-Regolament (UE) 2016/429 u fuq ir-Regolament (UE) 2017/625 u fir-rigward tal-ħruġ u s-sostituzzjoni ta' dawk iċ-ċertifikati meħtieġa għad-dħul fl-Unjoni ([19]), il-movimenti fl-Unjoni u bejn l-Istati Membri ta' ċerti kunsinni ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsemmija flimkien bħala "iċ-ċertifikati").

([10]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

([11]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 tas-7 ta' Jannar 2013 li tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar fl-Unjoni u l-kondizzjonijiet ta' kwarantina tagħhom (ĠU L 47, 20.2.2013, p. 1).

([13]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 tat-12 ta' April 2018 dwar il-kundizzjonijiet biex jidħlu fl-Unjoni ekwidi ħajjin u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom (ĠU L 110, 30.4.2018, p. 1).

([14]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/168/KE tal-4 ta' Jannar 2006 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' embrijuni bovini u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/217/KE (ĠU L 57, 28.2.2006, p. 19).

([15]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/472/UE tas-26 ta' Awwissu 2010 dwar l-importazzjonijiet ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina fl-Unjoni (ĠU L 228, 31.8.2010, p. 74).

([16]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/630/UE tal-20 ta' Settembru 2011 dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini (ĠU L 247, 24.9.2011, p. 32).

([17]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/137/UE tal-1 ta' Marzu 2012 dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi porċina (ĠU L 64, 3.3.2012, p. 29).

([18]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/294 tat-18 ta' Frar 2019 li tistabbilixxi l-lista tat-territorji u tal-pajjiżi terzi awtorizzati biex l-Unjoni timporta minnhom klieb, qtates u inmsa, u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal dawn l-importazzjonijiet (ĠU L 48, 20.02.2019, p. 41).

([19]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ir-referenzi għall-"Unjoni" jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi il-mudelli taċ-ċertifikati, fil-forma ta' ċertifikati tas-saħħa tal-annimali jew ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali:

(a) għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom (l-Anness I); u

(b) għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom (l-Anness II).

3. Dan ir-Regolament jistabbilixxi il-mudelli tad-dikjarazzjonijiet li jakkumpanjaw iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali jew iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-movimenti fl-Unjoni u għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri (l-Anness III).

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "stabbiliment tal-prodotti ġerminali rreġistrat" tfisser stabbiliment tal-prodotti ġerminali kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(2) "stabbiliment tal-prodotti ġerminali approvat" tfisser stabbiliment tal-prodotti ġerminali kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(3) "semen" tfisser semen kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(4) "ooċiti" tfisser ooċiti kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(5) "embrijun" tfisser embrijun kif definit fil-punt (16) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(6) "ċentru tal-ġbir tas-semen" tfisser stabbiliment tal-prodotti ġerminali kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(7) "grupp għall-ġbir tal-embrijuni" tfisser stabbiliment tal-prodotti ġerminali kif definit fil-punt (12) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(8) "grupp ta' produzzjoni tal-embrijuni" tfisser stabbiliment tal-prodotti ġerminali kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(9) "stabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali" tfisser stabbiliment tal-prodotti ġerminali kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(10) "stabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali" tfisser stabbiliment tal-prodotti ġerminali kif definit fil-punt (19) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(11) "annimal bovin" tfisser annimal bovin kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(12) "annimal ovin" tfisser annimal ovin kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(13) "annimal kaprin" tfisser annimal kaprin kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(14) "annimal ekwin" tfisser annimal ekwin kif definit fil-punt (9) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(15) "annimal kamelid" tfisser annimal kamelid kif definit fil-punt (10) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(16) "annimal ċervid" tfisser annimal ċervid kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(17) "annimal ekwin irreġistrat" tfisser annimal ekwin irreġistrat kif definit fil-punt (12) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(18) "flieles ta' ġurnata" tfisser flieles ta' ġurnata kif definit fil-punt (19) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(19) "bajd ħieles minn patoġeni speċifikati" tfisser bajd għat-tifqis kif definit fil-punt (26) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(20) "naħla tal-għasel" tfisser annimal kif definit fil-punt (20) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(21) "naħla bagħlija" tfisser annimal kif definit fil-punt (21) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(22) "numru ta' approvazzjoni uniku" tfisser numru kif definit fil-punt (25) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

*Artikolu 3*

**Mili taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-kunsinni ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom**

1. Iċ-ċertifikati għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom, stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandhom jimtlew u jiġu ffirmati kif meħtieġ minn veterinarju uffiċjali f'konformità man-noti ta' spjegazzjoni previsti fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

2. Iċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom, stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, għandhom jimtlew u jiġu ffirmati kif meħtieġ minn veterinarju uffiċjali f'konformità man-noti ta' spjegazzjoni previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

3. L-operaturi responsabbli għall-kunsinni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti informazzjoni dwar id-deskrizzjoni ta' tali kunsinni kif deskritt fil-Parti I tal-mudelli taċ-ċertifikati stabbiliti fl-Anness I u II, rispettivament.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti għaċ-ċertifikati għall-annimali terrestri u l-prodotti ġerminali**

1. Il-veterinarju uffiċjali għandu jimla ċ-ċertifikati għall-kunsinni ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali f'konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) iċ-ċertifikat għandu jkollu l-firma tal-veterinarju uffiċjali u t-timbru uffiċjali; il-kulur tal-firma u l-kulur tat-timbru, għajr it-timbri imbuzzati jew b'marka tal-ilma, iridu jkunu differenti mill-kulur tal-istampar;

(b) meta ċ-ċertifikat ikun fih dikjarazzjonijiet multipli jew alternattivi, id-dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti għandhom jiġu ingassati, inizjalati u ttimbrati mill-veterinarju uffiċjali, jew jitneħħew kompletament miċ-ċertifikat;

(c) iċ-ċertifikat irid jikkonsisti minn wieħed minn dawn li ġejjin:

  (i) folja waħda tal-karti;

  (ii) diversi folji tal-karti fejn il-folji kollha jkunu indiviżibbli u jikkostitwixxu parti sħiħa integrata;

  (iii) sekwenza ta' paġni b'kull paġna nnumerata sabiex jiġi indikat li hija paġna partikolari f'sekwenza finita;

(d) meta ċ-ċertifikat ikun magħmul minn sekwenza ta' paġni kif imsemmi fil-punt (c)(iii) ta' dan il-paragrafu, kull paġna jrid ikollha l-kodiċi uniku msemmi fl-Artikolu 89(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-firma tal-veterinarju uffiċjali u t-timbru uffiċjali;

(e) fil-każ taċ-ċertifikati għall-movimenti tal-kunsinni bejn l-Istati Membri, iċ-ċertifikat irid jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni;

(f) fil-każ taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni, iċ-ċertifikat irid jiġi ppreżentat lill-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni fejn il-kunsinna tkun soġġetta għall-kontrolli uffiċjali;

(g) iċ-ċertifikat irid jinħareġ qabel ma l-kunsinna li huwa relatat magħha tħalli l-kontroll tal-awtorità kompetenti li qed toħroġ iċ-ċertifikat;

(h) fil-każ taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni, iċ-ċertifikat irid jitfassal fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali, tal-Istat Membru tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni.

2. Permezz ta’ deroga mill-punt (h) tal-paragrafu 1 Stat Membru jista’ jagħti l-kunsens tiegħu li ċ-ċertifikati jitfasslu f’lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni, u jiġu akkumpanjati, jekk ikun meħtieġ, minn traduzzjoni awtentikata.

3. Il-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 1 ma japplikawx għaċ-ċertifikati elettroniċi maħruġa f’konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 39(1) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/1715.

4. Il-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għaċ-ċertifikati maħruġa fuq karta u mimlija fuq is-sistema TRACES u stampati minnha.

*Artikolu 5*

**Sostituzzjoni taċ-ċertifikati għall-annimali terrestri u l-prodotti ġerminali**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu ċertifikati ta’ sostituzzjoni għall-kunsinni ta’ annimali terrestri u prodotti ġerminali biss fil-każ ta’ żbalji amministrattivi fiċ-ċertifikat inizjali jew meta ċ-ċertifikat inizjali jkun ġie danneġġat jew mitluf.

2. Fiċ-ċertifikat ta’ sostituzzjoni, l-awtorità kompetenti ma għandhiex timmodifika l-informazzjoni fiċ-ċertifikat inizjali dwar l-identifikazzjoni tal-kunsinna, it-traċċabbiltà tagħha u l-garanziji previsti għall-kunsinna fiċ-ċertifikat inizjali.

3. Fiċ-ċertifikat ta’ sostituzzjoni, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tagħmel referenza ċara għall-kodiċi uniku msemmi fl-Artikolu 89(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 u għad-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat inizjali, u tiddikjara b’mod ċar li qiegħed jissostitwixxi ċ-ċertifikat inizjali;

(b) tindika numru taċ-ċertifikat ġdid li jkun differenti minn dak taċ-ċertifikat inizjali;

(c) tindika d-data ta’ meta nħareġ, li ma tkunx l-istess bħad-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat inizjali;

(d) tipproduċi dokument oriġinali maħruġ fuq karta, ħlief fil-każ ta’ ċertifikati ta’ sostituzzjoni elettroniċi sottomessi fi TRACES.

4. Fil-każ tad-dħul fl-Unjoni ta’ kunsinni, l-awtorità kompetenti tal-post ta’ kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni, tista’ ma titlobx lill-operatur responsabbli mill-kunsinna biex jipprovdi ċertifikat ta’ sostituzzjoni meta l-informazzjoni dwar id-destinatarju, l-importatur, il-post ta’ kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni jew il-mezzi tat-trasport jinbidlu wara li ċ-ċertifikat ikun inħareġ u t-tali informazzjoni tkun ipprovduta mill-operatur responsabbli mill-kunsinna.

*Artikolu 6*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membrita’ ċerti kategoriji ta’ ungulati**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta’ ċerti kategoriji ta’ ungulati għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont l-ispeċi kkonċernata:

(a) BOV-INTRA-X imfassal f’konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 1 tal-Anness I, għall-annimali bovini mhux maħsuba għall-qatla;

(b) BOV-INTRA-Y imfassal f’konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 2 tal-Anness I, għall-annimali bovini maħsuba għall-qatla;

(c) POR-INTRA-X imfassal f’konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 3 tal-Anness I, għall-annimali porċini mhux maħsuba għall-qatla;

(d) POR-INTRA-Y imfassal f’konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 4 tal-Anness I, għall-annimali porċini maħsuba għall-qatla;

(e) OV/CAP-INTRA-X imfassal f’konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 5 tal-Anness I, għall-annimali ovini u kaprini mhux maħsuba għall-qatla;

(f) OV/CAP-INTRA-Y imfassal f’konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 6 tal-Anness I, għall-annimali ovini u kaprini maħsuba għall-qatla;

(g) EQUI-INTRA-IND imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 7 tal-Anness I, għal annimal ekwin individwali mhux maħsub għall-qatla;

(h) EQUI-INTRA-CON imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 8 tal-Anness I, għal kunsinna ta' annimali ekwini;

(i) CAM-INTRA-X imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 9 tal-Anness I, għall-annimali kamelidi mhux maħsuba għall-qatla;

(j) CAM-INTRA-Y imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 10 tal-Anness I, għall-annimali kamelidi maħsuba għall-qatla;

(k) CER-INTRA-X imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 11 tal-Anness I, għall-annimali ċervidi mhux maħsuba għall-qatla;

(l) CER-INTRA-Y imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 12 tal-Anness I, għall-annimali ċervidi maħsuba għall-qatla;

(m) OTHER-UNGULATES-INTRA-X imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 13 tal-Anness I, għall-ungulati miżmuma, għajr l-annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, ekwini, kamelidi u ċervidi, mhux maħsuba għall-qatla;

(n) OTHER-UNGULATES-INTRA-Y imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 14 tal-Anness I, għall-ungulati miżmuma, għajr l-annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, ekwini, kamelidi u ċervidi, maħsuba għall-qatla.

*Artikolu 7*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-movimenti bejn l-Istati Membrita' ċerti kategoriji ta' għasafar u l-prodotti ġerminali tagħhom**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti kategoriji ta' għasafar u l-prodotti ġerminali tagħhom għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont il-kategoriji ta' għasafar u l-prodotti kkonċernati:

(a) POU-INTRA-HEP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 15 tal-Anness I, għall-bajd għat-tifqis tal-pollam;

(b) POU-INTRA-DOC imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 16 tal-Anness I, għall-flieles ta' ġurnata;

(c) POU-INTRA-X imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 17 tal-Anness I, għall-pollam tat-tnissil jew il-pollam produttiv;

(d) POU-INTRA-LT20 imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 18 tal-Anness I, għal anqas minn 20 eżemplar ta' pollam, għajr ir-ratiti, jew anqas minn 20 bajda għat-tifqis tal-pollam, għajr ir-ratiti;

(e) POU-INTRA-Y imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 19 tal-Anness I, għall-pollam maħsub għall-iskarnar;

(f) POU-INTRA-SPF imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 20 tal-Anness I, għall-bajd ħieles minn patoġeni speċifikat;

(g) CAPTIVE-BIRDS-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 21 tal-Anness I, għall-għasafar maqbuda;

(h) HE-CAPTIVE-BIRDS-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 22 tal-Anness I, għall-bajd għat-tifqis tal-għasafar maqbuda.

*Artikolu 8*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali bovini**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali bovini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont it-tip tal-prodotti kkonċernati:

(a) BOV-SEM-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 23 tal-Anness I, għall-kunsinna ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(b) BOV-SEM-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 24 tal-Anness I, għall-kunsinna ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun wara l-31 ta' Diċembru 2004 u qabel il-21 ta' April 2021, f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE ([20]), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/43/KE ([21]), mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(c) BOV-SEM-C-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 25 tal-Anness I, għall-kunsinna ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun qabel l-1 ta' Jannar 2005 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 93/60/KE, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(d) BOV-OOCYTES-EMB-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 26 tal-Anness I, għall-kunsinna ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(e) BOV-EMB-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 27 tal-Anness I, għall-kunsinna ta' stokkijiet ta' embrijuni ta' annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna qabel il-21 ta' April 2021 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE ([22]), mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-embrijuni;

(f) BOV-GP-PROCESSING-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 28 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/43/KE, wara l-31 ta' Diċembru 2004 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun qabel l-1 ta' Jannar 2005 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 93/60/KEE;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' embrijuni tal-annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 89/556/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

(g) BOV-GP-STORAGE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 29 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/43/KE, wara l-31 ta' Diċembru 2004 u qabel il-21 ta' April 2021;

---

([20]) Id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE tal-14 ta' Ġunju 1988 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għal importazzjonijiet ta' deep frozen semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini (ĠU L 194, 22.7.1988, p. 10).

([21]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/43/KE tas-26 ta' Mejju 2003 li temenda d-Direttiva 88/407/KEE dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-kummerċ intrakomunitarju u l-importazzjoni tal-isperma tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini (ĠU L 143, 11.6.2003, p. 23)

([22]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-ifrat (ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1).

— stokkijiet ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun qabel l-1 ta' Jannar 2005 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 93/60/KEE;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' embrijuni tal-annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 89/556/KEE qabel il-21 ta' April 2021.

*Artikolu 9*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali ovini u kaprini**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali ovini u kaprini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont it-tip tal-prodotti kkonċernati:

(a) OV/CAP-SEM-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 30 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(b) OV/CAP-SEM-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 31 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(c) OV/CAP-SEM-C-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 32 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(d) OV/CAP-OOCYTES-EMB-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 33 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(e) OV/CAP-OOCYTES-EMB-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 34 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(f) OV/CAP-OOCYTES-EMB-C-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 35 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(g) OV/CAP-GP-PROCESSING-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 36 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

(h) OV/CAP-GP-STORAGE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 37 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010.

*Artikolu 10*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali porċini**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali porċini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont it-tip tal-prodotti kkonċernati:

(a) POR-SEM-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 38 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' semen tal-annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(b) POR-SEM-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 39 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 90/429/KEE ([23]) qabel il-21 ta' April 2021, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(c) POR-OOCYTES-EMB-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 40 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

([23]) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet ta' semen ta' bhejjem domestiċi tal-ispeċi tal-majjali (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62).

(d) POR-OOCYTES-EMB-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 41 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(e) POR-OOCYTES-EMB-C-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 42 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(f) POR-GP-PROCESSING-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 43 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

(g) POR-GP-STORAGE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 44 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010.

*Artikolu 11*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali ekwini**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali ekwini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont it-tip tal-prodotti kkonċernati:

(a) EQUI-SEM-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 45 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(b) EQUI-SEM-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 46 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(c) EQUI-SEM-C-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 47 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(d) EQUI-SEM-D-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 48 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(e) EQUI-OOCYTES-EMB-A-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 49 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(f) EQUI-OOCYTES-EMB-B-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 50 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(g) EQUI-OOCYTES-EMB-C-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 51 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(h) EQUI-OOCYTES-EMB-D-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 52 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(i) EQUI-GP-PROCESSING-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 53 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

(j) EQUI-GP-STORAGE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 54 tal-Anness I, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010.

*Artikolu 12*

## Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti kategoriji ta' naħal

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti kategoriji ta' naħal għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont l-ispeċi kkonċernata:

(a) HBEE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 55 tal-Anness I, għan-naħal tal-għasel;

(b) QUE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 56 tal-Anness I, għan-naħal tal-għasel irġejjen taħt deroga;

(c) BBEE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 57 tal-Anness I, għan-naħal bagħlija.

*Artikolu 13*

## Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u mudelli tad-dikjarazzjonijietgħall-movimenti bejn l-Istati Membrita' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u ċerti prodotti ġerminali

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) u d-dikjarazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 1(3) li jridu jintużaw għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u ċerti prodotti ġerminali tagħhom għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont l-ispeċi u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati:

(a) CONFINED-LIVE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 58 tal-Anness I għall-annimali terrestri mċaqalqa minn stabbiliment konfinat għal ieħor;

(b) CONFINED-PRIMATE-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 59 tal-Anness I, għall-primati mċaqalqa fi stabbiliment konfinat;

(c) GP-CONFINED-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 60 tal-Anness I, għall-kunsinna ta' semen, ooċiti u embrijuni tal-annimali terrestri miżmuma fi stabbiliment konfinat li ngabru jew ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(d) CANIS-FELIS-FERRETS-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 61 tal-Anness I, għall-klieb, il-qtates u l-inmsa;

(e) GP-CANIS-FELIS-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 62 tal-Anness I, għall-kunsinna ta' semen, ooċiti u embrijuni tal-klieb (*Canis lupus familiaris*) u tal-qtates (*Felis silvestris catus*) li nġabru jew ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(f) OTHCARN-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 63 tal-Anness I, għal karnivori oħra;

(g) WILD-ANIMALS-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 64 tal-Anness I, għall-annimali terrestri selvaġġi;

(h) GP-CAM-CER-INTRA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 65 tal-Anness I, għall-kunsinni ta' semen, ooċiti u embrijuni tal-annimali tal-familji Camelidae u Cervidae li nġabru jew ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/686.

*Artikolu 14*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' ungulati**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' ungulati għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont l-ispeċi kkonċernata:

(a) BOV-X imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 1 tal-Anness II, għall-annimali bovini;

(b) BOV-Y imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 2 tal-Anness II, għall-annimali bovini maħsuba għall-qatla;

(c) BOV-X-TRANSIT-RU mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 3 tal-Anness II, għall-annimali bovini maħsuba għat-tranżitu mir-reġjun ta' Kaliningrad għal reġjuni oħra tar-Russja mit-territorju tal-Litwanja;

(d) OV/CAP-X imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 4 tal-Anness II, għall-annimali ovini u kaprini;

(e) OV/CAP-Y imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 5 tal-Anness II, għall-annimali ovini u kaprini maħsuba għall-qatla;

(f) SUI-X imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 6 tal-Anness II, għall-annimali porċini u l-annimali tal-familja *Tayassuidae*;

(g) SUI-Y imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 7 tal-Anness II, għall-annimali porċini maħsuba għall-qatla;

(h) RUM imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 8 tal-Anness II għall-annimali tal-familji *Antilocapridae*, *Bovidae* (għajr l-annimali bovini, ovini u kaprini), *Giraffidae*, *Moschidae* u *Tragulidae*;

(i) RHINO mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 9 tal-Anness II, għall-annimali tal-familji *Tapiridae*, *Rhinocerotidae* u *Elephantidae*;

(j) HIPPO mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 10 tal-Anness II, għall-annimali tal-familja *Hippopotamidae*;

(k) CAM-CER imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 11 tal-Anness II, għall-annimali kamelidi u ċervidi.

*Artikolu 15*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u tad-dikjarazzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' annimali ekwini**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) u d-dikjarazzjonijiet li jakkumpanjaw iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali jew iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmija fl-Artikolu 1(3) li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni jew għat-tranżitu minn ġewwa l-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' annimali ekwini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont il-movimenti kkonċernati:

(a) EQUI-X imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 12 tal-Anness II, għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini mhux maħsuba għall-qatla;

(b) EQUI-Y imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 13 tal-Anness II, għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini maħsuba għall-qatla;

(c) EQUI-TRANSIT-X imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 14 tal-Anness II, għat-tranżitu minn ġewwa l-Unjoni tal-annimali ekwini mhux maħsuba għall-qatla;

(d) EQUI-TRANSIT-Y imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 15 tal-Anness II, għat-tranżitu minn ġewwa l-Unjoni tal-annimali ekwini maħsuba għall-qatla;

(e) EQUI-RE-ENTRY-30 imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 16 tal-Anness II, għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni ta' żwiemel irreġistrati għat-tiġrija, għall-kompetizzjoni u għall-avvenimenti kulturali wara esportazzjoni temporanja għal perjodu ta' mhux aktar minn 30 ġurnata;

(f) EQUI-RE-ENTRY-90-COMP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 17 tal-Anness II, għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni ta' żwiemel irreġistrati għall-kompetizzjoni wara esportazzjoni temporanja għal perjodu ta' mhux aktar minn 90 ġurnata biex jipparteċipaw f'avvenimenti ekwestri organizzati taħt l-awspiċji tal-Fédération Equestre Internationale (FEI);

(g) EQUI-RE-ENTRY-90-RACE mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 18 tal-Anness II, għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni ta' żwiemel irreġistrati għat-tiġrija wara esportazzjoni temporanja għal perjodu ta' mhux aktar minn 90 ġurnata biex jipparteċipaw f'avvenimenti speċifiċi tat-tiġrija fl-Awstralja, fil-Kanada, fl-Istati Uniti tal-Amerka, f'Hong Kong, fil-Ġappun, f'Singapore, fl-Emirati Għarab Magħquda jew fil-Qatar.

*Artikolu 16*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ungulati maħsuba għal stabbiliment konfinat**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ungulati maħsuba għal stabbiliment konfinat għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont l-ispeċi kkonċernata:

(a) CONFINED-RUM imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 19 tal-Anness II, għall-annimali elenkati fit-Taqsima 1 ta' dan il-Kapitolu li joriġinaw minn stabbiliment konfinat u li huma maħsuba għalih;

(b) CONFINED-SUI mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 20 tal-Anness II, għall-annimali elenkati fit-Taqsima 1 ta' dan il-Kapitolu li joriġinaw minn stabbiliment konfinat u li huma maħsuba għalih;

(c) CONFINED-TRE imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 21 tal-Anness II, għall-annimali elenkati fit-Taqsima 1 ta' dan il-Kapitolu li joriġinaw minn stabbiliment konfinat u li huma maħsuba għalih;

(d) CONFINED-HIPPO mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 22 tal-Anness II, għall-annimali tal-familja tal-*Hippopotamidae* li joriġinaw minn stabbiliment konfinat u li huma maħsuba għalih.

*Artikolu 17*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' għasafar u l-prodotti ġerminali tagħhom**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' għasafar u l-prodotti ġerminali tagħhom għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont il-kategoriji ta' għasafar u l-prodotti ġerminali kkonċernati tagħhom:

(a) BPP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 23 tal-Anness II, għall-pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u l-pollam produttiv għajr ir-ratiti;

(b) BPR imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 24 tal-Anness II, għar-ratiti tat-tnissil jew għar-ratiti produttivi;

(c) DOC imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 25 tal-Anness II, għall-flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti;

(d) DOR imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 26 tal-Anness II, għall-flieles ta' ġurnata tar-ratiti;

(e) HEP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 27 tal-Anness II, għall-bajd għat-tifqis tal-pollam għajr dak tar-ratiti;

(f) HER imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 28 tal-Anness II, għall-bajd għat-tifqis tar-ratiti;

(g) SPF imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 29 tal-Anness II, għall-bajd ħieles minn patoġeni speċifikat;

(h) SP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 30 tal-Anness II, għall-pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti;

(i) SR imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 31 tal-Anness II, għar-ratiti maħsuba għall-iskarnar;

(j) POU-LT20 imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 32 tal-Anness II, għal anqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti;

(k) HE-LT20 imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 33 tal-Anness II, għal anqas minn 20 bajda għat-tifqis tal-pollam għajr ir-ratiti;

(l) CAPTIVE-BIRDS imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 34 tal-Anness II, għall-għasafar maqbuda;

(m) HE-CAPTIVE-BIRDS imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 35 tal-Anness II, għall-bajd għat-tifqis tal-għasafar maqbuda.

*Artikolu 18*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' naħal**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' naħal għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont l-ispeċi kkonċernata:

(a) QUE mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 36 tal-Anness II, għan-naħal tal-għasel irġejjen;

(b) BBEE mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 37 tal-Anness II, għan-naħal bagħlija.

*Artikolu 19*

**Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' klieb, qtates u inmsa**

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikolu 1(2)(b) li jridu jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' klieb, qtates u inmsa għandu jikkorrispondi għall-mudell CANIS-FELIS-FERRETS imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 38 tal-Anness II.

*Artikolu 20*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali bovini**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali bovini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont it-tip ta' prodotti kkonċernati:

(a) BOV-SEM-A-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 39 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(b) BOV-SEM-B-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 40 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun wara l-31 ta' Diċembru 2004 u qabel il-20 ta' April 2021, f'konformità mad-Direttiva 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva 2003/43/KE, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(c) BOV-SEM-C-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 41 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun qabel l-1 ta' Jannar 2005 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 93/60/KE, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(d) BOV-OOCYTES-EMB-A-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 42 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(e) BOV-in vivo-EMB-B-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 43 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' embrijuni dderivati *in vivo* tal-annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna qabel il-21 ta' April 2021 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru l-embrijuni;

(f) BOV-in vitro-EMB-C-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 44 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' embrijuni prodotti *in vitro* tal-annimali bovini prodotti, ipproċessati u maħżuna qabel il-21 ta' April 2021 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE, ikkonċepiti b'semen li jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp ta' produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu ġew prodotti l-embrijuni;

(g) BOV-in vitro-EMB-D-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 45 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' embrijuni prodotti *in vitro* tal-annimali bovini prodotti, ipproċessati u maħżuna qabel il-21 ta' April 2021 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE, ikkonċepiti b'semen li ġej minn ċentri għall-ġbir jew il-ħżin tas-semen approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-esportazzjoni, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp ta' produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu ġew prodotti l-embrijuni;

(h) BOV-GP-PROCESSING-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 46 tal-Anness II, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/43/KE, wara l-31 ta' Diċembru 2004 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun qabel l-1 ta' Jannar 2005 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva 93/60/KEE;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' embrijuni dderivati *in vivo* tal-annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 89/556/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' embrijuni prodotti *in vitro* tal-annimali bovini prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 89/556/KEE qabel il-21 ta' April 2021 u kkonċepiti b'semen li jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva 88/407/KEE;

— stokkijiet ta' embrijuni prodotti *in vitro* tal-annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 89/556/KEE qabel il-21 ta' April 2021 u kkonċepiti b'semen li ġej minn ċentri tal-ġbir jew tal-ħżin tas-semen approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-esportazzjoni;

(i) BOV-GP-STORAGE-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 47 tal-Anness II, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/43/KE, wara l-31 ta' Diċembru 2004 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali bovini miġbur, ipproċessat u maħżun qabel l-1 ta' Jannar 2005 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 93/60/KEE;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' embrijuni dderivati *in vivo* tal-annimali bovini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 89/556/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' embrijuni prodotti *in vitro* tal-annimali bovini prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 89/556/KEE qabel il-21 ta' April 2021 u kkonċepiti b'semen li jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva 88/407/KEE;

— stokkijiet ta' embrijuni prodotti *in vitro* tal-annimali bovini prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 89/556/KEE qabel il-21 ta' April 2021 u kkonċepiti b'semen li ġej minn ċentri tal-ġbir jew tal-ħżin tas-semen approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-esportazzjoni.

*Artikolu 21*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali ovini u kaprini**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali ovini u kaprini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont it-tip ta' prodotti kkonċernati:

(a) OV/CAP-SEM-A-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 48 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(b) OV/CAP-SEM-B-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 49 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel il-21 ta' April 2021, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(c) OV/CAP-OOCYTES-EMB-A-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 50 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(d) OV/CAP-OOCYTES-EMB-B-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 51 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel il-21 ta' April 2021, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(e) OV/CAP-GP-PROCESSING-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 52 tal-Anness II, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

(f) OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 53 tal-Anness II, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE qabel il-21 ta' April 2021.

*Artikolu 22*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali porċini**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali porċini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont it-tip ta' prodotti kkonċernati:

(a) POR-SEM-A-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 54 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' semen tal-annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(b) POR-SEM-B-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 55 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 90/429/KEE qabel il-21 ta' April 2021, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(c) POR-OOCYTES-EMB-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 56 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali bovini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(d) POR-GP-PROCESSING-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 57 tal-Anness II, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

(e) POR-GP-STORAGE-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 58 tal-Anness II, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali porċini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE qabel il-21 ta' April 2021;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali porċini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021.

*Artikolu 23*

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali ekwini**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti tipi ta' prodotti ġerminali tal-annimali ekwini għandhom jikkorrispondu għal wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont it-tip ta' prodotti kkonċernati:

(a) EQUI-SEM-A-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 59 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(b) EQUI-SEM-B-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 60 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(c) EQUI-SEM-C-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 61 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(d) EQUI-SEM-D-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 62 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen;

(e) EQUI-OOCYTES-EMB-A-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 63 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021, mibgħuta mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(f) EQUI-OOCYTES-EMB-B-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 64 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(g) EQUI-OOCYTES-EMB-C-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 65 tal-Anness II, għall-kunsinni ta' stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li permezz tiegħu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni;

(h) EQUI-GP-PROCESSING-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 66 tal-Anness II, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;

(i) EQUI-GP-STORAGE-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 67 tal-Anness II, għall-kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali:

— semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;

— ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;

— stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014.

*Artikolu 24*

**Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti ġerminali ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri**

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikolu 1(2)(b) li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' semen, ooċiti u embrijuni tal-annimali terrestri miżmuma fi stabbiliment konfinat li nġabru jew ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 għandu jikkorrispondi għall-mudell GP-CONFINED-ENTRY imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 68 tal-Anness II.

*Artikolu 25*

**Mudelli tad-dikjarazzjonijiet uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri**

1. Id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(3) li trid tintuża għat-trasport tal-annimali terrestri li jidħlu fl-Unjoni bil-baħar għandha tikkorrispondi għall-mudell addendum AT-TERRE-SEA mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 1 tal-Anness III u għandha timtela mill-kaptan tal-bastiment.

2. Id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(3) li trid tintuża għat-trasbord tal-ekwidi biex tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 9(2) u 10(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 għandha tikkorrispondi għall-mudell EQUI-TRANS imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 2 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

3. Id-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu mehmuża maċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali jew maċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali rilevanti.

*Artikolu 26*

**Tħassir**

1. Id-Deċiżjoni 2010/470/UE titħassar b'effett mill-21 ta' April 2021.

2. Ir-referenzi għal din id-Deċiżjoni għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

*Artikolu 27*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

Il-kunsinni ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom akkumpanjati miċ-ċertifikat xieraq maħruġ f'konformità mar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 u (UE) Nru 206/2010, mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 u (UE) 2018/659, mad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2006/168/KE, u 2010/472/UE kif ukoll dawk maħruġa f'konformità mad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/630/UE, 2012/137/UE u (UE) 2019/294, qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu aċċettati għad-dħul fl-Unjoni sal-20 ta' Ottubru 2021 diment li ċ-ċertifikat ikun ġie ffirmat mill-persuna awtorizzata biex tiffirma ċ-ċertifikat f'konformità ma' dawk ir-Regolamenti u d-Deċiżjonijiet qabel il-21 ta' Awwissu 2021.

*Artikolu 28*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu jibda japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, i24 ta' Marzu 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

## L-Anness I fih il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali li ġejjin għall-moviment bejn l-Istati Membri

Mudell

| **Ungulati** | |
|---|---|
| BOV-INTRA-X | Kapitolu 1: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri tal-annimali bovini mhux maħsuba għall-iskarnar |
| BOV-INTRA-Y | Kapitolu 2: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri tal-annimali bovini maħsuba għall-iskarnar |
| POR-INTRA-X | Kapitolu 3: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri tal-annimali porċini mhux maħsuba għall-iskarnar |
| POR-INTRA-Y | Kapitolu 4: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri tal-annimali porċini maħsuba għall-iskarnar |
| OV/CAP-INTRA-X | Kapitolu 5: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri tal-annimali ovini u kaprini mhux maħsuba għall-iskarnar |
| OV/CAP-INTRA-Y | Kapitolu 6: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri tal-annimali ovini u kaprini maħsuba għall-iskarnar |
| EQUI-INTRA-IND | Kapitolu 7: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimal individwali ekwini mhux maħsub għall-iskarnar |
| EQUI-INTRA-CON | Kapitolu 8: Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' kunsinna tal-annimali ekwini |
| CAM-INTRA-X | Kapitolu 9: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri tal-annimali kamelidi mhux maħsuba għall-iskarnar |
| CAM-INTRA-Y | Kapitolu 10: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri tal-annimali kamelidi maħsuba għall-iskarnar |
| CER-INTRA-X | Kapitolu 11: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri tal-annimali ċervidi mhux maħsuba għall-iskarnar |
| CER-INTRA-Y | Kapitolu 12: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri tal-annimali ċervidi maħsuba għall-iskarnar |
| OTHER-UNGULATES-INTRA-X | Kapitolu 13: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali ungulati miżmuma għajr annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, ekwini, kamelidi u ċervidi mhux maħsuba għall-iskarnar |
| OTHER-UNGULATES-INTRA-Y | Kapitolu 14: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' annimali ungulati miżmuma għajr annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, ekwini, kamelidi u ċervidi maħsuba għall-iskarnar |

| | |
|---|---|
| **Għasafar u l-prodotti ġerminali tagħhom** | |
| POU-INTRA-HEP | Kapitolu 15: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' bajd għat-tifqis tal-pollam |
| EQUI-GP-PROCESSING-ENTRY | Kapitolu 66: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali:<br>- semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;<br>- stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;<br>- stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;<br>- stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;<br>- oċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;<br>- stokkijiet ta' oċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura jew |

| | |
|---|---|
| | - prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;<br>- stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014 |
| EQUI-GP-STORAGE-ENTRY | Kapitolu 67: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni tal-prodotti ġerminali elenkati hawn taħt, mibgħuta wara l-20 ta' April 2021 mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali:<br>- semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;<br>- stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;<br>- stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;<br>- stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;<br>- ooċiti u embrijuni tal-annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;<br>- stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;<br>- stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014 |
| **Prodotti ġerminali ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri** | |
| GP-CONFINED-ENTRY | Kapitolu 68: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' semen, ooċiti u embrijuni ta' annimali terrestri miżmuma fi stabbiliment konfinat li jkunu ngħabru jew ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 |

## KAPITOLU 1

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI BOVINI (MUDELL "BOV-X")

| PAJJIŻ | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE |
|---|---|
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | |
| **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** — **I.2a Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR**<br>**I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali**<br>**I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** |
| **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.7 Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.8 Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi |
| **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** |
| **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali |
| **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat |
| **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur | Nru tas-siġill |
| **I.20 Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br>□ Żamma ulterjuri<br>□ Stabbiliment ta' kwarantina | □ Ċirklu li jivvjaġġa/wirja tal-annimali<br>□ Wirja |
| **I.21 □ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22 □ Għas-suq intern**<br>**I.23** |

| I.24 | I.25 Kwantità totali | I.26 |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sess | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|

**PAJJIŻ**

**Mudell taċ-ċertifikat BOV-X**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** Referenza taċ-ċertifikat | **II.b** Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** [*li għandha titħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-annimali]

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ma jkunux irċevew:

– stilbeni jew sustanzi tirostatiċi,

– sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE);

II.1.2. jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet ta' residwu sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE u l-annimali kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

II.1.3. fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE):

(a) l-annimali jiġu identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu rintraċċati lura għall-omm u għall-merħla tal-oriġini, u mhumiex:

(i) każijiet ta' BSE;

(ii) annimali bovini li, matul l-ewwel sena ta' ħajjithom, trabbew b'każijiet ta' BSE matul l-ewwel sena ta' ħajjithom, u li investigazzjoni wriet li dawn ikkonsmaw l-istess għalf potenzjalment ikkontaminat matul dak il-perjodu, jew

(iii) jekk ir-riżultati tal-investigazzjoni msemmija fl-inċiż (ii) ma jkunux konklużivi, annimali bovini li, matul l-ewwel sena ta' ħajjithom, trabbew b'każijiet ta' BSE matul l-ewwel sena ta' ħajjithom, jew twieldu fl-istess merħla bil-każijiet ta' BSE u fi żmien 12-il xahar qabel jew wara d-data tat-twelid tagħhom;

u

(1) jew [(b) (i) l-annimali twieldu u trabbew kontinwament f'pajjiż jew reġjun jew f'pajjiżi jew reġjuni kklassifikati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE bħala pajjiżi jew reġjuni li jippreżentaw riskju negliġibbli ta' BSE;

(ii) jekk kien hemm każijiet indiġeni ta' BSE fil-pajjiż ikkonċernat, l-annimali twieldu wara d-data minn meta ġiet infurzata b'mod effettiv il-projbizzjoni fuq it-tmigħ tar-ruminanti b'taħlita ta' laħam u għadam mitħun u qrieqeċ derivati minn ruminanti, kif definiti fil-Kodiċi dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, jew twieldu wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk ikunu twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-X**

[1] jew [(b) (i) il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini tal-annimali huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju kkontrollat ta' BSE;

(ii) l-annimali twieldu wara d-data minn meta ġiet infurzata b'mod effettiv il-projbizzjoni fuq it-tmigħ tar-ruminanti b'taħlita ta' laħam u għadam mitħun u qrieqeċ derivati minn ruminanti, kif definiti fil-Kodiċi dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, jew twieldu wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk ikunu twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

[1] jew [(b) (i) il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini tal-annimali huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju mhux iddeterminat ta' BSE;

(ii) it-tmigħ tar-ruminanti b'taħlita ta' laħam u għadam mitħun u qrieqeċ derivati minn ruminanti, kif definiti fil-Kodiċi dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, kien ipprojbit u l-projbizzjoni kienet infurzata b'mod effettiv fil-pajjiż jew fir-reġjun tal-oriġini;

(iii) l-annimali twieldu mill-inqas sentejn wara d-data minn meta ġiet infurzata b'mod effettiv il-projbizzjoni fuq it-tmigħ tar-ruminanti b'taħlita ta' laħam u għadam mitħun u qrieqeċ derivati minn ruminanti, kif definiti fil-Kodiċi dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, jew twieldu wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk ikunu twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I:

II.2.1. ġej miż-żona bil-kodiċi: __ __ - __[2] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, hija awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali bovini u elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

II.2.2. baqgħu kontinwament:

(i) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1. mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 6 xhur qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni, u

(ii) fl-istabbiliment tal-oriġini mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni, li fiha ma jkun ġie introdott l-ebda annimal bovin u l-ebda annimal ta' speċi oħra elenkata għall-istess mard bħal dak tal-annimali bovini.

II.2.3. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri mit-twelid jew mill-inqas għal 30 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.4. ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

[1] *jew* [II.2.5. intbagħtu direttament mill-istabbiliment tal-oriġini tagħhom lejn l-Unjoni mingħajr ma għaddew minn xi stabbiliment ieħor].

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-X**

(1)*jew* [II.2.5. għaddew minn operazzjoni waħda ta' assemblaġġ fiż-żona tal-oriġini li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-operazzjoni ta' assemblaġġ tkun saret fi stabbiliment:

(i) approvat għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ ta' annimali ungulati mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz jew it-territorju f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(ii) li għandu numru ta' approvazzjoni uniku assenjat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;

(iii) elenkat għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tad-dispaċċ bl-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(iv) jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(b) l-operazzjoni ta' assemblaġġ fiċ-ċentru tal-assemblaġġ damet mhux aktar minn 6 ijiem.]

II.2.6. ma jkunux inħattu fi kwalunkwe post li ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fil-punt II.2.11. minn meta jkunu ntbagħtu mill-istabbiliment tal-oriġini tagħhom sakemm jintbagħtu lejn l-Unjoni u matul dak il-perjodu ma jkunux ġew f'kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri.

II.2.7. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)[3] f'mezz ta' trasport li jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju u li jkun inbena b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;

(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;

(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex jew għalf tal-annimali.

II.2.8. ikunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika fil-perjodu ta' 24 siegħa qabel jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju tal-oriġini, li ma individwax sinjali li jindikaw l-okkorrenza tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.2.9. ma jkunux tlaqqmu kontra:

(i) il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni b'*Mycoplasma mycoides* subsp. *mycoides* SC (Plewropulmonite bovina li tittieħed), infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis*) u infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis,* u

(ii) infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) b'vaċċin ħaj matul 60 jum qabel ma jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.10. ġejjin minn żona:

II.2.10.1. li fiha:

(i) ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal:

*jew* [mill-inqas 24 xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni][1]

*jew* [minn __/__/____ (jj/xx/ssss)][1][4]

(ii) ma jkunx sar tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma jkun ġie introdott l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu.

II.2.10.2. li fiha ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.10.3. li fiha ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift u infezzjoni b'*Mycoplasma mycoides subsp. mycoides SC* (Plewropulmonite bovina li tittieħed) għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni matul dak il-perjodu:

(i) ma jkunx sar tilqim kontra dan il-mard, u
(ii) ma jkunux ġew introdotti annimali mlaqqmin kontra dan il-mard.

*jew* [II.2.10.4. li hija ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24)][(1)(5)]

*jew* [II.2.10.4. li hija staġjonalment ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24):

*jew* [II.2.10.4.1. għal mill-inqas 60 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.] [(1)(6)]

*jew* [II.2.10.4.1. għal mill-inqas 28 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni u l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku f'konformità mal-Artikolu 9(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 28 jum wara d-data tad-dħul tal-annimal fiż-żona staġjonalment ħielsa.][(1)(6)]

*jew* [II.2.10.4.1. għal mill-inqas 14-il jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni u jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara d-data tad-dħul tal-annimal fiż-żona staġjonalment ħielsa.] [(1)(6)]

*jew* [II.2.10.4. li mhijiex ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u l-annimali jkunu tlaqqmu kontra s-serotipi kollha (1 sa 24) tal-virus tal-ilsien blu rrapportati matul l-aħħar sentejn f'dik iż-żona u għadhom fil-perjodu ta' żmien ta' immunità ggarantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin u

*jew* [II.2.10.4.1. ikunu tlaqqmu aktar minn 60 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

*jew* [II.2.10.4.1. ikunu tlaqqmu b'vaċċin inattivat u ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara l-bidu tal-protezzjoni tal-immunità stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin.]] [(1)]

*jew* [II.2.10.4. li mhijiex ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u l-annimali jkunu ġew soġġetti, b'riżultati pożittivi, għal test seroloġiku li jista' jindividwa antikorpi speċifiċi kontra s-serotipi kollha (1 sa 24) tal-virus tal-ilsien blu rrapportati matul l-aħħar sentejn f'dik iż-żona u:

*jew* [II.2.10.4.1. it-test seroloġiku jkun twettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 60 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

*jew* [II.2.10.4.1. it-test seroloġiku jkun twettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.]] (1)

*jew* [II.2.10.5. li hija ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina](1)(7)

*jew* [II.2.10.5. li mhijiex ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina u l-marda ma tkunx ġiet irrapportata fl-istabbiliment tal-oriġini tal-annimali matul mill-inqas l-24 xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni, u

[II.2.10.5.1. l-annimali tal-kunsinna li jkollhom età ta' aktar minn 24 xahar:

*jew* [II.2.10.5.1.1. ikunu nżammu f'iżolament mill-annimali bovini l-oħrajn miżmuma fl-istess stabbiliment qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u matul il-perjodu ta' iżolament ikunu ġew soġġetti għal eżami fil-laboratorju għal-lewkożi enzootika bovina bl-użu ta' wieħed mill-metodi dijanjostiċi msemmija fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mill-inqas 4 xhur.]](1)

*jew* [II.2.10.5.1.1. ikunu ġew soġġetti għal eżami fil-laboratorju għal-lewkożi enzootika bovina bl-użu ta' wieħed mill-metodi dijanjostiċi msemmija fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjun meħud matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni u l-annimali bovini kollha li jkollhom aktar minn 24 xahar miżmuma fl-istabbiliment tal-oriġini jkunu ġew soġġetti għal eżami fil-laboratorju għal-lewkożi enzootika bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi msemmija fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mhux inqas minn 4 xhur matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.]](1)

[II.2.10.5.2. l-annimali tal-kunsinna li jkollhom inqas minn 24 xahar twieldu lil ommijiet li jkunu ġew soġġetti għal eżami fil-laboratorju għal-lewkożi enzootika bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi msemmija fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mhux inqas minn 4 xhur matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.]](1)

II.2.11. ikunu ġejjin minn stabbiliment:

II.2.11.1. li jkun irreġistrat minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tal-oriġini u b'sistema fis-seħħ biex iżomm għal mill-inqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni rigward:

(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji, in-numru u l-identifikazzjoni tal-annimali fl-istabbiliment;
(ii) il-movimenti tal-annimali fl-istabbiliment u barra minnu;
(iii) il-mortalità fl-istabbiliment.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-X**

II.2.11.2. li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.

II.2.11.3. li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.11.4. li fih u madwaru, f'żona ta' raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet elenkati li ġejjin għal mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni: il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-*Mycoplasma mycoides* subsp. *Mycoides* SC (plewropulmonite bovina li tittieħed) u infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda.

*jew* [II.2.11.5. li fih u madwaru, f'żona b'raġġ ta' 150 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkunx ġiet irrapportata l-marda emorraġika epiżootika għal mill-inqas sentejn qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.] [1]

*jew* [II.2.11.5. li jinsab f'żona staġjonalment ħielsa mill-marda emorraġika epiżootika.][1][8]

II.2.11.6. ħieles minn infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) fir-rigward ta' annimali bovini[9], u

*jew* [II.2.11.6.1. jinsab f'żona ħielsa mill-marda fejn ma jkunx ipprattikat it-tilqim kontra dik il-marda.][1][10]

*jew* [II.2.11.6.1. l-annimali jkunu ġew ittestjati b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 għal infezzjoni bil-*kumpless tal-Mycobacterium tuberculosis (M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis)*, b'riżultati negattivi, matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni;][1]

*jew* [II.2.11.6.1. l-annimali jkollhom inqas minn sitt ġimgħat.] [1]

II.2.11.7. ħieles minn infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* fir-rigward ta' annimali bovini[9], u

*jew* [II.2.11.7.1. jinsab f'żona ħielsa mill-marda fejn ma jkunx ipprattikat it-tilqim kontra dik il-marda.] [1][11]

*jew* [II.2.11.7.1. l-anniamli jkunu ġew ittestjati b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 għal infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis*, b'riżultati negattivi, fuq kampjun meħud matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni u, fil-każ ta' annimali femminili wara li jwelldu, it-test jitwettaq fuq kampjun meħud mill-inqas 30 jum wara l-ħlas.] [1]

*jew* [II.2.11.7.1. l-annimali jkollhom inqas 12-il ġimgħa.] [1]

*jew* [II.2.11.7.1. l-annimali jkunu kkastrati.] [1]

II.2.11.8. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja għal mill-inqas 30 jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-X**

II.2.11.9. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe għal mill-inqas 15-il jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.

*jew* [II.2.11.10. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) għal mill-inqas sentejn qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.][(1)]

*jew* [II.2.11.10. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) għal mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u, meta l-marda ġiet irrapportata fl-istabbiliment tal-oriġini matul is-sentejn qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjoni sakemm l-annimali infettati tneħħew mill-istabbiliment u l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment ġew soġġetti b'riżultat negattiv għal test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) kif deskritt fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 imwettaq fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment.] [(1)]

[(1)(12)][[II.2.12. l-annimali ma jkunux tlaqqmu kontra rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva, u

*jew* [II.2.12.1. joriġinaw minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu ħielsa minn Rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva.]][(1)(13)]

*jew* [II.2.12.1. ikunu nżammu fi kwarantina għal mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni u jkun sarilhom test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' antikorpi kontra l-virus-1 tal-erpete tal-bovini (BoHV-1) sħiħ b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi msemmija fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, b'riżultati negattivi, fuq kampjun meħud fi żmien 15-il jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

[(1)(12)] [II.2.13. l-annimali ma jkunux tlaqqmu kontra d-dijarea virali bovina, u:

*jew* [II.2.13.1. joriġinaw minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu ħielsa minn dijarea virali bovina.]][(1)(14)]

*jew* [II.2.13.1. ikunu ġew ittestjati għal antiġene jew ġenoma tal-virus tad-dijarea virali bovina bl-użu ta' wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 b'riżultati negattivi, u

*jew* [II.2.13.1.1. ikunu nżammu fi stabbiliment ta' kwarantina għal perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel jintbagħtu lejn l-Unjoni.]]][(1)]

*jew* [II.2.13.1.1. l-annimali jkunu ommijiet tqal u jkunu nżammu fi stabbiliment ta' kwarantina għal perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel ma jintbagħtu lejn l-Unjoni u jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' antikorpi kontra l-virus tad-dijarea virali bovina bl-użu ta' wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni meħuda mhux inqas minn 21 jum wara l-bidu tal-kwarantina.]]][(1)]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-X**

*jew* [II.2.13.1.1. ikunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' antikorpi kontra l-virus tad-dijarea virali bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultati pożittivi, imwettaq fuq kampjuni meħuda qabel jintbagħtu lejn l-Unjoni.]]](1)

*jew* [II.2.13.1.1. l-annimali jkunu ommijiet tqal li jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' antikorpi kontra l-virus tad-dijarea virali bovina bl-użu ta' wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultati pożittivi, imwettaq fuq kampjuni meħuda qabel l-inseminazzjoni li tippreċedi l-ġestazzjoni attwali.]]](1)

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali bovini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-annimali.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Sistema ta' identifikazzjoni u numru ta' identifikazzjoni*": Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġ, transponder, eċċ., mil-lista fl-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035) u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni individwali tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

**Parti II:**

(1) Żomm kif xieraq.

(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-Kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Id-data tat-tagħbija: ma tistax tkun data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni kontra d-dħul ta' dawn l-annimali minn din iż-żona.

(4) Għaż-żoni bid-data tal-ftuħ f'konformità mal-kolonna 8 fil-parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 biss.

(5) Għaż-żoni bl-entrata BTV fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(6) Għaż-żoni bl-entrata SF-BTV fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

(7) Għaż-żoni bl-entrata EBL fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(8) Għaż-żoni bl-entrata SF-EHD fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(9) F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(10) Għaż-żoni bl-entrata TB għall-annimali bovini fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-X**

| | |
|---|---|
| | (11) Għaż-żoni bl-entrata BRU għall-annimali bovini fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.<br>(12) Applikabbli biss meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni jew l-Iżvizzera, f'konformità mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002), ikollhom status ta' ħielsa mill-mard jew programm ta' eradikazzjoni approvat għall-mard imsemmi fil-punti II.2.12 u II.2.13 (rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva u dijarea virali bovina).<br>(13) Għaż-żoni bl-entrata IBR fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.<br>(14) Għaż-żoni bl-entrata BVD fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. |

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

## KAPITOLU 2

# MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI BOVINI MAĦSUBA GĦALL-ISKARNAR (MUDELL "BOV-Y")

| PAJJIŻ | | | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE | |
|---|---|---|---|---|---|
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | I.1 | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.2 | **Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR** |
| | | | I.3 | **Awtorità Kompetenti Ċentrali** | |
| | | | I.4 | **Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | I.5 | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.6 | **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | I.7 | **Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.9 | **Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | I.8 | **Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | I.10 | **Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | |
| | I.11 | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.12 | **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | I.13 | **Post tat-tagħbija** | I.14 | **Data u ħin tat-tluq** | |
| | I.15 | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | I.16 | **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | | I.17 | **Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | |
| | I.18 | **Kundizzjonijiet tat-trasport** | | □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat | |
| | I.19 | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | | |
| | I.20 | **Iċċertifikat bħala jew għal**<br>□ Skarnar | | | |
| | I.21 | | I.22 | □ **Għas-suq intern** | |
| | | | I.23 | | |

| **I.24** | | **I.25** Kwantità totali | | **I.26** | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **I.27** **Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | | | | | | |
| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sess | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Kwantità |
| | | | | | | | |

**PAJJIŻ**

**Mudell taċ-ċertifikat BOV-Y**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** Referenza taċ-ċertifikat | **II.b** Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I:

II.1.1. ma jkunux irċevew:

– stilbeni jew sustanzi tirostatiċi,

– sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE);

II.1.2. jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet ta' residwu sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE u l-annimali kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

II.1.3. fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE):

(a) l-annimali jiġu identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu rintraċċati lura għall-omm u għall-merħla tal-oriġini, u mhumiex:

(i) każijiet ta' BSE;

(ii) annimali bovini li, matul l-ewwel sena ta' ħajjithom, trabbew b'każijiet ta' BSE matul l-ewwel sena ta' ħajjithom, u li investigazzjoni wriet li dawn ikkonsmaw l-istess għalf potenzjalment ikkontaminat matul dak il-perjodu, jew

(iii) jekk ir-riżultati tal-investigazzjoni msemmija fl-inċiż (ii) ma jkunux konklużivi, annimali bovini li, matul l-ewwel sena ta' ħajjithom, trabbew b'każijiet ta' BSE matul l-ewwel sena ta' ħajjithom, jew twieldu fl-istess merħla bil-każijiet ta' BSE u fi żmien 12-il xahar qabel jew wara d-data tat-twelid tagħhom;

u

(1) *jew* [(b) (i) l-annimali twieldu u trabbew kontinwament f'pajjiż jew reġjun jew f'pajjiżi jew reġjuni kklassifikati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE bħala pajjiżi jew reġjuni li jippreżentaw riskju negliġibbli ta' BSE;

(ii) jekk kien hemm każijiet indiġeni ta' BSE fil-pajjiż ikkonċernat, l-annimali twieldu wara d-data minn meta ġiet infurzata b'mod effettiv il-projbizzjoni fuq it-tmigħ tar-ruminanti b'taħlita ta' laħam u għadam mitħun u qrieqeċ derivati minn ruminanti, kif definiti fil-Kodiċi dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, jew twieldu wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk ikunu twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

(1) *jew* [(b) (i) il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini tal-annimali huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju kkontrollat ta' BSE;

(ii) l-annimali twieldu wara d-data minn meta ġiet infurzata b'mod effettiv il-projbizzjoni fuq it-tmigħ tar-ruminanti b'taħlita ta' laħam u għadam mitħun u qrieqeċ derivati minn ruminanti, kif definiti fil-Kodiċi dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, jew twieldu wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk ikunu twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-Y**

[(1)] *jew* [(b) (i) il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini tal-annimali huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju mhux iddeterminat ta' BSE;

(ii) it-tmigħ tar-ruminanti b'taħlita ta' laħam u għadam mitħun u qrieqeċ derivati minn ruminanti, kif definiti fil-Kodiċi dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, kien ipprojbit u l-projbizzjoni kienet infurzata b'mod effettiv fil-pajjiż jew fir-reġjun tal-oriġini;

(iii) l-annimali twieldu mill-inqas sentejn wara d-data minn meta ġiet infurzata b'mod effettiv il-projbizzjoni fuq it-tmigħ tar-ruminanti b'taħlita ta' laħam u għadam mitħun u qrieqeċ derivati minn ruminanti, kif definiti fil-Kodiċi dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, jew twieldu wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk ikunu twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I:

II.2.1. ġej miż-żona bil-kodiċi: __ __ - __[(2)] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, hija awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali bovini maħsuba għall-iskarnar u hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

II.2.2. huma maħsuba għall-iskarnar fl-Unjoni.

II.2.3. baqgħu kontinwament:

(i) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1. mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 3 xhur qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni, u

(ii) fl-istabbiliment tal-oriġini mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni, li fiha ma jkun ġie introdott l-ebda annimal bovin u l-ebda annimal ta' speċi oħra elenkata għall-istess mard bħal dak tal-annimali bovini.

II.2.4. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri mit-twelid jew mill-inqas għal 30 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.5. ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

[(1)] *jew* [II.2.6. ikunu ntbagħtu direttament mill-istabbiliment tal-oriġini lejn l-Unjoni mingħajr ma għaddew minn xi stabbiliment ieħor].

[(1)] *jew* [II.2.6. għaddew minn operazzjoni waħda ta' assemblaġġ fiż-żona tal-oriġini li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-operazzjoni ta' assemblaġġ tkun saret fi stabbiliment:

(i) approvat għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ ta' annimali ungulati mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz jew territorju f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035;

**(ii)** li għandu numru ta' approvazzjoni uniku assenjat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-Y**

(iii) elenkat għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tad-dispaċċ inkluża l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(iv) jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(b) l-operazzjoni ta' assemblaġġ fiċ-ċentru tal-assemblaġġ damet mhux aktar minn 6 ijiem.]

II.2.7. ma jkunux inħattu fi kwalunkwe post li ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fil-punt II.2.12. minn meta jkunu ntbagħtu mill-istabbiliment tal-oriġini tagħhom sakemm jintbagħtu lejn l-Unjoni u matul dak il-perjodu ma jkunux ġew f'kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri.

II.2.8. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)[3] f'mezz ta' trasport li jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju u li jkun inbena b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;

(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;

(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex jew għalf tal-annimali.

II.2.9. ikunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika fil-perjodu ta' 24 siegħa qabel jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju tal-oriġini, li ma individwax sinjali li jindikaw l-okkorrenza tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.2.10. ma jkunux tlaqqmu kontra:

(i) il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni b'*Mycoplasma mycoides* subsp. *mycoides* SC (Plewropulmonite bovina li tittieħed), infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis*) u infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis,* u

(ii) infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) b'vaċċin ħaj matul 60 jum qabel ma jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.11. ġejjin minn żona:

II.2.11.1. li fiha:

(i) ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal:

jew [mill-inqas 24 xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni][1]

jew [minn __/__/____ (jj/xx/ssss)][1][4]

(ii) ma jkunx sar tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma jkun ġie introdott l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu.

II.2.11.2. li fiha ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.11.3. li fiha ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift u infezzjoni bil-*Mycoplasma mycoides* subsp. *mycoides* SC (Plewropulmonite bovina li tittieħed) għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni matul dak il-perjodu:

(i) ma jkunx sar tilqim kontra dan il-mard, u

(ii) ma jkunux ġew introdotti annimali mlaqqmin kontra dan il-mard.

jew [II.2.11.4. li hija ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24)][(1)(5)]

jew [II.2.11.4. li hija staġjonalment ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24):

jew [II.2.11.4.1. għal mill-inqas 60 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.][(1)(6)]

jew [II.2.11.4.1. għal mill-inqas 28 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni u l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku f'konformità mal-Artikolu 9(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 28 jum wara d-data tad-dħul tal-annimal fiż-żona staġjonalment ħielsa.][(1)(6)]

jew [II.2.11.4.1. għal mill-inqas 14-il jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni u jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara d-data tad-dħul tal-annimal fiż-żona staġjonalment ħielsa.][(1)(6)]

jew [II.2.11.4. li mhijiex ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u l-annimali jkunu tlaqqmu kontra s-serotipi kollha (1 sa 24) tal-virus tal-ilsien blu rrapportati matul l-aħħar sentejn f'dik iż-żona u għadhom fil-perjodu ta' żmien ta' immunità ggarantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin, u

jew [II.2.11.4.1. ikunu tlaqqmu aktar minn 60 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

jew [II.2.11.4.1. ikunu tlaqqmu b'vaċċin inattivat u ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara l-bidu tal-protezzjoni tal-immunità stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin.]][(1)]

jew [II.2.11.4. li mhijiex ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u l-annimali jkunu ġew soġġetti, b'riżultati pożittivi, għal test seroloġiku li jista' jindividwa antikorpi speċifiċi kontra s-serotipi kollha (1 sa 24) tal-virus tal-ilsien blu rrapportati matul l-aħħar sentejn f'dik iż-żona, u

jew [II.2.11.4.1 it-test seroloġiku jkun twettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 60 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

jew [II.2.11.4.1. it-test seroloġiku jkun twettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

jew [II.2.11.5. li hija ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina.][(1)(7)]

jew [II.2.11.5. li mhijiex ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina u l-marda ma tkunx ġiet irrapportata fl-istabbiliment tal-oriġini tal-annimali matul mill-inqas l-24 xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni, u

[II.2.11.5.1. l-annimali tal-kunsinna li jkollhom aktar minn 24 xahar:

jew [II.2.11.5.1.1. ikunu nżammu f'iżolament mill-annimali bovini l-oħrajn miżmuma fl-istess stabbiliment qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u matul il-perjodu ta' iżolament ikunu ġew soġġetti għal eżami fil-laboratorju għal-lewkożi enzootika bovina bl-użu ta' wieħed mill-metodi dijanjostiċi msemmija fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mill-inqas 4 xhur.]][(1)]

jew [II.2.11.5.1.1. ikunu ġew soġġetti għal eżami fil-laboratorju għal-lewkożi enzootika bovina bl-użu ta' wieħed mill-metodi dijanjostiċi msemmija fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjun meħud matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni u l-annimali bovini kollha li jkollhom aktar minn 24 xahar miżmuma fl-istabbiliment tal-oriġini jkunu ġew soġġetti għal eżami fil-laboratorju għal-lewkożi enzootika bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi msemmija fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mhux inqas minn 4 xhur matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

[II.2.11.5.2. l-annimali tal-kunsinna li jkollhom inqas minn 24 xahar twieldu lil ommijiet li jkunu ġew soġġetti għal eżami fil-laboratorju għal-lewkożi enzootika bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi msemmija fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mhux inqas minn 4 xhur matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

II.2.12. ikunu ġejjin minn **stabbiliment**:

II.2.12.1. li jkun irreġistrat minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tal-oriġini u b'sistema fis-seħħ biex iżomm għal mill-inqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni rigward:

(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji, in-numru u l-identifikazzjoni tal-annimali fl-istabbiliment;
(ii) il-movimenti tal-annimali fl-istabbiliment u barra minnu;
(iii) il-mortalità fl-istabbiliment.

II.2.12.2. li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.

II.2.12.3. li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.12.4. li fih u madwaru, f'żona ta' raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet elenkati li ġejjin għal mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni: il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-*Mycoplasma mycoides* subsp. *mycoides* SC (plewropulmonite bovina li tittieħed) u infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda.

jew [II.2.12.5. li fih u madwaru, f'żona b'raġġ ta' 150 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkunx ġiet irrapportata l-marda emorraġika epiżootika għal mill-inqas sentejn qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.][(1)]

jew [II.2.12.5. li jinsab f'żona staġjonalment ħielsa mill-marda emorraġika epiżootika.][(1)(8)]

[II.2.12.6. ħieles minn infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis*) fir-rigward ta' annimali bovini.][(1)(9)]

[II.2.12.7. ħieles minn infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* fir-rigward ta' annimali bovini.][(1)(9)]

II.2.12.8. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja għal mill-inqas 30 jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-Y**

II.2.12.9. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe għal mill-inqas 15-il jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.

jew [II.2.12.10. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) għal mill-inqas sentejn qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.][(1)]

*jew* [II.2.11.3.1. it-test seroloġiku jkun twettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.]] (1)

II.2.12. ikunu ġejjin minn **stabbiliment**:

II.2.12.1. li jkun irreġistrat minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tal-oriġini u b'sistema fis-seħħ biex iżomm għal mill-inqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni rigward:

(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji, in-numru u l-identifikazzjoni tal-annimali fl-istabbiliment;
(ii) il-movimenti tal-annimali fl-istabbiliment u barra minnu;
(iii) il-mortalità fl-istabbiliment.

II.2.12.2. li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż tal-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-Y**

II.2.12.3. li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.12.4. li fih u madwaru, f'żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet elenkati li ġejjin għal mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni: il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż u l-plewropulmonite kaprina li tittieħed.

*jew* [II.2.12.5. li fih u madwaru, f'żona b'raġġ ta' 150 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkunx ġiet irrapportata l-marda emorraġika epiżootika għal mill-inqas sentejn qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni][(1)]

*jew* [II.2.12.5. li jinsab f'żona staġjonalment ħielsa mill-marda emorraġika epiżootika.] [(1)(7)]

*jew* [II.2.12.6. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis (M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis*) matul it-42 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni][(1)(8)]

*jew* [II.2.12.6. soġġett għal sorveljanza sabiex tinstab infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'konformità mal-proċeduri fil-punti (1) u (2) tal-parti 1 tal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 matul mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni u matul dan il-perjodu:

(iii) ikunu ġew introdotti fl-istabbiliment biss annimali kaprini minn stabbilimenti li japplikaw il-miżuri pprovduti fil-paragrafu ta' hawn fuq;

(iv) f'każ li tkun ġiet irrapportata infezzjoni bil-*kumpless tal-Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali kaprini miżmuma fl-istabbiliment, ikunu ttieħdu miżuri f'konformità mal-punt (3) tal-parti 1 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688]. [(1)(9)]

II.2.12.7. ħieles minn infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* fir-rigward ta' annimali ovini u kaprini[(10)].

II.2.12.8. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda rabja għal mill-inqas 30 jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.12.9. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe għal mill-inqas 15-il jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.

*jew* [II.2.12.10. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) għal mill-inqas sentejn qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.] [(1)]

*jew* [II.2.12.10. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) għal mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u, meta l-marda ġiet irrapportata fl-istabbiliment tal-oriġini matul is-sentejn qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjoni sakemm l-annimali infettati tneħħew mill-istabbiliment u l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment ġew soġġetti b'riżultat negattiv għal test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) kif deskritt fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament (UE) 2020/692 imwettaq fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment.] [(1)]

[II.2.12.11. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda *Burholderia mallei* (glanders) għal mill-inqas 6 xhur qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.][9]

[II.2.13. jinkludu annimali maskili mhux kastrati ta' annimali ovini, li baqgħu għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 60 jum qabel intbagħtu lejn l-Unjoni fi stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bi *Brucella ovis* (epididimite li tittieħed) matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni u kienu soġġetti għal test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' *Brucella ovis*, b'riżultati negattivi, matul it-30 jum qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni.][1]

II.2.14. inżammu kontinwament mit-twelid fil-pajjiż fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-iscrapie klassika:

(a) l-iscrapie klassika hija notifikabbli b'mod obbligatorju;

(b) ikun hemm fis-seħħ sistema ta' sensibilizzazzjoni, sorveljanza u monitoraġġ;

(c) l-annimali ovini u kaprini affettwati mill-iscrapie klassika jinqatlu u jinqerdu kompletament;

(d) it-tmigħ lill-annimali ovini u kaprini b'taħlita ta' laħam u għadam mitħun u qrieqeċ ta' oriġini minn ruminanti, kif definiti fil-Kodiċi dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, kien ipprojbit u l-projbizzjoni kienet infurzata b'mod effettiv fil-pajjiż kollu għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar seba' snin.

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul ta' annimali ovini li se jiġu skarnati fl-Unjoni.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Sistema ta' identifikazzjoni u numru ta' identifikazzjoni*": Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġ, transponder, eċċ., mil-lista fl-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035) u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni individwali tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

**Parti II:**

(1) Żomm kif xieraq.

(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-Kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Id-data tat-tagħbija: ma tistax tkun data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni kontra d-dħul ta' dawn l-annimali minn din iż-żona.

(4) Għaż-żoni bid-data tal-ftuħ f'konformità mal-kolonna 8 fil-parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(5) Għaż-żoni bl-entrata BTV fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(6) Għaż-żoni bl-entrata SF-BTV fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

(7) Għaż-żoni bl-entrata SF-EHD fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(8) Għall-annimali ovini biss.

(9) Għall-annimali kaprini biss.

(10) F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-Y**

| | |
|---|---|
| **Veterinarju uffiċjali** | |
| Isem (b'ittri kapitali) | |
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

KAPITOLU 6

**MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI PORĊINI U ANNIMALI TAL-FAMILJA TAYASSUIDAE (MUDELL "SUI-X")**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE** | | |
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | I.1 | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.2 | **Referenza taċ-ċertifikat** | I.2a **Referenza tal-IMSOC**<br><br>**KODIĊI QR** |
| | | | I.3 | **Awtorità Kompetenti Ċentrali** | |
| | | | I.4 | **Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | I.5 | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.6 | **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | I.7 | **Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.9 | **Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | I.8 | **Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | I.10 | **Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | |
| | I.11 | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br><br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.12 | **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br><br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | I.13 | **Post tat-tagħbija** | I.14 | **Data u ħin tat-tluq** | |
| | I.15 | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | I.16 | **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | | I.17 | **Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | |
| | I.18 | **Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali | □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| | I.19 | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | | |
| | I.20 | **Iċċertifikat bħala jew għal** | | | |
| | | □ Żamma ulterjuri<br>□ Ċirklu li jivvjaġġa/wirja tal-annimali<br>□ Stabbiliment ta' kwarantina □ Wirja | | | |
| | I.21 | **□ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.22 | **□ Għas-suq intern** | |
| | | | I.23 | | |

| **I.24** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sess | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SUI-X**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** Referenza taċ-ċertifikat | **II.b** Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** [*li għandha titħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-annimali]

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ma jkunux irċevew:

– stilbeni jew sustanzi tirostatiċi,

– sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE).

II.1.2. jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet ta' residwu sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE u l-annimali kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat.

(1)(2)(10)[II.1.3. huma annimali porċini domestiċi li jew ikunu ġejjin minn azjenda uffiċjalment rikonoxxuta bħala li qed tapplika kundizzjonijiet ikkontrollati ta' alloġġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 jew inkella ma jkunux miftuma u jkollhom inqas minn 5 ġimgħat.]

**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I:

II.2.1. ġej miż-żona bil-kodiċi: __ __ - __(2) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, hija awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali tal-familji Suidae u Tayassuidae u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

II.2.2. baqgħu kontinwament:

(i) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1. mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 6 xhur immedjatament qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni, u

(ii) fl-istabbiliment tal-oriġini mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni, li fiha ma jkun ġie introdott l-ebda annimal tal-familji Suidae u Tayassuidae u l-ebda annimal ta' speċi oħra elenkata għall-istess mard bħal dak tal-annimali tal-familji Suidae u Tayassuidae.

II.2.3. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri mit-twelid jew mill-inqas għal 30 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.4. ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SUI-X**

(1) *jew* [II.2.5. ikunu ntbagħtu direttament mill-istabbiliment tal-oriġini lejn l-Unjoni mingħajr ma għaddew minn xi stabbiliment ieħor].

(1)(3) *jew* [II.2.5. għaddew minn operazzjoni waħda ta' assemblaġġ fiż-żona tal-oriġini li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-operazzjoni ta' assemblaġġ tkun saret fi stabbiliment:

(i) approvat għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ ta' annimali ungulati mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz jew territorju f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035;

(ii) li għandu numru ta' approvazzjoni uniku assenjat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;

(iii) elenkat għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tad-dispaċċ inkluża l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(iv) jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(b) l-operazzjoni ta' assemblaġġ fiċ-ċentru tal-assemblaġġ damet mhux aktar minn 6 ijiem.]

II.2.6. ma jkunux inħattu fi kwalunkwe post li ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fil-punt II.2.11. minn meta jkunu ntbagħtu mill-istabbiliment tal-oriġini tagħhom sakemm jintbagħtu lejn l-Unjoni u matul dak il-perjodu ma jkunux ġew f'kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri.

II.2.7. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)(4) f'mezz ta' trasport li jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz jew territorju u li jkun inbena b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;
(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;
(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex jew għalf tal-annimali.

II.2.8. ikunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika fil-perjodu ta' 24 siegħa qabel jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju tal-oriġini, li ma individwax sinjali li jindikaw l-okkorrenza tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.2.9. ma jkunux tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer.

**PAJJIŻ**

**Mudell taċ-ċertifikat SUI-X**

II.2.10. ġejjin minn żona li fiha:

II.2.10.1. ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal:

*jew* [mill-inqas 24 xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.][1]

*jew* [minn…………… (jj/xx/ssss).][1][5]

u li fiha ma jkunx sar tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u ma jkun ġie introdott l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda matul dak il-perjodu.

II.2.10.2. ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u li fiha ma jkunx sar tilqim kontra din il-marda għall-perjodu ta' mill-inqas l-aħħar 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u ma jkun ġie introdott l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda matul dak il-perjodu.

II.2.10.3. ma jkunx ġie rrapportat id-deni klassiku tal-ħnieżer:

*jew* [għal mill-inqas 24 xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni][1]

*jew* [minn …………… (jj/xx/ssss), u l-annimali tal-kunsinna jkunu ġew soġġetti għal test għall-individwazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer, b'riżultat negattiv, imwettaq f'perjodu ta' 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni;][1][6]

u li fiha ma jkunx sar tilqim kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u ma jkun ġie introdott l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda matul dak il-perjodu.

[II.2.10.4. ma jkunx ġie rrapportat deni Afrikan tal-ħnieżer għall-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni][1][7].

II.2.11. ikunu ġejjin minn stabbiliment:

II.2.11.1. li jkun irreġistrat minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tal-oriġini u b'sistema fis-seħħ biex iżomm għal mill-inqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni rigward:

(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji, in-numru u l-identifikazzjoni tal-annimali fl-istabbiliment;
(ii) il-movimenti tal-annimali fl-istabbiliment u barra minnu;
(iii) il-mortalità fl-istabbiliment.

II.2.11.2. li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.

II.2.11.3. li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.11.4. li fih u madwaru, f'żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet elenkati li ġejjin għal mill-inqas 30 jum qabel l-annimali jkunu ntbagħtu lejn l-Unjoni: il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, id-deni klassiku tal-ħnieżer u d-deni Afrikan tal-ħnieżer.

II.2.11.5. [li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* matul l-aħħar 42 jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u li fih, matul l-aħħar perjodu ta' 12-il xahar qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni

jew [ikunu ġew applikati miżuri ta' bijosigurtà u mitigazzjoni tar-riskji, inklużi l-kundizzjonijiet tal-alloġġ u s-sistemi tat-tmigħ, skont kif neċessarju, sabiex tiġi evitata t-trażmissjoni ta' infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* minn annimali selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati lil annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment u jkunu ġew introdotti biss annimali porċini minn stabbilimenti li japplikaw miżuri ta' bijosigurtà ekwivalenti;]][1]

jew [tkun twettqet sorveljanza għal infezzjoni bil-*Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* fuq l-annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment f'konformità mal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688, u matul dan il-perjodu:

- ikunu ġew introdotti fl-istabbiliment biss annimali porċini minn stabbilimenti li japplikaw il-miżuri ta' bijosigurtà jew il-miżuri ta' sorveljanza previsti hawn fuq, u
- fil-każ li tkun ġiet irrapportata infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* f'annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment, ikunu ttieħdu miżuri f'konformità mal-Parti 1(3) tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688]].[1]

II.2.11.6. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky għal mill-inqas it-30 jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni;

[II.2.11.7. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda rabja għal mill-inqas it-30 jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni][1][7];

II.2.11.8. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe għal mill-inqas il-15-il jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.12. Garanziji addizzjonali fir-rigward tal-**mard tal-kategorija Ċ**[(1)(8)]

[II.2.12.1. l-annimali

*jew* [II.12.1.1 joriġinaw minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky][(1)(9)];

*jew* [II.12.1.1. sarilhom test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' antikorpi kontra l-virus kollu tal-marda ta' Aujeszky jew antikorpi kontra l-proteina ADV-gE, jekk neċessarju, bl-użu ta' wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 7 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultat negattiv fuq kampjun meħud matul il-perjodu ta' 15-il jum qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)(7)]

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk l-annimali.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Sistema ta' identifikazzjoni u numru ta' identifikazzjoni*": Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġ, transponder, eċċ., mil-lista fl-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035) u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni individwali tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

**Parti II:**

(1) Żomm kif xieraq.
(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-Kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.
(3) Possibbli biss għall-annimali porċini.
(4) Id-data tat-tagħbija: ma tistax tkun data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni kontra d-dħul ta' dawn l-annimali minn din iż-żona.
(5) Għall-pajjiżi bid-data tal-ftuħ fil-kolonna 8 fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 biss.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SUI-X**

(6) Għall-pajjiżi bl-entrata CSF fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

(7) Applikabbli biss għal ungulati tal-familja *Suidae*.

(8) Meta meħtieġ mill-Istat Membru tad-destinazzjoni.

(9) Għall-pajjiżi bl-entrata ADV fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 rikonoxxuti bħala ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat u li jissodisfaw ir-rekwiżiti fir-Regolament (UE) 2020/688.

(10) Għall-pajjiżi terzi elenkati fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 biss.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

KAPITOLU 7

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI PORĊINI MAĦSUBA GĦALL-ISKARNAR (MUDELL "SUI-Y")

| | | |
|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE** |
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** / **I.2a Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR**<br>**I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali**<br>**I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat | |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | |
| | **I.20 Iċċertifikat bħala jew għal**<br>□ Skarnar | |
| | **I.21** | **I.22** □ **Għas-suq intern**<br>**I.23** |

| **I.24** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sess | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SUI-Y**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ma jkunux irċevew:

- stilbeni jew sustanzi tirostatiċi,
- sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE).

II.1.2. jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet ta' residwu sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE u l-annimali kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat.

(1)(2)(10)[II.1.3. huma annimali porċini domestiċi li jew ikunu ġejjin minn azjenda uffiċjalment rikonoxxuta bħala li qed tapplika kundizzjonijiet ikkontrollati ta' alloġġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 jew inkella ma jkunux miftuma u jkollhom inqas minn 5 ġimgħat.]

**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I:

II.2.1. ġej miż-żona bil-kodiċi: __ __ - __(2) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, hija awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali porċini maħsuba għall-iskarnar u hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

II.2.2. huma maħsuba għall-iskarnar fl-Unjoni.

II.2.3. baqgħu kontinwament:

(i) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1. mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 3 xhur qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni, u

(ii) fl-istabbiliment tal-oriġini mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni, li fiha ma jkun ġie introdott l-ebda annimal porċin u l-ebda annimal ta' speċi oħra elenkata għall-istess mard bħal dak tal-annimali porċini.

II.2.4. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri mit-twelid jew mill-inqas għal 30 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.5. ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

(1)*jew* [II.2.6. ikunu ntbagħtu direttament mill-istabbiliment tal-oriġini lejn l-Unjoni mingħajr ma għaddew minn xi stabbiliment ieħor].

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SUI-Y**

[1][3]*jew* [II.2.6. għaddew minn operazzjoni waħda ta' assemblaġġ fiż-żona tal-oriġini li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-operazzjoni ta' assemblaġġ tkun saret fi stabbiliment:

(i) approvat għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ ta' annimali ungulati mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz jew territorju f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035;

(ii) li għandu numru ta' approvazzjoni uniku assenjat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;

(iii) elenkat għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tad-dispaċċ inkluża l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(iv) jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(b) l-operazzjoni ta' assemblaġġ fiċ-ċentru tal-assemblaġġ damet mhux aktar minn 6 ijiem.]

II.2.7. ma jkunux inħattu fi kwalunkwe post li ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fil-punt II.2.12. minn meta jkunu ntbagħtu mill-istabbiliment tal-oriġini tagħhom sakemm jintbagħtu lejn l-Unjoni u matul dak il-perjodu ma jkunux ġew f'kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri.

II.2.8. ikunu tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)[4] f'mezz ta' trasport li jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz jew territorju u li jkun inbena b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;
(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;
(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex jew għalf tal-annimali.

II.2.9. ikunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika fil-perjodu ta' 24 siegħa qabel jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju tal-oriġini, li ma individwax sinjali li jindikaw l-okkorrenza tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.2.10. ma jkunux tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer.

II.2.11. ġejjin minn żona li fiha:

II.2.11.1. ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal:

*jew* [mill-inqas 24 xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.][1]

*jew* [minn …………… (jj/xx/ssss).][1][5]

u li fiha ma jkunx sar tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u ma jkun ġie introdott l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda matul dak il-perjodu.

II.2.11.2. ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u li fiha ma jkunx sar tilqim kontra din il-marda għall-perjodu ta' mill-inqas l-aħħar 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u ma jkun ġie introdott l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda matul dak il-perjodu.

II.2.11.3. ma jkunx ġie rrapportat id-deni klassiku tal-ħnieżer:

*jew* [għal mill-inqas 24 xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.][(1)]

*jew* [minn …………… (jj/xx/ssss), u l-annimali tal-kunsinna jkunu ġew soġġetti għal test għall-individwazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer, b'riżultat negattiv, imwettaq f'perjodu ta' 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni;][(1)(6)]

u li fiha ma jkunx sar tilqim kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u ma jkun ġie introdott l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda matul dak il-perjodu.

[II.2.11.4. ma jkunx ġie rrapportat deni Afrikan tal-ħnieżer għall-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni][(1)(7)].

II.2.12. ikunu ġejjin minn stabbiliment:

II.2.12.1. li jkun irreġistrat minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tal-oriġini u b'sistema fis-seħħ biex iżomm għal mill-inqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni rigward:

(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji, in-numru u l-identifikazzjoni tal-annimali fl-istabbiliment;
(ii) il-movimenti tal-annimali fl-istabbiliment u barra minnu;
(iii) il-mortalità fl-istabbiliment.

II.2.12.2. li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.

II.2.12.3. li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.12.4. li fih u madwaru, f'żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet elenkati li ġejjin għal mill-inqas 30 jum qabel l-annimali jkunu ntbagħtu lejn l-Unjoni: il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, id-deni klassiku tal-ħnieżer u d-deni Afrikan tal-ħnieżer.

II.2.12.5. [li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* matul l-aħħar 42 jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u li fih, matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SUI-Y**

*jew* [ikunu ġew applikati miżuri ta' bijosigurtà u mitigazzjoni tar-riskji, inklużi l-kundizzjonijiet tal-alloġġ u s-sistemi tat-tmigħ, skont kif neċessarju, sabiex tiġi evitata t-trażmissjoni ta' infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* minn annimali selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati lil annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment u jkunu ġew introdotti biss annimali porċini minn stabbilimenti li japplikaw miżuri ta' bijosigurtà ekwivalenti;]][1]

*jew* [tkun twettqet sorveljanza għal infezzjoni bil-*Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* fuq l-annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment f'konformità mal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688, u matul dan il-perjodu:

- ikunu ġew introdotti fl-istabbiliment biss annimali porċini minn stabbilimenti li japplikaw il-miżuri ta' bijosigurtà jew il-miżuri ta' sorveljanza previsti hawn fuq, u
- fil-każ li tkun ġiet irrapportata infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* f'annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment, ikunu ttieħdu miżuri f'konformità mal-Parti 1(3) tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688].[1]

II.2.12.6. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky għal mill-inqas it-30 jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni;

[II.2.12.7. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda rabja għal mill-inqas it-30 jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni][1][7];

II.2.12.8. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe għal mill-inqas il-15-il jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.

[*jew* [II.2.13. joriġinaw minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky][1][9];

*jew* [II.2.13. sarilhom test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' antikorpi kontra l-virus kollu tal-marda ta' Aujeszky jew antikorpi kontra l-proteina ADV-gE, jekk neċessarju, bl-użu ta' wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 7 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultat negattiv fuq kampjun meħud matul il-perjodu ta' 15-il jum qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni.][1][7]][1][8]

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae* li se jiġu skarnati fl-Unjoni.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SUI-Y**

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Sistema ta' identifikazzjoni u numru ta' identifikazzjoni*": Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġ, transponder, eċċ., mil-lista fl-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035) u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni individwali tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

**Parti II:**

(1) Żomm kif xieraq

(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-Kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

(3) Possibbli biss għall-annimali porċini.

(4) Id-data tat-tagħbija: ma tistax tkun data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni kontra d-dħul ta' dawn l-annimali minn din iż-żona.

(5) Għall-pajjiżi bid-data tal-ftuħ fil-kolonna 8 fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 biss.

(6) Għall-pajjiżi bl-entrata CSF fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(7) Applikabbli biss għal ungulati tal-familja Suidae.

(8) Applikabbli biss meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni jew l-Iżvizzera, f'konformità mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002), ikollhom jew status ta' ħielsa mill-mard għall-marda rilevanti tal-kategorija C jew inkella programm ta' eradikazzjoni approvat.

(9) Għall-pajjiżi bl-entrata ADV fil-kolonna 7 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/404 rikonoxxuti bħala ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat u li jissodisfaw ir-rekwiżiti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/688.

(10) Għall-pajjiżi terzi elenkati fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 biss.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

## KAPITOLU 8

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA’ ANNIMALI TAL-FAMILJI ANTILOCAPRIDAE, BOVIDAE (GĦAJR ANNIMALI BOVINI, OVINI U KAPRINI), GIRAFFIDAE, MOSCHIDAE U TRAGULIDAE (MUDELL “RUM”)

| PAJJIŻ | | | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE |
|---|---|---|---|---|
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | **I.1** | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2** | **Referenza taċ-ċertifikat** — **I.2a** **Referenza tal-IMSOC** |
| | | | **I.3** | **Awtorità Kompetenti Ċentrali** — **KODIĊI QR** |
| | | | **I.4** | **Awtorità Kompetenti Lokali** |
| | **I.5** | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6** | **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.7** | **Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9** | **Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.8** | **Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10** | **Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi |
| | **I.11** | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12** | **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.13** | **Post tat-tagħbija** | **I.14** | **Data u ħin tat-tluq** |
| | **I.15** | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16** | **Post ta’ Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** |
| | | | **I.17** | **Dokumenti ta’ akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali |
| | **I.18** | **Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali | | □ Imkessaħ □ Iffriżat |
| | **I.19** | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur | | Nru tas-siġill |
| | **I.20** | **Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br>□ Żamma ulterjuri<br>□ Stabbiliment ta’ kwarantina | | □ Ċirklu li jivvjaġġa/wirja tal-annimali<br>□ Wirja |
| | **I.21** | □ **Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22** | □ **Għas-suq intern** |
| | | | **I.23** | |

| **I.24** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sess | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat RUM**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1 Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** [*li għandha titħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-annimali]

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ma jkunux irċevew:

– stilbeni jew sustanzi tirostatiċi,

– sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE).

II.1.2. jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet ta' residwu sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE u l-annimali kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat.

**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I:

II.2.1. ġej miż-żona bil-kodiċi: __ __ - __(2) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, hija awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali ungulati tal-familji Antilocapridae, Bovidae, Giraffidae, Moschidae, Tragulidae u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

II.2.2. baqgħu kontinwament:

(i) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1. mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 6 xhur qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni, u

(ii) fl-istabbiliment tal-oriġini mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni, li fiha ma jkun ġie introdott l-ebda ungulat tal-familji Antilocapridae, Bovidae, Giraffidae, Moschidae, Tragulidae u l-ebda annimal ta' speċi oħra elenkata għall-istess mard bħal dak tal-ungulati tal-familji Antilocapridae, Bovidae, Giraffidae, Moschidae, Tragulidae.

II.2.3. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri mit-twelid jew mill-inqas għal 6 xhur qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.4. ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.2.5. ikunu ntbagħtu direttament mill-istabbiliment tal-oriġini lejn l-Unjoni mingħajr ma għaddew minn xi stabbiliment ieħor.

II.2.6. ma jkunux inħattu fi kwalunkwe post li ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fil-punt II.2.11. minn meta jkunu ntbagħtu mill-istabbiliment tal-oriġini tagħhom sakemm jintbagħtu lejn l-Unjoni u matul dak il-perjodu ma jkunux ġew f'kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat RUM**

II.2.7. ikunu tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)(3) f'mezz ta' trasport li jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz jew territorju u li jkun inbena b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;
(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;
(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex jew għalf tal-annimali.

II.2.8. ikunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika fil-perjodu ta' 24 siegħa qabel jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju tal-oriġini, li ma individwax sinjali li jindikaw l-okkorrenza tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.2.9. ma jkunux tlaqqmu kontra:

(i) il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni b'*Mycoplasma mycoides* subsp. *mycoides* SC (plewropulmonite bovina li tittieħed), plewropulmonite kaprina li tittieħed, infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis (M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis)*, infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis,* u
(ii) infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) b'vaċċin ħaj matul il-perjodu ta' 60 jum qabel ma jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.10. ġejjin minn żona:

II.2.10.1. li fiha:

(i) ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal:

*jew* [mill-inqas 24 xahar qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni](1)

*jew* [minn __/__/____ (jj/xx/ssss)] (1)(4)

(ii) ma jkunx sar tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma jkun ġie introdott l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu.

II.2.10.2. ma jkunux ġew irrapportati infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, [infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift](1)(5), [infezzjoni b'*Mycoplasma mycoides* subsp. *mycoides SC* (plewropulmonite bovina li tittieħed)](1)(6) [u plewropulmonite kaprina li tittieħed](1)(7) għall-perjodu ta' 12-il xahar qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u matul dak il-perjodu:

(i) ma jkunux sar tilqim kontra dan il-mard, u
(ii) ma jkunux ġew introdotti annimali mlaqqmin kontra dan il-mard.

*jew* [II.2.10.3. li hija ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24)](1)(8)

*jew* [II.2.10.3. li hija staġjonalment ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24):

*jew* [II.2.10.3.1. għal mill-inqas 60 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.] (1)(9)

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat RUM**

*jew* [II.2.10.3.1. għal mill-inqas 28 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni u l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku f'konformità mal-Artikolu 9(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 28 jum wara d-data tad-dħul tal-annimal fiż-żona staġjonalment ħielsa.] [(1)(9)]

*jew* [II.10.3.1. għal mill-inqas 14-il jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni u jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara d-data tad-dħul tal-annimal fiż-żona staġjonalment ħielsa.] [(1)(9)]

*jew* [II.2.10.3. li mhijiex ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u l-annimali jkunu tlaqqmu kontra s-serotipi kollha (1 sa 24) tal-virus tal-ilsien blu rrapportati matul l-aħħar sentejn f'dik iż-żona u għadhom fil-perjodu ta' żmien ta' immunità ggarantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin u

*jew* [II.2.10.3.1. ikunu tlaqqmu aktar minn 60 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

*jew* [II.2.10.3.1. ikunu tlaqqmu b'vaċċin inattivat u ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara l-bidu tal-protezzjoni tal-immunità stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin.]] [(1)]

*jew* [II.2.10.3. li mhijiex ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u l-annimali jkunu ġew soġġetti, b'riżultati pożittivi, għal test seroloġiku li jista' jindividwa antikorpi speċifiċi kontra s-serotipi kollha (1 sa 24) tal-virus tal-ilsien blu rrapportati matul l-aħħar sentejn f'dik iż-żona u:

*jew* [II.2.10.3.1. it-test seroloġiku jkun twettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 60 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

*jew* [II.2.10.3.1. it-test seroloġiku jkun twettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni. ]][(1)]

II.2.11. ikunu ġejjin minn stabbiliment:

II.2.11.1. li jkun irreġistrat minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tal-oriġini u b'sistema fis-seħħ biex iżomm għal mill-inqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni rigward:

(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji, in-numru u l-identifikazzjoni tal-annimali fl-istabbiliment;
(ii) il-movimenti tal-annimali fl-istabbiliment u barra minnu;
(iii) il-mortalità fl-istabbiliment.

II.2.11.2 li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.

II.2.11.3. li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.11.4. li fih u madwaru, f'żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet elenkati li ġejjin għal mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni:

– il-marda tal-ilsien u d-dwiefer,
– infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina,
– [infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift][(1)(5)],
– [infezzjoni bil-*Mycoplasma mycoides* subsp. *mycoides* SC (plewropulmonite bovina li tittieħed)][(1)(6)]
– [plewropulmonite kaprina li tittieħed][(1)(7)]

*jew* [II.2.11.5. li fih u madwaru, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda emorraġika epiżootika għal mill-inqas sentejn qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni f'żona b'raġġ ta' 150 km][(1)]

*jew* [II.2.11.5. li jinsab f'żona staġjonalment ħielsa mill-marda emorraġika epiżootika.] [(1)(10)]

II.2.11.6. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali miżmuma tal-ispeċi elenkata matul it-42 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni

II.2.11.7. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* f'annimali miżmuma tal-ispeċi elenkata matul it-42 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni.

[II.2.11.8. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda rabja għal mill-inqas 30 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni].[(1)(11)]

II.2.11.9. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe għal mill-inqas 15-il jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.11.10. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) għal mill-inqas it-30 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u, jekk tkun ġiet irrapportata l-marda fl-istabbiliment tal-oriġini matul l-aħħar sentejn qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjoni sakemm ikunu tneħħew l-annimali infettati mill-istabbiliment u l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment kienu soġġetti b'riżultat negattiv għal test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) kif deskritt fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 imwettaq fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li tneħħew l-annimali infettati mill-istabbiliment.

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali tal-familji *Antilocapridae, Bovidae* (għajr annimali bovini, ovini u kaprini), *Giraffidae, Moschidae* u *Tragulidae*, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk l-annimali.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat RUM**

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Sistema ta' identifikazzjoni u numru ta' identifikazzjoni*": Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġ, transponder, eċċ., mil-lista fl-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035) u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni individwali tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

**Parti II:**

(1) Żomm kif xieraq.
(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-Kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.
(3) Id-data tat-tagħbija: id-dħul ta' dawn l-annimali ma għandux ikun permess meta l-annimali jkunu tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għad-dħul fl-Unjoni tal-pajjiż terz, ta' territorju jew żona tiegħu msemmija fil-punt II.2.1, jew inkella matul perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni kontra d-dħul ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, jew minn territorju jew żona tiegħu.
(4) Għall-pajjiżi bid-data tal-ftuħ fil-kolonna 8 fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 biss.
(5) Mhux applikabbli għal ungulati tal-familja *Tragulidae.*
(6) Applikabbli biss għal ungulati tal-ispeċi *Syncerus cafer.*
(7) Applikabbli biss għal ungulati tal-ispeċi *Gazella spp.*
(8) Għall-pajjiżi bl-entrata BTV fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404
(9) Għall-pajjiżi bl-entrata SF-BTV fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.
(10) Għall-pajjiżi bl-entrata SF-EHD fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.
(11) Applikabbli biss għal ungulati tal-familja *Bovidae.*

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

## KAPITOLU 9

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI TAL-FAMILJI TAPIRIDAE, RHINOCEROTIDAE U ELEPHANTIDAE (MUDELL "RHINO")

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE | |
|---|---|---|---|
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | | | |
| I.1 | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.2 **Referenza taċ-ċertifikat** | I.2a **Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR** |
| | | I.3 **Awtorità Kompetenti Ċentrali** | |
| | | I.4 **Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| I.5 | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.6 **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| I.7 | **Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.9 **Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| I.8 | **Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | I.10 **Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | |
| I.11 | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.12 **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| I.13 | **Post tat-tagħbija** | I.14 **Data u ħin tat-tluq** | |
| I.15 | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | I.16 **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | I.17 **Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | |
| I.18 | **Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| I.19 | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | |
| I.20 | **Iċċertifikat bħala jew għal**<br>□ Żamma ulterjuri<br>□ Ċirklu li jivvjaġġa/wirja tal-annimali<br>□ Stabbiliment ta' kwarantina □ Wirja | | |
| I.21 | **□ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.22 **□ Għas-suq intern** | |
| | | I.23 | |

| **I.24** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sess | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat RHINO**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I:

II.1.1. ġej miż-żona bil-kodiċi: __ __ - __(2) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, hija awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali tal-familji Tapiridae, Rhinocerotidae u Elephantidae u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

II.1.2. baqgħu kontinwament:

(i) fiż-żona msemmija fil-punt II.1.1. mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 6 xhur qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni, u

(ii) fl-istabbiliment tal-oriġini mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni, li fih ma kien ġie introdott l-ebda annimal matul dak il-perjodu ta' żmien.

II.1.3. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri mit-twelid jew mill-inqas għal 6 xhur qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni.

II.1.4. ma għandux jinqatel skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inklużi l-mard elenkat u l-mard emerġenti.

II.1.5. ikunu ntbagħtu direttament mill-istabbiliment tal-oriġini lejn l-Unjoni mingħajr ma għaddew minn xi stabbiliment ieħor.

II.1.6. ikunu tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)(3) f'mezz ta' trasport li jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz jew territorju u li jkun inbena b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;

(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;

(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex jew għalf tal-annimali.

II.1.7. ikunu ġew soġġetti b'riżultat negattiv għal spezzjoni klinika, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju tal-oriġini jew żona tiegħu fil-perjodu ta' 24 siegħa qabel tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni għall-fini tal-individwazzjoni ta' sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inklużi l-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.1.8. ma jkunux tlaqqmu kontra [l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u](1)(4) infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina.

II.1.9. ġejjin minn żona:

[II.1.9.1. li fiha:

(i) ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal:

*jew* [mill-inqas 24 xahar qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni](1)

*jew* [minn __/__/____ (jj/xx/ssss)] (1)(5)

(ii) ma jkunx sar tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma jkun ġie introdott l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu.](1)(4)

II.1.9.2. ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift għall-perjodu ta' 12-il xahar qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u matul dak il-perjodu:

(i) ma jkunx sar tilqim kontra l-marda, u

(ii) ma jkunux ġew introdotti annimali mlaqqmin kontra l-marda.

II.1.10. ikunu ġejjin minn stabbiliment:

II.1.10.1. li jkun irreġistrat minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tal-oriġini u b'sistema fis-seħħ biex iżomm għal mill-inqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni rigward:

(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji, in-numru u l-identifikazzjoni tal-annimali fl-istabbiliment;

(ii) il-movimenti tal-annimali fl-istabbiliment u barra minnu;

(iii) il-mortalità fl-istabbiliment.

II.1.10.2. li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.

II.1.10.3. li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat u l-mard emerġenti, fil-ħin tad-dispaċċ lejn l-Unjoni.

II.1.10.4. li fih u madwaru, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, l-ebda waħda mill-mardiet elenkati li ġejjin ma tkun ġiet irrapportata għal mill-inqas 30 jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni f'żona b'raġġ ta' 10 km: [il-marda tal-ilsien u d-dwiefer u][(1)(4)] infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift.

II.1.10.5. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe għal mill-inqas 15-il jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni.

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali tal-familji *Tapiridae, Rhinocerotidae* u *Elephantidae*, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk l-annimali.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Sistema ta' identifikazzjoni u numru ta' identifikazzjoni*": Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġ, transponder, eċċ., mil-lista fl-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035) u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni individwali tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat RHINO**

**Parti II:**

(1) Żomm kif xieraq.

(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-Kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Id-data tat-tagħbija: id-dħul ta' dawn l-annimali ma għandux ikun permess meta l-annimali jkunu tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għad-dħul fl-Unjoni tal-pajjiż terz, ta' territorju jew żona tiegħu msemmija fil-punt II.2.1, jew inkella matul perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni kontra d-dħul ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, jew minn territorju jew żona tiegħu.

(4) Applikabbli biss għal ungulati tal-familja *Elephantidae*.

(5) Għall-pajjiżi bid-data tal-ftuħ fil-kolonna 8 fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 biss.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

# KAPITOLU 10

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI TAL-FAMILJA HIPPOPOTAMIDAE (MUDELL "HIPPO")

| | | |
|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE** |
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** \| **I.2a Referenza tal-IMSOC**<br>**I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** \| **KODIĊI QR**<br>**I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip Kodiċi<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat | |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill | |
| | **I.20 Iċċertifikat bħala jew għal**<br>□ Żamma ulterjuri<br>□ Ċirklu li jivvjaġġa/wirja tal-annimali<br>□ Stabbiliment ta' kwarantina □ Wirja | |
| | **I.21 □ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22 □ Għas-suq intern**<br>**I.23** |

| I.24 | I.25 Kwantità totali | I.26 |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sess | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat HIPPO**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-**annimali** deskritti fil-Parti I:

II.1.1. ġej miż-żona bil-kodiċi: __ __ - __[(2)] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, hija awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali tal-familja Hippopotamidae u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

II.1.2. baqgħu kontinwament:

(i) fiż-żona msemmija fil-punt II.1.1. mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 6 xhur qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni, u

(ii) fl-istabbiliment tal-oriġini mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni, li fiha ma jkun ġie introdott l-ebda annimal tal-familja Hipopotamidae u l-ebda annimal ta' speċi oħra elenkata għall-istess mard bħal dak tal-annimali tal-familja Hipopotamidae.

II.1.3. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri mit-twelid jew mill-inqas għal 6 xhur qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.

II.1.4. ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.1.5. ikunu ntbagħtu direttament mill-istabbiliment tal-oriġini lejn l-Unjoni mingħajr ma għaddew minn xi stabbiliment ieħor.

II.1.6. ma jkunux inħattu fi kwalunkwe post li ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fil-punt II.1.11. minn meta jkunu ntbagħtu mill-istabbiliment tal-oriġini tagħhom sakemm jintbagħtu lejn l-Unjoni u matul dak il-perjodu ma jkunux ġew f'kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri.

II.1.7. ikunu tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)[(3)] f'mezz ta' trasport li jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz jew territorju u li jkun inbena b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;

(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;

(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex jew għalf tal-annimali.

II.1.8. ikunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika fil-perjodu ta' 24 siegħa qabel jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju tal-oriġini, li ma individwax sinjali li jindikaw l-okkorrenza tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.1.9. ma jkunux tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis (M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis)* u infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis.*

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat HIPPO**

| | |
|---|---|
| | II.1.10. ġejjin minn żona:<br>II.1.10.1. li fiha:<br>(i) ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal:<br>*jew* [mill-inqas 24 xahar qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni][(1)]<br>*jew* [minn __/__/____ (jj/xx/ssss)] [(1)(4)]<br>(ii) ma jkunx sar tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma jkun ġie introdott l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu.<br>II.1.10.2. ma jkunux ġew irrapportati infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina u infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift għall-perjodu ta' 12-il xahar qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u matul dak il-perjodu:<br>(i) ma jkunx sar tilqim kontra dan il-mard, u<br>(ii) ma jkunux ġew introdotti annimali mlaqqmin kontra dan il-mard.<br>II.1.11. ikunu ġejjin minn stabbiliment:<br>II.1.11.1. li jkun irreġistrat minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tal-oriġini u b'sistema fis-seħħ biex iżomm għal mill-inqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni rigward:<br>(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji, in-numru u l-identifikazzjoni tal-annimali fl-istabbiliment;<br>(ii) il-movimenti tal-annimali fl-istabbiliment u barra minnu;<br>(iii) il-mortalità fl-istabbiliment.<br>II.1.11.2. li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.<br>II.1.11.3. li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.<br>II.1.11.4. li fih u madwaru, f'żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet elenkati li ġejjin għal mill-inqas 30 jum qabel l-annimali jkunu ntbagħtu lejn l-Unjoni: il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina u l-infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift.<br>II.1.11.5. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati matul it-42 jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.<br>II.1.11.6. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* f'annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati matul it-42 jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.<br>II.1.11.7. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe għal mill-inqas il-15-il jum qabel ma l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.<br>*jew* [II.1.11.8. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (Trypanosoma evansi) għal mill-inqas sentejn qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.] [(1)] |

[jew] [II.1.11.8. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) għal mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u, meta l-marda ġiet irrapportata fl-istabbiliment tal-oriġini matul is-sentejn qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjoni sakemm l-annimali infettati tneħħew mill-istabbiliment u l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment ġew soġġetti b'riżultat negattiv għal test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) kif deskritt fl-Artikolu 9(b)(i) tar-Regolament (UE) 2020/692 imwettaq fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment.] [(1)]

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali tal-familja *Hippopotamidae*, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk l-annimali.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Sistema ta' identifikazzjoni u numru ta' identifikazzjoni*": Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġ, transponder, eċċ., mil-lista fl-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035) u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni individwali tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

**Parti II:**

(1) Żomm kif xieraq.

(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-Kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Id-data tat-tagħbija: id-dħul ta' dawn l-annimali ma għandux ikun permess meta l-annimali jkunu tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għad-dħul fl-Unjoni tal-pajjiż terz, ta' territorju jew żona tiegħu msemmija fil-punt II.2.1, jew inkella matul perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni kontra d-dħul ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, jew minn territorju jew żona tiegħu.

(4) Għall-pajjiżi bid-data tal-ftuħ fil-kolonna 8 fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 biss.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

## KAPITOLU 11

# DELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI KAMELIDI U ĊERVIDI (MUDELL "CAM-CER")

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE** | |
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC** | |
| | | **I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** | |
| | | **I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | | |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | | |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | | |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | | |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | | |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | | |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | | |
| | | **I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | | |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali | □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | | |
| | **I.20 Iċċertifikat bħala jew għal**<br>□ Żamma ulterjuri<br>□ Ċirklu li jivvjaġġa/wirja tal-annimali<br>□ Stabbiliment ta' kwarantina □ Wirja | | | |
| | **I.21 □ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22 □ Għas-suq intern** | | |
| | | **I.23** | | |

| I.24 | | I.25 Kwantità totali | I.26 |
|---|---|---|---|
| I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna | | | |

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sess | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat CAM-CER**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** | **Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b** | **Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** [*li għandha titħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-annimali]

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ma jkunux irċevew:

- stilbeni jew sustanzi tirostatiċi,
- sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE).

II.1.2. jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet ta' residwu sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE u l-annimali kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat.

**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-**annimali** deskritti fil-Parti I:

II.2.1. ġej miż-żona bil-kodiċi: __ __ - __(2) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, hija awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali kamelidi u ċervidi u li hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

II.2 .2. baqgħu kontinwament:

(i) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1. mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 6 xhur qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni, u
(ii) fl-istabbiliment tal-oriġini mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni, f'liema perjodu ta' żmien ma jkun ġie introdott l-ebda annimal.

II.2.3. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri mit-twelid jew mill-inqas għal 6 xhur qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.4. ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.2.5. ikunu ntbagħtu direttament mill-istabbiliment tal-oriġini lejn l-Unjoni mingħajr ma għaddew minn xi stabbiliment ieħor.

II.2.6. ma jkunux inħattu fi kwalunkwe post li ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fil-punt II.11. minn meta jkunu ntbagħtu mill-istabbiliment tal-oriġini tagħhom sakemm jintbagħtu lejn l-Unjoni u matul dak il-perjodu ma jkunux ġew f'kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri.

II.2.7. ikunu tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)(3) f'mezz ta' trasport li jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz jew territorju u li jkun inbena b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;
(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;
(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex jew għalf tal-annimali.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat CAM-CER**

II.2.8. ikunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika fil-perjodu ta' 24 siegħa qabel jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju tal-oriġini, li ma individwax sinjali li jindikaw l-okkorrenza tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.2.9. ma jkunux tlaqqmu kontra:

(i) il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis (M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis)*, infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis*, u

(ii) infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) b'vaċċin ħaj matul il-perjodu ta' 60 jum qabel ma jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.10. ġejjin minn żona:

II.2.10.1. li fiha:

(i) ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal:

*jew* [mill-inqas 24 xahar qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni][(1)]

*jew* [minn __/__/____ (jj/xx/ssss)][(1)(4)]

(ii) ma jkunx sar tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas 12-il xahar qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma jkun ġie introdott l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu.

II.2.10.2. ma jkunux ġew irrapportati infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar għall-perjodu ta' 12-il xahar qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u matul dak il-perjodu:

(i) ma jkunx sar tilqim kontra dan il-mard, u

(ii) ma jkunux ġew introdotti annimali mlaqqmin kontra dan il-mard.

*jew* [II.2.10.3. li hija ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24)][(1)(5)]

*jew* [II.2.10.3. li hija staġjonalment ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24):

*jew* [II.2.10.3.1. għal mill-inqas 60 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.] [(1)(6)]

*jew* [II.2.10.3.1. għal mill-inqas 28 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni u l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku f'konformità mal-Artikolu 9(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 28 jum wara d-data tad-dħul tal-annimal fiż-żona staġjonalment ħielsa.] [(1)(6)]

*jew* [II.2.10.3.1. għal mill-inqas 14-il jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni u jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara d-data tad-dħul tal-annimal fiż-żona staġjonalment ħielsa.] [(1)(6)]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat CAM-CER**

*jew* [II.2.10.3. mhijiex ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u l-annimali jkunu tlaqqmu kontra s-serotipi kollha (1 sa 24) tal-virus tal-ilsien blu rrapportati matul l-aħħar sentejn f'dik iż-żona u għadhom fil-perjodu ta' żmien ta' immunità ggarantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin, u

*jew* [II.2.10.3.1. ikunu tlaqqmu aktar minn 60 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

*jew* [II.2.10.3.1. ikunu tlaqqmu b'vaċċin inattivat u ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara l-bidu tal-protezzjoni tal-immunità stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin.]] [(1)]

*jew* [II.2.10.3. li mhijiex ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u l-annimali jkunu ġew soġġetti, b'riżultati pożittivi, għal test seroloġiku li jista' jindividwa antikorpi speċifiċi kontra s-serotipi kollha (1 sa 24) tal-virus tal-ilsien blu rrapportati matul l-aħħar sentejn f'dik iż-żona u:

*jew* [II.2.10.3.1. it-test seroloġiku jkun twettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 60 jum qabel id-data li fiha l-annimali jintbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

*jew* [II.2.10.3.1. it-test seroloġiku jkun twettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni u l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.]][(1)]

II.2.11. ikunu ġejjin minn **stabbiliment**:

II.2.11.1. li jkun irreġistrat minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju tal-oriġini u b'sistema fis-seħħ biex iżomm għal mill-inqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni rigward:

(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji, in-numru u l-identifikazzjoni tal-annimali fl-istabbiliment;
(ii) il-movimenti tal-annimali fl-istabbiliment u barra minnu;
(iii) il-mortalità fl-istabbiliment.

II.2.11.2. li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.

II.2.11.3. li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat u l-mard emerġenti, fil-ħin tad-dispaċċ lejn l-Unjoni.

II.2.11.4. li fih u madwaru, f'żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet elenkati li ġejjin għal mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni: il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift u l-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar.

*jew* [II.2.11.5. li fih u madwaru, f'żona b'raġġ ta' 150 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkunx ġiet irrapportata l-marda emorraġika epiżootika għal mill-inqas sentejn qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni.][(1)]

*jew* [II.2.11.5. li jinsab f'żona staġjonalment ħielsa mill-marda emorraġika epiżootika.][1][7]

II.2.11.6. soġġett għal sorveljanza biex tiġi individwata infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis (M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali tal-istess speċi ta' annimali bħall-annimali tal-kunsinna f'konformità mal-proċeduri fil-punti (1) u (2) tal-parti 2 tal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 matul mill-inqas il-perjodu ta' 12-il xahar qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u matul dan il-perjodu:

(i) ikunu ġew introdotti fl-istabbiliment biss annimali li jkunu ġejjin minn stabbilimenti li japplikaw il-miżuri pprovduti fil-paragrafu ta' hawn fuq;

(ii) [tkun ġiet irrapportata infezzjoni bil-*kumpless tal-Mycobacterium tuberculosis (M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali tal-istess speċi ta' annimali bħall-annimali tal-kunsinna miżmuma fl-istabbiliment u jkunu ttieħdu miżuri f'konformità mal-punt (3) tal-parti 2 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688]].[1]

II.2.11.7. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-*Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* f'annimali tal-istess speċi ta' annimali bħall-annimali tal-kunsinna matul l-aħħar 42 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni, u l-annimali tal-kunsinna jkunu ġew soġġetti għal test għall-individwazzjoni ta' infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjun meħud matul il-perjodu ta' 30 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u, fil-każ ta' annimali femminili wara li jwelldu, meħud mill-inqas 30 jum wara l-ħlas.

II.2.11.8. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda rabja għal mill-inqas 30 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.11.9. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe għal mill-inqas 15-il jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni.

II.2.11.10. li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) għal mill-inqas it-30 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u, jekk tkun ġiet irrapportata l-marda fl-istabbiliment tal-oriġini matul l-aħħar sentejn qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjoni sakemm ikunu tneħħew l-annimali infettati mill-istabbiliment u l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment kienu soġġetti b'riżultat negattiv għal test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) kif deskritt fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688 imwettaq fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li tneħħew l-annimali infettati mill-istabbiliment.

[II.2.11.11. li fih, jekk tkun ġiet irrapportata infezzjoni b'*Burkholderia mallei* (glanders) matul il-perjodu ta' 3 snin qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment mill-awtorità kompetenti sakemm:

(i) ikunu nqatlu u nqerdu l-annimali infettati; u

(ii) l-annimali li kien fadal ikunu ġew soġġetti għal test imwettaq kif deskritt fil-punt 3.1 tal-Kapitolu 3.5.11 tal-Manwal Terrestri tal-OIE (il-Verżjoni adottata fl-2015) b'riżultati negattivi fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara d-data li fiha nqatlu u nqerdu l-annimali infettati u l-istabbiliment ikun tnaddaf u ġie ddiżinfettat][1][8]

[II.2.12. joriġinaw minn stabbiliment li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva fuq annimali kamelidi fil-perjodu ta' 30 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni.][1][9]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat CAM-CER**

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali kamelidi u ċervidi, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk l-annimali.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Sistema ta' identifikazzjoni u numru ta' identifikazzjoni*": Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġ, transponder, eċċ., mil-lista fl-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035) u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni individwali tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

**Parti II:**

(1) Żomm kif xieraq.

(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-Kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Id-data tat-tagħbija: id-dħul ta' dawn l-annimali ma għandux ikun permess meta l-annimali jkunu tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għad-dħul fl-Unjoni tal-pajjiż terz, ta' territorju jew żona tiegħu msemmija fil-punt II.2.1, jew inkella matul perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni kontra d-dħul ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, jew minn territorju jew żona tiegħu.

(4) Għall-pajjiżi bid-data tal-ftuħ fil-kolonna 8 fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 biss

(5) Għall-pajjiżi bl-entrata BTV fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

(6) Għall-pajjiżi bl-entrata SF-BTV fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

(7) Għall-pajjiżi bl-entrata SF-EHD fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(8) Applikabbli biss għal ungulati tal-familja *Camelidae.*

(9) Applikabbli biss meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni jew l-Iżvizzera, f'konformità mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002), ikollhom jew status ta' ħielsa mill-mard għal rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva f'annimali bovini jew inkella programm ta' eradikazzjoni approvat.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data — Kwalifika u titolu

Timbru — Firma

KAPITOLU 12

# MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI U MUDELL TAD-DIKJARAZZJONI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI EKWINI MHUX MAĦSUBA GĦALL-ISKARNAR (MUDELL "EQUI-X")

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE | |
|---|---|---|---|
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat**<br>**I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali**<br>**I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | **I.2a Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR** |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi | |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip Kodiċi<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** | | |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill | | |
| | **I.20 Iċċertifikat bħala jew għal**<br>□ Żamma ulterjuri □ □ Żiemel irreġistrat<br>□ □<br>□ | | |
| | **I.21** | **I.22 □ Għas-suq intern**<br>**I.23** | |

| **I.24** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sess | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età |
|---|---|---|---|---|---|---|

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQ UI-X**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|

**II. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-annimal ekwin deskritt fil-Parti I:

II.1.1. mhuwiex maħsub għall-iskarnar għall-konsum mill-bniedem u mhuwiex maħsub għall-iskarnar fil-qafas tal-eradikazzjoni ta' marda li tittieħed mill-annimali ekwini, u

(1)*jew* [huwa annimal ekwin irreġistrat, kif definit fl-Artikolu 2(30) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035.]

(1)*jew* [huwa żiemel irreġistrat kif definit fl-Artikolu 2(30) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.]

(1)*jew* [huwa annimal ekwin għajr annimal ekwin irreġistrat jew żiemel irreġistrat.]

II.1.2. ma jkunx wera sinjali jew sintomi ta' mard elenkat għall-annimali ekwini fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 matul l-eżami kliniku mwettaq fi ……………… (*daħħal id-data jj/xx/ssss*)(2), b'dan ikun fil-perjodu ta' 48 siegħa, jew fil-każ ta' żiemel irreġistrat fil-perjodu ta' 48 siegħa jew fl-aħħar jum tax-xogħol, qabel it-tluq mill-istabbiliment irreġistrat.

II.1.3. jissodisfa l-kundizzjonijiet attestati fil-punti II.2. sa II.5., u fejn applikabbli fil-punt II.6., ta' dan iċ-ċertifikat;

II.1.4. ikun akkumpanjat minn dikjarazzjoni bil-miktub, iffirmata mill-operatur tal-annimal, li tifforma parti minn dan iċ-ċertifikat.

II.2. *Attestazzjoni fuq pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu u fuq l-istabbiliment tad-dispaċċ*

II.2.1. L-annimal ekwin deskritt fil-Parti I jintbagħat minn ………………….... (*daħħal l-isem tal-pajjiż, ta' territorju jew żona tiegħu*), pajjiż, territorju jew żona tiegħu, li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat għandhom il-Kodiċi: ………..…(3) u huma assenjati lill-Grupp Sanitarju ……(3).

II.2.2. Fil-pajjiż jew fit-territorju tad-dispaċċ, il-mardiet li ġejjin huma notifikabbli b'mod obbligatorju: il-marda Afrikana taż-żwiemel, l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, infezzjoni b'*Burkholderia mallei* (glanders), is-surra (*Trypanosoma evansi*), id-durina (*Trypanosoma equiperdum*), l-anemija infettiva ekwina, ir-rabja u l-antraċe.

II.2.10. Sa fejn naf jien u kif iddikjarat mill-operatur, l-annimal ekwin deskritt fil-Parti I ma kienx ġie f’kuntatt ma’ annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati li ma kkonformawx mar-rekwiżiti msemmija fil-punti II.2.3. sa II.2.9.1. matul il-perjodu ta’ 30 jum qabel id-data tat-tluq tal-annimal, u mar-rekwiżit imsemmi fil-punt II.2.9.2. matul il-perjodu ta’ 15-il jum qabel id-data tat-tluq tal-annimal.

II.3. *Attestazzjoni tar-residenza u tal-iżolament qabel l-esportazzjoni*

II.3.1. L-annimal deskritt fil-Parti I ġie importat fil-pajjiż, f’territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ fi ………………………………… *(daħħal id-data)*

(3)*jew* [direttament mill-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea …………………….…. (*daħħal l-isem tal-Istat Membru tal-UE*).]

(3)*jew* [minn pajjiż, territorju jew żona tiegħu …………………… *(daħħal l-isem tal-pajjiż, jew ta’ territorju jew żona tiegħu)* awtorizzati għad-dħul ta’ annimali ekwini fl-Unjoni, taħt kundizzjonijiet stretti mill-inqas daqs dawk stabbiliti f’dan iċ-ċertifikat.]

II.3.2. l-annimal ħareġ mill-Unjoni Ewropea

(3)*jew* [inqas minn 30 jum ilu, u minn meta ħareġ mill-Unjoni Ewropea, qatt ma kien f'pajjiż, territorju jew żona tiegħu(1) għajr dawk tal-istess Grupp Sanitarju bħall-pajjiż, territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ, u kien residenti fi stabbilimenti taħt superviżjoni veterinarja, akkomodat fi stalel separati mingħajr ma ġie f'kuntatt ma' annimali ekwini bi stat ta' saħħa inferjuri, ħlief waqt il-kompetizzjoni, u ħa sehem fl-LG Global Champions Tour jew inżamm fi stalel flimkien ma' żwiemel li jipparteċipaw fih

(3)*jew* [fiż-żona Metropolitana ta' Mexico City, il-Messiku;]

(3)*u/jew* [f'Miami, l-Istati Uniti tal-Amerka;]

(3)*jew* [f'Shanghai, iċ-Ċina;]]

(3)*jew* [inqas minn 60 jum ilu, u minn meta ħareġ mill-Unjoni Ewropea, qatt ma kien f'pajjiż, territorju jew żona tiegħu(1) għajr dawk tal-istess Grupp Sanitarju bħall-pajjiż, territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ, u kien residenti fi stabbilimenti taħt superviżjoni veterinarja, akkomodat fi stalel separati mingħajr ma ġie f'kuntatt ma' annimali ekwini bi stat ta' saħħa inferjuri, ħlief waqt il-kompetizzjoni, u ħa sehem jew inżamm fi stalel flimkien ma' żwiemel li ħadu sehem

(3)*jew* [fil-Logħob Asjatiku fi ……………………………………………………..(daħħal il-post).]]

(3)*jew* [fil-Logħob Amerikan(5) fi ……………………………………………...(daħħal il-post).]]

(3)*jew* [fl-Endurance World Cup fl-Emirati Għarab Magħquda.]]

(3)*jew* [inqas minn 90 jum ilu, u minn meta ħareġ mill-Unjoni Ewropea, qatt ma kien f'pajjiż, territorju jew żona tiegħu(1) għajr dawk tal-istess Grupp Sanitarju bħall-pajjiż, territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ, u kien residenti fi stabbilimenti taħt superviżjoni veterinarja, akkomodat fi stalel separati mingħajr ma ġie f'kuntatt ma' annimali ekwini bi stat ta' saħħa inferjuri, ħlief waqt il-kompetizzjoni, u ħa sehem jew inżamm fi stalel flimkien ma' żwiemel li ħadu sehem fi

(3)*jew* [fl-avveniment tat-Test għal-Logħob Olimpiku fi ……………………….(*daħħal il-post*);]]

(3)*jew* [fil-Logħob Olimpiku fi ………………………………………………..*(daħħal il-post)*.]]

(3)*jew* [fil-Paraolimpijadi fi …………………………………………………..*(daħħal il-post)*.]]

(3)*jew* [fil-Logħob Ekwestri Dinji/il-Kampjonat Dinji fi ……………..*(daħħal il-post)*.]]

(3)*jew* [fl-International Show Jumping League tal-Emirati Għarab Magħquda.]]

**Noti:**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-RE-ENTRY-90-COMP**

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi tal-pajjiż, ta' territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ kif jidher fil-kolonna 2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Sistema ta' identifikazzjoni*": L-annimal irid jiġi identifikat b'mod individwali b'wieħed mill-mezzi ta' identifikazzjoni definiti fil-punt (a), (c), (e), jew (g) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, jew jiġi identifikat permezz ta' metodu alternattiv f'konformità mal-Artikolu 62 ta' dak ir-Regolament (eż. ħruq fuq il-ġilda) sakemm dan jiġi rreġistrat fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport) tiegħu. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni u l-post anatomiku użat fuq l-annimal. Jenħtieġ li jiġi ddikjarat in-numru tal-passaport ta' akkumpanjament jew il-Kodiċi Uniku, jekk ma jkunx disponibbli n-numru tal-passaport, kif ukoll l-isem tal-awtorità kompetenti li vvalidatu.

"*Età*": Data tat-twelid (*jj/xx/ssss*).

*"Sess":* (M = maskili, f = femminili, C = kastrat).

**Parti II:**

(1) Iċ-ċertifikat irid jinħareġ fil-perjodu ta' 48 siegħa qabel it-tagħbija jew fl-aħħar jum tax-xogħol qabel ma l-annimal jitgħabba sabiex jintbagħat lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni.

Id-dħul fl-Unjoni ma għandux ikun permess meta l-annimal ikun tgħabba jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għad-dħul fl-Unjoni mill-pajjiż rispettiv, jew minn territorju jew żona tiegħu msemmija fil-punt II.1.1., jew inkella matul perjodu fejn ikunu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni kontra d-dħul ta' annimali ekwini minn dan il-pajjiż, jew minn territorju jew żona tiegħu. Ivverifika mal-kolonni 8 u 9 tal-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(2) Il-kodiċi tal-pajjiż, ta' territorju jew żona tiegħu u l-Grupp Sanitarju kif jidhru fil-kolonni 2 u 3, rispettivament, fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Ħassar kif xieraq.

(4) Testijiet għall-glanders, għas-surra, għad-durina, għall-anemija infettiva ekwina u għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela deskritti mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għal Mard tal-Annimali Ekwini għajr il-marda Afrikana taż-żwiemel: https://sitesv2.anses.fr/en/minisite/equine-diseases/sop

(5) Inklużi l-Logħob Pan-Amerikan, il-Logħob tal-Amerika ta' Isfel, il-Logħob tal-Amerika Ċentrali u tal-Karibew.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

**Dikjarazzjoni mill-operatur responsabbli għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni wara l-esportazzjoni temporanja ta' żiemel irreġistrat għal tiġrijiet, kompetizzjonijiet u avvenimenti kulturali**

Identifikazzjoni tal-annimal(1)

| Speċi (Isem xjentifiku) | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Sess |
|---|---|---|---|---|
| ***Equus caballus*** | ………………………. | ………………………. | ………………. | ………… |

Jiena, l-operatur sottoskritt taż-żiemel irreġistrat deskritt hawn fuq, b'dan qed niddikjara li:

- iż-żiemel irreġistrat
  - (2)*jew* [kien esportat temporanjament mill-Unjoni lejn il-pajjiż, territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ fi………………….. (*daħħal id-data*) inqas minn 90 jum qabel din id-dikjarazzjoni;]
  - (2)*jew* [daħal fil-pajjiż jew f'territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ fi ……………….. (*daħħal id-data*) minn……………………(*daħħal l-isem tal-pajjiż, tat-territorju jew taż-żona tiegħu minn fejn iż-żiemel daħal fil-pajjiż, fit-territorju jew fiż-żona tiegħu tad-dispaċċ)*;]
- iż-żiemel irreġistrat kien esportat temporanjament mill-Unjoni biex jieħu sehem
  - (2)*jew* [fil-Logħob Asjatiku fi ………………………………………..(*daħħal il-post*);]
  - (2)*jew* [fil-Logħob Amerikan fi ……………………………………………..(*daħħal il-post*);]
  - (2)*jew* [fl-Endurance World Cup fl-Emirati Għarab Magħquda.]
  - (2)*jew* [fl-avveniment tat-Test għal-Logħob Olimpiku fi ……………………………(*daħħal il-post*);]
  - (2)*jew* [fil-Logħob Olimpiku fi ……………………………………………..(*daħħal il-post*);]
  - (2)*jew* [fil-Paraolimpijadi fi ………………………………………………..(*daħħal il-post*);]
  - (2)*jew* [fil-Logħob Ekwestri Dinji fi …………………………………..(*daħħal il-post);*]
  - (2)*jew* [fl-LG Global Champions Tour li sar
    - (2)*jew* [fiż-żona Metropolitana ta' Mexico City, il-Messiku;]]
    - (2)*u/jew* [f'Miami, l-Istati Uniti tal-Amerka;]]
    - (2)*jew* [f'Shanghai, iċ-Ċina;]]
  - (2)*jew* [fl-International Show Jumping League tal-Emirati Għarab Magħquda]
- matul il-perjodu ta' 15-il jum qabel id-data tad-dispaċċ, iż-żiemel ma kienx f'kuntatt ma' annimali li jbatu minn mard infettiv jew li jittieħed trażmissibbli lill-annimali ekwini;
- it-trasportazzjoni se ssir b'tali mod li s-saħħa u l-benesseri taż-żiemel jistgħu jitħarsu b'mod effettiv f'kull stadju tal-vjaġġ;
- il-kundizzjonijiet għar-residenza u l-iżolament qabel l-esportazzjoni kif applikabbli f'konformità mal-punt II.3. taċ-ċertifikat tas-saħħa ta' akkumpanjament għall-pajjiż, jew għal territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ huma ssodisfati.

L-isem u l-indirizz tal-operatur: …………………………………………………..

Data: …………………………(*jj/xx/ssss*)

……………………………………………………………………………………………………………..

(*Firma*)

(1) *Sistema ta' identifikazzjoni*: L-annimal irid jiġi identifikat b'mod individwali b'wieħed mill-mezzi ta' identifikazzjoni definiti fil-punt (a), (c), (e), jew (g) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, jew jiġi identifikat permezz ta' metodu alternattiv f'konformità mal-Artikolu 62 ta' dak ir-Regolament, sakemm dan jiġi rreġistrat fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport) tiegħu. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, transponder eċċ.) u l-post anatomiku użat fuq l-annimal.

Jenħtieġ li jiġi ddikjarat in-numru tal-passaport ta' akkumpanjament jew il-Kodiċi Uniku, jekk ma jkunx disponibbli n-numru tal-passaport, kif ukoll l-isem tal-awtorità kompetenti li vvalidat il-passaport.

*Età:* Data tat-twelid (jj/xx/ssss).

*Sess* (M = maskili, f = femminili, C = kastrat).

(2) Ħassar kif xieraq.

# KAPITOLU 18

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI U MUDELL TAD-DIKJARAZZJONI GĦAD-DĦUL MILL-ĠDID FL-UNJONI TA' ŻWIEMEL REĠISTRATI GĦAT-TIĠRIJIJIET WARA L-ESPORTAZZJONI TEMPORANJA GĦAL PERJODU TA' MHUX AKTAR MINN 90 JUM BIEX JIPPARTEĊIPAW F'AVVENIMENTI TAT-TIĠRIJA ORGANIZZATI FL-AWSTRALJA, FIL-KANADA, FL-ISTATI UNITI TAL-AMERKA, F'HONG KONG, FIL-ĠAPPUN, F'SINGAPORE FL-EMIRATI GĦARAB MAGĦQUDA JEW FIL-QATAR (MUDELL "EQUI-RE-ENTRY-90-RACE")

(Laqgħat tal-International Group/Grade, il-Japan Cup, il-Melbourne Cup, id-Dubai Racing World-Cup, il-Hong Kong International Races)

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE | |
|---|---|---|---|
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR** |
| | | **I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** | |
| | | **I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi | |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | **I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip Kodiċi<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** | | |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill | | |
| | **I.20 Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br>□ Żamma ulterjuri □ Prodotti ġerminali □ Żiemel irreġistrat | | |
| | **I.21** | **I.22** | |
| | | **I.23 □ Għad-dħul mill-ġdid** | |

| I.24 | I.25 Kwantità totali | I.26 |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sess | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-RE-ENTRY-90-RACE**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** | **Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b** | **Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|---|---|

II. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-annimal ekwin deskritt fil-Parti I:

II.1.1. huwa żiemel irreġistrat kif definit fl-Artikolu 2(30) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035, mhux maħsub għall-iskarnar fil-qafas tal-eradikazzjoni ta' marda komunikabbli lil annimali ekwini;

II.1.2. ma jkunx wera sinjali jew sintomi ta' mard elenkat għall-annimali ekwini fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 matul l-eżami kliniku mwettaq fi ………………. (*daħħal id-data jj/xx/ssss*)[1], b'dan ikun fil-perjodu ta' 48 siegħa jew fl-aħħar jum tax-xogħol qabel it-tluq mill-istabbiliment irreġistrat;

II.1.3. jissodisfa l-kundizzjonijiet attestati fil-punti II.2. sa II.3. ta' dan iċ-ċertifikat;

II.1.4. ikun akkumpanjat minn dikjarazzjoni bil-miktub, iffirmata mill-operatur tal-annimal, li tifforma parti minn dan iċ-ċertifikat.

II.2. *Attestazzjoni fuq pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu u fuq l-istabbiliment tad-dispaċċ*

II.2.1. L-annimal jintbagħat minn …………… (*daħħal l-isem tal-pajjiż, jew ta' territorju jew żona tiegħu*), pajjiż, territorju jew żona tiegħu li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat għandhom il-Kodiċi: ……………[2] u huma assenjati lill-Grupp Sanitarju ………..…[2].

II.2.2. Fil-pajjiż jew fit-territorju tad-dispaċċ, il-mardiet li ġejjin huma notifikabbli b'mod obbligatorju: il-marda Afrikana taż-żwiemel, l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders), is-surra (*Trypanosoma evansi*), id-durina (*Trypanosoma equiperdum*), l-anemija infettiva ekwina, infezzjoni bil-virus tar-rabja u l-antraċe.

II.2.3. L-annimal ekwin deskritt fil-Parti I jintbagħat minn pajjiż, territorju jew żona tiegħu fejn ma kien hemm l-ebda evidenza klinika, seroloġika (f'annimali ekwini mhux imlaqqma) jew epidemjoloġika tal-marda Afrikana taż-żwiemel matul il-perjodu ta' 24 xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal, u ma kien hemm l-ebda tilqim sistematiku kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tluq.

II.2.4. L-annimal ekwin deskritt fil-Parti I ġej minn stabbiliment li jinsab f'pajjiż, territorju jew żona tiegħu fejn

[3]*jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders) matul il-perjodu ta' 36 xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal.]

[3]*jew* [ikun twettaq programm ta' sorveljanza u ta' eradikazzjoni għal infezzjoni b'*Burkholderia mallei* (glanders) rikonoxxut mill-Unjoni Ewropea[2] matul il-perjodu ta' 36 xahar qabel id-data tat-tluq, u

[3]*jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni b'*Burkholderia mallei* (glanders) fl-istabbiliment tad-dispaċċ matul il-perjodu ta' 36 xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal.]]

[3]*jew* [tkun ġiet irrapportata infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders) fl-istabbiliment matul il-perjodu ta' 36 xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal u, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment

[3]*jew* [sakemm l-annimali ekwini li kien fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test tal-fissazzjoni tal-komplement għal infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders)[4], imwettaq, b'riżultati negattivi, f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 5, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li jkunu nqatlu u nqerdu l-annimali infettati.]]]

(3)*jew* [għal mill-inqas 30 jum mid-data tat-tindif u tad-diżinfettar tal-istabbiliment wara li jkun inqatel u nqered l-aħħar annimal ekwin fl-istabbiliment.]]]

II.2.5. L-annimal ekwin deskritt fil-Parti I ġej minn stabbiliment li jinsab f'pajjiż, territorju jew żona tiegħu fejn

(3)*jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra matul il-perjodu ta' 24 xahar qabel id-data tat-tluq.]

(3)*jew* [ikun twettaq programm ta' sorveljanza u ta' eradikazzjoni għas-surra rikonoxxut mill-Unjoni Ewropea(2) matul il-perjodu ta' 24 xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal, u

(3)*jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra fl-istabbiliment matul il-perjodu ta' 24 xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal.]]

(3)*jew* [tkun ġiet irrapportata surra fl-istabbiliment matul il-perjodu ta' 24 xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal u, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment

(3)*jew* [sakemm l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiku (ELISA) għal tripanosomjażi jew test tal-agglutinazzjoni tal-kard għal tripanosomjażi (CATT) f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 4(4) imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li jkun tneħħa l-aħħar annimal infettat mill-istabbiliment.]]]

(3)*jew* [għal mill-inqas 30 jum mid-data tat-tindif u tad-diżinfettar tal-istabbiliment wara li jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal tal-ispeċi elenkata fl-istabbiliment.]]]

II.2.6. L-annimal ekwin deskritt fil-Parti I ġej minn stabbiliment li jinsab f'pajjiż, territorju jew żona tiegħu fejn

(3)*jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina matul il-perjodu ta' 24 xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal.]

(3)*jew* [ikun twettaq programm ta' sorveljanza u ta' eradikazzjoni għad-durina rikonoxxut mill-Unjoni Ewropea(2) matul il-perjodu ta' 24 xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal, u

(3)*jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina fl-istabbiliment matul il-perjodu ta' 24 xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal.]]

(3)*jew* [tkun ġiet irrapportata durina fl-istabbiliment matul il-perjodu ta' 24 xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal u, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment

(3)*jew* [sakemm l-annimali ekwini li kien fadal fl-istabbiliment, ħlief l-annimali ekwini maskili kastrati, ikunu ġew soġġetti għal test tal-fissazzjoni tal-komplement għad-durina, imwettaq b'riżultati negattivi f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 5(4) fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati, jew wara li jkunu ġew kastrati l-annimali ekwini maskili sħaħ infettati.]]]

(3)*jew* [għal mill-inqas 30 jum mid-data tat-tindif u tad-diżinfettar tal-istabbiliment wara li jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal ekwin fl-istabbiliment.]]]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-RE-ENTRY-90-RACE**

II.2.7. L-annimal ekwin deskritt fil-Parti I ma jkunx tlaqqam kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela matul il-perjodu ta' 60 jum qabel id-data tat-tluq tiegħu, u

(3)jew [ġej minn stabbiliment li jinsab f'pajjiż jew territorju li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela matul il-perjodu ta' 24 xahar qabel id-data tat-tluq tiegħu.]

(3)jew [ġej minn stabbiliment li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela matul il-perjodu ta' 6 xhur qabel id-data tat-tluq tiegħu u li jinsab f'pajjiż, territorju jew żona tiegħu li fihom ikun twettaq programm ta' sorveljanza u eradikazzjoni għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela rikonoxxut mill-Unjoni Ewropea(2) matul il-perjodu ta' 24 xahar qabel id-data tat-tluq tiegħu.]

II.2.8. L-annimal ekwin deskritt fil-Parti I ikun ġej minn stabbiliment li fih

(3)jew [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda anemija infettiva ekwina matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal.]

(3)jew [tkun ġiet irrapportata anemija infettiva ekwina matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tal-annimal u, wara l-aħħar tifqigħa l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment

(3)jew [sakemm l-annimali ekwini li kien fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test ta' immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test AGID jew ta' Coggins) jew test ELISA(4) għall-anemija infettiva ekwina mwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall minimu ta' 90 jum wara t-tindif u d-diżinfettar wara li jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati.]]

(3)jew [għal mill-inqas 30 jum mid-data tat-tindif u tad-diżinfettar tal-istabbiliment wara li jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal ekwin fl-istabbiliment.]]

II.2.9. L-annimal ekwin deskritt fil-Parti I ikun ġej minn stabbiliment li fih

II.2.9.1. ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja f'annimali terrestri miżmuma matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tluq tal-annimal;

II.2.9.2. ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe f'ungulati matul il-perjodu ta' 15-il jum qabel id-data tat-tluq tal-annimal.

II.2.10. Sa fejn naf jien u kif iddikjarat mill-operatur, l-annimal ekwin deskritt fil-Parti I ma kienx ġie f'kuntatt ma' annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati li ma kkonformawx mar-rekwiżiti msemmija fil-punti II.2.3. sa II.2.9.1. matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tluq tal-annimal, u mar-rekwiżit imsemmi fil-punt II.2.9.2. matul il-perjodu ta' 15-il jum qabel id-data tat-tluq tal-annimal.

II.3. *Attestazzjoni tar-residenza u tal-iżolament qabel l-esportazzjoni*

II.3.1. L-annimal deskritt fil-Parti I ġie importat fil-pajjiż, f'territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ fi ………………………………… *(daħħal id-data)*

(3)jew [direttament mill-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea ……………………..… (*daħħal l-isem tal-Istat Membru tal-UE*) għall-parteċipazzjoni

(3)jew [fil-Japan Cup;]]

(3)jew [fil-Melbourne Cup;]]

(3)jew [fid-Dubai Racing World-Cup;]]

(3)jew [fil-Hong Kong International Races;]]

(3)*jew* [mill-Awstralja(3), mill-Kanada(3), mill-Istati Uniti tal-Amerika(3), minn Hong Kong(3), mill-Ġappun(3), minn Singapore(3), mill-Emirati Għarab Magħquda(3) jew mill-Qatar(3) għall-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-International Group/Grade fil-pajjiż tad-dispaċċ;]

II.3.2. sa fejn jista' jiġi aċċertat u abbażi tad-dikjarazzjoni tal-operatur taż-żiemel li jakkumpanja dan iċ-ċertifikat, l-annimal:

- ma kienx kontinwament barra mill-Unjoni għal aktar minn 90 jum, bid-data tar-ritorn skedat f'konformità ma' dan iċ-ċertifikat inkluża;
- ma kienx barra l-pajjiż minn fejn intbagħat jew, fil-każ tal-laqgħat tal-International Group/Grade, barra l-Awstralja, il-Kanada, l-Istati Uniti tal-Amerka, Hong Kong, il-Ġappun, Singapore, l-Emirati Għarab Magħquda jew il-Qatar;
- kien residenti fi stabbilimenti taħt superviżjoni veterinarja, akkomodat fi stalel separati mingħajr ma ġie f'kuntatt ma' annimali ekwini bi stat ta' saħħa inferjuri, għajr waqt it-tiġrijiet.

II.3.3. l-annimal daħal fit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat taħt kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li kienu stretti għallinqas daqs dawk stipulati f'dan iċ-ċertifikat.

**Noti:**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi tal-pajjiż, ta' territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ kif jidher fil-kolonna 2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Sistema ta' identifikazzjoni*": L-annimal irid jiġi identifikat b'mod individwali b'wieħed mill-mezzi ta' identifikazzjoni definiti fil-punt (a), (c), (e), jew (g) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, jew jiġi identifikat permezz ta' metodu alternattiv f'konformità mal-Artikolu 62 ta' dak ir-Regolament (eż. ħruq fuq il-ġilda) sakemm dan jiġi rreġistrat fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport) tiegħu. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni u l-post anatomiku użat fuq l-annimal. Jenħtieġ li jiġi ddikjarat in-numru tal-passaport ta' akkumpanjament jew il-Kodiċi Uniku, jekk ma jkunx disponibbli n-numru tal-passaport, kif ukoll l-isem tal-awtorità kompetenti li vvalidatu.

"*Età*": Data tat-twelid (*jj/xx/ssss*).

*"Sess":* M = maskili, f = femminili, C = kastrat.

**Parti II:**

(1) Iċ-ċertifikat irid jinħareġ fil-perjodu ta' 48 siegħa qabel it-tagħbija jew fl-aħħar jum tax-xogħol qabel ma l-annimal jitgħabba sabiex jintbagħat lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni.

Id-dħul fl-Unjoni ma għandux ikun permess meta l-annimal ikun tgħabba jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għad-dħul fl-Unjoni mill-pajjiż rispettiv, jew minn territorju jew żona tiegħu msemmija fil-punt II.1.1., jew inkella matul perjodu fejn ikunu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni kontra d-dħul ta' annimali ekwini minn dan il-pajjiż, jew minn territorju jew żona tiegħu. Ivverifika mal-kolonni 8 u 9 tal-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-RE-ENTRY-90-RACE**

(2) Il-kodiċi tal-pajjiż, ta' territorju jew żona tiegħu u l-Grupp Sanitarju kif jidhru fil-kolonni 2 u 3, rispettivament, fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Ħassar kif xieraq.

(4) Testijiet għall-glanders, għas-surra, għad-durina, għall-anemija infettiva ekwina u għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela deskritti mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għal Mard tal-Annimali Ekwini għajr il-marda Afrikana taż-żwiemel: https://sitesv2.anses.fr/en/minisite/equine-diseases/sop

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

**Dikjarazzjoni mill-operatur responsabbli għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni wara l-esportazzjoni temporanja ta' żiemel irreġistrat għat-tiġrijiet**

Identifikazzjoni tal-annimal[(1)]

| Speċi (Isem xjentifiku) | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Sess |
|---|---|---|---|---|
| *Equus caballus* | ……………………. | ……………………. | ……………… | ………… |

Jiena, l-operatur sottoskritt taż-żiemel irreġistrat deskritt hawn fuq, b'dan qed niddikjara li:

- iż-żiemel irreġistrat
  - [(2)]*jew* [kien esportat temporanjament mill-Unjoni lejn il-pajjiż, territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ fi………………….. (*daħħal id-data*) inqas minn 90 jum qabel din id-dikjarazzjoni;]
  - [(2)]*jew* [daħal fil-pajjiż jew f'territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ fi ……………….. (*daħħal id-data*) minn……………………*(daħħal l-isem tal-pajjiż, tat-territorju jew taż-żona tiegħu minn fejn iż-żiemel daħal fil-pajjiż, fit-territorju jew fiż-żona tiegħu tad-dispaċċ)*;]
- iż-żiemel irreġistrat kien esportat temporanjament mill-Unjoni biex jieħu sehem
  - [(2)]*jew* [fil-Japan Cup;]
  - [(2)]*jew* [fil-Melbourne Cup;]
  - [(2)]*jew* [fid-Dubai Racing World-Cup;]
  - [(2)]*jew* [fil-Hong Kong International Races;]
  - [(2)]*jew* [fil-laqgħat tal-International Group/Grade fl-Awstralja[(2)], fil-Kanada[(2)], fl-Istati Uniti tal-Amerika[(2)], f'Hong Kong[(2)], fil-Ġappun[(2)], f'Singapore[(2)], fl-Emirati Għarab Magħquda[(2)] jew fil-Qatar[(2)];]
- matul il-perjodu ta' 15-il jum qabel id-data tad-dispaċċ, iż-żiemel ma kienx f'kuntatt ma' annimali li jbatu minn mard infettiv jew li jittieħed trażmissibbli lill-annimali ekwini;
- it-trasportazzjoni se ssir b'tali mod li s-saħħa u l-benesseri taż-żiemel jistgħu jitħarsu b'mod effettiv f'kull stadju tal-vjaġġ;
- il-kundizzjonijiet għar-residenza u l-iżolament qabel l-esportazzjoni kif applikabbli f'konformità mal-punt II.3. taċ-ċertifikat tas-saħħa ta' akkumpanjament għall-pajjiż, jew għal territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ huma ssodisfati.

L-isem u l-indirizz tal-operatur: ……………………………………………………..

Data: …………………………(*jj/xx/ssss*)

……………………………………………………………………………………………………………………..

(*Firma*)

(1) *Sistema ta' identifikazzjoni*: L-annimal irid jiġi identifikat b'mod individwali b'wieħed mill-mezzi ta' identifikazzjoni definiti fil-punt (a), (c), (e), jew (g) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, jew jiġi identifikat permezz ta' metodu alternattiv f'konformità mal-Artikolu 62 ta' dak ir-Regolament, sakemm dan jiġi rreġistrat fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport) tiegħu. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal tatwaġġi, hruq fuq il-ġilda, transponder eċċ.) u l-post anatomiku użat fuq l-annimal.

Jenħtieġ li jiġi ddikjarat in-numru tal-passaport ta' akkumpanjament jew il-Kodiċi Uniku, jekk ma jkunx disponibbli n-numru tal-passaport, kif ukoll l-isem tal-awtorità kompetenti li vvalidat il-passaport.

*Età:* Data tat-twelid (jj/xx/ssss).

*Sess* (M = maskili, f = femminili, C = kastrat).

(2) Ħassar kif xieraq.

## KAPITOLU 19
## (MUDELL "CONFINED-RUM")

### Taqsima 1

Lista ta' annimali li joriġinaw minn u li huma maħsuba għal stabbiliment konfinat kopert mill-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali "CONFINED-RUM" stabbilit fit-taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu

| **Ordni** | **Familja** | **Ġeneru/speċi** |
|---|---|---|
| Artiodactyla | Antilocapridae | *Antilocapra* ssp. |
| | Bovidae | *Addax* ssp., *Aepyceros* ssp., *Alcelaphus* ssp., *Ammodorcas* ssp., *Ammotragus* ssp., *Antidorcas* ssp., *Antilope* ssp., *Bison* ssp., *Bos* ssp. *(inklużi Bibos, Novibos, Poephagus), Boselaphus* ssp., *Bubalus* ssp. *(inkluż anoa), Budorcas* ssp., *Capra* ssp., *Cephalophus* ssp., *Connochaetes* ssp., *Damaliscus* ssp. *(inkluż Beatragus), Dorcatragus* ssp., *Gazella* ssp., *Hemitragus* ssp., *Hippotragus* ssp., *Kobus* ssp., *Litocranius* ssp., *Madoqua* ssp., *Naemorhedus* ssp. *(inklużi Nemorhaedus u Capricornis), Neotragus* ssp., *Oreamnos* ssp., *Oreotragus* ssp., *Oryx* ssp., *Ourebia* ssp., *Ovibos* ssp., *Ovis* ssp., *Patholops* ssp., *Pelea* ssp., *Procapra* ssp., *Pseudois* ssp., *Pseudoryx* ssp., *Raphicerus* ssp., *Redunca* ssp., *Rupicapra* ssp., *Saiga* ssp., *Sigmoceros-Alecelaphus* ssp., *Sylvicapra* ssp., *Syncerus* ssp., *Taurotragus* ssp., *Tetracerus* ssp., *Tragelaphus* ssp. (*inkluż Boocerus*). |
| | Camelidae | *Camelus* ssp., *Lama* ssp., *Vicugna* ssp. |
| | Cervidae | *Alces* ssp., *Axis-Hyelaphus* ssp., *Blastocerus* ssp., *Capreolus* ssp., *Cervus-Rucervus* ssp., *Dama* ssp., *Elaphurus* ssp., *Hippocamelus* ssp., *Hydropotes* ssp., *Mazama* ssp., *Megamuntiacus* ssp., *Muntiacus* ssp., *Odocoileus* ssp., *Ozotoceros* ssp., *Pudu* ssp., *Rangifer* ssp. |
| | Giraffidae | *Giraffa* ssp., *Okapia* ssp. |
| | Moschidae | *Moschus* ssp. |
| | Tragulidae | *Hyemoschus* ssp., *Tragulus-Moschiola* ssp. |

## Taqsima 2

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI ELENKATI FIT-TAQSIMA 1 TAL-KAPITOLU 19 TAL-ANNESS II TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/403 LI QEGĦDIN JORIĠINAW MINN STABBILIMENT KONFINAT U HUMA MAĦSUBA GĦALIH (MUDELL "CONFINED-RUM")

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE | |
|---|---|---|---|
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC** |
| | | **I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | | **I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi | |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | **I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip Kodiċi<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat | | |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill | | |
| | **I.20 Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br>□ Stabbiliment konfinat | | |
| | **I.21** | **I.22** □ **Għas-suq intern** | |
| | | **I.23** | |

| I.24 | | I.25 Kwantità totali | | I.26 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **I.27** | **Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | | | | | |
| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sess | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Kwantità |
| | | | | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat CONFINED-RUM**

| Parti II: Ċertifikazzjoni | II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I:

II.1.1. ġej miż-żona bil-kodiċi: __ __ - __[2] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat hija awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali tal-familji Antilocapridae, Bovidae, Camelidae, Cervidae, Giraffidae, Moschidae, Tragulidae maħsuba għal stabbilimenti konfinati u elenkati fil-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

II.1.2. Baqgħu kontinwament fl-istabbiliment tal-oriġini mit-twelid jew għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 6 xhur qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni, li fiha ma jkun ġie introdott l-ebda ungulat tal-familji Antilocapridae, Bovidae, Camelidae, Cervidae, Giraffidae, Moschidae, Tragulidae u l-ebda annimal ta' speċi oħra elenkata għall-istess mard bħal dak tal-ungulati tal-familji Antilocapridae, Bovidae, Camelidae, Cervidae, Giraffidae, Moschidae, Tragulidae.

II.1.3. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri mit-twelid jew mill-inqas għal 30 jum qabel id-data li fiha jintbagħtu lejn l-Unjoni.

II.1.4. ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.1.5. ikunu ntbagħtu direttament mill-istabbiliment tal-oriġini lejn l-Unjoni mingħajr ma għaddew minn xi stabbiliment ieħor.

II.1.6. ma jkunux inħattu fi kwalunkwe post li ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fil-punt II.1.9. minn meta jkunu ntbagħtu mill-istabbiliment tal-oriġini tagħhom sakemm jintbagħtu lejn l-Unjoni u matul dak il-perjodu ma jkunux ġew f'kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri.

II.1.7. ikunu tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)[3] f'mezz ta' trasport li jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz jew territorju u li jkun inbena b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;
(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;
(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex jew għalf tal-annimali.

II.1.8. ikunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika fil-perjodu ta' 24 siegħa qabel jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju tal-oriġini, li ma individwax sinjali li jindikaw l-okkorrenza tal-mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.1.9. ma jkunux tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u kontra infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina.

[1][II.1.10. ikunu tlaqqmu kontra:

– [1] [l-antraċe fi ……………… (jj/xx/ssss) bil-vaċċin(i) li ġej/ġejjin …………………………… (l-isem tal-vaċċin(i) użat(i))],

– [1] [ir-rabja fi ……………… (jj/xx/ssss) bil-vaċċin(i) li ġej/ġejjin …………………………… (l-isem tal-vaċċin(i) użat(i))]].

II.1.11. ġejjin minn stabbiliment konfinat:

II.1.11.1. li huwa approvat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

II.1.11.2. li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat u l-mard emerġenti, fil-ħin tad-dispaċċ lejn l-Unjoni.

II.1.11.3. fejn fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma tkun ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet li ġejjin fl-aħħar 6 xhur:

– il-marda tal-ilsien u d-dwiefer,

– infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina,

– [infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift,][(1)(4)]

– [infezzjoni bil-*Mycoplasma mycoides* subsp. *mycoides* SC (plewropulmonite bovina li tittieħed)][(1)(5)]

– [infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar,][(1)(6)]

– [il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż,][(1)(7)]

– [plewropulmonite kaprina li tittieħed,][(1)(8)]

– [infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda,][(1)(9)]

– [infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders),][(1)(10)]

– infezzjoni bil-*Brucella abortus,* bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis,*

– infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis, M. capare, M. tuberculosis*),

– [ir-rabja,][(1)11)]

– infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24).

II.1.11.3. li fih, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma jkunux ġew irrapportati surra (*Trypanosoma evansi*) u antraċe għall-aħħar [30 jum][(1)(12)][180 jum][(1)13)].

II.1.11.4. li madwaru, f'żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet elenkati li ġejjin għal mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni:

– il-marda tal-ilsien u d-dwiefer,

– infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina,

– [infezzjoni bil-*Mycoplasma mycoides subsp. mycoides* SC (Plewropulmonite bovina li tittieħed),][(1)(5)]

– [infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar,][(1)(6)]

– [il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż,][(1)(7)]

– [plewropulmonite kaprina li tittieħed,][(1)(8)]

– [infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda,][(1)(9)]

– [infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders),][(1)(10)]

– infezzjoni bil-*Brucella abortus,* bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis,*

– infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis, M. capare, M. tuberculosis*),

– [ir-rabja][(1)(11)].

II.1.11.5. li madwaru, f'żona b'raġġ ta' 150 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet elenkati li ġejjin għal mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni:

– [infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift,][(1)(4)]

– infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24),

– infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika.

*jew* [(1)] [II.1.12. ġejjin minn żona fejn, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-aħħar 12-il xahar.]

*jew* [(1)] [II.1.12. ikunu ġew soġġetti għal test viroloġiku u seroloġiku għal evidenza ta' infezzjoni bil-virus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer imwettaq f'konformità ma' wieħed mit-testijiet preskritti għall-kummerċ internazzjonali stipulati fil-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (Manwal Terrestri tal-OIE), b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda fl-10 ijiem qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni; u]

*jew* [(1)] [II.1.13. ġejjin minn żona fejn, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift fl-aħħar 48 xahar.]

*jew* [(1)] [II.1.13. li:

(i) inżammu fi kwarantina f'faċilità protetta mill-vetturi fl-istabbiliment konfinat approvat għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni;

(ii) ma jkunu wrew l-ebda sintomu ta' mard ta' infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni;

(iii) ġew protetti mll-vetturi meta ttrasportati bejn il-faċilità protetta mill-vetturi msemmija fil-punt (i) u t-tagħbija għad-dispaċċ lejn l-Unjoni; u

(iv) sarilhom test tan-newtralizzazzjoni tal-virus, b'riżultati negattivi, għal evidenza ta' infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift f'konformità mal-Manwal Terrestri tal-OIE, imwettaq l-ewwel fuq kampjuni meħuda fid-data tal-bidu tal-perjodu ta' kwarantina u, it-tieni, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 42 jum minn dik id-data u matul perjodu ta' 10 ijiem qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni.]

*jew* [(1)] [II.1.14. ma jkunux tlaqqmu kontra infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* u jkunu ġejjin minn żona fejn, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, din il-marda ma tkunx ġiet irrapportata fl-aħħar 12-il xahar.]

*jew* [(1)] [II.1.14. ikun sarilhom test kif stipulat u preskritt għall-kummerċ internazzjonali mill-Manwal Terrestri tal-OIE, fuq kampjuni meħuda matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data li fiha ntbagħtu lejn l-Unjoni.]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat CONFINED-RUM**

jew (1) [II.1.14. huma annimali maskili kastrati ta’ kwalunkwe età.]

jew (1) [II.1.15. ġejjin minn żona li fiha, fid-data tal-ħruġ ta’ dan iċ-ċertifikat, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) għall-perjodu tal-aħħar 24 xahar.]

jew (1) [II.1.15. ikunu nżammu fi kwarantina f’faċilità protetta mill-vetturi fl-istabbiliment konfinat għal perjodu minimu ta’ 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni u jkun sarilhom test tas-seroloġija għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (1-24) u għall-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika mwettaq f’konformità mal-Manwal Terrestri tal-OIE b’riżultati negattivi, imwettaq tal-anqas 28 jum wara l-introduzzjoni tal-annimali fl-istabbiliment konfinat;]

jew (1) [II.1.15. ikunu nżammu fi kwarantina f’faċilità protetta mill-vetturi fl-istabbiliment konfinat approvat għal perjodu minimu ta’ 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni u jkun sarilhom test tal-PCR għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (1-24) u għall-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika f’konformità mal-Manwal Terrestri tal-OIE b’riżultati negattivi, imwettaq tal-anqas 14-il jum wara l-introduzzjoni fl-istabbiliment konfinat;]

jew (1) [II.1.15. dawn ikunu ġejjin minn erja staġjonalment ħielsa mill-mard u matul dak il-perjodu ħieles mill-mard ikun sarilhom test tas-seroloġija għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (1-24) u għall-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika skont il-Manwal Terrestri tal-OIE, b’riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni meħuda tal-anqas 28 jum wara l-introduzzjoni tal-annimali fl-istabbiliment konfinat;]

jew (1) [II.1.15. dawn ikunu ġejjin minn erja staġjonalment ħielsa u matul dak il-perjodu jkun sarilhom test tal-PCR għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (1-24) u għall-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika f’konformità mal-Manwal Terrestri tal-OIE, b’riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni meħuda tal-anqas 14-il jum wara l-introduzzjoni tal-annimali fl-istabbiliment konfinat approvat.]

II.1.16. ikunu ġew ittrattati mill-inqas darbtejn matul il-perjodu ta’ 40 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni kontra parassiti interni u esterni bil-prodott(i) li ġejjin………………………….. Speċifika l-ingredjenti attivi u d-dożi tal-prodotti użati ……………………………….............

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni tal-annimali mill-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 li qegħdin joriġinaw minn stabbiliment konfinat u huma maħsuba għalih.

F’konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b’mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq flimkien mal-Anness 2 ta’ dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f’dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat CONFINED-RUM**

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Sistema ta' identifikazzjoni u numru ta' identifikazzjoni*": Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġ, transponder, eċċ., mil-lista fl-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035) u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni individwali tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 21(1) jew 21(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

**Parti II:**

(1) Żomm kif xieraq.
(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-Kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.
(3) Id-data tat-tagħbija: id-dħul ta' dawn l-annimali ma għandux ikun permess meta l-annimali jkunu tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għad-dħul fl-Unjoni tal-pajjiż terz, ta' territorju jew żona tiegħu msemmija fil-punt II.1.1, jew inkella matul perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni kontra d-dħul ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, jew minn territorju jew żona tiegħu.
(4) Mhux applikabbli għal annimali tal-familja *Tragulidae.*
(5) Applikabbli biss għal annimali bovini u *Syncerus caffer.*
(6) Applikabbli biss għal annimali ovini, annimali kaprini, annimali kamelidi u annimali ċervidi.
(7) Applikabbli biss għal annimali ovini u kaprini.
(8) Applikabbli biss għal annimali kaprini u *Gazella spp*.
(9) Applikabbli biss għal annimali bovini.
(10) Applikabbli biss għal annimali kaprini u annimali kamelidi.
(11) Applikabbli biss għal annimali tal-familja *Bovidae*, annimali kamelidi u annimali ċervidi.
(12) Mhux applikabbli għal annimali kamelidi.
*(13)* Applikabbli biss għal annimali kamelidi.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

KAPITOLU 20

**(MUDELL "CONFINED-SUI")**

**Taqsima 1**

Lista ta' annimali li joriġinaw minn u li huma maħsuba għal stabbiliment konfinat kopert mill-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali "CONFINED-SUI" stabbilit fit-taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu

| **Ordni** | **Familja** | **Ġeneru/speċi** |
|---|---|---|
| Artiodactyla | Suidae | *Babyrousa* ssp., *Hylochoerus* ssp., *Phacochoerus* ssp., *Potamochoerus* ssp., *Sus* ssp. |
| | Tayassuidae | *Catagonus* ssp., *Pecari-Tayassu* ssp. |

## Taqsima 2

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI ELENKATI FIT-TAQSIMA 1 TAL-KAPITOLU 20 TAL-ANNESS II TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/403 LI QEGĦDIN JORIĠINAW MINN STABBILIMENT KONFINAT U HUMA MAĦSUBA GĦALIH (MUDELL "CONFINED-SUI")

<table>
<tr><td colspan="3">PAJJIŻ</td><td colspan="3">Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="12">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td>Konsenjatur/Esportatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2 Referenza taċ-ċertifikat<br>I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali<br>I.4 Awtorità Kompetenti Lokali</td><td colspan="2">I.2a Referenza tal-IMSOC<br>KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td>Konsenjatarju/Importatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="2">Operatur responsabbli għall-kunsinna<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td>Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="2">Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td>Reġjun tal-oriġini Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="2">Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td>Post tad-dispaċċ<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="2">Post tad-destinazzjoni<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td>Post tat-tagħbija</td><td>I.14</td><td colspan="2">Data u ħin tat-tluq</td></tr>
<tr><td>I.15</td><td>Mezz tat-trasport<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni</td><td>I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul<br>I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament</td><td colspan="2">Tip Kodiċi<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td>Kundizzjonijiet tat-trasport □ Ambjentali</td><td>□ Imkessaħ</td><td colspan="2">□ Iffriżat</td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="4">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td>I.20</td><td colspan="4">Iċ-ċertifikat bħala jew għal<br><br>□ Stabbiliment konfinat</td></tr>
<tr><td>I.21</td><td></td><td>I.22</td><td colspan="2">□ Għas-suq intern</td></tr>
Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Kodiċi NM*": uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.05 jew 01.06.39.

"*Kategorija*": agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/għattuq li jbid/oħrajn.

**Parti II:**

(1) Din il-garanzija tapplika biss għall-pollam tal-ispeċi *Gallus gallus* u għad-dundjani.

(2) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv:

- qatgħat ta' pollam tat-tnissil: *Salmonella* Hadar, *Salmonella* Virchow u *Salmonella* Infantis;
- qatgħat ta' pollam produttiv: *Salmonella* Enteritidis u *Salmonella* Typhimurium.

(3) Żomm kif xieraq.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BPP**

(4) Imla jekk xieraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi użati.

(5) Ħassar jekk il-kunsinna mhix se tintbagħat il-Finlandja jew l-Iżvezja.

(6) "Pollam tat-tnissil" ifisser pollam ta' 72 siegħa jew aktar, maħsub għall-produzzjoni ta' bajd għat-tifqis, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(7) "Pollam produttiv" ifisser pollam ta' 72 siegħa jew aktar, imrobbija għall-produzzjoni tal-laħam, tal-bajd għall-konsum jew ta' prodotti oħrajn jew għar-ripopolazzjoni tal-provvisti ta' għasafar tal-kaċċa, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(8) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(9) Dan japplika biss għaż-żoni li fihom it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "A" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(10) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal pollam li jkun ġej minn żoni li fihom l-użu ta' vaċċini kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, f'konformità mal-Artikolu 37(e)(ii) tiegħu, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "B" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(11) Jenħtieġ li t-testijiet jitwettqu fuq kampjuni meħuda minn jew taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u jenħtieġ li l-ittestjar jitwettaq f'laboratorju uffiċjali maħtur f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/625.

(12) Applikabbli għall-pollam tat-tnissil u għall-pollam produttiv għall-produzzjoni tal-laħam, tal-bajd għall-konsum jew prodotti oħrajn.

(13) Applikabbli għall-pollam produttiv għar-ripopolazzjoni tal-provvisti ta' għasafar tal-kaċċa.

(14) Għandha timtela meta l-annimali jkunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle.

(15) L-ispezzjoni klinika trid tkun twettqet minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini.

(16) Id-data tat-tagħbija ma tistax tkun data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni b'rabta mad-dħul ta' dawn l-annimali minn dik iż-żona.

(17) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data | Kwalifika u titolu

Timbru | Firma

KAPITOLU 24

**MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' RATITI TAT-TNISSIL U RATITI PRODUTTIVI (MUDELL "BPR")**

| **PAJJIŻ** | | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | **I.1** | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2** **Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a** **Referenza tal-IMSOC** | |
| | | | **I.3** **Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** | |
| | | | **I.4** **Awtorità Kompetenti Lokali** | | |
| | **I.5** | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6** **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | | |
| | **I.7** | **Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9** **Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż | | |
| | **I.8** | **Reġjun tal-oriġini** Kodiċi | **I.10** **Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi | | |
| | **I.11** | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12** **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | | |
| | **I.13** | **Post tat-tagħbija** | **I.14** **Data u ħin tat-tluq** | | |
| | **I.15** | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16** **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | | |
| | | | **I.17** **Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip Kodiċi<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | | |
| | **I.18** | **Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali | □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| | **I.19** | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur | Nru tas-siġill | | |
| | **I.20** | **Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br><br>□ Żamma ulterjuri | | | |
| | **I.21** | □ **Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22** □ **Għas-suq intern** | | |
| | | | **I.23** □ ~~**Għad-dħul mill-ġdid**~~ | | |

| I.24 Għadd totali ta' imballaġġi | I.25 Kwantità totali | I.26 Piż nett totali/piż gross (kg) |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BPR**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li [r-ratiti tat-tnissil(1)](2) [ir-ratiti produttivi(3)](2) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ġejjin miż-żona bil-kodiċi _ _ - _(4) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 37(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(c) hija meqjusa ħielsa minn influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

II.1.2. ġejjin miż-żona msemmija fil-punt II.1.1, li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(2)*jew* [hija meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

(2)(5)*jew* [mhijiex meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-annimali:

(a) ikunu tqiegħdu taħt sorveljanza uffiċjali għal perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

(b) ikunu nżammu f'iżolament komplet matul il-perjodu msemmi fil-punt (a), 'il bogħod minn kuntatt dirett jew indirett ma' għasafar oħrajn, f'faċilitajiet approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini għal dan l-iskop;

(c) ikun sarilhom test ta' individwazzjoni tal-virus(6) għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle:

(i) li twettaq fuq swabs mill-kloaka jew kampjuni ta' ħmieġ miġbura minn kull ratite fi żmien 7 sa 10 ijiem mid-data li fiha r-ratiti tqiegħdu taħt is-sorveljanza uffiċjali msemmija fil-punt (a);

(ii) fejn ma jkun instab l-ebda iżolat tat-tip 1 tal-paramissovirus tat-tjur b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(iii) b'riżultati favorevoli disponibbli għall-għasafar kollha fil-kunsinna qabel ma jkunu telqu mill-faċilitajiet imsemmija fil-punt (b) biex jintbagħtu lejn l-Unjoni;

(d) ġejjin minn qatgħat li fihom saret is-sorveljanza għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle skont pjan ta' kampjunar ibbażat fuq l-istatistika li pproduċa riżultati negattivi għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur immedjatament qabel id-data li fiha l-kunsinna tintbagħat għad-dħul fl-Unjoni;]

II.1.3. ġejjin miż-żona msemmija fil-punt II.1.1, li fiha:

(2)*jew* [(a) ma jsirx tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]

(2)(7)*jew* [(a) it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

(2)*jew* [(b) it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li ma jikkonformawx kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huwa pprojbit;]

(2)(8)*jew* [(b) it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, u l-annimali:

(i) ma jkunux tlaqqmu b'tali vaċċini għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

| | | |
|---|---|---|
| | | (ii) ikunu ġejjin minn qatgħa jew qatgħat li għaddew minn test ta' iżolament virali[6] għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mwettaq fuq kampjun aleatorju ta' swabs mill-kloaka minn mill-inqas 60 għasfur f'kull qatgħa, meħud mhux aktar kmieni minn ġimgħatejn qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, u fejn ma jkun instab l-ebda paramissovirus tat-tjur b'ICPI ta' aktar minn 0,4; |
| | | (iii) inżamm f'iżolament taħt sorveljanza uffiċjali fl-istabbiliment tal-oriġini matul il-ġimgħatejn imsemmija f'(ii); |
| | | (iv) matul il-perjodu ta' 60 jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, ma kienx f'kuntatt ma' pollam li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet f'(i) u (ii);] |
| | II.1.4. | baqgħu fiż-żona msemmija fil-punt II.1.1. għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 3 xhur immedjatament qabel id-data li fiha tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni jew minn meta faqqsu meta jkollhom inqas minn 3 xhur;<br>u meta jkun ġie importat fiż-żona msemmija fil-punt II.1.1, l-importazzjoni tkun saret f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li huma mill-inqas stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/429 u tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u ż-żona minn fejn ġew importati l-annimali hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi; |
| | II.1.5. | ġejjin mill-istabbiliment, indikat fil-Kaxxa I.11, approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini f'konformità mar-rekwiżiti li huma mill-inqas stretti daqs dawk stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 u:<br>(a) li l-approvazzjoni tiegħu ma ġietx sospiża jew irtirata;<br>(b) li jkun taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li jkollu sistema fis-seħħ biex iżomm rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;<br>(c) li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment;<br>(d) li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni;<br>(e) fi ħdan raġġ ta' 10 km li minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;<br>(f) li fih ma ġie rrapportat l-ebda każ ikkonfermat ta' infezzjoni b'viruses tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni; |
| | II.1.6. | ġejjin minn qatgħa li:<br>(a) ma tkunx tlaqqmet kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja; |
| | [2]*jew* | [(b) ma tkunx tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;] |

[2]*jew* [(b) tkun tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, b'vaċċini li jikkonformaw kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(9)

| L-identifikazzjoni tal-qatgħa | L-età tal-għasafar | Id-data tat-tilqima | L-isem u t-tip ta' razza tal-virus użata | In-numru tal-lott tal-vaċċin | L-isem tal-vaċċin | Il-manifattur tal-vaċċin |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |

]

(c) kienet ġiet soġġetta għal spezzjoni klinika[10] fi żmien 24 siegħa qabel it-tagħbija tal-annimali sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma wriet l-ebda sinjal indikattiv tal-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

II.1.7. baqgħu fl-istabbiliment indikat fil-Kaxxa I.11 minn meta faqqsu jew għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 6 ġimgħat immedjatament qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

II.1.8. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri minn meta faqqsu jew għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 6 ġimgħat immedjatament qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

II.1.9. ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

II.1.10. kienu soġġetti għal spezzjoni klinika[10] fi ___/___/____ (jj/xx/ssss) fi żmien 24 siegħa qabel ma tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni, u ma wrew l-ebda sinjal li jindika l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

II.1.11. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni f'kontenituri li:

(a) ikunu mibnija b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;

(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;

(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex, għalf jew rix tal-annimali;

(b) ikun fihom biss pollam tal-istess speċi u kategorija li jkun ġej mill-istess stabbiliment;

(c) ikunu:

[2]*jew* [kontenituri mhux riutilizzabbli ddisinjati apposta u mhux użati li għandhom jinqerdu wara l-ewwel użu;]

[2]*jew* [imnaddfin u ddiżinfettati u mnixxfin jew inkella jitħallew jinxfu qabel jitgħabbew l-annimali;]

(d) ikunu magħluqa f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(e) ikollhom l-informazzjoni stabbilita fil-Punt 1 tal-Anness XVI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-pollam tat-tnissil u għall-pollam produttiv;

II.1.12. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)[11] f'mezz ta' trasport li jinbena f'konformità ma' II.1.11(a) u li jkun tnaddaf u ġie diżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;

[12][II.1.13. huma maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 u:

(a) ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;

(b) ikunu nżammu f'iżolament għal perjodu ta' mill-inqas 14-il jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni fl-istabbiliment tal-oriġini jew fl-istabbiliment ta' kwarantina taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali, fejn:

(i) l-ebda pollam ma tlaqqam kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle matul il-perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna;

(ii) l-ebda għasfur ieħor ma daħħal fl-istabbiliment matul dak iż-żmien;

(iii) ma jkun sar l-ebda tilqim;

(c) ikunu ttestjaw[6] negattiv għal testijiet seroloġiċi sabiex jiġu individwati antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettqa fuq kampjuni tad-demm f'livell li jagħti fiduċja ta' 95 % li tiġi individwata infezzjoni bi prevalenza ta' 5 % u li ttieħdu matul il-perjodu ta' mill-inqas 14-il jum qabel id-data li fiha tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni.]

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk l-annimali.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Kodiċi NM*": uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.06.39.

*"Sistema ta' identifikazzjoni":* L-annimal irid jiġi identifikat individwalment b'lametti tal-għonq jew transponder injettabbli f'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

"*Kategorija*": agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/oħrajn.

"*Numru ta' identifikazzjoni*": Indika n-numru ta' identifikazzjoni, li jrid jinkludi l-kodiċi tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini li jikkonforma mal-istandards ISO f'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BPR**

**Parti II:**

(1) "Ratiti tat-tnissil" tfisser ratiti ta' 72 siegħa jew aktar, maħsuba għall-produzzjoni ta' bajd għat-tifqis, kif definiti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(2) Żomm kif xieraq.

(3) "Ratiti produttivi" tfisser ratiti ta' 72 siegħa jew aktar, imrobbija għall-produzzjoni tal-laħam, tal-bajd għall-konsum jew ta' prodotti oħrajn, kif definiti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(5) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni minn żoni li mhumiex meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "C" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(6) Jenħtieġ li t-testijiet jitwettqu fuq kampjuni meħuda minn jew taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u jenħtieġ li l-ittestjar jitwettaq f'laboratorju uffiċjali maħtur f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/625.

(7) Dan japplika biss għaż-żoni li fihom it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "A" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(8) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal pollam li jkun ġej minn żoni li fihom l-użu ta' vaċċini kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, f'konformità mal-Artikolu 37(e)(ii) tiegħu, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "B" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(9) Għandha timtela meta l-annimali jkunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle.

(10) L-ispezzjoni klinika trid tkun twettqet minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini.

(11) Id-data tat-tagħbija ma tistax tkun data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni b'rabta mad-dħul ta' dawn l-annimali minn dik iż-żona.

(12) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

KAPITOLU 25

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' FLIELES TA' ĠURNATA GĦAJR RATITI (MUDELL "DOC")

<table>
<tr><td colspan="3">PAJJIŻ</td><td colspan="3">Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="14">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td>Konsenjatur/Esportatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2 Referenza taċ-ċertifikat<br>I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali<br>I.4 Awtorità Kompetenti Lokali</td><td colspan="2">I.2a Referenza tal-IMSOC<br>KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td>Konsenjatarju/Importatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="3">I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td>Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="3">I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td>Reġjun tal-oriġini Kodiċi</td><td colspan="3">I.10 Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td>Post tad-dispaċċ<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="3">I.12 Post tad-destinazzjoni<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td>Post tat-tagħbija</td><td colspan="3">I.14 Data u ħin tat-tluq</td></tr>
<tr><td>I.15</td><td>Mezz tat-trasport<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni</td><td colspan="3">I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul<br>I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament<br>Tip Kodiċi<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td>Kundizzjonijiet tat-trasport</td><td>□ Ambjentali</td><td>□ Imkessaħ</td><td>□ Iffriżat</td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="4">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td>I.20</td><td colspan="4">Iċ-ċertifikat bħala jew għal<br><br>□ Żamma ulterjuri</td></tr>
<tr><td>I.21</td><td>□ Għat-tranżitu<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="3">I.22 □ Għas-suq intern<br>I.23</td></tr>
</table>

| **I.24 Għadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26 Piż nett totali/piż gross (kg)** |
|---|---|---|
| **I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | |
| Kodiċi NM Speċi Sottospeċi/Kategorija | | Kwantità |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat DOC**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** [*li għandha titħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-annimali]

(1)[II.1.1. Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati għall-qatgħa ġenitur tal-oriġini u din il-qatgħa ġenitur ġiet ittestjata għal serotipi tas-*Salmonella* ta' sinifikat għas-saħħa pubblika:

| **L-identifikazzjoni tal-qatgħa** | **L-età tal-għasafar** | **Data ta' meta ttieħed l-aħħar kampjun mill-qatgħa li għalih huwa magħruf ir-riżultat tal-ittestjar [jj/xx/ssss]** | **Ir-riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa(2)** | |
|---|---|---|---|---|
| | | | pożittiv | negattiv |
| | | | | |

Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006 ġew applikati għall-flieles ta' ġurnata.

Għal raġunijiet oħrajn minbarra l-programm ta' kontroll tas-*Salmonella*:

(3)*jew* [l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati lill-flieles ta' ġurnata (inkluż injezzjoni in ovo);]

(3)(4)*jew* [l-antimikrobiċi li ġejjin ġew amministrati lill-flieles ta' ġurnata (inkluża injezzjoni in ovo)……………………………………………………………..;]]

(1)[II.1.2. Jekk il-flieles ta' ġurnata jkunu maħsuba għat-tnissil, la tkun instabet *Salmonella* Enteritidis u lanqas *Salmonella* Typhimurium fi ħdan il-programm ta' kontroll imsemmi fil-punt II.1.1.]

(5)[II.1.3. Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun il-Finlandja jew l-Iżvezja, il-flieles ta' ġurnata maħsuba biex jiddaħħlu f'qatgħat ta' pollam tat-tnissil jew f'qatgħat ta' pollam produttiv ikunu ġejjin minn qatgħat li jkunu ttestjaw negattiv għas-Salmonella f'konformità mar-regoli stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/644/KE;]

**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-flieles ta' ġurnata(6) għajr ratiti deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1. ikunu faqqsu fiż-żona bil-kodiċi _ _ - _(7) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' flieles ta' ġurnata għajr ratiti;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 37(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(c) hija meqjusa ħielsa minn influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(d) hija meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

II.2.2. ġejjin miż-żona msemmija fil-punt II.2.1, li fiha:

(3)*jew* [(a) ma jsirx tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]

(3)(8)*jew* [(a) it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat DOC**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | [3]*jew* | [(b) | it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li ma jikkonformawx kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huwa pprojbit;] |
| | [3][9]*jew* | [(b) | it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, u l-annimali:<br>(i) ma jkunux tlaqqmu b'vaċċini bħal dawn;<br>(ii) ġejjin minn qatgħat li:<br>- ma jkunux tlaqqmu b'tali vaċċini għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;<br>- sarilhom test ta' iżolament virali[10] għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li sar fuq kampjun aleatorju ta' swabs mill-kloaka minn mill-inqas 60 għasfur f'kull qatgħa, mhux aktar kmieni minn ġimgħatejn qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, u fejn ma jkun instab l-ebda paramissovirus tat-tjur b'ICPI ta' aktar minn 0,4;<br>- inżammu iżolati taħt sorveljanza uffiċjali fl-istabbiliment tal-oriġini matul il-ġimgħatejn qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;<br>- matul il-perjodu ta' 60 jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, ma kinux f'kuntatt ma' pollam li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet fl-ewwel u fit-tieni inċiżi ta' hawn fuq;<br>(iii) ikunu ġejjin minn bajd għat-tifqis li ma kinux f'kuntatt fil-mafqas jew waqt it-trasport mal-pollam jew mal-bajd għat-tifqis li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti f'(ii);] |
| | II.2.3. | | ġejjin minn mafqas, indikat fil-Kaxxa I.11, approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini f'konformità mar-rekwiżiti li huma mill-inqas stretti daqs dawk stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 u: |
| | | (a) | li l-approvazzjoni tiegħu ma ġietx sospiża jew irtirata; |
| | | (b) | li jkun taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li jkollu sistema fis-seħħ biex iżomm rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692; |
| | | (c) | li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment; |
| | | (d) | li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż għall-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni; |
| | | **(e)** | fi ħdan raġġ ta' 10 km li minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni; |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat DOC**

II.2.4. ġejjin minn qatgħa li:

(a) tkun baqgħet fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1 għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 3 xhur immedjatament qabel id-data tal-ġbir tal-bajd li minnu tfaqqsu l-flieles ta' ġurnata;

u fejn il-qatgħa tkun ġiet importata fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1, l-importazzjoni saret f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li huma mill-inqas stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/429 u tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u ż-żona minn fejn ġew importati l-annimali hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' pollam tat-tnissil għajr ratiti u pollam produttiv għajr ratiti;

(b) inżammet għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 6 ġimgħat immedjatament qabel id-data tal-ġbir tal-bajd li minnu jkunu faqqsu l-flieles ta' ġurnata fi stabbiliment:

(i) approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini f'konformità mar-rekwiżiti li huma mill-inqas stretti daqs dawk stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(11)

| Isem l-istabbiliment | Indirizz | Numru tal-approvazzjoni |
|---|---|---|
| | | |

(ii) li l-approvazzjoni tagħha ma tkunx ġiet sospiża jew irtirata fil-ħin meta l-bajd għat-tifqis, li minnu faqqsu l-flieles ta' ġurnata, intbagħat lejn il-mafqas;

(iii) li fiha ma jkun ġie rrapportat l-ebda każ ikkonfermat ta' infezzjoni bil-viruses tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd għat-tifqis, li minnu faqqsu l-flieles ta' ġurnata;

(iv) li fiha;

(3)*jew* [ma ġiet ikkonfermata l-ebda infezzjoni b'*Salmonella* Pullorum, *S.* Gallinarum jew *S.* arizonae matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;]

(3)*jew* [ġiet ikkonfermata infezzjoni bis-*Salmonella* Pullorum, bl-*S.* Gallinarum jew bl-*S.* arizonae matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni u ġew applikati l-miżuri previsti fl-Artikolu 46(d) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

(v) li fiha:

(3)*jew* [ma ġiet ikkonfermata l-ebda mikoplasmożi tat-tjur (Mycoplasma gallisepticum u M. meleagridis) matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;]

(3)*jew* [ġiet ikkonfermata mikoplasmożi tat-tjur (Mycoplasma gallisepticum u M. meleagridis) matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni u jkunu ġew applikati l-miżuri previsti fl-Artikolu 46(e) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

(3)*jew* [(c) ma tkunx tlaqqmet kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]

(3)(8)*jew* [(c) tkun tlaqqmet kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

(3)*jew* [(d) ma tkunx tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat DOC**

(3)*jew* [(d) tkun tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, b'vaċċini li jikkonformaw kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(12)

| L-identifikazzjoni tal-qatgħa | L-età tal-għasafar | Id-data tat-tilqima | L-isem u t-tip ta' razza tal-virus użata | In-numru tal-lott tal-vaċċin | L-isem tal-vaċċin | Il-manifattur tal-vaċċin |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |

]

(e) għaddiet minn programm ta' sorveljanza tal-mard li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 u nstabet li ma kinitx infettata jew li ma wriet l-ebda raġuni sabiex tiġi ssuspettata kwalunkwe infezzjoni, mill-aġenti li ġejjin:

(3)*jew* [*Salmonella* Pullorum, *Salmonella* Gallinarum u *Mycoplasma gallisepticum* (fil-każ ta' *Gallus gallus*);]

(3)*jew* [*Salmonella arizonae* (serogrupp O:18(k)), *Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum, *Mycoplasma meleagridis* u *Mycoplasma gallisepticum* (fil-każ ta' *Meleagris gallopavo*);]

(3)*jew* [*Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum (fil-każ ta' *Numida meleagris*, *Coturnix coturnix*, *Phasianus colchicus*, *Perdix perdix* u *Anas spp*);]

II.2.5. ġejjin minn bajd għat-tifqis li:

(a) jikkonforma mar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni stipulati fit-Titolu 2 tal-Parti III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(b) qabel ma ntbagħat lejn il-mafqas, ikun ġie mmarkat f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;

(c) ikun ġie ddiżinfettat f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;

(d) ma kienx f'kuntatt ma' pollam jew bajd għat-tifqis bi stat ta' saħħa inferjuri, għasafar miżmuma fil-magħluq jew għasafar selvaġġi, jew matul it-trasport lejn il-mafqas jew inkella fil-mafqas;

II.2.6. ikunu baqgħu:

(a) fil-pajjiż jew f'territorju jew żona tiegħu msemmija fil-punt II.2.1 minn meta faqqsu;

(b) fl-istabbiliment indikat fil-Kaxxa I.11 minn meta faqqsu;

II.2.7. ma jkunux tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;

II.2.8. ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

II.2.9. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni f'kontenituri li:

(a) ikunu mibnija b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;

(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;

(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex, għalf jew rix tal-annimali;

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat DOC**

(b) ikun fihom biss pollam tal-istess speċi u kategorija li jkun ġej mill-istess stabbiliment;

(c) mhux riutilizzabbli, nodfa u użati għall-ewwel darba;

(d) ikunu magħluqa f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(e) ikollhom l-informazzjoni stabbilita fil-Punt 3 tal-Anness XVI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-flieles ta' ġurnata;

II.2.10. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)(13) f'mezz ta' trasport li jinbena f'konformità ma' II.2.9(a) u li jkun tnaddaf u ġie diżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;

(14)[II.2.11. huma maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 u:

(a) ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;

(b) ikunu ġejjin minn bajd għat-tifqis li ġej minn qatgħat li:

(3)*jew* [ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;]

(3)*jew* [ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle billi ntuża vaċċin inattivat;]

(3)*jew* [ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle billi ntuża vaċċin ħaj mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data li fiha nġabar il-bajd;]

(c) ikunu ġejjin minn mafqas fejn il-prattiki tax-xogħol jiżguraw li l-bajd għat-tifqis li minnu faqqsu l-flieles ta' ġurnata kien inkubat f'ħinijiet u postijiet kompletament separati mill-bajd li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-punt (b);]

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' flieles ta' ġurnata għajr ta' ratiti, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk l-annimali.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Kodiċi NM*": uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.05 jew 01.06.39.

"*Kategorija*": agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/stokk li jbid/brojlers/oħrajn.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat DOC**

**Parti II:**

(1) Din il-garanzija tapplika biss għall-flieles ta' ġurnata li jappartjenu għall-ispeċi *Gallus gallus* u għad-dundjani.

(2) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv:

- qatgħat ta' pollam tat-tnissil: *Salmonella* Hadar, *Salmonella* Virchow u *Salmonella* Infantis;
- qatgħat ta' pollam produttiv: *Salmonella* Enteritidis u *Salmonella* Typhimurium.

(3) Żomm kif xieraq.

(4) Żomm jekk xieraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi użati.

(5) Ħassar jekk il-kunsinna mhix se tintbagħat il-Finlandja jew l-Iżvezja.

(6) "Flieles ta' ġurnata" tfisser il-pollam li għandu inqas minn 72 siegħa, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(7) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(8) Dan japplika biss għaż-żoni li fihom it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "A" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(9) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal pollam li jkun ġej minn żoni li fihom l-użu ta' vaċċini kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, f'konformità mal-Artikolu 37(e)(ii) tiegħu, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "B" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(10) Jenħtieġ li t-testijiet jitwettqu fuq kampjuni meħuda minn jew taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u jenħtieġ li l-ittestjar jitwettaq f'laboratorju uffiċjali maħtur f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/625.

(11) Indika l-isem, l-indirizz u n-numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment fejn inżammet il-qatgħa tal-oriġini tal-flieles ta' ġurnata matul is-6 ġimgħat immedjatament qabel id-data tal-ġbir tal-bajd li minnu jkunu tfaqqsu l-flieles ta' ġurnata.

(12) Għandha timtela meta l-annimali jkunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle.

(13) Id-data tat-tagħbija ma tistax tkun data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni b'rabta mad-dħul ta' dawn l-annimali minn dik iż-żona.

(14) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat DOC**

[15]**III. Informazzjoni supplimentari dwar is-saħħa marbuta man-numru ta' referenza taċ-ċertifikat** (Kaxxa I.2.)

……………………………………………………………………………………………………….

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

(a) il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-Parti II ta' dan iċ-ċertifikat qed ikomplu jiġu ssodisfati;

(b) il-flieles ta' ġurnata deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(i) ikunu faqqsu fi …………….. (jj/xx/ssss);

(ii) ikunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika[16] fi __/__/__ (jj/xx/ssss), fi żmien 24 siegħa qabel ikunu tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma wrew l-ebda sinjal li jindika l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

(iii) ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri minn meta faqqsu.

(15) Din it-taqsima tista' tingħata fuq karta separata, diment li tinhemeż mal-Parti II taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali.

(16) L-ispezzjoni klinika trid tkun twettqet minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

# KAPITOLU 26

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' FLIELES TA' ĠURNATA TA' RATITI (MUDELL "DOR")

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE | |
|---|---|---|---|
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC** |
| | | **I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | | **I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | **I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali | □ Imkessaħ — □ Iffriżat |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur | Nru tas-siġill | |
| | **I.20 Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br>□ Żamma ulterjuri | | |
| | **I.21 □ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22 □ Għas-suq intern** | |
| | | **I.23 □ Għad-dħul mill-ġdid** (struck through) | |

| I.24 Għadd totali ta' imballaġġi | I.25 Kwantità totali | I.26 Piż nett totali/piż gross (kg) |
|---|---|---|
| I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna | | |
| Kodiċi NM Speċi Sottospeċi/Kategorija | | Kwantità |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat DOR**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-flieles ta' ġurnata[1] ta' ratiti deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ikunu faqqsu fiż-żona bil-kodiċi _ _ - _[2] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' flieles ta' ġurnata ta' ratiti;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 37(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(c) hija meqjusa ħielsa minn influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

II.1.2. ġejjin miż-żona msemmija fil-punt II.1.1, li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

[3]*jew* [hija meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

[3][4]*jew* [mhijiex meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-flieles ta' ġurnata jkunu ġejjin minn qatgħat:

(a) li jkunu tqiegħdu f'iżolament taħt sorveljanza uffiċjali għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data li fiha biedu l-bajd għat-tifqis li minnu faqqsu l-flieles ta' ġurnata ta' din il-kunsinna;

(b) li jkun sarilhom test ta' individwazzjoni tal-virus[5] għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle:

(i) li twettaq fuq swabs mill-kloaka jew kampjuni ta' ħmieġ miġbura minn kull ratite fi żmien 7 sa 10 ijiem mid-data li fiha r-ratiti tqiegħdu taħt is-sorveljanza uffiċjali msemmija fil-punt (a);

(ii) fejn ma jkun instab l-ebda iżolat tat-tip 1 tal-paramissovirus tat-tjur b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(iii) b'riżultati favorevoli li jkunu disponibbli għall-għasafar kollha qabel it-tluq tal-flieles ta' ġurnata mill-mafqas sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni;

(c) li fihom saret is-sorveljanza għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle skont pjan ta' kampjunar ibbażat fuq l-istatistika li pproduċa riżultati negattivi għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur immedjatament qabel id-data li fiha l-kunsinna tintbagħat għad-dħul fl-Unjoni;

(d) li ma jkunux inżammu ma' pollam li ma jissodisfax il-garanziji skont il-punti (a), (b) u (c) matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data li fiha bied il-bajd u matul il-perjodu li fih bied il-bajd għat-tifqis li minnu faqqsu l-flieles ta' ġurnata ta' din il-kunsinna;]

II.1.3. ġejjin miż-żona msemmija fil-punt II.1.1, li fiha:

[3]*jew* [(a) ma jsirx tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]

(d) kien iddiżinfettat f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;

II.1.7. inġabar [fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)](3) [minn ___/___/____ (jj/xx/ssss) sa ___/___/____ (jj/xx/ssss)] (3); (13)

II.1.8. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni f'kontenituri li:

(a) ikunu mibnija b'tali mod li l-bajd għat-tifqis ma jkunx jista' jaqa' minnhom;

(b) ikunu ddisinjati biex jippermettu t-tindif u d-diżinfettar;

(c) fihom biss bajd għat-tifqis tal-istess speċi, kategorija u tip li ġejjin mill-istess azjenda;

(d) ikunu magħluqa f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(e) ikunu:

(3)*jew* [mhux riutilizzabbli, nodfa u użati għall-ewwel darba;]

(3)*jew* [tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija tal-bajd għat-tifqis f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;]

(f) ikollhom l-informazzjoni stabbilita fil-Punt 5 tal-Anness XVI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-bajd għat-tifqis ta' pollam;

II.1.9. jitgħabba sabiex jintbagħat lejn l-Unjoni f'mezz ta' trasport li huwa mibni f'konformità ma' II.1.8(a) u (b) u li tnaddaf u ġie ddiżinfettat b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u tnixxef jew tħalla jinxef immedjatament qabel it-tagħbija tal-bajd għat-tifqis sabiex jintbagħat lejn l-Unjoni;

(14)[II.1.10. huma maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 u:

(a) ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;

(b) ġejjin minn qatgħat li:

(3)*jew* [ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;]]

(3)*jew* [ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle billi ntuża vaċċin inattivat.]]

(3)*jew* [ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle billi ntuża vaċċin ħaj mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data li fiha nġabar il-bajd.]]

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' bajd għat-tifqis ta' ratiti, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk il-prodotti ġerminali.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Kodiċi NM*": uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 04.07.

"*Kategorija*": agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/oħrajn.

**Parti II:**

(1) Bajd għat-tifqis kif definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429.

(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Żomm kif xieraq.

(4) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni minn żoni li mhumiex meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "C" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(5) Jenħtieġ li t-testijiet jitwettqu fuq kampjuni meħuda minn jew taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u jenħtieġ li l-ittestjar jitwettaq f'laboratorju uffiċjali maħtur f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/625.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat HER**

(6) Dan japplika biss għaż-żoni li fihom it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "A" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(7) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għall-bajd għat-tifqis li jkun ġej minn żoni li fihom l-użu ta' vaċċini kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 mhuwiex ipprojbit, f'konformità mal-Artikolu 37(e)(ii) tiegħu, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "B" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(8) Żomm f'każ li l-bajd għat-tifqis jintbagħat minn mafqas.

(9) żomm f'każ li l-bajd għat-tifqis jintbagħat mill-istabbiliment tal-qatgħa tal-oriġini.

(10) Indika l-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment fejn inżammet il-qatgħa tal-oriġini tal-bajd għat-tifqis matul is-6 ġimgħat immedjatament qabel id-data li fiha l-bajd għat-tifqis tgħabba sabiex jintbagħat lejn l-Unjoni.

(11) Għandha timtela meta l-annimali jkunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle.

(12) L-ispezzjoni klinika trid tkun twettqet minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini.

(13) Id-data/i tal-ġbir ma tistax/jistgħux tkun/ikunu data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni b'rabta mad-dħul ta' dan il-bajd għat-tifqis minn dik iż-żona.

(14) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

KAPITOLU 29

# MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' BAJD ĦIELES MINN PATOĠENI SPEĊIFIKATI (MUDELL "SPF")

| | | |
|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE** |
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** \| **I.2a Referenza tal-IMSOC**<br>**I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** \| **KODIĊI QR**<br>**I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip Kodiċi<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat | |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill | |
| | **I.20 Iċċertifikat bħala jew għal**<br>□ Prodotti ġerminali | |
| | **I.21 □ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22 □ Għas-suq intern**<br>**I.23** |

| **I.24 Għadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26 Piż nett totali/piż gross (kg)** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SPF**

| Parti II: Ċertifikazzjoni | II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|---|

**Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-bajd ħieles minn patoġeni speċifikati[1] deskritt fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat:

II.1. ġej miż-żona bil-kodiċi _ _ - _ [2] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' bajd ħieles minn patoġeni speċifikati;

II.2. ġej mill-istabbiliment, indikat fil-Kaxxa I.11, li;

(a) ikun taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li jkollu sistema fis-seħħ biex iżomm rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(b) jikkonforma mal-kundizzjonijiet deskritti fil-Farmakopea Ewropea;

(c) huwa approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju tal-oriġini f'konformità mar-rekwiżiti li huma mill-inqas ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035, li l-approvazzjoni tiegħu ma ġietx sospiża jew irtirata;

(d) jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment;

(e) ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, inkluż għall-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-bajd intbagħat lejn l-Unjoni;

II.3. ġejjin minn qatgħa li:

(a) inżammet għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 6 ġimgħat qabel id-data tal-ġbir tal-bajd sabiex intbagħat lejn l-Unjoni fl-istabbiliment imsemmi fil-punt II.2;

(b) hija ħielsa minn patoġeni speċifikati kif deskritti fil-Farmakopea Ewropea u l-eżamijiet kliniċi meħtieġa għal dan l-istatus speċifiku kienu favorevoli, inklużi r-riżultati negattivi tal-ittestjar għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u infezzjoni bil-viruses tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa mwettqa fil-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd sabiex intbagħat lejn l-Unjoni;

(c) ġiet eżaminata klinikament mill-inqas darba fil-ġimgħa kif deskritt fil-Farmakopea Ewropea u ma nstabu l-ebda sintomu ta' mard jew raġuni sabiex tiġi suspettata l-preżenza ta' xi marda;

(d) ma kellha l-ebda kuntatt ma' pollam bi stat ta' saħħa inferjuri, jew ma' għasafar għal perjodu ta' mill-inqas 6 ġimgħat qabel id-data tal-ġbir tal-bajd;

(e) ma wrietx sintomi ta' mard trażmissibbli fil-ħin tal-ġbir tal-bajd;

II.4. li:

(a) immarkat bl-użu ta' linka tal-kulur, b'timbru li jindika l-kodiċi ISO tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u n-numru ta' approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-oriġini;

(b) kien iddiżinfettat f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;

II.5. inġabar [fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)](3) [minn ___/___/____ (jj/xx/ssss) sa ___/___/____ (jj/xx/ssss)] (3); (4)

II.6. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni f'kontenituri li:

(a) ikunu mibnija b'tali mod li l-bajd ma jkunx jista' jaqa' minnhom;

(b) ikunu ddisinjati biex jippermettu t-tindif u d-diżinfettar;

(c) ikun fihom biss bajd tal-istess speċi, kategorija u tip li jkun ġej mill-istess stabbiliment;

(d) ikunu magħluqa f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(e) ikunu:

(3)*jew* [mhux riutilizzabbli, nodfa u użati għall-ewwel darba;]

(3)*jew* [tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija tal-bajd f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;]

(f) ikollhom l-informazzjoni stabbilita fil-Punt 6 tal-Anness XVI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-bajd ħieles minn patoġeni speċifikati;

II.7. jitgħabba sabiex jintbagħat lejn l-Unjoni f'mezz ta' trasport li huwa mibni f'konformità ma' II.1.6(a) u (b) u li tnaddaf u ġie ddiżinfettat b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u tnixxef jew tħalla jinxef immedjatament qabel it-tagħbija tal-bajd għat-tifqis sabiex jintbagħat lejn l-Unjoni.

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' bajd ħieles minn patoġeni speċifikati, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk il-prodotti.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa I.8.: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna

"*Kodiċi NM*": uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 04.07.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SPF**

**Parti II:**

(1) Bajd ħieles minn patoġeni speċifikati kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Żomm kif xieraq.

(4) Id-data/i tal-ġbir ma tistax/jistgħux tkun/ikunu data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni b'rabta mad-dħul ta' dawn il-prodotti minn dik iż-żona.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

## KAPITOLU 30

# MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' POLLAM MAĦSUB GĦALL-ISKARNAR GĦAJR RATITI (MUDELL "SP")

**PAJJIŻ** | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE**

**Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **I.1** | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2** | **Referenza taċ-ċertifikat** |
| | | **I.2a** | **Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR** |
| | | **I.3** | **Awtorità Kompetenti Ċentrali** |
| | | **I.4** | **Awtorità Kompetenti Lokali** |
| **I.5** | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6** | **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.7** | **Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9** | **Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.8** | **Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10** | **Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi |
| **I.11** | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12** | **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.13** | **Post tat-tagħbija** | **I.14** | **Data u ħin tat-tluq** |
| **I.15** | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16** | **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** |
| | | **I.17** | **Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali |
| **I.18** | **Kundizzjonijiet tat-trasport** | | □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat |
| **I.19** | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | |
| **I.20** | **Iċċertifikat bħala jew għal**<br>□ Skarnar | | |
| **I.21** | **□ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22** | **□ Għas-suq intern** |
| | | **I.23** | |

| I.24 Għadd totali ta' imballaġġi | I.25 Kwantità totali | I.26 Piż nett totali/piż gross (kg) |
|---|---|---|
| **I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | |
| Kodiċi NM Speċi | | Kwantità |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SP**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-pollam maħsub għall-iskarnar[1] għajr ratiti deskritt fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ġejjin miż-żona bil-kodiċi _ _ - _[2] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' pollam maħsub għall-iskarnar għajr ratiti;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 37(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(c) hija meqjusa ħielsa minn influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(d) hija meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

II.1.2. ġejjin miż-żona msemmija fil-punt II.1.1, li fiha:

[3]*jew* [(a) ma jsirx tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]

[3][4]*jew* [(a) it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

[3]*jew* [(b) it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li ma jikkonformawx kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huwa pprojbit;]

[3][5]*jew* [(b) it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, u l-annimali:

(i) ma jkunux tlaqqmu b'tali vaċċini għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

(ii) ikunu ġejjin minn qatgħa jew qatgħat li għaddew minn test ta' iżolament virali[6] għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mhux aktar kmieni minn ġimgħatejn qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, imwettaq fuq kampjun aleatorju ta' swabs mill-kloaka minn mill-inqas 60 għasfur f'kull qatgħa u fejn ma jkun instab l-ebda paramissovirus b'ICPI ta' aktar minn 0,4;

(iii) inżamm f'iżolament taħt sorveljanza uffiċjali fl-istabbiliment tal-oriġini matul il-ġimgħatejn imsemmija f'(ii);

(iv) matul il-perjodu ta' 60 jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, ma kienx f'kuntatt ma' pollam li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet f'(i) u (ii);]

II.1.3. ikunu baqgħu fiż-żona msemmija fil-punt II.1.1 għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 6 ġimgħat immedjatament qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni jew minn meta jkunu faqqsu meta jkollhom inqas minn 6 ġimgħat;

u meta jkun ġie importat fiż-żona msemmija fil-punt II.1.1, l-importazzjoni tkun saret f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li huma mill-inqas stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/429 u tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u ż-żona minn fejn ġew importati l-annimali hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' pollam maħsub għall-iskarnar għajr ratiti;

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SP**

II.1.4 ġejjin mill-istabbiliment, indikat fil-Kaxxa I.11:

(a) li jkun irreġistrat u jkun taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li jkollu sistema fis-seħħ biex iżomm rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(b) li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment;

(c) li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż għall-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni;

(d) fi ħdan raġġ ta' 10 km li minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

(e) li fih ma ġie rrapportat l-ebda każ ikkonfermat ta' infezzjoni b'viruses tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

II.1.5. ġejjin minn qatgħa li:

(a) ma tkunx tlaqqmet kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;

[3] *jew* [(b) ma tkunx tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;]

[3] *jew* [(b) tkun tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, b'vaċċini li jikkonformaw kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

[7]

| L-identifikazzjoni tal-qatgħa | L-età tal-għasafar | Id-data tat-tilqima | L-isem u t-tip ta' razza tal-virus użata | In-numru tal-lott tal-vaċċin | L-isem tal-vaċċin | Il-manifattur tal-vaċċin |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |

]

(c) kienet ġiet soġġetta għal spezzjoni klinika[8] fi żmien 24 siegħa qabel it-tagħbija tal-annimali sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma wriet l-ebda sinjal indikattiv tal-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

II.1.6. ikunu baqgħu fl-istabbiliment indikat fil-Kaxxa I.11 minn meta faqqsu jew għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament qabel id-data li fiha jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni;

II.1.7. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri minn meta faqqsu jew għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament qabel id-data li fiha jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni;

II.1.8 ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SP**

II.1.9. kienu soġġetti għal spezzjoni klinika(8) fi ___/___/____ (jj/xx/ssss) fi żmien 24 siegħa qabel ma tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni, u ma wrew l-ebda sinjal li jindika l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

II.1.10. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni f'kontenituri li:

(a) ikunu mibnija b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;

(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;

(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex, għalf jew rix tal-annimali;

(b) ikun fihom biss pollam tal-istess speċi u kategorija li jkun ġej mill-istess stabbiliment;

(c) ikunu:

(3)*jew* [kontenituri mhux riutilizzabbli ddisinjati apposta u mhux użati li għandhom jinqerdu wara l-ewwel użu;]

(3)*jew* [imnaddfin u ddiżinfettati u mnixxfin jew inkella jitħallew jinxfu qabel jitgħabbew l-annimali;]

(d) ikunu magħluqa f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(e) ikollhom l-informazzjoni stabbilita fil-Punt 2 tal-Anness XVI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-pollam maħsub għall-iskarnar;

II.1.11. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)(9) f'mezz ta' trasport li jinbena f'konformità ma' II.1.10(a) u li jkun tnaddaf u ġie diżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;

(10)[II.1.12. huma maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 u:

(3)*jew* [ma jkunux tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u jkunu ttestjaw(6) negattiv għal testijiet seroloġiċi sabiex jiġu individwati antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettqa fuq kampjuni tad-demm f'livell li jagħti fiduċja ta' 95 % li tiġi individwata infezzjoni bi prevalenza ta' 5 % u li ttieħdu matul il-perjodu ta' mill-inqas 14-il jum qabel id-data li fiha tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni.]]

(3)*jew* [ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, iżda mhux b'vaċċin ħaj, matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum qabel id-data li fiha tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni u jkunu ttestjaw negattiv għal test ta' iżolament virali(6) għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettaq fuq kampjun aleatorju ta' swabs mill-kloaka jew kampjuni ta' ħmieġ meħuda minn mill-inqas 60 għasfur fl-14-il jum qabel id-data li fiha tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni.]]

**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** [*li għandha titħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-annimali]

II.2.1. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I ma rċevewx:

- stilbeni jew sustanzi tirostatiċi,
- sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE).

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SP**

II.2.2. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet ta' residwu sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE u l-annimali kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat.

(11)[II.2.3. Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2006 ġew applikati għall-qatgħa tal-oriġini, u din il-qatgħa ġiet ittestjata għal serotipi ta' *Salmonella* ta' sinifikat għas-saħħa pubblika:

| **L-identifikazzjoni tal-qatgħa** | **L-età tal-għasafar** | **Data ta' meta ttieħed l-aħħar kampjun mill-qatgħa li għalih huwa magħruf ir-riżultat tal-ittestjar [jj/xx/ssss]** | **Ir-riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa(12)** | |
|---|---|---|---|---|
| | | | pożittiv | negattiv |
| | | | | |

Għal raġunijiet oħrajn minbarra l-programm ta' kontroll tas-*Salmonella*:

(3)*jew* [l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati fuq il-pollam maħsub għall-iskarnar;]

(3)(13)*jew*[l-antimikrobiċi li ġejjin ġew amministrati fuq il-pollam maħsub għall-iskarnar: ……………………………………………………………..;]]

(14)[II.2.4. Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Iżvezja, il-pollam ikun sarlu test mikrobijoloġiku billi ttieħdu kampjuni fl-azjenda tal-oriġini u ttestja negattiv għas-*Salmonella* f'konformità mal-proċeduri fid-Deċiżjoni 95/410/KE skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.]

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' pollam maħsub għall-iskarnar għajr ratiti, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk l-annimali.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Kodiċi NM*": uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.05 jew 01.06.39.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SP**

**Parti II:**

(1) "Pollam maħsub għall-iskarnar" ifisser pollam li għandu jiġi ttrasportat direttament lejn biċċerija, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Żomm kif xieraq.

(4) Dan japplika biss għaż-żoni li fihom it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "A" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(5) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal pollam li jkun ġej minn żoni li fihom l-użu ta' vaċċini kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, f'konformità mal-Artikolu 37(e)(ii) tiegħu, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "B" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(6) Jenħtieġ li t-testijiet jitwettqu fuq kampjuni meħuda minn jew taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u jenħtieġ li l-ittestjar jitwettaq f'laboratorju uffiċjali maħtur f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/625.

(7) Għandha timtela meta l-annimali jkunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle.

(8) L-ispezzjoni klinika trid tkun twettqet minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini.

(9) Id-data tat-tagħbija ma tistax tkun data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni tal-pajjiż jew ta' territorju jew żona tiegħu għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni b'rabta mad-dħul ta' dawn l-annimali minn dak il-pajjiż jew minn territorju jew żona tiegħu.

(10) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

(11) Din il-garanzija tapplika biss għal pollam li jappartjeni għall-ispeċi ta' *Gallus gallus* u għad-dundjani.

(12) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv: *Salmonella* Enteritidis u *Salmonella* Typhimurium.

(13) Imla jekk xieraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi użati.

(14) Ħassar jekk il-kunsinna mhix se tintbagħat il-Finlandja jew l-Iżvezja.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

## KAPITOLU 31

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' RATITI MAĦSUBA GĦALL-ISKARNAR (MUDELL "SR")

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE** | |
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | **I.1** | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2** **Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a** **Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR** |
| | | | **I.3** **Awtorità Kompetenti Ċentrali** | |
| | | | **I.4** **Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | **I.5** | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6** **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.7** | **Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9** **Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.8** | **Reġjun tal-oriġini** Kodiċi | **I.10** **Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi | |
| | **I.11** | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12** **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.13** | **Post tat-tagħbija** | **I.14** **Data u ħin tat-tluq** | |
| | **I.15** | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16** **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | | **I.17** **Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip Kodiċi<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | |
| | **I.18** | **Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali | □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| | **I.19** | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur | Nru tas-siġill | |
| | **I.20** | **Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br>□ Skarnar | | |
| | **I.21** | □ **Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22** □ **Għas-suq intern** | |
| | | | **I.23** | |

| **I.24 Għadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26 Piż nett totali/piż gross (kg)** |
|---|---|---|
| **I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | |
| Kodiċi NM Speċi | | Kwantità |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SR**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** **Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b** **Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|

**II.1.** **Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** [*li għandha titħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-annimali]

II.1.1. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I ma rċevewx:

- stilbeni jew sustanzi tirostatiċi,
- sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE).

II.1.2. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet ta' residwu sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE u l-annimali kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat.

**II.2.** **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li r-ratiti maħsuba għall-iskarnar[1] deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1. ġejjin miż-żona bil-kodiċi _ _ - _ [2] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' ratiti maħsuba għall-iskarnar;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 37(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(c) hija meqjusa ħielsa minn influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

II.2.2. ġejjin miż-żona msemmija fil-punt II.2.1, li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

[3]*jew* [hija meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

[3][4]*jew* [mhijiex meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-annimali;

(a) ikunu tqiegħdu taħt sorveljanza uffiċjali għal perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

(b) ikunu nżammu f'iżolament komplet matul il-perjodu msemmi fil-punt (a), 'il bogħod minn kuntatt dirett jew indirett ma' għasafar oħrajn, f'faċilitajiet approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini għal dan l-iskop;

(c) ikun sarilhom test ta' individwazzjoni tal-virus[5] għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle:

(i) li twettaq fi żmien 7 sa 10 ijiem mid-data li fiha r-ratiti tqiegħdu taħt is-sorveljanza uffiċjali msemmija fil-punt (a) dwar swabs mill-kloaka jew kampjuni ta' ħmieġ miġbura minn kull ratite;

(ii) fejn ma jkun instab l-ebda iżolat tat-tip 1 tal-paramissovirus tat-tjur b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(iii) b'riżultati favorevoli disponibbli għall-għasafar kollha fil-kunsinna qabel ma jkunu telqu mill-faċilitajiet imsemmija fil-punt (b) biex jintbagħtu lejn l-Unjoni;

(d) ġejjin minn qatgħat li fihom saret is-sorveljanza għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle skont pjan ta' kampjunar ibbażat fuq l-istatistika li pproduċa riżultati negattivi għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur immedjatament qabel id-data li fiha l-kunsinna tintbagħat għad-dħul fl-Unjoni;]

II.2.3. ġejjin miż-żona msemmija fil-punt II.2.1, li fiha:

(3)*jew* [(a) ma jsirx tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]

(3)(6)*jew* [(a) it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

(3)*jew* [(b) it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li ma jikkonformawx kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huwa pprojbit;]

(3)(7)*jew* [(b) it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, u l-annimali:

(i) ma jkunux tlaqqmu b'tali vaċċini għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

(ii) ikunu ġejjin minn qatgħa jew qatgħat li għaddew minn test ta' iżolament virali(5) għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mhux aktar kmieni minn ġimgħatejn qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, imwettaq fuq kampjun aleatorju ta' swabs mill-kloaka minn mill-inqas 60 għasfur f'kull qatgħa u fejn ma jkun instab l-ebda paramissovirus b'ICPI ta' aktar minn 0,4;

(iii) inżamm f'iżolament taħt sorveljanza uffiċjali fl-istabbiliment tal-oriġini matul il-ġimgħatejn imsemmija f'(ii);

(iv) matul il-perjodu ta' 60 jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, ma kienx f'kuntatt ma' pollam li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet f'(i) u (ii);]

II.2.4. ikunu baqgħu fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1 għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 6 ġimgħat immedjatament qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni jew minn meta jkunu faqqsu meta jkollhom inqas minn 6 ġimgħat;

u meta jkun ġie importat fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1, l-importazzjoni tkun saret f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li huma mill-inqas stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/429 u tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u ż-żona minn fejn ġew importati l-annimali hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' ratiti maħsuba għall-iskarnar;

II.2.5. ġejjin mill-istabbiliment, indikat fil-Kaxxa I.11:

(a) li jkun irreġistrat u jkun taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li jkollu sistema fis-seħħ biex iżomm rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(b) li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment;

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SR**

(c) li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż għall-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni;

(d) fi ħdan raġġ ta' 10 km li minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

(e) li fih ma ġie rrapportat l-ebda każ ikkonfermat ta' infezzjoni b'viruses tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

II.2.6. ġejjin minn qatgħa li:

(a) ma tkunx tlaqqmet kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;

(3)*jew* [(b) ma tkunx tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;]

(3)*jew* [(b) tkun tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, b'vaċċini li jikkonformaw kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(8)

| L-identifikazzjoni tal-qatgħa | L-età tal-għasafar | Id-data tat-tilqima | L-isem u t-tip ta' razza tal-virus użata | In-numru tal-lott tal-vaċċin | L-isem tal-vaċċin | Il-manifattur tal-vaċċin |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |

]

(c) kienet ġiet soġġetta għal spezzjoni klinika(9) fi żmien 24 siegħa qabel it-tagħbija tal-annimali sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma wriet l-ebda sinjal indikattiv tal-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

II.2.7. ikunu baqgħu fl-istabbiliment indikat fil-Kaxxa I.11 minn meta faqqsu jew għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament qabel id-data li fiha jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni;

II.2.8. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri minn meta faqqsu jew għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament qabel id-data li fiha jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni;

II.2.9 ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

II.2.10. kienu soġġetti għal spezzjoni klinika(9) fi ___/___/____ (jj/xx/ssss) fi żmien 24 siegħa qabel ma tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni, u ma wrew l-ebda sinjal li jindika l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SR**

II.2.11. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni f'kontenituri li:

(a) ikunu mibnija b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;

(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;

(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex, għalf jew rix tal-annimali;

(b) ikun fihom biss pollam tal-istess speċi u kategorija li jkun ġej mill-istess stabbiliment;

(c) ikunu:

[3]*jew* [kontenituri mhux riutilizzabbli ddisinjati apposta u mhux użati li għandhom jinqerdu wara l-ewwel użu;]

[3]*jew* [imnaddfin u ddiżinfettati u mnixxfin jew inkella jitħallew jinxfu qabel jitgħabbew l-annimali;]

(d) ikunu magħluqa f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(e) ikollhom l-informazzjoni stabbilita fil-Punt 2 tal-Anness XVI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-pollam maħsub għall-iskarnar;

II.2.12. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)[10] f'mezz ta' trasport li jinbena f'konformità ma' II.2.11(a) u li jkun tnaddaf u ġie diżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;

[11][II.2.13. huma maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 u:

[3]*jew* [ma jkunx tlaqqam kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u jkun ittestja[5] negattiv għal testijiet seroloġiċi sabiex jiġu individwati antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettqa fuq kampjuni tad-demm f'livell li jagħti fiduċja ta' 95 % li tiġi individwata infezzjoni bi prevalenza ta' 5 % u li ttieħdu matul il-perjodu ta' mill-inqas 14-il jum qabel id-data li fiha tgħabba sabiex intbagħat lejn l-Unjoni.]]

[3]*jew* [ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, iżda mhux b'vaċċin ħaj, matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum qabel id-data li fiha tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni u jkunu ttestjaw negattiv għal test ta' iżolament virali[5] għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettaq fuq kampjun aleatorju ta' swabs mill-kloaka jew kampjuni ta' ħmieġ meħuda minn mill-inqas 60 għasfur fl-14-il jum qabel id-data li fiha tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni.]]

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' ratiti maħsuba għall-iskarnar, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk l-annimali.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat SR**

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi tal-pajjiż jew tat-territorju jew taż-żona tiegħu kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Kodiċi NM*": uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.06.39.

**Parti II:**

(1) "Ratiti maħsuba għall-iskarnar" tfisser ratiti li għandhom jiġu ttrasportati direttament lejn biċċerija, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(2) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Żomm kif xieraq.

(4) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni minn żoni li mhumiex meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "C" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(5) Jenħtieġ li t-testijiet jitwettqu fuq kampjuni meħuda minn jew taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u jenħtieġ li l-ittestjar jitwettaq f'laboratorju uffiċjali maħtur f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/625.

(6) Dan japplika biss għaż-żoni li fihom it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "A" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(7) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal pollam li jkun ġej minn żoni li fihom l-użu ta' vaċċini kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, f'konformità mal-Artikolu 37(e)(ii) tiegħu, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "B" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(8) Għandha timtela meta l-annimali jkunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle.

(9) L-ispezzjoni klinika trid tkun twettqet minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini.

(10) Id-data tat-tagħbija ma tistax tkun data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni b'rabta mad-dħul ta' dawn l-annimali minn dik iż-żona.

(11) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

## KAPITOLU 32

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' INQAS MINN 20 POLLAM GĦAJR RATITI (MUDELL "POU-LT20")

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE | |
|---|---|---|---|
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | I.1 **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.2 **Referenza taċ-ċertifikat** | I.2a **Referenza tal-IMSOC** |
| | | I.3 **Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | | I.4 **Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | I.5 **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.6 **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | I.7 **Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.9 **Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | I.8 **Reġjun tal-oriġini** Kodiċi | I.10 **Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi | |
| | I.11 **Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.12 **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | I.13 **Post tat-tagħbija** | I.14 **Data u ħin tat-tluq** | |
| | I.15 **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | I.16 **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | I.17 **Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip Kodiċi<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | |
| | I.18 **Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali | □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| | I.19 **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur | Nru tas-siġill | |
| | I.20 **Iċċertifikat bħala jew għal**<br>□ Żamma ulterjuri<br>□ Skarnar | | |
| | I.21 □ **Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.22 □ **Għas-suq intern** | |
| | | I.23 | |

| **I.24 Għadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26 Piż nett totali/piż gross (kg)** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | Kwantità |
|---|---|---|---|

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat POU-LT20**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** [*li għandha titħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-annimali]

II.1.1. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I ma rċevewx:

- stilbeni jew sustanzi tirostatiċi,
- sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE).

II.1.2. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet ta' residwu sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat.

II.1.3. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika dan li ġej rigward [il-pollam tat-tnissil għajr ratiti](2) [il-pollam produttiv għajr ratiti](2) [il-pollam maħsub għall-iskarnar għajr ratiti](2) [il-flieles ta' ġurnata għajr ratiti](2) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(16)[II.1.3.1. Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2006 ġew applikati għall-qatgħa tal-oriġini, u l-qatgħa ġiet ittestjata għal serotipi ta' *Salmonella* ta' sinifikat għas-saħħa pubblika:

| **L-identifikazzjoni tal-qatgħa** | **L-età tal-għasafar** | **Data tat-teħid tal-aħħar kampjun tal-qatgħa li minnha r-riżultat tal-ittestjar huwa magħruf [dd/mm/yyyy]** | **Ir-riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa(17)** | |
|---|---|---|---|---|
| | | | pożittiv | negattiv |
| | | | | |

Għal raġunijiet oħrajn minbarra l-programm ta' kontroll tas-*Salmonella*, fl-aħħar tliet ġimgħat qabel id-dħul fl-Unjoni:

(2)*jew* [l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati lill-pollam tat-tnissil jew produttiv għajr ir-ratiti;]

(2)(18)*jew* [l-antimikrobiċi li ġejjin ġew amministrati lill-pollam tat-tnissil u l-pollam produttiv għajr ir-ratiti: ……………………………………;]]

(16)[II.1.3.2. Jekk il-pollam ikun maħsub għat-tnissil, la tkun instabet *Salmonella* Enteritidis u lanqas *Salmonella* Typhimurium fi ħdan il-programm ta' kontroll imsemmi fil-punt II.1.3.1.]

*(19)*[II.1.3.3. Jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Iżvezja:

*(2)jew* [il-pollam tat-tnissil irriżulta negattiv għat-test tas-Salmonella f'konformità mar-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/644/KE;]

*(2)jew* [it-tiġieġ tal-bajd (il-pollam produttiv imrobbi għall-produzzjoni tal-bajd għall-konsum) ittestja negattiv f'konformità mar-regoli stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/235/KE.]]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat POU-LT20**

**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li [l-pollam tat-tnissil[1] għajr ratiti][2] [il-pollam produttiv[3] għajr ratiti][2] [il-pollam maħsub għall-iskarnar[4] għajr ratiti][2] [il-flieles ta' ġurnata[5] għajr ratiti][2] deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1. jifformaw kunsinna waħda ta' inqas minn 20 pollam;

II.2.2. ġejjin miż-żona bil-kodiċi _ _ - _[6] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' inqas minn 20 pollam għajr ratiti;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 37(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(c) hija meqjusa ħielsa minn influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(d) hija meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

II.2.3. ġejjin miż-żona msemmija fil-punt II.2.2, li fiha:

[2]*jew* [ma jsirx tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]

[2][7]*jew* [it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

[2]*jew* [II.2.4. il-[pollam tat-tnissil għajr ratiti][2] [il-pollam produttiv għajr ratiti][2] [il-pollam maħsub għall-iskarnar għajr ratiti][2]:

II.2.4.1. ġej miż-żona msemmija fil-punt II.2.2, li fiha:

[2]*jew* [it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li ma jikkonformawx kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 huwa pprojbit;]

[2][8]*jew* [it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, u l-annimali:

(a) ma jkunux tlaqqmu b'tali vaċċini għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

(b) ikunu ġejjin minn qatgħa jew qatgħat li sarilhom test ta' iżolament virali[11] għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mwettaq fuq kampjun aleatorju ta' swabs mill-kloaka minn mill-inqas 60 għasfur f'kull qatgħa, meħud mhux aktar kmieni minn ġimgħatejn qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, u fejn ma jkun instab l-ebda paramissovirus tat-tjur b'ICPI ta' aktar minn 0,4;

(c) inżammu f'iżolament taħt sorveljanza uffiċjali fl-istabbiliment tal-oriġini matul il-ġimgħatejn imsemmija fil-punt (b);

(d) matul il-perjodu ta' 60 jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, ma kinux f'kuntatt ma' pollam li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet fil-punti (a) u (b);]

II.2.4.2. ikunu baqgħu:

(a) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.2. għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 3 xhur immedjatament qabel id-data li fiha tgħabba sabiex intbagħat lejn l-Unjoni jew minn meta faqqas meta jkollu inqas minn 3 xhur;

u meta jkun ġie importat fiż-żona msemmija fil-punt II.2.2, l-importazzjoni tkun saret f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li huma mill-inqas stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/429 u tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u ż-żona minn fejn ġew importati l-annimali hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' inqas minn 20 pollam għajr ratiti;

(b) fl-istabbiliment indikat fil-Kaxxa I.11 għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 3 ġimgħat immedjatament qabel id-data li fiha tgħabba sabiex intbagħat lejn l-Unjoni jew minn meta faqqas meta jkollu inqas minn 3 ġimgħat;

(c) mingħajr kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 3 ġimgħat immedjatament qabel id-data li fiha tgħabba sabiex intbagħat lejn l-Unjoni jew minn meta faqqas meta jkollu inqas minn 3 ġimgħat;

II.2.4.3. ġejjin mill-istabbiliment, indikat fil-Kaxxa I.11:

(a) li jkun irreġistrat u jkun taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li jkollu sistema fis-seħħ biex iżomm rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(b) li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment;

(c) li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż għall-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni;

(d) fi ħdan raġġ ta' 10 km li minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

**(e)** li fih ma ġie rrapportat l-ebda każ ikkonfermat ta' infezzjoni b'viruses tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat POU-LT20**

II.2.4.4. ġejjin minn qatgħa li:

(a) ma tkunx tlaqqmet kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;

[2] *jew* [(b) ma tkunx tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;]

[2] *jew* [(b) tkun tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, b'vaċċini li jikkonformaw kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

[9]

| L-identifikazzjoni tal-qatgħa | L-età tal-għasafar | Id-data tat-tilqima | L-isem u t-tip ta' razza tal-virus użata | In-numru tal-lott tal-vaċċin | L-isem tal-vaċċin | Il-manifattur tal-vaċċin |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |

(c) kienet ġiet soġġetta għal spezzjoni klinika[10] fi żmien 24 siegħa qabel it-tagħbija tal-annimali sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma wriet l-ebda sinjal indikattiv tal-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

II.2.4.5. l-annimali:

(a) ma jkunux tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;

(b) ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

(c) kienu soġġetti għal spezzjoni klinika[10] fi ___/___/____ (jj/xx/ssss) fi żmien 24 siegħa qabel ma tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni, u ma wrew l-ebda sinjal li jindika l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

(d) ikunu ttestjaw negattiv f'testijiet seroloġiċi u/jew batterjoloġiċi[11] fil-perjodu ta' 30 jum qabel id-data li fiha l-annimali jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni u nstabet li ma kinitx infettata jew li ma wriet l-ebda raġuni sabiex tiġi ssuspettata kwalunkwe infezzjoni, mill-aġenti li ġejjin:

[2] *jew* [*Salmonella* Pullorum, *Salmonella* Gallinarum u *Mycoplasma gallisepticum* (fil-każ ta' *Gallus gallus*);]

[2] *jew* [*Salmonella arizonae* (serogrupp O:18(k)), *Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum, *Mycoplasma meleagridis* u *Mycoplasma gallisepticum* (fil-każ ta' *Meleagris gallopavo*);]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat POU-LT20**

(2)*jew* [*Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum (fil-każ ta' *Numida meleagris*, *Coturnix coturnix*, *Phasianus colchicus*, *Perdix perdix* u *Anas spp*);]

II.2.4.6. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni f'kontenituri li:

(a) ikunu mibnija b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;

(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;

(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex, għalf jew rix tal-annimali;

(b) ikun fihom biss pollam tal-istess speċi u kategorija li jkun ġej mill-istess stabbiliment;

(c) ikunu:

(2)*jew* [kontenituri mhux riutilizzabbli ddisinjati apposta u mhux użati li għandhom jinqerdu wara l-ewwel użu;]

(2)*jew* [imnaddfin u ddiżinfettati u mnixxfin jew inkella jitħallew jinxfu qabel jitgħabbew l-annimali;]

(d) ikunu magħluqa f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(e) ikollhom l-informazzjoni stabbilita fl-Anness XVI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għal [pollam tat-tnissil u pollam produttiv](2) [pollam maħsub għall-iskarnar](2);

II.2.4.7. jitgħabba sabiex jintbagħat lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)(12) f'mezz ta' trasport li jinbena f'konformità ma' II.2.4.6(a) u tnaddaf u ġie diżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;

(13) [II.2.4.8. huwa maħsub għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689,

(2)(14)*jew* [u:

(a) ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;

(b) ikunu nżammu f'iżolament għal perjodu ta' mill-inqas 14-il jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni fl-istabbiliment tal-oriġini jew fl-istabbiliment ta' kwarantina taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali, fejn:

(i) l-ebda pollam ma tlaqqam kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle matul il-perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna;

(ii) l-ebda għasfur ieħor ma ddaħħal fl-istabbiliment matul dak iż-żmien;

(iii) ma jkun sar l-ebda tilqim;

(c) ikunu ttestjaw(11) negattiv għal testijiet seroloġiċi sabiex jiġu individwati antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettqa fuq kampjuni tad-demm f'livell li jagħti fiduċja ta' 95 % li tiġi individwata infezzjoni bi prevalenza ta' 5 % u li ttieħdu matul il-perjodu ta' mill-inqas 14-il jum qabel id-data li fiha tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni.]]]

[2][15]*jew* [u:

[2]*jew* [ma jkunux tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u jkunu ttestjaw[11] negattiv għal testijiet seroloġiċi sabiex jiġu individwati antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettqa fuq kampjuni tad-demm f'livell li jagħti fiduċja ta' 95 % li tiġi individwata infezzjoni bi prevalenza ta' 5 % u li ttieħdu matul il-perjodu ta' mill-inqas 14-il jum qabel id-data li fiha tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni.]]]

[2]*jew* [ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, iżda mhux b'vaċċin ħaj, matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum qabel id-data li fiha tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni u jkunu ttestjaw negattiv għal test ta' iżolament virali[11] għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettaq fuq kampjun aleatorju ta' swabs mill-kloaka jew kampjuni ta' ħmieġ meħuda minn mill-inqas 60 għasfur fl-14-il jum qabel id-data li fiha tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni.]]]

[2]*jew* [II.2.4. il-flieles ta' ġurnata għajr ratiti:

II.2.4.1. ġej miż-żona msemmija fil-punt II.2.2, li fiha:

[2]*jew* [it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li ma jikkonformawx kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huwa pprojbit;]

[2][8]*jew* [it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, u l-annimali:

(a) ma jkunux tlaqqmu b'vaċċini bħal dawn;

(b) ġejjin minn qatgħat li:

(i) ma jkunux tlaqqmu b'tali vaċċini għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

(ii) sarilhom test ta' iżolament virali[11] għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li sar fuq kampjun aleatorju ta' swabs mill-kloaka minn mill-inqas 60 għasfur f'kull qatgħa, mhux aktar kmieni minn ġimgħatejn qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, u fejn ma jkun instab l-ebda paramissovirus tat-tjur b'ICPI ta' aktar minn 0,4;

(iii) inżammu iżolati taħt sorveljanza uffiċjali fl-istabbiliment tal-oriġini matul il-ġimgħatejn qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

(iv) matul il-perjodu ta' 60 jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, ma kinux f'kuntatt ma' pollam li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet f'(i) u (ii);

(c) ikunu ġejjin minn bajd għat-tifqis li ma kinux f'kuntatt fil-mafqas jew waqt it-trasport ma' pollam jew bajd għat-tifqis li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b);]

II.2.4.2. ikunu baqgħu:

(a) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.2 minn meta faqqsu;

(b) fl-istabbiliment indikat fil-Kaxxa I.11 minn meta faqqsu;

(c) ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri minn meta faqqsu;

II.2.4.3. ġejjin mill-istabbiliment, indikat fil-Kaxxa I.11:

(a) li jkun irreġistrat u jkun taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li jkollu sistema fis-seħħ biex iżomm rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(b) li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment;

(c) li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż għall-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni;

(d) fi ħdan raġġ ta' 10 km li minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

(e) li fih ma ġie rrapportat l-ebda każ ikkonfermat ta' infezzjoni b'viruses tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

II.2.4.4. ġejjin minn qatgħa li:

(a) baqgħet fiż-żona msemmija fil-punt II.2.2 għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 3 xhur immedjatament qabel id-data tat-tagħbija tal-flieles ta' ġurnata sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni;

u fejn il-qatgħa tkun ġiet importata fiż-żona msemmija fil-punt II.2.2, l-importazzjoni saret f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li huma mill-inqas stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/429 u tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u ż-żona minn fejn ġew importati l-annimali hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' pollam tat-tnissil għajr ratiti u pollam produttiv għajr ratiti;

(b) baqgħet għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 3 ġimgħat immedjatament qabel id-data tat-tagħbija tal-flieles ta' ġurnata sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi stabbiliment:

(i) li jkun irreġistrat u jkun taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li jkollu sistema fis-seħħ biex iżomm rekords aġġornati, f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(ii) li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment;

(iii) li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż għall-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-annimali ntbagħtu lejn l-Unjoni;

(iv) li fiha ma jkun ġie rrapportat l-ebda każ ikkonfermat ta' infezzjoni bil-viruses tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd għat-tifqis, li minnu faqqsu l-flieles ta' ġurnata;

(v) fi ħdan raġġ ta' 10 km li minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

(2)*jew* [(c) ma tkunx tlaqqmet kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]

(2)(7)*jew* [(c) tkun tlaqqmet kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

(2)*jew* [(d) ma tkunx tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;]

(2)*jew* [(d) tkun tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, b'vaċċini li jikkonformaw kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(9)

| L-identifikazzjoni tal-qatgħa | L-età tal-għasafar | Id-data tat-tilqima | L-isem u t-tip ta' razza tal-virus użata | In-numru tal-lott tal-vaċċin | L-isem tal-vaċċin | Il-manifattur tal-vaċċin |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |

(e) sarulha testijiet seroloġiċi u/jew batterjoloġiċi(11) fil-perjodu ta' 90 jum qabel id-data li fiha l-flieles ta' ġurnata tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni f'livell li jagħti fiduċja ta' 95 % li tiġi individwata infezzjoni bi prevalenza ta' 5 % u nstabet li ma kinitx infettata jew ma wriet l-ebda raġuni biex tiġi suspettata xi infezzjoni, mill-aġenti li ġejjin:

(2)*jew* [*Salmonella* Pullorum, *Salmonella* Gallinarum u *Mycoplasma gallisepticum* (fil-każ ta' *Gallus gallus*);]

[2]*jew* [*Salmonella arizonae* (serogrupp O:18(k)), *Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum, *Mycoplasma meleagridis* u *Mycoplasma gallisepticum* (fil-każ ta' *Meleagris gallopavo*);]

[2]*jew* [*Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum (fil-każ ta' *Numida meleagris*, *Coturnix coturnix*, *Phasianus colchicus*, *Perdix perdix* u *Anas spp*);]

(f) ma kellha l-ebda kuntatt ma' annimali bi stat ta' saħħa inferjuri għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 3 ġimgħat immedjatament qabel id-data tal-ġbir tal-bajd li minnu faqqsu l-flieles ta' ġurnata;

(g) kienet ġiet soġġetta għal spezzjoni klinika[10] fi żmien 24 siegħa qabel it-tagħbija tal-flieles ta' ġurnata sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, u ma wriet l-ebda sinjal indikattiv tal-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;]

II.2.4.5 l-annimali:

(a) ma jkunux tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;

(b) ma għandhomx jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

(c) kienu soġġetti għal spezzjoni klinika[10] fi ___/___/____ (jj/xx/ssss) fi żmien 24 siegħa qabel ma tgħabbew sabiex intbagħtu lejn l-Unjoni, u ma wrew l-ebda sinjal li jindika l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

(d) ikunu ġejjin minn bajd għat-tifqis li, qabel l-inkubazzjoni, ikun ġie ddiżinfettat f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;

II.2.4.6. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni f'konterituri li:

(a) ikunu mibnija b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;

(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;

(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex, għalf jew rix tal-annimali;

(b) ikun fihom biss pollam tal-istess speċi u kategorija li jkun ġej mill-istess stabbiliment;

(c) ikunu konterituri mhux riutilizzabbli ddisinjati apposta u mhux użati li għandhom jinqerdu wara l-ewwel użu;

(d) ikunu magħluqa f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(e) ikollhom l-informazzjoni stabbilita fil-Punt 3 tal-Anness XVI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-flieles ta' ġurnata;

II.2.4.7. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)(12) f'mezz ta' trasport li jinbena f'konformità ma' II.2.4.6(a) u li jkun tnaddaf u ġie diżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;

(13)II.2.4.8. huma maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689, u huma:

(a) ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;

(b) ikunu ġejjin minn bajd għat-tifqis li ġej minn qatgħat li:

(2)*jew* [ma jkunux tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;]

(2)*jew* [ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle billi ntuża vaċċin inattivat;]

(2)*jew* [ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle billi ntuża vaċċin ħaj mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data li fiha nġabar il-bajd;]

(c) ikunu ġejjin minn mafqas fejn il-prattiki tax-xogħol jiżguraw li l-bajd għat-tifqis li minnu faqqsu l-flieles ta' ġurnata kien inkubat f'ħinijiet u postijiet kompletament separati mill-bajd li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-punt (b).]]

**Noti:**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' inqas minn 20 pollam għajr ratiti, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk l-annimali.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa I.8.: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna

"*Kodiċi NM*": uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.05 jew 01.06.39.

**Parti II:**

(1) "Pollam tat-tnissil" ifisser pollam ta' 72 siegħa jew aktar, maħsub għall-produzzjoni ta' bajd għat-tifqis, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(2) Żomm kif xieraq.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat POU-LT20**

(3) "Pollam produttiv" ifisser pollam ta' 72 siegħa jew aktar, imrobbija għall-produzzjoni tal-laħam, tal-bajd għall-konsum jew ta' prodotti oħrajn jew għar-ripopolazzjoni tal-provvisti ta' għasafar tal-kaċċa, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) "Pollam maħsub għall-iskarnar" ifisser pollam li għandu jiġi ttrasportat direttament lejn biċċerija, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692.

(5) "Flieles ta' ġurnata" tfisser il-pollam li għandu inqas minn 72 siegħa, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(6) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(7) Dan japplika biss għaż-żoni li fihom it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "A" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(8) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal pollam li jkun ġej minn żoni li fihom l-użu ta' vaċċini kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, f'konformità mal-Artikolu 37(e)(ii) tiegħu, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "B" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(9) Għandha timtela meta l-annimali jkunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle.

(10) L-ispezzjoni klinika trid tkun twettqet minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini.

(11) Jenħtieġ li t-testijiet jitwettqu fuq kampjuni meħuda minn jew taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u jenħtieġ li l-ittestjar jitwettaq f'laboratorju uffiċjali maħtur f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/625.

(12) Id-data tat-tagħbija ma tistax tkun data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni b'rabta mad-dħul ta' dawn l-annimali minn dik iż-żona.

(13) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

(14) Applikabbli għall-pollam tat-tnissil u għall-pollam produttiv.

(15) Applikabbli għall-pollam maħsub għall-iskarnar.

(16) Din il-garanzija tapplika biss għall-pollam tal-ispeċi *Gallus gallus* u għad-dundjani.

(17) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv:

- qatgħat ta' pollam tat-tnissil: *Salmonella* Hadar, *Salmonella* Virchow u *Salmonella* Infantis;
- qatgħat ta' pollam produttiv: *Salmonella* Enteritidis u *Salmonella* Typhimurium.

(18) Imla jekk xieraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi użati.

(19) Ħassar jekk il-kunsinna mhix se tintbagħat il-Finlandja jew l-Iżvezja.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

KAPITOLU 33

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' INQAS MINN 20 BAJDA GĦAT-TIFQIS TA' POLLAM GĦAJR RATITI (MUDELL "HE-LT20")

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="2">Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="10">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1 Konsenjatur/Esportatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2 Referenza taċ-ċertifikat<br>I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali<br>I.4 Awtorità Kompetenti Lokali</td><td>I.2a Referenza tal-IMSOC<br>KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td>I.5 Konsenjatarju/Importatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7 Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8 Reġjun tal-oriġini Kodiċi</td><td colspan="2">I.10 Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11 Post tad-dispaċċ<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.12 Post tad-destinazzjoni<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13 Post tat-tagħbija</td><td colspan="2">I.14 Data u ħin tat-tluq</td></tr>
<tr><td>I.15 Mezz tat-trasport<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni</td><td colspan="2">I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul<br>I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament<br>Tip Kodiċi<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td colspan="3">I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat</td></tr>
<tr><td colspan="3">I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td colspan="3">I.20 Iċċertifikat bħala jew għal<br><br>□ Prodotti ġerminali</td></tr>
<tr><td></td><td>I.21 □ Għat-tranżitu<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.22 □ Għas-suq intern<br>I.23</td></tr>
</table>

| I.24 Għadd totali ta' imballaġġi | I.25 Kwantità totali | I.26 Piż nett totali/piż gross (kg) |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Razza/Kategorija | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat HE-LT20**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|

**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** [*li għandha titħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-bajd għat-tifqis]

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-bajd għat-tifqis deskritt fil-Parti I:

(12)[II.1.1. Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati għall-qatgħa tal-oriġini u din il-qatgħa ġenitur ġiet ittestjata għal serotipi tas-*Salmonella* ta' sinifikat għas-saħħa pubblika:

| **L-identifikazzjoni tal-qatgħa** | **L-età tal-għasafar** | **Data ta' meta ttieħed l-aħħar kampjun mill-qatgħa li għalih huwa magħruf ir-riżultat tal-ittestjar [jj/xx/ssss]** | **Ir-riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa(13)** | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Pożittiv | Negattiv |
| | | | | |

(12)[II.1.2. La tkun instabet *Salmonella* Enteritidis u lanqas *Salmonella* Typhimurium fi ħdan il-programm ta' kontroll imsemmi fil-punt II.1.1.]

(14)[II.1.3. Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Iżvezja, il-bajd għat-tifqis ġej minn qatgħat li ttestjaw negattiv għas-*Salmonella* f'konformità mar-regoli stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/644/KE.]

**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-bajd għat-tifqis(1) ta' pollam għajr ratiti deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1. jifforma kunsinna waħda ta' inqas minn 20 bajda għat-tifqis;

II.2.2. ġejjin miż-żona bil-kodiċi _ _ - _ (2) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' pollam għajr ratiti;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 105(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(c) hija meqjusa ħielsa minn influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(d) hija meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

II.2.3. ġejjin miż-żona msemmija fil-punt II.2.2, li fiha:

[3]*jew* [(a) ma jsirx tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]

[3][4]*jew* [(a) it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

[3]*jew* [(b) it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li ma jikkonformawx kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huwa pprojbit;]

[3][5]*jew* [(b) it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, u l-bajd għat-tifqis:

(i) ġejjin minn qatgħat li:

- ma jkunux tlaqqmu b'tali vaċċini għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;
- sarilhom test ta' iżolament virali[6] għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li sar fuq kampjun aleatorju ta' swabs mill-kloaka minn mill-inqas 60 għasfur f'kull qatgħa, mhux aktar kmieni minn ġimgħatejn qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, u fejn ma jkun instab l-ebda paramissovirus tat-tjur b'ICPI ta' aktar minn 0,4;
- inżammu iżolati taħt sorveljanza uffiċjali fl-istabbiliment tal-oriġini matul il-ġimgħatejn qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;
- matul il-perjodu ta' 60 jum qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, ma kinux f'kuntatt ma' pollam li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet fl-ewwel u fit-tieni inċiżi ta' hawn fuq;

(ii) ma ġewx f'kuntatt fil-mafqas jew waqt it-trasport mal-pollam jew mal-bajd għat-tifqis li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti f'(i);]

II.2.4. ġejjin mill-istabbiliment, indikat fil-Kaxxa I.11:

(a) li jkun irreġistrat u jkun taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li jkollu sistema fis-seħħ biex iżomm rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(b) li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment;

**(c)** li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, inkluż għall-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-bajd għat-tifqis intbagħat lejn l-Unjoni;

(d) fi ħdan raġġ ta' 10 km li minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;

II.2.5. ġejjin minn qatgħa li:

(a) baqgħet fiż-żona msemmija fil-punt II.2.2 għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 3 xhur immedjatament qabel id-data tat-tagħbija tal-bajd għat-tifqis sabiex jintbagħat lejn l-Unjoni;

u fejn il-qatgħa tkun ġiet importata fiż-żona msemmija fil-punt II.2.2, l-importazzjoni saret f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li huma mill-inqas stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/429 u tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u ż-żona minn fejn ġew importati l-annimali hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' pollam tat-tnissil għajr ratiti u pollam produttiv għajr ratiti;

(b) inżammet għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 3 ġimgħat immedjatament qabel id-data tat-tagħbija tal-bajd għat-tifqis sabiex jintbagħat lejn l-Unjoni fi stabbiliment:

(i) li fih ma jkun ġie rrapportat l-ebda każ ikkonfermat ta' infezzjoni b'viruses tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd għat-tifqis;

(7) [(ii) li jkun irreġistrat u jkun taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li jkollu sistema fis-seħħ biex iżomm rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(iii) li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment;

(iv) li ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, inkluż għall-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti, fil-ħin li l-bajd għat-tifqis intbagħat lejn l-Unjoni;

(v) fi ħdan raġġ ta' 10 km li minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tagħbija sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;]

(3)*jew* [(c) ma tkunx tlaqqmet kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]

(3)(4)*jew* [(c) tkun tlaqqmet kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

(3)*jew* [(d) ma tkunx tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni;]

PAJJIŻ

Mudell taċ-ċertifikat HE-LT20

(3)*jew* [(d) tkun tlaqqmet kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tagħbija tal-kunsinna sabiex tintbagħat lejn l-Unjoni, b'vaċċini li jikkonformaw kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(8)

| L-identifikazzjoni tal-qatgħa | L-età tal-għasafar | Id-data tat-tilqima | L-isem u t-tip ta' razza tal-virus użata | In-numru tal-lott tal-vaċċin | L-isem tal-vaċċin | Il-manifattur tal-vaċċin |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |

]

(e) sarulha testijiet seroloġiċi u/jew batterjoloġiċi(6) fil-perjodu ta' 90 jum qabel id-data li fiha l-bajd għat-tifqis tgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni f'livell li jagħti fiduċja ta' 95 % li tiġi individwata infezzjoni bi prevalenza ta' 5 % u nstabet li ma kinitx infettata jew ma wriet l-ebda raġuni biex tiġi suspettata xi infezzjoni, mill-aġenti li ġejjin:

(3)*jew* [*Salmonella* Pullorum, *Salmonella* Gallinarum u *Mycoplasma gallisepticum* (fil-każ ta' *Gallus gallus*);]

(3)*jew* [*Salmonella arizonae* (serogrupp O:18(k)), *Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum, *Mycoplasma meleagridis* u *Mycoplasma gallisepticum* (fil-każ ta' *Meleagris gallopavo*);]

(3)*jew* [*Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum (fil-każ ta' *Numida meleagris*, *Coturnix coturnix*, *Phasianus colchicus*, *Perdix perdix* u *Anas spp*);]

(f) tkun ġiet iżolata fl-istabbiliment tal-oriġini għal perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel il-ġbir tal-bajd;

(g) ma kellha l-ebda kuntatt ma' pollam jew bajd għat-tifqis bi stat ta' saħħa inferjuri, jew ma' għasafar miżmuma fil-magħluq jew selvaġġi għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 3 ġimgħat immedjatament qabel id-data tat-tagħbija tal-bajd għat-tifqis sabiex jintbagħat lejn l-Unjoni;

(h) ma wriet l-ebda sintomu ta' mard li jittieħed fil-ħin tal-ġbir tal-bajd għat-tifqis;

(i) kienet ġiet soġġetta għal spezzjoni klinika(9) fi żmien 24 siegħa qabel it-tagħbija tal-bajd għat-tifqis sabiex jintbagħat lejn l-Unjoni, u ma wriet l-ebda sinjal indikattiv tal-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċijiet u l-mard emerġenti;

II.2.6. li:

(a) ma kienx imlaqqam kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;

(b) ma kienx imlaqqam kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;

(c) kien iddiżinfettat f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;

II.2.7. inġabar [fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)](3) [minn ___/___/____ (jj/xx/ssss) sa ___/___/____ (jj/xx/ssss)] (3); (10)

II.2.8. jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni f'konteNituri li:

(a) ikunu mibnija b'tali mod li l-bajd għat-tifqis ma jkunx jista' jaqa' minnhom;

(b) ikunu ddisinjati biex jippermettu t-tindif u d-diżinfettar;

(c) fihom biss bajd għat-tifqis tal-istess speċi, kategorija u tip li ġejjin mill-istess azjenda;

(d) ikunu magħluqa f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(e) ikunu:

(3)*jew* [mhux riutilizzabbli, nodfa u użati għall-ewwel darba;]

(3)*jew* [tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija tal-bajd għat-tifqis f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini;]

(f) ikollhom l-informazzjoni stabbilita fil-Punt 5 tal-Anness XVI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-bajd għat-tifqis ta' pollam;

II.2.9. jitgħabba sabiex jintbagħat lejn l-Unjoni f'mezz ta' trasport li huwa mibni f'konformità ma' II.2.8(a) u (b) u li tnaddaf u ġie ddiżinfettat b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u tnixxef jew tħalla jinxef immedjatament qabel it-tagħbija tal-bajd għat-tifqis sabiex jintbagħat lejn l-Unjoni;

(11)[II.2.10. huma maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 u:

(a) ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;

(b) ġejjin minn qatgħat li:

(3)*jew* [ma jkunux tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle.]]

| **I.24 Għadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-SEM-C-ENTRY**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. ……………………………………………………………………………………………

(*isem tal-pajjiż esportatur*)(1)

kien ħieles mill-pesta bovina u mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul il-perjodu ta' 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen għall-esportazzjoni u sad-data tad-dispaċċ tiegħu u ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard matul l-istess perjodu.

II.2. Is-semen deskritt hawn fuq inġabar qabel il-31 ta' Diċembru 2004 fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen(2) li:

II.2.1. issodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I tal-Anness A tad-Direttiva 88/407/KEE;

II.2.2. kien operat u ssorveljat f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu II tal-Anness A tad-Direttiva 88/407/KEE.

II.3. Iċ-ċentru li fih inġabar is-semen li għandu jiġi esportat kien ħieles mir-rabja, it-tuberkulożi, il-bruċellożi, l-antraċe u l-plewropulmonite bovina li tittieħed matul il-perjodu li jibda 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen li għandu jiġi esportat u t-30 jum wara l-ġbir.

II.4. Fiż-żmien meta nġabar is-semen deskritt hawn fuq, l-annimali bovini kollha li jinsabu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen:

II.4.1. kienu ġejjin minn merħliet u/jew ġew imwielda minn ommijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1(b) u (c) tal-Kapitolu I tal-Anness B tad-Direttiva 88/407/KEE;

II.4.2. kienu rriżultaw negattiv, fi żmien it-30 jum qabel il-perjodu ta' iżolament fi kwarantina, għal:

– it-testijiet imsemmija fil-punti 1(d)(i), (ii) u (iii) tal-Kapitolu I tal-Anness B tad-Direttiva 88/407/KEE, u

– test tan-newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA għal rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva, u

– test ta' iżolament virali (test fluworexxenti tal-antikorpi jew test tal-immunoperossidażi) għad-dijarea virali bovina li, fil-każ ta' annimal li jkollu inqas minn sitt xhur, ikun ġie differit sakemm tintlaħaq dik l-età;

II.4.3. kienu għaddew mill-perjodu ta' iżolament fi kwarantina ta' 30 jum u kienu ttestjaw negattiv għat-testijiet tas-saħħa li ġejjin:

– test seroloġiku għall-bruċellożi mwettaq f'konformità mal-proċedura deskritta fl-Anness C tad-Direttiva 64/432/KEE;

– jew test immunofluworexxenti tal-antikorpi jew test tal-kultura għal infezzjoni b'*Campylobacter fetus* fuq kampjun ta' materjal prepuzjali jew ħasliet artifiċjali vaġinali, jew inkella, fil-każ ta' annimal femminili, test tal-agglutinazzjoni tal-mukus vaġinali;

– eżami mikroskopiku u test tal-kultura għat-*Trichomonas foetus* fuq kampjun ta' materjal prepuzjali jew ħasliet artifiċjali vaġinali jew, fil-każ ta' annimal femminili, test tal-agglutinazzjoni tal-mukus vaġinali;

II.4.4. kienu ttestjaw negattiv, mill-inqas darba f'sena, għat-testijiet ta' rutina msemmija fil-punti 1(a), (b) u (c) fil-Kapitolu II tal-Anness B tad-Direttiva 88/407/KEE.

II.5. Fiż-żmien meta nġabar is-semen deskritt fil-Parti I,

II.5.1. l-annimali bovini femminili kollha fiċ-ċentru kienu ttestjaw negattiv, mill-inqas darba f'sena, għal test tal-agglutinazzjoni tal-mukus vaġinali għal infezzjoni b'*Campylobacter fetus*, u

II.5.2. il-barrin kollha użati għall-produzzjoni tas-semen kienu ttestjaw negattiv jew għal test immunofluworexxenti tal-antikorpi jew għal test tal-kultura għal infezzjoni b'*Campylobacter fetus* fuq kampjun ta' materjal prepuzjali jew ħasliet artifiċjali vaġinali mwettqa fi żmien 12-il xahar qabel il-ġbir.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-SEM-C-ENTRY**

II.6. Is-semen li għandu jiġi esportat inkiseb minn barrin donaturi li

II.6.1. jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness C tad-Direttiva 88/407/KEE;

*(3)jew* [II.6.2. kienu residenti fil-pajjiż esportatur matul is-sitt xhur immedjatament qabel il-ġbir tas-semen għall-esportazzjoni;]

*(3)jew* [II.6.2. ġew importati minn ………………………….(1) wara li qattgħu inqas minn sitt xhur fil-pajjiż esportatur u fil-ħin tal-importazzjoni ssodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li japplikaw għad-donaturi tas-semen li huwa maħsub għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea;]

II.6.3. jinsabu f'ċentru tal-ġbir tas-semen li fih:

*(3)jew* [l-annimali bovini kollha ma jkunux tlaqqmu kontra r-rinotrakeite bovina infettiva u, mill-inqas darba f'sena, ikunu ttestjaw negattiv għal test tan-newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA għal rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva;]

*(3)jew* [l-annimali bovini mhux imlaqqmin kontra r-rinotrakeite bovina infettiva jkunu ttestjaw negattiv, mill-inqas darba f'sena, għal test tan-newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA għal rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva, fejn ma sarx ittestjar għar-rinotrakeite bovina infettiva fuq barrin li kienu ngħataw l-ewwel tilqima tagħhom kontra r-rinotrakeite bovina infettiva fiċ-ċentru tal-inseminazzjoni wara li kienu ttestjaw negattiv għal test tan-newtralizzazzjoni tas-serum jew għal test ELISA għal rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva u li, sa mill-ewwel tilqima, kienu tlaqqmu mill-ġdid regolarment f'intervalli ta' mhux aktar minn sitt xhur;]

*(3)jew* [II.6.4. ma jkunux tlaqqmu kontra r-rinotrakeite bovina infettiva,]

*(3)jew* [II.6.4. ikunu tlaqqmu kontra r-rinotrakeite bovina infettiva f'konformità mal-punt II.6.3.,]

II.6.5. jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għas-semen ta' annimali bovini stipulati fil-Kapitolu dwar l-Ilsien Blu tal-Kodiċi dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE, skont l-istatus tal-pajjiż jew taż-żona ta' residenza,****

II.6.6. kienu residenti fil-pajjiż esportatur fejn jeżistu s-serotipi tal-marda epiżootika emorraġika (EHD) li ġejjin: ……………………………..: u ttestjaw negattiv f'żewġ okkażjonijiet mhux aktar minn 12-il xahar bogħod minn xulxin għal test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar(4) u għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għas-serotipi kollha ta' EHD elenkati hawn fuq, imwettqa f'laboratorju approvat fuq kampjuni tad-demm meħuda qabel u mhux inqas minn 21 jum wara l-ġbir tas-semen;***

II.6.7. kienu residenti fil-pajjiż esportatur fejn jeżistu s-serotipi tal-marda epiżootika emorraġika (EHD) li ġejjin: ……………………………..: u ttestjaw negattiv, qabel id-dħul u f'intervalli ta' kull sitt xhur, għal test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar(4) u għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għas-serotipi kollha ta' EHD elenkati hawn fuq, imwettqa f'laboratorju approvat;**

II.6.8. ittestjaw negattiv f'żewġ okkażjonijiet mhux aktar minn 12-il xahar bogħod minn xulxin għal test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-virus Akabane mwettaq f'laboratorju approvat fuq kampjuni tad-demm meħuda qabel u mhux inqas minn 21 jum wara l-ġbir tas-semen.*

II.7. Is-semen li għandu jiġi esportat inġabar wara d-data li fiha ċ-ċentru ġie approvat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-pajjiż esportatur.

II.8. Is-semen li għandu jiġi esportat kien ipproċessat, maħżun u ttrasportat taħt kundizzjonijiet li jissodisfaw it-termini tad-Direttiva 88/407/KEE qabel l-emenda tagħha bid-Direttiva 2003/43/KE.

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali bovini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tas-semen.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-SEM-C-ENTRY**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa I.6: "*Operatur responsabbli għall-kunsinna*": Din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal komodità fi tranżitu.

Kaxxa I.11: Il-"*post tad-dispaċċ*" għandu jikkorrispondi għaċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen.

Kaxxa I.12: "*Post tad-destinazzjoni*": Din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal komodità fi tranżitu.

Kaxxa I.19: Għandhom jiġu indikati l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill.

Kaxxa I.21: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.22: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.24: L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.27: In-numru ta' identifikazzjoni għandu jikkorrispondi għall-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-"*data tal-ġbir/produzzjoni*" għandha tkun qabel il-31 ta' Diċembru 2004 u tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

In-"*numru ta' approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant / tal-istabbiliment / taċ-ċentru*" għandu jikkorrispondi għan-numru ta' approvazzjoni taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen approvat fejn ikun inġabar is-semen.

**Parti II:**

(1) Pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss elenkati fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għas-semen ta' annimali bovini.

(2) Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen elenkati f'konformità mal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 88/407/KEE fuq is-sit web tal-Kummissjoni biss:

http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/index_en.htm.

(3) Ħassar kif meħtieġ.

(4) L-istandards għat-testijiet dijanjostiċi tal-virus EHD huma deskritti fil-Kapitolu dwar il-Virus tal-Ilsien Blu tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri.

**** Għandu jintuża biss mill-Awstralja, mill-Kanada u mill-Istati Uniti tal-Amerka.

*** Għandu jintuża biss mill-Awstralja u mill-Istati Uniti tal-Amerka.

** Għandu jintuża biss mill-Kanada.

* Għandu jintuża biss mill-Awstralja.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

KAPITOLU 42

**MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' OOĊITI U EMBRIJUNI TA' ANNIMALI BOVINI MIĠBURA JEW PRODOTTI, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAR-REGOLAMENT (UE) 2016/429 U MAR-REGOLAMENT DELEGAT (UE) 2020/692 WARA L-20 TA' APRIL 2021, MIBGĦUTA MILL-GRUPP GĦALL-ĠBIR JEW GĦALL-PRODUZZJONI TAL-EMBRIJUNI LI MINNU NĠABRU JEW ĠEW PRODOTTI L-OOĊITI JEW L-EMBRIJUNI (MUDELL "BOV-OOCYTES-EMB-A-ENTRY")**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE** |
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | I.1 | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.2 | **Referenza taċ-ċertifikat** — I.2a **Referenza tal-IMSOC** |
| | | | I.3 | **Awtorità Kompetenti Ċentrali** — **KODIĊI QR** |
| | | | I.4 | **Awtorità Kompetenti Lokali** |
| | I.5 | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.6 | **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | I.7 | **Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.9 | **Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | I.8 | **Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | I.10 | **Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi |
| | I.11 | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.12 | **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | I.13 | **Post tat-tagħbija** | I.14 | **Data u ħin tat-tluq** |
| | I.15 | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | I.16 | **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** |
| | | | I.17 | |
| | I.18 | **Kundizzjonijiet tat-trasport** — □ Ambjentali — □ Imkessaħ — □ Iffriżat | | |
| | I.19 | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | |
| | I.20 | **Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br>□ Prodotti ġerminali | | |
| | I.21 | □ **Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.22 | □ **Għas-suq intern** |
| | | | I.23 | |

| I.24 Għadd totali ta' imballaġġi | I.25 Kwantità totali | I.26 |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-OOCYTES-EMB-A-ENTRY**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-oċiti[(1)]/ l-embrijuni derivati *in vivo*[(1)]/ l-embrijuni prodotti *in vitro*[(1)]/ l-embrijuni mikromanipulati[(1)] deskritti fil-Parti I huma maħsuba għar-riproduzzjoni artifiċjali u nkisbu minn annimali donaturi li joriġinaw minn pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu

II.1.1. awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' oċiti[(1)]/ embrijuni[(1)] ta' annimali bovini u elenkati fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404;

[(1)]*jew* [II.1.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir[(1)]/ il-produzzjoni[(1)] tal-oċiti[(1)]/ tal-embrijuni[(1)] u sad-data tad-dispaċċ tagħhom;]

[(1)]*jew* [II.1.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu li jibda fid-data[(2)] ………… (*daħħal id-data jj/xx/ssss*) immedjatament qabel il-ġbir tal-oċiti[(1)]/ tal-embrijuni[(1)] u sad-data tad-dispaċċ tagħhom;]

II.1.3. fejn ma ġewx irrapportati infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, plewropulmonite bovina li tittieħed u marda tal-infafet fil-ġilda għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir[(1)]/ il-produzzjoni[(1)] tal-oċiti[(1)]/ tal-embrijuni[(1)] u sad-data tad-dispaċċ tagħhom;

II.1.4. fejn ma sar l-ebda tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift u plewropulmonite bovina li tittieħed għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir[(1)]/ il-produzzjoni[(1)] tal-oċiti[(1)]/ tal-embrijuni[(1)] u sad-data tad-dispaċċ tagħhom, u l-ebda annimal imlaqqam ma jkun daħal fil-pajjiż terz, fit-territorju jew fiż-żona tiegħu matul dak il-perjodu.

[(1)][II.2. L-embrijuni derivati *in vivo* deskritti fil-Parti I inġabru, ġew ipproċessati u maħżuna, u ntbagħtu mill-grupp għall-ġbir tal-embrijuni[(3)] li

II.3.1. huwa approvat u elenkat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;

II.3.2. jikkonforma mar-rekwiżiti fir-rigward tar-responsabbiltajiet, il-proċeduri operattivi, il-faċilitajiet u t-tagħmir stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686.]

[(1)][II.2. L-oċiti[(1)]/ l-embrijuni prodotti *in vitro*[(1)] deskritti fil-Parti I inġabru jew ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna, u ntbagħtu mill-grupp ta' produzzjoni tal-embrijuni[(3)] li

II.3.1. huwa approvat u elenkat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;

II.3.2. jikkonforma mar-rekwiżiti fir-rigward tar-responsabbiltajiet, il-proċeduri operattivi, il-faċilitajiet u t-tagħmir stabbiliti fil-Partijiet 2 u 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686.]

II.3. L-oċiti[(1)]/ l-embrijuni[(1)] deskritti fil-Parti I inkisbu mill-annimali donaturi li joriġinaw minn stabbilimenti

II.3.1. ħielsa minn infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (M. bovis, M. caprae u M. tuberculosis), u qatt ma jkunu nżammu qabel f'xi stabbiliment bi stat ta' saħħa inferjuri;

II.3.2. ħielsa minn infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* u qatt ma jkunu nżammu qabel f'xi stabbiliment bi stat ta' saħħa inferjuri;

[(1)]*jew* [II.3.3. ħielsa minn lewkożi enzootika bovina u qatt ma jkunu nżammu qabel f'xi stabbiliment bi stat ta' saħħa inferjuri;]

[(1)]*jew* [II.3.3. ma jkunux ħielsa minn lewkożi enzootika bovina u l-veterinarju uffiċjali responsabbli għall-istabbiliment tal-oriġini jkun iċċertifika li ma kien hemm l-ebda każ kliniku ta' lewkożi enzootika bovina matul perjodu ta' mill-inqas it-3 snin ta' qabel;]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-OOCYTES-EMB-A-ENTRY**

(1)*jew* [II.3.4. ikunu ħielsa minn rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva u qatt ma jkunu nżammu qabel f'xi stabbiliment bi stat ta' saħħa inferjuri;]

(1)*jew* [II.3.4. ma jkunux ħielsa minn rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva u l-veterinarju uffiċjali responsabbli għall-istabbiliment tal-oriġini jkun iċċertifika li ma kien hemm l-ebda każ kliniku ta' rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva matul perjodu ta' mill-inqas it-12-il xahar ta' qabel;]

II.3.5. fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) matul il-perjodu ta' 30 jum qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1), u

(1)*jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra fl-istabbilimenti matul l-aħħar sentejn qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1);]

(1)*jew* [tkun ġiet irrapportata surra fl-istabbilimenti matul l-aħħar sentejn qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbilimenti jkunu baqgħu taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment sakemm

- l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment, u
- l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment kienu soġġetti għal test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment;]

II.4. L-ooċiti(1)/ l-embrijuni(1) deskritti fil-Parti I inkisbu mill-annimali donaturi li

II.4.1. ma tlaqqmux kontra infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, il-plewropulmonite bovina li tittieħed u l-marda tal-infafet fil-ġilda;

II.4.2. baqgħu għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur qabel id-data tal-ġbir(1)/ tal-produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1) f'pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu msemmija fil-Kaxxa I.7.;

II.4.3. għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir(1)/ produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u matul il-perjodu tal-ġbir

II.4.3.1. inżammu fi stabbilimenti li ma jinsabux f'żona ristretta stabbilita minħabba l-okkorrenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, ta' infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, ta' infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, tal-plewropulmonite bovina li tittieħed jew tal-marda tal-infafet fil-ġilda, jew ta' marda emerġenti rilevanti għall-annimali bovini;

II.4.3.2. inżammu fi stabbiliment wieħed fejn ma ġewx irrapportati infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis*, infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*), rabja, antraċe, surra (*Trypanosoma evansi*), lewkożi enzootika bovina, rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva, dijarea virali bovina, infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika u infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24);

II.4.3.3. ma kinux f'kuntatt ma' annimali minn stabbilimenti li jinsabu f'żona ristretta minħabba l-okkorrenza tal-mard imsemmi fil-punt II.4.3.1. jew minn stabbilimenti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt II.4.3.2.;

II.4.3.4. ma ntużawx għat-tnissil naturali;

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-OOCYTES-EMB-A-ENTRY**

II.4.4. ġew eżaminati mill-veterinarju tal-grupp jew minn membru tal-grupp tiegħu u ma wrew l-ebda sintomu jew sinjal kliniku ta' mard tal-annimali trażmissibbli fil-jum tal-ġbir[(1)]/ tal-produzzjoni[(1)] tal-ooċiti[(1)]/ tal-embrijuni[(1)];

II.4.5. jiġu identifikati individwalment kif previst fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

II.4.6. jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer

II.4.6.1. ikunu ġejjin minn stabbilimenti

- li jinsabu f'żona fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer f'raġġ ta' 10 km iċċentrat fuq l-istabbiliment għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament qabel id-data tal-ġbir[(1)]/ tal-produzzjoni[(1)] tal-ooċiti[(1)]/ tal-embrijuni[(1)];
- li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer matul perjodu ta' mill-inqas 3 xhur immedjatament qabel id-data tal-ġbir[(1)]/ tal-produzzjoni[(1)] tal-ooċiti[(1)]/ tal-embrijuni[(1)];

*[(1)]jew* [II.4.6.2. ma jkunux tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer;]

*[(1)(4)]jew* [II.4.6.2. ikunu tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tal-ġbir tal-embrijuni u

II.4.6.2.1. ma jkunux tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-perjodu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament qabel id-data tal-ġbir tal-embrijuni;

II.4.6.2.2. is-semen użat għall-fertilizzazzjoni ngħabar minn annimal donatur maskili li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1(b) tal-Kapitolu I tal-Parti 5 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jew inkella s-semen jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu I tal-Parti 5 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

II.4.6.2.3. qabel l-iffriżar, l-embrijuni jkunu ġew soġġetti għal ħasil bit-tripsina mwettaq f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Manwal tal-IETS[(5)];

II.4.6.2.4. l-embrijuni jkunu nħażnu permezz ta' ffriżar qawwi f'daqqa għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum mid-data tal-ġbir u, matul dan il-perjodu, l-annimal donatur ma jkunx wera sinjali kliniċi tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer;]

*[(1)(6)]*[II.4.7. jikkonformaw ma' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward ta' infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24):

*[(1)]jew* [II.4.7.1. ikunu nżammu għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tal-ooċiti f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u fejn ma jkun ġie kkonfermat l-ebda każ ta' infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) matul l-aħħar 24 xahar fil-popolazzjoni tal-annimali fil-mira;]

*[(1)]u/jew* [II.4.7.2. ikunu nżammu f'żona staġjonalment ħielsa mill-mard, matul il-perjodu staġjonalment ħieles mill-mard, għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tal-ooċiti, f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu bi programm ta' eradikazzjoni approvat kontra infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24);]

(1)u/jew [II.4.7.3. ikunu nżammu f'żona staġjonalment ħielsa mill-mard, matul il-perjodu staġjonalment ħieles mill-mard, għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tal-ooċiti, f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu fejn l-awtorità kompetenti tal-post tal-oriġini tal-kunsinna ta' ooċiti(1)/ embrijuni prodotti *in vitro*(1) tkun kisbet il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni għall-kundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' dik iż-żona staġjonalment ħielsa mill-mard u sabiex tiġi aċċettata l-kunsinna ta' ooċiti(1)/ embrijuni prodotti *in vitro*(1);]

(1)u/jew [II.4.7.4. ikunu nżammu fi stabbiliment protett mill-vetturi għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tal-ooċiti;]

(1)u/jew [II.4.7.5. ikunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' antikorpi għas-serogrupp 1-24 tal-virus tal-ilsien blu, b'riżultati negattivi, bejn 28 u 60 jum mid-data ta' kull ġbir tal-ooċiti;]

(1)u/jew [II.4.7.6. ikunu ġew soġġetti għal test ta' identifikazzjoni tal-aġenti għall-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24), b'riżultati negattivi, fuq kampjun tad-demm meħud fil-jum tal-ġbir tal-ooċiti;]]

(1)(6)[II.4.8. jikkonformaw ma' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward ta' infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika (serotipi 1-7) (EHDV 1-7):

(1)jew [II.4.8.1. ikunu nżammu għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tal-ooċiti f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu fejn ma tkunx ġiet irrapportata EHDV 1-7 għal perjodu ta' mill-inqas is-sentejn preċedenti f'raġġ ta' 150 km mill-istabbiliment;]

(1)u/jew [II.4.8.2. ikunu nżammu fi stabbiliment protett mill-vetturi għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tal-ooċiti;]

(1)u/jew [II.4.8.3. kienu residenti fil-pajjiż esportatur li fih, skont is-sejbiet uffiċjali, jeżistu s-serotipi li ġejjin tal-EHDV: ………………………… u jkunu ġew soġġetti, b'riżultati negattivi f'kull każ, għat-testijiet li ġejjin imwettqa f'laboratorju uffiċjali:

(1)jew [II.4.8.3.1. test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-EHDV 1-7, b'riżultati negattivi, fuq kampjun tad-demm li ttieħed bejn 28 u 60 jum mid-data tal-ġbir tal-ooċiti;]]

(1)u/jew [II.4.8.3.2. test għall-identifikazzjoni tal-aġenti għall-EHDV 1-7, b'riżultati negattivi, fuq kampjun tad-demm meħud fil-jum tal-ġbir tal-ooċiti.]]]

(1)(6)[II.4.9. jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-Kapitolu III tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;]

II.5. L-ooċiti(1)/ l-embrijuni(1) deskritti fil-Parti I

II.5.1. ikunu ngħabru, ġew ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fil-Parti 2(1)/fil-Parti 3(1)/fil-Parti 4(1)/fil-Parti 5(1) u fil-Parti 6 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

II.5.2. jitqiegħed/jitqiegħdu f'tubi jew pakketti oħrajn li fuqhom tiġi applikata l-marka f'konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 83(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u dik il-marka hija indikata fil-Kaxxa I.27;

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-OOCYTES-EMB-A-ENTRY**

II.5.3. jiġu ttrasportati f'kontenitur li:

II.5.3.1. kien issiġillat u nnumerat qabel intbagħat mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju tal-grupp, jew minn veterinarju uffiċjali, u s-siġill għandu n-numru kif indikat fil-Kaxxa I.19;

II.5.3.2. ikun tnaddaf u ġie diżinfettat jew sterilizzat qabel l-użu, jew ikun kontenitur ġdid li jintuża darba;

(1)(7)[II.5.3.3. ikun imtela bl-aġent krijoġeniku li ma jkunx intuża qabel għal prodotti oħrajn;]

(1)(8)[II.5.4. jitqiegħdu f'tubi jew pakketti oħrajn li jkunu ssiġillati b'mod sikur u ermetikament;

II.5.5. jiġu ttrasportati f'kontenitur fejn ikunu separati minn xulxin permezz ta' kompartimenti fiżiċi jew billi jitqiegħdu f'boroż protettivi sekondarji.]

(1)(9)[II.6.L-embrijuni derivati *in vivo*(1)/ l-embrijuni prodotti *in vitro*(1)/ l-embrijuni mikromanipulati(1) deskritti fil-Parti I tnisslu permezz ta' inseminazzjoni artifiċjali bl-użu ta' semen li kien ġej minn ċentru tal-ġbir tas-semen, stabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali jew stabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali approvat għall-ġbir, l-ipproċessar u/jew il-ħżin tas-semen mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu elenkati fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għas-semen ta' annimali bovini jew mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru.]

(1)(10)[II.7. L-antibijotiku li ġej jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejja(11) żdied/żdiedet mal-mezzi ta' ġbir, ipproċessar, ħasil jew ħżin: ……………………………………………………………………………]

**Noti**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

| | |
|---|---|
| Kaxxa ta' referenza I.11: | "*Post tad-dispaċċ*": Indika n-numru ta' approvazzjoni uniku u l-isem u l-indirizz tal-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni tad-dispaċċ tal-kunsinna ta' ooċiti jew embrijuni. Il-gruppi għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/ova_embryos_en.htm. |
| Kaxxa ta' referenza I.12: | "*Post tad-destinazzjoni*": Indika l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tad-destinazzjoni tal-kunsinna ta' ooċiti jew embrijuni. |
| Kaxxa ta' referenza I.19: | Għandu jiġi indikat in-numru tas-siġill. |
| Kaxxa ta' referenza I.24: | L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri. |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-OOCYTES-EMB-A-ENTRY**

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Speċi*": Agħżel minn fost "*Bos taurus*", "*Bison bison*" jew "*Bubalus bubalis*", kif xieraq.

"*Tip*": Speċifika jekk humiex oċċiti, embrijuni derivati *in vivo*, embrijuni prodotti *in vitro* jew embrijuni mikromanipulati.

"*Numru ta' identifikazzjoni*": Indika n-numru ta' identifikazzjoni ta' kull annimal donatur.

"*Marka ta' identifikazzjoni*": Indika l-marka fuq it-tubu jew fuq pakketti oħrajn fejn jitqiegħdu l-oċċiti jew l-embrijuni tal-kunsinna.

"*Data tal-ġbir/produzzjoni*": Indika d-data li fiha nġabru jew ġew prodotti l-oċċiti jew l-embrijuni tal-kunsinna.

"*In-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant / tal-istabbiliment / taċ-ċentru*": indika n-numru ta' approvazzjoni uniku tal-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti l-oċċiti jew l-embrijuni.

"*Kwantità*": Indika n-numru ta' tubi jew pakketti oħrajn bl-istess marka.

**Parti II:**

(1) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(2) Għal pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss bid-data tal-ftuħ f'konformità mal-kolonna 9 fil-parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Il-gruppi għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/ova_embryos_en.htm.

(4) Għażla disponibbli biss għall-kunsinna ta' embrijuni derivati *in vivo*.

(5) Manwal tas-Soċjetà Internazzjonali tat-Trasferiment tal-Embrijuni — Gwida proċedurali u informazzjoni ġenerali għall-użu tat-teknoloġija tat-trasferiment tal-embrijuni li tenfasizza l-proċeduri sanitarji, ippubblikata mis-Soċjetà Internazzjonali tat-Trasferiment tal-Embrijuni 1 111 North Dunlap Avenue, Savoy, Illinois 61 874 USA (http://www.iets.org/).

(6) Applikabbli għall-kunsinna ta' oċċiti u embrijuni prodotti *in vitro*.

(7) Applikabbli għal oċċiti jew embrijuni ffriżati.

(8) Applikabbli għall-kunsinna fejn f'kontenitur wieħed jitqiegħdu u jiġu ttrasportati l-oċċiti, l-embrijuni derivati *in vivo*, l-embrijuni prodotti *in vitro* u l-embrijuni mikromanipulati ta' annimali bovini.

(9) Ma japplikax għall-oċċiti.

(10) Attestazzjoni obbligatorja fil-każ li jżdiedu l-antibijotiċi.

(11) Daħħal l-isem/ismijiet tal-antibijotiku/antibijotiċi miżjud(a) u l-konċentrazzjoni tiegħu/tagħhom.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

## KAPITOLU 43

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' STOKKIJIET TA' EMBRIJUNI DERIVATI *IN VIVO* TA' ANNIMALI BOVINI MIĠBURA, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA QABEL IL-21 TA' APRIL 2021 F'KONFORMITÀ MAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 89/556/KEE, MIBGĦUTA WARA L-20 TA' APRIL 2021 MILL-GRUPP GĦALL-ĠBIR TAL-EMBRIJUNI LI MINNU NĠABRU L-EMBRIJUNI (MUDELL "BOV-IN-VIVO-EMB-B-ENTRY")

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE | |
|---|---|---|---|
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC** |
| | | **I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | | **I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | **I.17** | |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali | □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur | Nru tas-siġill | |
| | **I.20 Iċ-ċertifikat bħala jew għal** | | |
| | □ Prodotti ġerminali | | |
| | **I.21 □ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22 □ Għas-suq intern** | |
| | | **I.23** | |

| **I.24 Għadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-in-vivo-EMB-B-ENTRY**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** | **Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b** | **Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt ta' …………………………………………… niċċertifika li:

*(pajjiż esportatur)*[(1)]

II.1. L-embrijuni li għandhom jiġu esportati:

II.1.1. inġabru fil-pajjiż esportatur li, skont is-sejbiet uffiċjali:

II.1.1.1. kien ħieles mill-pesta bovina matul il-perjodu ta' 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tagħhom;

[(2)]*jew* [II.1.1.2. ma kienx ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u mill-marda tal-infafet fil-ġilda matul il-perjodu ta' 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tagħhom u fih ma sar l-ebda tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul dak il-perjodu.]

[(2)]*jew* [II.1.1.2. ma kienx ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew mill-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tagħhom jew fih ma sar l-ebda tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul dak il-perjodu, u:

– l-embrijuni ma kinux soġġetti għall-penetrazzjoni taz-*zona pellucida*,
– l-embrijuni nħażnu f'kundizzjonijiet approvati għal mill-inqas 30 jum immedjatament wara l-ġbir tagħhom,
– l-annimali femminili donaturi ġejjin minn azjendi li fihom l-ebda annimal ma tlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-30 jum qabel il-ġbir u l-ebda annimal ta' speċi suxxettibbli ma wera sinjali kliniċi tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-30 jum qabel, u mill-inqas it-30 jum wara li nġabru l-embrijuni.]

II.1.2. inġabru mill-grupp għall-ġbir tal-embrijuni[(3)] li:

– kien approvat f'konformità mal-Kapitolu I tal-Anness A tad-Direttiva 89/556/KEE;
– wettaq il-ġbir, l-ipproċessar, il-ħżin u t-trasport tal-embrijuni f'konformità mal-Kapitolu II tal-Anness A tad-Direttiva 89/556/KEE;
– kien soġġett għal spezzjoni minn veterinarju uffiċjali mill-inqas darbtejn fis-sena.

II.1.3. inġabru u ġew ipproċessati fi stabbilimenti li jinsabu f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km iċċentrat fuqhom, fejn skont sejbiet uffiċjali ma kien hemm l-ebda okkorrenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-marda emorraġika epiżootika, tal-istomatite vexxikulari, tad-deni tal-Wied tar-Rift, tal-plewropulmonite bovina li tittieħed jew tal-marda tal-infafet fil-ġilda fit-30 jum immedjatament qabel il-ġbir tagħhom u sakemm intbagħtu lejn l-Unjoni, fil-każ ta' embrijuni friski, jew matul it-30 jum wara l-ġbir, fil-każ ta' embrijuni soġġetti għal ħżin obbligatorja għal mill-inqas 30 jum f'konformità mal-punt II.1.1.2.

II.1.4. mill-ħin tal-ġbir tal-oċiti sa 30 jum wara jew, fil-każ ta' embrijuni friski, sa dakinhar li jintbagħtu lejn l-Unjoni, ikunu nħażnu fi stabbilimenti li jinsabu f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km iċċentrat fuqhom, fejn skont sejbiet uffiċjali ma kien hemm l-ebda okkorrenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-istomatite vexxikulari, tad-deni tal-Wied tar-Rift, tal-plewropulmonite bovina li tittieħed jew tal-marda tal-infafet fil-ġilda.

II.1.5. inġabru mill-annimali femminili donaturi, li:

II.1.5.1. kienu jinsabu, matul it-30 jum immedjatament qabel il-ġbir, fi stabbilimenti li jinsabu f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km li fihom, skont sejbiet uffiċjali, ma kien hemm l-ebda okkorrenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-virus tal-ilsien blu, tal-marda emorraġika epiżootika, tal-istomatite vexxikulari, tad-deni tal-Wied tar-Rift, tal-plewropulmonite bovina li tittieħed jew tal-marda tal-infafet fil-ġilda;

II.1.5.2. ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard fil-jum tal-ġbir;

II.1.5.3. qattgħu s-sitt xhur immedjatament qabel il-ġbir fit-territorju tal-pajjiż esportatur f'mhux aktar minn żewġ merħliet:

– li, skont ir-riżultati uffiċjali, kienu ħielsa mit-tuberkulożi matul dak il-perjodu,
– li, skont sejbiet uffiċjali, kienu ħielsa mill-bruċellożi matul dak il-perjodu,
– li kienu ħielsa mil-lewkożi bovina enżootika jew li fihom l-ebda annimal ma wera sinjali kliniċi ta' lewkożi bovina enżootika matul it-tliet snin ta' qabel,
– li fihom l-ebda annimal bovin ma wera sinjali kliniċi ta' rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva matul it-12-il xahar preċedenti.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-in-vivo-EMB-B-ENTRY**

II.1.6. L-embrijuni li għandhom jiġu esportati tnisslu permezz ta' inseminazzjoni artifiċjali bl-użu ta' semen li ġej minn ċentri għall-ġbir jew għall-ħżin tas-semen approvati għall-ġbir, l-ipproċessar u/jew il-ħżin tas-semen mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz jew parti minnu elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE(4) jew mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru.

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' embrijuni ta' annimali bovini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-embrijuni.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa I.6: "*Operatur responsabbli għall-kunsinna*": din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal komodità fi tranżitu.

Kaxxa I.11: Il-"*post tad-dispaċċ*" għandu jikkorrispondi għall-grupp għall-ġbir tal-embrijuni li minnu jintbagħtu l-embrijuni lejn l-Unjoni u li huwa elenkat f'konformità mal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/556/KEE fuq is-sit web tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/ova_embryos_en.htm.

Kaxxa I.19: Għandhom jiġu indikati l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill.

Kaxxa I.21: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.22: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.24: L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.27: "*Speċi*": Agħżel minn fost "*Bos taurus*", "*Bison bison*" jew "*Bubalus bubalis*", kif xieraq.

"*Tip*": Agħżel "embrijuni derivati *in vivo*".

In-numru ta' identifikazzjoni għandu jikkorrispondi għall-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-"*data tal-ġbir/produzzjoni*" għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj.xx.ssss

In-"*numru ta' approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant / tal-istabbiliment / taċ-ċentru*" għandu jikkorrispondi għall-grupp għall-ġbir tal-embrijuni li minnu nġabru, ġew ipproċessati u maħżuna l-embrijuni; u elenkati f'konformità mal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/556/KEE fuq is-sit web tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/ova_embryos_en.htm.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-in-vivo-EMB-B-ENTRY**

**Parti II:**

(1) Pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss elenkati fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għall-embrijuni ta' annimali bovini.

(2) Ħassar kif xieraq.

(3) Il-gruppi għall-ġbir tal-embrijuni elenkati f'konformità mal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/556/KEE fuq is-sit web tal-Kummissjoni biss: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/ova_embryos_en.htm.

(4) ĠU L 247, 24.9.2011, p. 32.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

## KAPITOLU 44

# MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' STOKKIJIET TA' EMBRIJUNI PRODOTTI *IN VITRO* TA' ANNIMALI BOVINI PRODOTTI, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA QABEL IL-21 TA' APRIL 2021 F'KONFORMITÀ MAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 89/556/KEE, IMNISSLIN BL-UŻU TA' SEMEN KONFORMI MAR-REKWIŻITI TAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 88/407/KEE, MIBGĦUTA WARA L-20 TA' APRIL 2021 MILL-GRUPP TA' PRODUZZJONI TAL-EMBRIJUNI LI MINNU ĠEW PRODOTTI L-EMBRIJUNI (MUDELL "BOV-IN-VITRO-EMB-C-ENTRY")

| **PAJJIŻ** | | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE** |
|---|---|---|---|
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | | |
| **I.1** | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2** | **Referenza taċ-ċertifikat** — **I.2a** **Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR** |
| | | **I.3** | **Awtorità Kompetenti Ċentrali** |
| | | **I.4** | **Awtorità Kompetenti Lokali** |
| **I.5** | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6** | **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.7** | **Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9** | **Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.8** | **Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10** | **Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi |
| **I.11** | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12** | **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.13** | **Post tat-tagħbija** | **I.14** | **Data u ħin tat-tluq** |
| **I.15** | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16** | **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** |
| | | **I.17** | |
| **I.18** | **Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat | | |
| **I.19** | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | |
| **I.20** | **Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br>□ Prodotti ġerminali | | |
| **I.21** | □ **Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22** | □ **Għas-suq intern** |
| | | **I.23** | |

| I.24 Ghadd totali ta' imballaġġi | I.25 Kwantità totali | I.26 |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-in-vitro-EMB-C-ENTRY**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt ta' ………………….........…………………… niċċertifika li:

*(pajjiż esportatur)*(1)

II.1. L-embrijuni li għandhom jiġu esportati:

II.1.1. ġew prodotti fil-pajjiż esportatur, li skont is-sejbiet uffiċjali:

II.1.1.1. kien ħieles mill-pesta bovina matul il-perjodu ta' 12-il xahar immedjatament qabel il-produzzjoni tagħhom;

(2)*jew* [II.1.1.2. kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u mill-marda tal-infafet fil-ġilda matul il-perjodu ta' 12-il xahar immedjatament qabel il-produzzjoni tagħhom u ma għamilx tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul dak il-perjodu.]

(2)*jew* [II.1.1.2. ma kienx ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew mill-marda tal-infafet fil-ġilda matul il-perjodu ta' 12-il xahar immedjatament qabel il-produzzjoni tagħhom jew għamel tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul dak il-perjodu, u

- l-embrijuni ġew prodotti mingħajr penetrazzjoni taz-*zona pellucida*,
- l-embrijuni nħażnu taħt il-kundizzjonijiet approvati għal mill-inqas 30 jum immedjatament wara l-produzzjoni tagħhom,
- l-annimali femminili donaturi ġejjin minn azjendi li fihom l-ebda annimal ma tlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-30 jum qabel il-ġbir u l-ebda annimal ta' speċi suxxettibbli ma wera sinjali kliniċi tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew tal-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-30 jum qabel, u mill-inqas 30 jum wara li ngabru l-oociti.]

II.1.2. ġew prodotti mill-grupp ta' produzzjoni tal-embrijuni(3) li:

- kien approvat f'konformità mal-Kapitolu I tal-Anness A tad-Direttiva 89/556/KEE,
- wettaq il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-ħżin u t-trasport f'konformità mal-Kapitolu II tal-Anness A tad-Direttiva 89/556/KEE,
- kien soġġett għal spezzjoni minn veterinarju uffiċjali mill-inqas darbtejn fis-sena.

II.2. L-ooċiti użati fil-produzzjoni tal-embrijuni li għandhom jiġu esportati ngabru fi stabbilimenti li jinsabu f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km iċċentrat fuqhom, fejn skont sejbiet uffiċjali ma kien hemm l-ebda okkorrenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-marda emorraġika epiżootika, tal-istomatite vexxikulari, tad-deni tal-Wied tar-Rift, tal-plewropulmonite bovina li tittieħed jew tal-marda tal-infafet fil-ġilda fit-30 jum immedjatament qabel il-ġbir tagħhom u sakemm intbagħtu lejn l-Unjoni, fil-każ ta' embrijuni friski, jew matul it-30 jum wara l-ġbir, fil-każ ta' embrijuni soġġetti għal ħżin obbligatorja għal mill-inqas 30 jum f'konformità mal-punt II.1.1.2.

II.3. Mill-ħin tal-ġbir tal-ooċiti sa 30 jum wara jew, fil-każ ta' embrijuni friski, sa dakinhar li jintbagħtu, l-embrijuni li għandhom jiġu esportati nħażnu fi stabbilimenti li jinsabu f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km iċċentrat fuqhom, fejn skont sejbiet uffiċjali ma kien hemm l-ebda okkorrenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-istomatite vexxikulari, tad-deni tal-Wied tar-Rift, tal-plewropulmonite bovina li tittieħed jew tal-marda tal-infafet fil-ġilda.

II.4. Id-donaturi tal-ooċiti użati fil-produzzjoni tal-embrijuni li għandhom jiġu esportati:

II.4.1. kienu jinsabu, matul it-30 jum immedjatament qabel il-ġbir tal-ooċiti, fi stabbilimenti li jinsabu f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km li fihom, skont sejbiet uffiċjali, ma kien hemm l-ebda okkorrenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-virus tal-ilsien blu, tal-marda emorraġika epiżootika, tal-istomatite vexxikulari, tad-deni tal-Wied tar-Rift, tal-plewropulmonite bovina li tittieħed jew tal-marda tal-infafet fil-ġilda;

II.4.2. ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard fil-jum tal-ġbir;

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat BOV-in-vitro-EMB-C-ENTRY**

II.4.3. qattgħu s-sitt xhur immedjatament qabel il-ġbir fit-territorju tal-pajjiż esportatur f'mhux aktar minn żewġ merħliet:

- li, skont ir-riżultati uffiċjali, kienu ħielsa mit-tuberkulożi matul dak il-perjodu,
- li, skont sejbiet uffiċjali, kienu ħielsa mill-bruċellożi matul dak il-perjodu,
- li kienu ħielsa mil-lewkożi bovina enżootika jew li fihom l-ebda annimal ma wera sinjali kliniċi ta' lewkożi bovina enżootika matul it-tliet snin ta' qabel,
- li fihom l-ebda annimal bovin ma wera sinjali kliniċi ta' rinotrakejite infettiva/vulvo-vaġinite pustulari infettiva matul it-12-il xahar ta' qabel;

*(2)jew* [II.4.4. inżammu f'pajjiż jew żona ħielsa mill-vajrus tal-bluetongue għal mill-inqas 60 jum qabel, u matul, il-ġbir tal-ooċiti.]

| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17** |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat | |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill | |
| | **I.20 Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br>□ Prodotti ġerminali | |
| | **I.21** □ **Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22** □ **Għas-suq intern**<br>**I.23** |

| **I.24 Għadd totali ta' imballaġġi** | | **I.25 Kwantità totali** | | **I.26** | |
|---|---|---|---|---|---|
| **I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | | | | |
| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-SEM-A-ENTRY**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** | **Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b** | **Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Is-semen deskritt fil-Parti I huwa maħsub għar-riproduzzjoni artifiċjali u nkiseb minn annimali donaturi li joriġinaw minn pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu

II.1.1. awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' semen ta' annimali ovini(1)/kaprini(1) u elenkati fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404;

(1)*jew* [II.1.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu;]

(1)*jew* [II.1.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu li jibda fid-data(2) ………… (*daħħal id-data jj/xx/ssss*) immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu;]

II.1.3. fejn ma ġewx irrapportati infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż u l-plewropulmonite kaprina li tittieħed għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu;

II.1.4. fejn ma jkun sar l-ebda tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż u l-plewropulmonite kaprina li tittieħed għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu, u l-ebda annimal imlaqqam ma jkun iddaħħal fil-pajjiż terz, f'territorju jew żona tiegħu matul dak il-perjodu.

II.2. Is-semen deskritt fil-Parti I inkiseb minn annimali donaturi li joriġinaw, qabel il-bidu tal-kwarantina msemmija fil-punt II.4.6., minn stabbilimenti

II.2.1. jinsabu f'żona fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer f'raġġ ta' 10 km iċċentrat fuq l-istabbiliment għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum u fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul perjodu ta' mill-inqas 3 xhur, u

(1)*jew* [ma jkunux tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer;]

(1)*jew* [ikunu tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tal-ġbir tas-semen iżda mhux matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum immedjatament qabel id-data tal-ġbir tas-semen, u 5 % (b'minimu ta' ħames tubi) ta' kull kwantità ta' semen meħuda minn annimal donatur fi kwalunkwe ħin tiġi sottomessa għal test ta' iżolament virali għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer b'riżultati negattivi;]

II.2.2. ħielsa minn infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* u qatt ma nżammu qabel f'xi stabbiliment bi stat ta' saħħa inferjuri;

(1)(3)[II.2.3. li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis, M. caprae u M. tuberculosis*) matul l-aħħar 42 jum;]

(1)(5)[II.2.3. li fihom tkun twettqet sorveljanza għal infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis (M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis)* fuq l-annimali kaprini miżmuma fl-istabbilimenti matul mill-inqas l-aħħar 12-il xahar, f'konformità ma' proċeduri previsti fil-punti 1 u 2 tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 u, f'każ li, matul dan il-perjodu, tkun ġiet irrapportata infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis (M. bovis, M. caprae* u *M. tuberculosis)* fl-annimali kaprini miżmuma fl-istabbiliment, ikunu ttieħdu miżuri f'konformità mal-Parti 1(3) tal-Anness II ta' dak ir-Regolament Delegat;]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-SEM-A-ENTRY**

II.2.4. li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar 30 jum, u

(1)*jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra fl-istabbilimenti matul l-aħħar sentejn;]

(1)*jew* [tkun ġiet irrapportata surra fl-istabbilimenti matul l-aħħar sentejn u, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbilimenti jkunu baqgħu taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment sakemm

- l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment, u
- l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment kienu soġġetti għal test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment;]

(1)(3)[II.2.5. fejn ikunu baqgħu għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 60 jum u fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda epididimite ovina (*Brucella ovis*) matul il-perjodu ta' 12-il xahar;]

(1)(4)[II.2.6. fejn, matul il-perjodu ta' 60 jum qabel ma jinżammu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina msemmija fil-punt II.4.6. ikunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għall-epididimite ovina (*Brucella ovis*), jew kwalunkwe test ieħor ta' sensittività u speċifiċità dokumentati ekwivalenti, b'riżultati negattivi, kif meħtieġ f'konformità mal-punt 1(b) tal-Kapitolu I tal-Parti 3 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;]

(1)(5)[II.2.7. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni b'*Burkholderia mallei* (glanders) matul il-perjodu ta' 6 xhur.]

II.3. Is-semen deskritt fil-Parti I ikun inġabar, ġie pproċessat u maħżun, u ntbagħat miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen(6) li

II.3.1. huwa approvat u elenkat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;

II.3.2. jikkonforma mar-rekwiżiti fir-rigward tar-responsabbiltajiet, il-proċeduri operattivi, il-faċilitajiet u t-tagħmir stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686.

II.4. Is-semen deskritt fil-Parti I inkiseb minn annimali donaturi li

II.4.1. ma tlaqqmux kontra infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż u l-plewropulmonite kaprina li tittieħed;

II.4.2. baqgħu għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen f'pajjiż terz jew f'territorju jew żona tiegħu msemmija fil-Kaxxa I.7.;

II.4.3. ma wrewx sintomi jew sinjali kliniċi ta' mard trażmissibbli tal-annimali fil-jum tad-dħul tagħhom f'ċentru tal-ġbir tas-semen u fil-jum tal-ġbir tas-semen;

II.4.4. jiġu identifikati individwalment kif previst fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

II.4.5. għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen u matul il-perjodu tal-ġbir

II.4.5.1. inżammu fi stabbilimenti li ma jinsabux f'żona ristretta stabbilita minħabba l-okkorrenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, ta' infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, ta' infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, ta' infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, tal-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż jew tal-plewropulmonite kaprina li tittieħed, jew ta' marda emerġenti rilevanti għall-annimali ovini u kaprini;

II.4.5.2. inżammu fi stabbiliment wieħed fejn ma ġewx irrapportati infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis*, infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*), rabja, antraċe, surra (*Trypanosoma evansi*), infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika, infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u, fil-każ ta' annimali ovini u dawk l-annimali kaprini li jinżammu flimkien ma' annimali ovini, epididimite ovina (*Brucella ovis*);

II.4.5.3. ma kinux f'kuntatt ma' annimali minn stabbilimenti li jinsabu f'żona ristretta minħabba l-okkorrenza tal-mard imsemmi fil-punt II.4.5.1. jew minn stabbilimenti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt II.4.5.2.;

II.4.5.4. ma ntużawx għat-tnissil naturali;

II.4.6. kienu soġġetti għal kwarantina għal perjodu ta' mill-inqas 28 jum f'akkomodazzjoni ta' kwarantina, fejn kienu preżenti biss annimali oħrajn bid-dwiefer mifruqa b'mill-inqas l-istess stat ta' saħħa, li fil-jum tad-dħul tagħhom fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen kienu konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

II.4.6.1. ma kienx jinsab f'żona ristretta stabbilita minħabba l-mard imsemmi fil-punt II.4.5.1.;

II.4.6.2. ma ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet imsemmija fil-punt II.4.5.2. għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum;

II.4.6.3. kien jinsab f'żona fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer f'raġġ ta' 10 km iċċentrat fuq l-akkomodazzjoni ta' kwarantina għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum;

II.4.6.4. ma ġiet irrapportata l-ebda tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul perjodu ta' mill-inqas 3 xhur qabel id-data tad-dħul tal-annimali fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen;

II.4.7. inżammu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen

II.4.7.1. li ma kienx jinsab f'żona ristretta stabbilita minħabba l-mard imsemmi fil-punt II.4.5.1.;

II.4.7.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet imsemmija fil-punt II.4.5.2. għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen, u

(1)(7)[mill-inqas 30 jum wara d-data tal-ġbir;]

(1)(8)[sad-data li fiha l-kunsinna tas-semen tintbagħat lejn l-Unjoni;]

II.4.7.3. li kien jinsab f'żona fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer f'raġġ ta' 10 km iċċentrat fuq iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum; u

(1)(7)[ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' mill-inqas 3 xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen u 30 jum mid-data tal-ġbir;]

(1)(8)[ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' mill-inqas 3 xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen u sad-data li fiha l-kunsinna tas-semen tintbagħat lejn l-Unjoni u l-annimali donaturi jkunu nżammu f'dak iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament qabel id-data tal-ġbir tas-semen;]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-SEM-A-ENTRY**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | II.4.8. | | jikkonformaw ma' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward ta' infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24): |
| | (1)*jew* | [II.4.8.1. | ikunu nżammu għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u fejn ma jkun ġie kkonfermat l-ebda każ ta' infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) matul l-aħħar 24 xahar fil-popolazzjoni tal-annimali fil-mira;] |
| | (1)*u/jew* | [II.4.8.2. | ikunu nżammu f'żona staġjonalment ħielsa mill-mard, matul il-perjodu staġjonalment ħieles mill-mard, għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen, f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu bi programm ta' eradikazzjoni approvat kontra infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24);] |
| | (1)*u/jew* | [II.4.8.3. | ikunu nżammu f'żona staġjonalment ħielsa mill-mard, matul il-perjodu staġjonalment ħieles mill-mard, għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen, f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu fejn l-awtorità kompetenti tal-post tal-oriġini tal-kunsinna tas-semen tkun kisbet il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni għall-kundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' dik iż-żona staġjonalment ħielsa mill-mard u li taċċetta l-kunsinna tas-semen;] |
| | (1)*u/jew* | [II.4.8.4. | ikunu nżammu fi stabbiliment protett mill-vetturi għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen;] |
| | (1)*u/jew* | [II.4.8.5. | ikunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' antikorpi għas-serogrupp 1-24 tal-virus tal-ilsien blu, b'riżultati negattivi, bejn 28 u 60 jum mid-data ta' kull ġbir tas-semen;] |
| | (1)*u/jew* | [II.4.8.6. | ikunu ġew soġġetti għal test għall-identifikazzjoni tal-aġenti għall-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24), b'riżultati negattivi, fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu u fil-ġbir finali tas-semen u matul il-ġbir tas-semen f'intervalli ta' mill-inqas kull 7 ijiem, fil-każ tat-test ta' iżolament virali, jew ta' mill-inqas kull 28 jum, fil-każ tal-PCR;] |
| | II.4.9. | | jikkonformaw ma' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward ta' infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika (serotipi 1-7) (EHDV 1-7): |
| | (1)*jew* | [II.4.9.1. | ikunu nżammu għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu fejn ma tkunx ġiet irrapportata EHDV 1-7 għal perjodu ta' mill-inqas is-sentejn preċedenti f'raġġ ta' 150 km mill-istabbiliment;] |
| | (1)*u/jew* | [II.4.9.2. | ikunu nżammu fi stabbiliment protett mill-vetturi għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen;] |
| | (1)*u/jew* | [II.4.9.3. | kienu residenti fil-pajjiż esportatur li fih, skont is-sejbiet uffiċjali, jeżistu s-serotipi li ġejjin tal-EHDV: ………………………… u jkunu ġew soġġetti, b'riżultati negattivi f'kull każ, għat-testijiet li ġejjin imwettqa f'laboratorju uffiċjali: |
| | | (1)*jew* | [II.4.9.3.1. test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-EHDV 1-7, b'riżultati negattivi, mill-inqas kull 60 jum matul il-perjodu tal-ġbir u bejn 28 u 60 jum mid-data tal-ġbir finali tas-semen;]] |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-SEM-A-ENTRY**

*[1]u/jew* [II.4.9.3.2. test għall-identifikazzjoni tal-aġenti għall-EHDV 1-7, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu tal-ġbir u fil-ġbir finali tas-semen u waqt il-ġbir tas-semen f'intervalli ta' mill-inqas kull 7 ijiem, fil-każ ta' test ta' iżolament virali, jew ta' mill-inqas kull 28 jum, fil-każ tal-PCR.]]

II.4.10. ikunu ġew soġġetti għat-testijiet li ġejjin, imwettqa fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-perjodu ta' 30 jum mid-data tal-bidu tal-kwarantina msemmija fil-punt II.4.6., b'riżultati negattivi, meħtieġa f'konformità mal-punt 1(c) tal-Kapitolu I tal-Parti 3 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686:

II.4.10.1. għal infezzjoni bi Brucella abortus, B. melitensis u B. suis, test seroloġiku msemmi fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688;

*[1][9]*[II.4.10.2. għall-epididimite ovina (*Brucella ovis*), test seroloġiku jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità ddokumentati ekwivalenti;]

II.4.11. ikunu ġew soġġetti għat-testijiet li ġejjin, imwettqa fuq kampjuni tad-demm meħuda f'perjodu ta' mill-inqas 21 jum wara l-bidu tal-kwarantina msemmija fil-punt II.4.6., b'riżultati negattivi, meħtieġa f'konformità mal-punt 1(d) tal-Kapitolu I tal-Parti 3 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686:

II.4.11.1. għal infezzjoni bi Brucella abortus, B. melitensis u B. suis, test seroloġiku msemmi fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688;

*[1][9]*[II.4.11.2. għall-epididimite ovina (*Brucella ovis*), test seroloġiku jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità ddokumentati ekwivalenti;]

II.4.12. kienu soġġetti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, mill-inqas darba fis-sena, għat-testijiet ta' rutina obbligatorji li ġejjin, meħtieġa f'konformità mal-punt 2 tal-Kapitolu I tal-Parti 3 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686:

II.4.12.1. għal infezzjoni bi Brucella abortus, B. melitensis u B. suis, test seroloġiku msemmi fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688;

*[1][9]*[II.4.12.2. għall-epididimite ovina (*Brucella ovis*), test seroloġiku jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità ddokumentati ekwivalenti.]]

[10][II.4.13. jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-iscrapie klassika:

II.4.13.1. ikunu nżammu kontinwament mit-twelid f'pajjiż fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

II.4.13.1.1. l-iscrapie klassika hija notifikabbli b'mod obbligatorju;

II.4.13.1.2. ikun hemm fis-seħħ sistema ta' sensibilizzazzjoni, sorveljanza u monitoraġġ;

II.4.13.1.3. l-annimali ovini u kaprini affettwati mill-iscrapie klassika jinqatlu u jinqerdu kompletament;

II.4.13.1.4. it-tmigħ lill-annimali ovini u kaprini b'taħlita ta' laħam u għadam mitħun, jew qrieqeċ ta' oriġini minn ruminanti, kif definiti fil-Kodiċi dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, kien ipprojbit u l-projbizzjoni kienet infurzata b'mod effettiv fil-pajjiż kollu għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar seba' snin;

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-SEM-A-ENTRY**

U

(1)jew [II.4.13.2. ikunu nżammu kontinwament għall-aħħar tliet snin qabel id-data tal-ġbir tas-semen li għandu jiġi esportat f'azjenda jew azjendi li matul dak il-perjodu tkun/ikunu ssodisfat/w ir-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-punti 1.3. (a) sa (f) tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, ħlief matul il-perjodu meta nżammu f'ċentru tal-ġbir tas-semen li matul dak il-perjodu kien konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-erba' inċiżi tal-punt 1.3.(c)(iv) ta' dik it-Taqsima;]

(1)jew [II.4.13.2. huma annimali ovini tal-ġenotip tal-proteina prijonika ARR/ARR.]]

II.5. Is-semen deskritt fil-Parti I

II.5.1. ikun inġabar, ġie pproċessat u maħżun f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fil-punti 1 u 2 tal-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

II.5.2. jitqiegħed f'tubi jew pakketti oħrajn li fuqhom tiġi applikata l-marka f'konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 83(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u dik il-marka hija indikata fil-Kaxxa I.27;

II.5.3. jiġi ttrasportat f'kontenitur li:

II.5.3.1. kien issiġillat u nnumerat qabel id-dispaċċ miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru, jew minn veterinarju uffiċjali, u s-siġill għandu n-numru kif indikat fil-Kaxxa I.19;

II.5.3.2. ikun tnaddaf u ġie diżinfettat jew sterilizzat qabel l-użu, jew ikun kontenitur ġdid li jintuża darba;

(1)(7)[II.5.3.3. ikun imtela bl-aġent krijoġeniku li ma jkunx intuża qabel għal prodotti oħrajn.]

(1)(11)[II.6. Is-semen jiġi ppreservat biż-żieda ta' antibijotiċi kif ġej:

II.6.1. L-antibijotiku li ġej jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejja żdied/żdiedet mas-semen wara d-dilwizzjoni finali, jew jinsab/tinsab fid-dilwenti tas-semen użati, sabiex tintlaħaq il-konċentrazzjoni indikata għal kull ml ta' semen:

(1)jew [ġentamiċina (250 μg);]

(1)jew [taħlita ta' peniċillina (500 IU) u streptomiċina (500 μg);]

(1)jew [taħlita ta' ġentamiċina (250 μg), tilosina (50 μg) u linkomiċina-spektinomiċina (150/300 μg);]

(1)jew [taħlita ta' linkomiċina-spektinomiċina (150/300 μg), peniċillina (500 IU) u streptomiċina (500 μg);]

(1)jew [taħlita ta' amikaċina (75 μg) u divekaċina (25 μg);]

(1)jew [antibijotiku jew taħlita ta' antibijotiċi(12) ………………………………………………., b'attività battериċidali mill-inqas ekwivalenti għal waħda mit-taħlitiet li ġejjin:

- ġentamiċina (250 μg);
- peniċillina (500 IU) u streptomiċina (500 μg);
- ġentamiċina (250 μg), tilosina (50 μg) u linkomiċina-spektinomiċina (150/300 μg);
- linkomiċina-spektinomiċina (150/300 μg), peniċillina (500 IU) u streptomiċina (500 μg);
- amikaċina (75 μg) u divekaċina (25 μg).]

II.6.2. Immedjatament wara ż-żieda tal-antibijotiċi, u qabel kwalunkwe ffriżar possibbli, is-semen dilwit ikun inżamm f'temperatura ta' mill-inqas 5 °C għal perjodu ta' mhux inqas minn 45 minuta, jew taħt reġim ta' temperatura-ħin b'attività battериċidali ekwivalenti ddokumentata.]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-SEM-A-ENTRY**

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' semen ta' annimali ovini u kaprini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tas-semen.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

| | |
|---|---|
| Kaxxa ta' referenza I.11: | "*Post tad-dispaċċ*": Indika n-numru ta' approvazzjoni uniku u l-isem u l-indirizz taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen tad-dispaċċ tal-kunsinna tas-semen. Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni:<br>http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm |
| Kaxxa ta' referenza I.12: | "*Post tad-destinazzjoni*": Indika l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tad-destinazzjoni tal-kunsinna tas-semen. |
| Kaxxa ta' referenza I.19: | Għandu jiġi indikat in-numru tas-siġill. |
| Kaxxa ta' referenza I.24: | L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri. |
| Kaxxa ta' referenza I.27: | "*Tip*": Indika s-semen.<br>"*Speċi*": Agħżel minn fost "*Ovis aries*" jew "*Capra hircus*" kif xieraq.<br>"*Numru ta' identifikazzjoni*": Indika n-numru ta' identifikazzjoni ta' kull annimal donatur.<br>"*Marka ta' identifikazzjoni*": Indika l-marka fuq it-tubu jew fuq pakketti oħrajn fejn jitqiegħed is-semen tal-kunsinna.<br>"*Data tal-ġbir/produzzjoni*": Indika d-data li fiha nġabar is-semen tal-kunsinna.<br>*"In-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant / tal-istabbiliment / taċ-ċentru":* Indika n-numru ta' approvazzjoni uniku taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen minn fejn ikun inġabar is-semen.<br>"*Kwantità*": Indika n-numru ta' tubi jew pakketti oħrajn bl-istess marka. |

**Parti II:**

(1) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(2) Għal pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss bid-data tal-ftuħ f'konformità mal-kolonna 9 fil-parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Applikabbli għal annimali ovini.

(4) Applikabbli għal annimali ovini u għal dawk l-annimali kaprini li jinżammu flimkien ma' annimali ovini.

(5) Applikabbli għal annimali kaprini.

(6) Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.

(7) Applikabbli għal semen iffriżat.

(8) Applikabbli għal semen frisk u mkessaħ.

(9) Applikabbli għal annimali ovini u għal dawk l-annimali kaprini li jinżammu flimkien ma' annimali ovini.

(10) Ħassar jekk l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tas-semen

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-SEM-A-ENTRY**

(11) Attestazzjoni obbligatorja fil-każ li żdiedu l-antibijotiċi.

(12) Daħħal l-isem/ismijiet tal-antibijotiku/antibijotiċi miżjud(a) u l-konċentrazzjoni tiegħu/tagħhom jew l-isem kummerċjali tad-dilwent tas-semen li fih l-antibijotiċi.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

## KAPITOLU 49

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' STOKKIJIET TA' SEMEN TA' ANNIMALI OVINI U KAPRINI MIĠBURA, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAD-DIRETTIVA 92/65/KEE QABEL IL-21 TA' APRIL 2021, MIBGĦUTA WARA L-20 TA' APRIL 2021 MIĊ-ĊENTRU TAL-ĠBIR TAS-SEMEN FEJN IKUN INĠABAR IS-SEMEN (MUDELL "OV/CAP-SEM-B-ENTRY")

**Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| **PAJJIŻ** | | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **I.1** | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | | **I.2** | **Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC** |
| | | | **I.3** | **Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | | | **I.4** | **Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| **I.5** | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | | **I.6** | **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| **I.7** | **Pajjiż tal-oriġini** | Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9** | **Pajjiż tad-destinazzjoni** | Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.8** | **Reġjun tal-oriġini** | Kodiċi | **I.10** | **Reġjun tad-destinazzjoni** | Kodiċi |
| **I.11** | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | | **I.12** | **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| **I.13** | **Post tat-tagħbija** | | **I.14** | **Data u ħin tat-tluq** | |
| **I.15** | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | | **I.16** | **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | | **I.17** | | |
| **I.18** | **Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali | □ Imkessaħ | □ Iffriżat | |
| **I.19** | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | | | |
| **I.20** | **Iċ-ċertifikat bħala jew għal** | | | | |
| | □ Prodotti ġerminali | | | | |
| **I.21** | **□ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | | **I.22** | **□ Għas-suq intern** | |
| | | | **I.23** | | |

| **I.24 Għadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-SEM-B-ENTRY**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** **Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b** **Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Il-pajjiż esportatur …………………………………………………………………

(*l-isem tal-pajjiż esportatur*)[1]

II.1.1. kien ħieles mill-pesta bovina, minn infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, mill-ġidri tan-nagħaġ u tal-mogħoż, mill-plewropulmonite kaprina li tittieħed u mid-deni tal-Wied tar-Rift matul il-perjodi ta' 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen li għandu jiġi esportat u sad-data li fiha ntbagħat lejn l-Unjoni u fih ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard matul dak il-perjodu;

II.1.2. kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul il-perjodu ta' 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen li għandu jiġi esportat u sad-data li fiha ntbagħat lejn l-Unjoni u fih ma sar l-ebda tilqim kontra din il-marda matul dak il-perjodu.

II.2. Iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen[2] deskritt fil-Kaxxa I.11. u li fih inġabar u nħażen is-semen li għandu jiġi esportat:

II.2.1. issodisfa l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni taċ-ċentri għall-ġbir tas-semen stipulati fil-Kapitolu I(I)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2.2. kien operat u ssorveljat f'konformità mal-kundizzjonijiet applikabbli għaċ-ċentri għall-ġbir tas-semen u għaċ-ċentri għall-ħżin tas-semen stipulati fil-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE.

II.3. L-annimali ovini[3]/kaprini[3] li kienu jinsabu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen:

II.3.1. qabel ma nżammu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina deskritta fil-punt II.3.3.,

*[3][4]jew* [II.3.1.1. joriġinaw mit-territorju deskritt fil-Kaxxa I.8., li kien ġie rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi (*B. melitensis*),]

*[3]jew* [II.3.1.1. kienu jappartjenu għal azjenda li kisbet u żammet l-istatus tagħha bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (*B. melitensis*) f'konformità mad-Direttiva 91/68/KEE,]

*[3]jew* [II.3.1.1. joriġinaw minn azjenda, fejn fir-rigward tal-bruċellożi (*B. melitensis*), l-annimali suxxettibbli kollha kienu ħielsa minn sinjal kliniku jew kwalunkwe sinjal ta' din il-marda għall-perjodu tal-aħħar 12-il xahar, l-ebda annimal ovin u kaprin ma jkun tlaqqam kontra din il-marda, ħlief dawk imlaqqma bil-vaċċin Rev. 1 aktar minn sentejn ilu, u l-annimali ovini u kaprini kollha li jkollhom aktar minn sitt xhur ikunu ġew soġġetti għal mill-inqas żewġ testijiet[5], imwettqa b'riżultati negattivi fuq kampjuni meħuda fi ……………. (*data*) u fi …………. (*data*) mill-inqas sitt xhur 'il bogħod minn xulxin, b'tal-aħħar tkun fi żmien 30 jum qabel id-dħul fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina,]

*u* ma kinux inżammu qabel f'azjenda ta' status inferjuri;

II.3.1.2. ikunu nżammu kontinwament għal mill-inqas 60 jum f'azjenda fejn ma tkun saret l-ebda dijanjożi ta' epididimite li tittieħed (*Brucella ovis*) fil-perjodu tal-aħħar 12-il xahar,

*[3]u* [huma annimali tal-ispeċi ovina u, matul is-60 jum qabel inżammu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina deskritta fil-punt II.3.3., sarilhom test tal-fissazzjoni tal-komplement, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità ddokumentati ekwivalenti, sabiex tiġi individwata l-epididimite li tittieħed b'riżultat ta' inqas minn 50 ICFTU/ml;]

II.3.1.3. safejn naf jien, mhumiex ġejjin minn azjendi, u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali ta' azjenda, li fiha, abbażi tas-sistema ta' notifika uffiċjali u skont id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mis-sid, kwalunkwe waħda mill-mardiet li ġejjin kienet klinikament individwata fil-perjodi msemmija fil-punti minn (a) sa (d) qabel is-soġġorn tagħhom fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina deskritta fil-punt II.3.3.

(a) agalattja li tittieħed tan-nagħaġ jew tal-mogħoż (*Mycoplasma agalactiae, Mycoplasma capricolum, Mycoplasma mycoides var. mycoides* "kolonja kbira"), fl-aħħar sitt xhur,

(b) paratuberkulożi u *lymphadenitis caseosa*, fil-perjodu tal-aħħar 12-il xahar,

(c) adenomatożi pulmonarja, fl-aħħar tliet snin;

[(3)]*jew* [(d) Maedi/Visna għan-nagħaġ jew arterite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, fl-aħħar tliet snin;]

[(3)]*jew* [(d) Maedi/Visna għan-nagħaġ jew arterite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, fil-perjodu tal-aħħar 12-il xahar, u l-annimali infettati kollha ġew skarnati, filwaqt li l-annimali li kien fadal sussegwentement irreaġixxew b'mod negattiv għal żewġ testijiet imwettqa mill-inqas sitt xhur 'il bogħod minn xulxin;]

II.3.2. sarulhom it-testijiet li ġejjin imwettqa fuq kampjun tad-demm miġbur fit-28 jum qabel il-bidu tal-perjodu ta' kwarantina speċifikat fil-punt II.3.3. għal:

– bruċellożi (*B. melitensis*), b'riżultat negattiv f'kull każ f'konformità mal-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE;

– epididimite li tittieħed (*Brucella. ovis)*, fil-każ tan-nagħaġ biss, b'riżultati negattivi f'kull każ f'konformità mal-Anness D tad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità dokumentata ekwivalenti;

– il-marda border f'konformità mal-punt 1.4(c) tal-Kapitolu II(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.3.3. issodisfaw il-perjodu ta' iżolament fi kwarantina ta' mill-inqas 28 jum f'akkomodazzjoni ta' kwarantina speċifikament approvat għall-iskop mill-awtorità kompetenti u matul dak il-perjodu:

II.3.3.1. fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina kienu preżenti biss annimali ta' mill-inqas l-istess stat ta' saħħa;

II.3.3.2. l-annimali sarulhom it-testijiet li ġejjin, imwettqa mil-laboratorju approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur fuq kampjuni meħuda mhux aktar kmieni minn 21 jum wara li l-annimali ddaħħlu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina, għal:

– bruċellożi (*B. melitensis*), b'riżultat negattiv f'kull każ f'konformità mal-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE;

– epididimite li tittieħed (*Brucella. ovis)*, fil-każ tan-nagħaġ biss, b'riżultati negattivi f'kull każ f'konformità mal-Anness D tad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità dokumentata ekwivalenti;

– il-marda border f'konformità mal-punt 1.6 tal-Kapitolu II(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.3.4. sarulhom, mill-inqas darba fis-sena, it-testijiet ta' rutina għal:

– bruċellożi (*B. melitensis*), b'riżultat negattiv f'kull każ f'konformità mal-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE;

– epididimite li tittieħed (*Brucella. ovis*), fil-każ tan-nagħaġ biss, b'riżultati negattivi f'kull każ f'konformità mal-Anness D tad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità dokumentata ekwivalenti;

– il-marda border f'konformità mal-punt 5(c) tal-Kapitolu II(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE.

II.4. Is-semen li għandu jiġi esportat inkiseb minn imtaten[(3)]/bdabad[(3)] donaturi li:

II.4.1. iddaħħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen approvat bil-permess espress tal-veterinarju taċ-ċentru.

II.4.2. ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard dakinhar li ddaħħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen approvat u dakinhar li nġabar is-semen;

| | | | |
|---|---|---|---|
| | (3)*jew* | [II.4.3. | ma jkunux tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel il-ġbir tas-semen;] |
| | (3)*jew* | [II.4.3. | ikunu tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir, u 5 % (b'minimu ta' ħames tubi) ta' kull ġbir ikunu ġew sottomessi għal test ta' iżolament virali għall-marda tal-ilsien u dwiefer b'riżultati negattivi;] |
| | | II.4.4. | inżammu f'ċentru tal-ġbir tas-semen approvat għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament qabel il-ġbir tas-semen, fil-każ tal-ġbir ta' semen frisk; |
| | | II.4.5. | ma servewx b'mod naturali wara d-dħul tagħhom fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina deskritta fil-punt II.3.3. u sa u inkluż dakinhar tal-ġbir tas-semen; |
| | | II.4.6. | inżammu f'ċentri tal-ġbir tas-semen approvati: |
| | | II.4.6.1. | li kienu ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas tliet xhur qabel il-ġbir tas-semen u 30 jum wara l-ġbir jew, fil-każ ta' semen frisk, sad-data tad-dispaċċ, u li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona b'raġġ ta' 10 kilometri fejn ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen; |
| | | II.4.6.2. | li kienu ħielsa, matul il-perjodu li beda 30 jum qabel il-ġbir u li ntemm 30 jum wara l-ġbir tas-semen jew, fil-każ ta' semen frisk, sad-data tad-dispaċċ, mill-bruċellożi (*B. melitensis*), l-epididimite li tittieħed (*Brucella ovis*), l-antraċe u r-rabja; |
| | (3)*jew* | [II.4.7. | baqgħu fil-pajjiż esportatur għal mill-inqas l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tas-semen li għandu jiġi esportat;] |
| | (3)*jew* | [II.4.7. | matul l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tas-semen, kienu konformi mal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li japplikaw għad-donaturi tas-semen li huwa maħsub għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni u kienu ġew importati fil-pajjiż esportatur mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen minn …………………………..(1);] |
| | (3)*jew* | [II.4.8. | inżammu f'pajjiż jew żona ħielsa mill-virus tal-ilsien blu għal mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen;] |
| | (3)*jew* | [II.4.8. | inżammu matul perjodu staġjonalment ħieles mill-vajrus tal-ilsien blu f'żona staġjonalment ħielsa għal mill-inqas 60 jum qabel u matul il-ġbir tas-semen;] |
| | (3)*jew* | [II.4.8. | inżammu fi stabbiliment protett mill-portaturi għal mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen;] |
| | (3)*jew* | [II.4.8. | kienu soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorp għall-grupp tal-vajrus tal-ilsien blu, imwettaq f'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE, b'riżultati negattivi, fuq il-kampjuni tad-demm meħuda mill-anqas kull 60 jum matul il-perjodu kollu tal-ġbir u bejn 21 u 60 jum wara l-aħħar ġbir għal din il-kunsinna ta' semen;] |
| | (3)*jew* | [II.4.8. | kienu soġġetti għal test għall-identifikazzjoni tal-aġent għall-virus tal-ilsien blu, imwettaq f'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri b'riżultati negattivi fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu u fil-ġbir finali għal din il-kunsinna tas-semen u mill-inqas kull 7 ijiem (test ta' iżolament virali) jew mill-inqas kull 28 jum (test PCR) waqt il-ġbir għal din il-kunsinna ta' semen;] |
| | (3)(6)*jew* | [II.4.9. | kienu residenti fil-pajjiż esportatur li skont is-sejbiet uffiċjali jkun ħieles mill-marda emorraġika epiżootika (EHD);] |
| | (3)*jew* | [II.4.9. | kienu residenti fil-pajjiż esportatur li, skont sejbiet uffiċjali, fih jeżistu s-serotipi li ġejjin tal-marda emorraġika epiżootika (EHD): ……………………….. u kienu soġġetti b'riżultati negattivi f'kull każ għal: |
| | | (3)*jew* | [test seroloġiku(7) għall-individwazzjoni ta' antikorp għall-grupp EHDV imwettaq f'laboratorju approvat fuq kampjuni tad-demm meħuda f'żewġ okkażjonijiet mhux aktar minn 12-il xahar 'il bogħod minn xulxin qabel u mhux inqas minn 21 jum wara l-ġbir finali għal din il-kunsinna ta' semen.]] |

(3)*jew* [test seroloġiku(7) għall-individwazzjoni ta' antikorp għall-grupp EHDV imwettaq f'laboratorju approvat fuq kampjuni tad-demm meħuda f'intervalli ta' mhux aktar minn 60 jum matul il-perjodu kollu tal-ġbir u bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir finali għal din il-kunsinna ta' semen.]]

(3)*jew* [test għall-identifikazzjoni tal-aġent(7) imwettaq f'laboratorju approvat fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu u fil-konklużjoni ta', u mill-inqas kull 7 ijiem (test tal-iżolament virali) jew mill-inqas kull 28 jum (test tal-PCR) waqt il-ġbir għal din il-kunsinna ta' semen.]]

II.4.10. jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-iscrapie klassika:

II.4.10.1. ikunu nżammu kontinwament mit-twelid f'pajjiż fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

II.4.10.1.1. l-iscrapie klassika hija notifikabbli b'mod obbligatorju;

II.4.10.1.2. ikun hemm fis-seħħ sistema ta' sensibilizzazzjoni, sorveljanza u monitoraġġ;

II.4.10.1.3. l-annimali ovini u kaprini affettwati mill-iscrapie klassika jinqatlu u jinqerdu kompletament;

II.4.10.1.4. l-għalf lill-annimali ovini u kaprini ta' laħam u għadam imfarrak jew ta' qrieqeċ li joriġinaw minn ruminanti huwa pprojbit u l-projbizzjoni hija infurzata b'mod effettiv fil-pajjiż kollu għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar seba' snin;

U

(3)*jew* [II.4.10.2. ikunu nżammu kontinwament għall-aħħar tliet snin qabel id-data tal-ġbir tas-semen li għandu jiġi esportat f'azjenda jew azjendi li għall-aħħar tliet snin qabel il-ġbir tas-semen li għandu jiġi esportat kienet/kienu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 1.3. (a) sa (f) tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

(3)*jew* [II.4.10.2. huma annimali ovini tal-ġenotip tal-proteina prijonika ARR/ARR.]

II.5. Is-semen li għandu jiġi esportat:

II.5.1. inġabar wara d-data li fiha ċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ġie approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur;

II.5.2. inġabar, ġie pproċessat, ippreservat, maħżun u ttrasportat f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli għas-semen stipulati fil-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.5.3. intbagħat lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat f'konformità mar-rekwiżiti għas-semen li għandu jkun soġġett għall-kummerċ stipulati fil-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.19.

(3)*jew* [II.6. Ma żdied l-ebda antibijotiku mas-semen.]

(3)*jew* [II.6. L-antibijotiku li ġej jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejja ġie(t) miżjud(a) biex tiġi prodotta konċentrazzjoni fis-semen dilwit finali ta' mhux inqas minn(8):

…………………………………………………………… .]

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' semen ta' annimali ovini u kaprini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tas-semen.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-SEM-B-ENTRY**

**Parti I:**

Kaxxa I.6: "*Operatur responsabbli għall-kunsinna*": din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal komodità fi tranżitu.

Kaxxa I.11: Il-post tad-dispaċċ għandu jikkorrispondi għaċ-ċentru tal-ġbir tas-semen li fih inġabar is-semen u jiġi elenkat f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.

Kaxxa I.19: Għandhom jiġu indikati l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill.

Kaxxa I.21: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.22: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.24: L-"*għadd ta' imballaġġi*" għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.27: "*Speċi*": agħżel minn fost "*Ovis aries*" jew "*Capra hircus*" kif xieraq.

In-numru ta' identifikazzjoni għandu jikkorrispondi għall-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-"*Data tal-ġbir/produzzjoni*" għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj.xx.ssss.

In-*"numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant / tal-istabbiliment / taċ-ċentru"* għandu jikkorrispondi għan-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen indikat fil-Kaxxa I.11.

**Parti II:**

(1) Pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss elenkati fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għas-semen ta' annimali ovini u kaprini.

(2) Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.

(3) Ħassar kif meħtieġ.

(4) Għat-territorju biss li jidher mal-entrata "V" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

(5) It-testijiet għandhom jitwettqu f'konformità mal-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE.

(6) Ara r-rimarki għall-pajjiż esportatur ikkonċernat fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/472/UE.

(7) L-istandards għat-testijiet dijanjostiċi tal-virus EHD huma deskritti fil-Kapitolu 2.1.3. tal-Manwal tal-OIE tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri.

(8) Daħħal l-ismijiet u l-konċentrazzjonijiet.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data | Kwalifika u titolu

Timbru | Firma

KAPITOLU 50

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' OOĊITI U EMBRIJUNI TA' ANNIMALI OVINI U KAPRINI MIĠBURA JEW PRODOTTI, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAR-REGOLAMENT (UE) 2016/429 U MAR-REGOLAMENT DELEGAT (UE) 2020/692 WARA L-20 TA' APRIL 2021, MIBGĦUTA MILL-GRUPP GĦALL-ĠBIR JEW GĦALL-PRODUZZJONI TAL-EMBRIJUNI LI MINNU NĠABRU JEW ĠEW PRODOTTI L-OOĊITI JEW L-EMBRIJUNI (MUDELL "OV/CAP-OOCYTES-EMB-A-ENTRY")

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="2">Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="10">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td rowspan="3">I.1 Konsenjatur/Esportatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2 Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a Referenza tal-IMSOC</td></tr>
<tr><td>I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali</td><td rowspan="2">KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td>I.4 Awtorità Kompetenti Lokali</td></tr>
<tr><td>I.5 Konsenjatarju/Importatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7 Pajjiż tal-oriġini — Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8 Reġjun tal-oriġini — Kodiċi</td><td colspan="2">I.10 Reġjun tad-destinazzjoni — Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11 Post tad-dispaċċ<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.12 Post tad-destinazzjoni<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13 Post tat-tagħbija</td><td colspan="2">I.14 Data u ħin tat-tluq</td></tr>
<tr><td rowspan="2">I.15 Mezz tat-trasport<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni</td><td colspan="2">I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul</td></tr>
<tr><td colspan="2">I.17</td></tr>
<tr><td></td><td>I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport</td><td colspan="2">□ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3">I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3">I.20 Iċċertifikat bħala jew għal</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3">□ Prodotti ġerminali</td></tr>
<tr><td></td><td rowspan="2">I.21 □ Għat-tranżitu<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.22 □ Għas-suq intern</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="2">I.23</td></tr>
</table>

| **I.24 Għadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-OOCYTES-EMB-A-ENTRY**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** | **Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b** | **Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-oċiti(1)/ l-embrijuni derivati *in vivo*(1)/ l-embrijuni prodotti *in vitro*(1)/ l-embrijuni mikromanipulati(1) deskritti fil-Parti I huma maħsuba għar-riproduzzjoni artifiċjali u nkisbu minn annimali donaturi li joriġinaw minn pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu

II.1.1. awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' oċiti(1)/ embrijuni(1) ta' annimali ovini(1)/kaprini(1) u elenkati fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404;

*(1)jew* [II.1.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-oċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom;]

*(1)jew* [II.1.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu li jibda fid-data(2) ………… (*daħħal id-data jj/xx/ssss*) immedjatament qabel il-ġbir tal-oċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom;]

II.1.3. fejn ma ġewx irrapportati infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż u l-plewropulmonite kaprina li tittieħed għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-oċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom;

II.1.4. fejn ma jkun sar l-ebda tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż u l-plewropulmonite kaprina li tittieħed għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-oċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom, u l-ebda annimal imlaqqam ma jkun iddaħħal fil-pajjiż terz, f'territorju jew żona tiegħu matul dak il-perjodu.

*(1)*[II.2. L-embrijuni derivati *in vivo* deskritti fil-Parti I inġabru, ġew ipproċessati u maħżuna, u ntbagħtu mill-grupp għall-ġbir tal-embrijuni(3) li

II.2.1. huwa approvat u elenkat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;

II.2.2. jikkonforma mar-rekwiżiti fir-rigward tar-responsabbiltajiet, il-proċeduri operattivi, il-faċilitajiet u t-tagħmir stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686.]

*(1)*[II.2. L-oċiti(1)/ l-embrijuni prodotti *in vitro*(1)/ l-embrijuni mikromanipulati(1) deskritti fil-Parti I inġabru jew ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna, u mibgħuta mill-grupp ta' produzzjoni tal-embrijuni(3) li

II.2.1. huwa approvat u elenkat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;

(6) Id-dokument(i) oriġinali jew iċ-ċertifikat(i) tas-saħħa jew il-kopji approvati b'mod uffiċjali tagħhom li akkumpanjaw is-semen, l-oociti jew l-embrijuni deskritti fil-Parti I miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen, u/jew mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti l-oociti u/jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali fejn ġew ipproċessati u maħżuna s-semen, l-oociti u/jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali fejn inħażnu s-semen, l-oociti u/jew l-embrijuni għall-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali minn fejn jintbagħtu s-semen, l-oociti u/jew l-embrijuni kif deskritt fil-Kaxxa I.11 iridu jiġu mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat.

(7) Applikabbli għal semen, oociti jew embrijuni ffriżati.

(8) Applikabbli għall-kunsinna fejn f'kontenitur wieħed jitqiegħdu u jiġu ttrasportati s-semen, l-oociti, l-embrijuni derivati *in vivo*, l-embrijuni prodotti *in vitro* u l-embrijuni mikromanipulati ta' annimali ovini u/jew kaprini.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

KAPITOLU 53

# MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TAL-PRODOTTI ĠERMINALI ELENKATI HAWN TAĦT, MIBGĦUTA WARA L-20 TA' APRIL 2021 MILL-ISTABBILIMENT TAL-ĦŻIN TAL-PRODOTTI ĠERMINALI:

- semen tal-annimali ovini u kaprini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;
- stokkijiet ta' semen ta' annimali ovini u kaprini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE qabel il-21 ta' April 2021;
- ooċiti u embrijuni ta' annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021
- stokkijiet ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ovini u kaprini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE qabel il-21 ta' April 2021

## (MUDELL "OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY")

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="2">Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="8">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1 Konsenjatur/Esportatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2 Referenza taċ-ċertifikat<br>I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali<br>I.4 Awtorità Kompetenti Lokali</td><td>I.2a Referenza tal-IMSOC<br>KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td>I.5 Konsenjatarju/Importatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7 Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8 Reġjun tal-oriġini Kodiċi</td><td colspan="2">I.10 Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11 Post tad-dispaċċ<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.12 Post tad-destinazzjoni<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13 Post tat-tagħbija</td><td colspan="2">I.14 Data u ħin tat-tluq</td></tr>
<tr><td>I.15 Mezz tat-trasport<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni</td><td colspan="2">I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul<br>I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament<br>Tip Kodiċi<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td colspan="3">I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3">I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3">I.20 Iċ-ċertifikat bħala jew għal<br>□ Prodotti ġerminali</td></tr>
<tr><td></td><td>I.21 □ Għat-tranżitu<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.22 □ Għas-suq intern<br>I.23</td></tr>
</table>

| **I.24 Għadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | | | | |
| Kodiċi NM<br>Tip | Speċi | Sottospeċi/Kategorija<br>Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni<br>Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Kwantità<br>Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** Referenza taċ-ċertifikat | **II.b** Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali(1) deskritt fil-Kaxxa I.11. li fih inħażen/inħażnu s-semen(2)/ l-ooċiti(2)/ l-embrijuni derivati *in vivo*(2)/ l-embrijuni prodotti *in vitro*(2)/ l-embrijuni mikromanipulati(2) li għandhom jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea:

II.1.1. jinsab f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu

II.1.1.1. awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' semen(2)/ ooċiti(2)/ embrijuni(2) ta' annimali ovini(2)/kaprini(2) u elenkati fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404;

*(2)jew* [II.1.1.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir(2)/ il-produzzjoni(2) tas-semen(2)/ tal-ooċiti(2). tal-embrijuni(2) u sad-data tad-dispaċċ tiegħu/tagħhom;]

*(2)jew* [II.1.1.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu li jibda fid-data(3) ………… (*daħħal id-data jj/xx/ssss*) immedjatament qabel il-ġbir(2)/ il-produzzjoni(2) tas-semen(2)/ tal-ooċiti(2)/ tal-embrijuni(2) u sad-data tad-dispaċċ tiegħu/tagħhom;]

II.1.1.3. fejn ma ġewx irrapportati infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż u l-plewropulmonite kaprina li tittieħed għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir(2)/ il-produzzjoni(2) tas-semen(2)/ tal-ooċiti(2)/ tal-embrijuni(2) u sad-data tad-dispaċċ tiegħu/tagħhom;

II.1.1.4. fejn ma jkun sar l-ebda tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift, infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż u l-plewropulmonite kaprina li tittieħed għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir(2)/ il-produzzjoni(2) tas-semen(2)/ tal-ooċiti(2)/ tal-embrijuni(2) u sad-data tad-dispaċċ tiegħu/tagħhom, u l-ebda annimal imlaqqam ma jkun daħal fil-pajjiż terz, fit-territorju jew fiż-żona tiegħu matul dak il-perjodu;

II.1.2. huwa approvat u elenkat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;

II.1.3. jikkonforma mar-rekwiżiti fir-rigward tar-responsabbiltajiet, il-proċeduri operattivi, il-faċilitajiet u t-tagħmir stabbiliti fil-Parti 5 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686.]

II.2. Is-semen(2)/ l-ooċiti(2)/ l-embrijuni(2) deskritt(i) fil-Parti I huwa/huma maħsub(a) għar-riproduzzjoni artifiċjali u

II.2.1. ikun(u) nġabar/inġabru jew ġie/ġew prodott(i), ipproċessat(i) u maħżun(a) f'ċentru tal-ġbir tas-semen(2)(4)/ minn grupp għall-ġbir tal-embrijuni(2)(4)/ minn grupp ta' produzzjoni tal-embrijuni(2)(4), u/jew ipproċessat(i) u maħżun(a) fi stabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali(2)(4), u/jew maħżun(a) f'stabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali(2)(4) li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti 1(2)/fil-Parti 2(2)/fil-Parti 3(2)/fil-Parti 4(2)/fil-Parti 5(2) tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686, u

*(2)jew* [li jinsab fil-pajjiż esportatur;]

*(2)u/jew* [li jinsab fi …………………………(5), u jkun(u) ġie/ġew importat(i) fil-pajjiż esportatur f'kundizzjonijiet mill-inqas stretti daqs dawk għad-dħul fl-Unjoni ta' semen(2)/ ooċiti(2)/ embrijuni(2) ta' annimali ovini(2)/kaprini(2) f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;]

II.2.2. ġie/ġew imċaqlaq/imċaqilqa lejn l-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali deskritt fil-Kaxxa I.11. f'kundizzjonijiet mill-inqas stretti daqs dawk deskritti fi:

(2)*jew* [Mudell OV/CAP-SEM-A-ENTRY(6);]

(2)*u/jew* [Mudell OV/CAP-SEM-B-ENTRY(6);]

(2)*u/jew* [Il-Mudell 1 fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/472/UE(6);]

(2)*u/jew* [Il-Mudell 2 fit-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/472/UE(6);]

(2)*u/jew* [Mudell OV/CAP-OOCYTES-EMB-A-ENTRY(6);]

(2)*u/jew* [Mudell OV/CAP-OOCYTES-EMB-B-ENTRY(6);]

(2)*u/jew* [Mudell OV/CAP-GP-PROCESSING-ENTRY(6);]

(2)*u/jew* [Mudell OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY(6);]

II.2.3. ikun(u) inġabar/inġabru, ġie/ġew ipproċessat(i) u maħżun(a) f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

II.2.4. jitqiegħed/jitqiegħdu f'tubi jew pakketti oħrajn li fuqhom tiġi applikata l-marka f'konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 83(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u dik il-marka hija indikata fil-Kaxxa I.27;

II.2.5. jiġi/u ttrasportat(i) f'kontenitur li:

II.2.5.1. kien issiġillat u nnumerat qabel intbagħat mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru, jew minn veterinarju uffiċjali, u s-siġill iġib in-numru kif indikat fil-Kaxxa I.19;

II.2.5.2. ikun tnaddaf u ġie diżinfettat jew sterilizzat qabel l-użu, jew ikun kontenitur ġdid li jintuża darba;

(2)(7)[II.2.5.3. ikun imtela bl-aġent krijoġeniku li ma jkunx intuża qabel għal prodotti oħrajn;]

(2)(8)[II.2.6. jitqiegħed/jitqiegħdu f'tubi jew pakketti oħrajn li jkunu ssiġillati b'mod sikur u ermetikament;

II.2.7. jiġi/u ttrasportat(i) f'kontenitur fejn ikunu separati minn xulxin permezz ta' kompartimenti fiżiċi jew billi jitqiegħdu f'boroż protettivi sekondarji.]

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' semen, ooċiti u embrijuni ta' annimali ovini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tas-semen, tal-ooċiti u tal-embrijuni.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.11: "*Post tad-dispaċċ*": Indika n-numru ta' approvazzjoni uniku u l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali tad-dispaċċ tal-kunsinna ta' semen, ooċiti u/jew embrijuni. L-istabbilimenti tal-ħżin tal-prodotti ġerminali biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY**

| | | |
|---|---|---|
| | Kaxxa ta' referenza I.12: | "*Post tad-destinazzjoni*": Indika l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tad-destinazzjoni tal-kunsinna ta' semen, ooċiti u/jew embrijuni. |
| | Kaxxa ta' referenza I.17: | "*Dokumenti ta' akkumpanjament*": In-numru/i taċ-ċertifikat(i) oriġinali relatat(i) għandu/għandhom jikkorrispondi/u għan-numru tas-serje tad-dokument(i) uffiċjali individwali jew taċ-ċertifikat(i) tas-saħħa li akkumpanjaw is-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni deskritti fil-Parti I miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen, u/jew mill-grupp għall-ġbir u/jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti u/jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali fejn ġew ipproċessati u maħżuna s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali fejn ġew maħżuna s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni sal-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali deskritt fil-Kaxxa I.11. L-oriġinal(i) ta' dak/dawk id-dokument(i) jew dak/dawk iċ-ċertifikat(i) jew il-kopji approvati uffiċjalment tagħhom iridu jiġu mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat. |
| | Kaxxa ta' referenza I.19: | Għandu jiġi indikat in-numru tas-siġill. |
| | Kaxxa ta' referenza I.24: | L-*għadd totali ta' imballaġġi* għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri. |
| | Kaxxa ta' referenza I.27: | "*Tip*": Speċifika jekk humiex embrijuni derivati *in vivo*, ooċiti derivati *in vivo*, embrijuni prodotti *in vitro* jew embrijuni mikromanipulati.<br>"*Speċi*": indika "*Ovis aries*" u/jew "*Capra hircus*" kif xieraq.<br>"*Numru ta' identifikazzjoni*": Indika n-numru ta' identifikazzjoni ta' kull annimal donatur.<br>"*Marka ta' identifikazzjoni*": Indika l-marka fuq it-tubu jew fuq pakketti oħrajn fejn jitqiegħdu s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni tal-kunsinna.<br>"*Data tal-ġbir/produzzjoni*": Indika d-data li fiha nġabru jew ġew prodotti s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni tal-kunsinna.<br>*"In-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant / tal-istabbiliment / taċ-ċentru":* Indika n-numru ta' approvazzjoni uniku taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen, u/jew tal-grupp għall-ġbir u/jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu jkunu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti, l-embrijuni derivati *in vivo* jew l-embrijuni prodotti *in vitro*.<br>"*Kwantità*": Indika n-numru ta' tubi jew pakketti oħrajn bl-istess marka. |
| | **Parti II:**<br>(1) L-istabbilimenti tal-ħżin tal-prodotti ġerminali biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.<br>(2) Ħassar jekk mhux applikabbli.<br>(3) Għal pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss bid-data tal-ftuħ f'konformità mal-kolonna 9 fil-parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.<br>(4) L-istabbilimenti tal-prodotti ġerminali approvati biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.<br>(5) Pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss elenkati fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u l-Istati Membri tal-UE. | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY**

(6) Id-dokument(i) oriġinali jew iċ-ċertifikat(i) tas-saħħa jew il-kopji approvati b'mod uffiċjali tagħhom li akkumpanjaw is-semen, l-ooċiti jew l-embrijuni deskritti fil-Parti I miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen, u/jew mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti u/jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali fejn ġew ipproċessati u maħżuna s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali fejn inħażnu s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni sal-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali minn fejn jintbagħtu s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni kif deskritt fil-Kaxxa I.11 iridu jiġu mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat.

(7) Applikabbli għal semen, ooċiti jew embrijuni ffriżati.

(8) Applikabbli għall-kunsinna fejn f'kontenitur wieħed jitqiegħdu u jiġu ttrasportati s-semen, l-ooċiti, l-embrijuni derivati *in vivo*, l-embrijuni prodotti *in vitro* u l-embrijuni mikromanipulati ta' annimali ovini u/jew kaprini.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

KAPITOLU 54

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' SEMEN TA' ANNIMALI PORĊINI MIĠBURA, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAR-REGOLAMENT (UE) 2016/429 U MAR-REGOLAMENT DELEGAT (UE) 2020/692 WARA L-20 TA' APRIL 2021, MIBGĦUTA MIĊ-ĊENTRU TAL-ĠBIR TAS-SEMEN FEJN IKUN INĠABAR IS-SEMEN (MUDELL "POR-SEM-A-ENTRY")

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE | |
|---|---|---|---|
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | | |
| **I.1** | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2** **Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a** **Referenza tal-IMSOC** |
| | | **I.3** **Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | | **I.4** **Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| **I.5** | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6** **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| **I.7** | **Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9** **Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| **I.8** | **Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10** **Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | |
| **I.11** | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12** **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| **I.13** | **Post tat-tagħbija** | **I.14** **Data u ħin tat-tluq** | |
| **I.15** | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16** **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | **I.17** | |
| **I.18** | **Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| **I.19** | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | |
| **I.20** | **Iċ-ċertifikat bħala jew għal** | | |
| | □ Prodotti ġerminali | | |
| **I.21** | □ **Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22** □ **Għas-suq intern** | |
| | | **I.23** | |

| **I.24 Għadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat POR-SEM-A-ENTRY**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Is-semen deskritt fil-Parti I huwa maħsub għar-riproduzzjoni artifiċjali u nkiseb minn annimali donaturi li joriġinaw minn pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu

II.1.1. awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' semen ta' annimali porċini u elenkati fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404;

(1)*jew* [II.1.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu;]

(1)*jew* [II.1.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu li jibda fid-data(2) ………… (*daħħal id-data jj/xx/ssss*) immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu;]

(1)*jew* [II.1.3. fejn ma ġie rrapportat l-ebda deni klassiku tal-ħnieżer għal perjodu ta' mill-inqas 12 xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu;]

(1)*jew* [II.1.3. fejn ma ġie rrapportat l-ebda deni klassiku tal-ħnieżer għal perjodu li jibda fid-data(3) ………… (*daħħal id-data jj/xx/ssss*) immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu;]

II.1.4. fejn ma ġewx irrapportati infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina u deni Afrikan tal-ħnieżer għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu;

II.1.5. fejn ma jkun sar l-ebda tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina u d-deni klassiku tal-ħnieżer għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu, u l-ebda annimal imlaqqam ma jkun daħal fil-pajjiż terz, fit-territorju jew fiż-żona tiegħu matul dak il-perjodu.

II.2. Is-semen deskritt fil-Parti I inkiseb minn annimali donaturi li joriġinaw, qabel il-bidu tal-kwarantina msemmija fil-punt II.4.6., minn stabbilimenti

II.2.1. jinsabu f'żona fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer f'raġġ ta' 10 km iċċentrat fuq l-istabbiliment għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum u fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul perjodu ta' mill-inqas 3 xhur, u

(1)*jew* [ma jkunux tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer;]

(1)*jew* [ikunu tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tal-ġbir tas-semen iżda mhux matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum immedjatament qabel id-data tal-ġbir tas-semen, u 5 % (b'minimu ta' ħames tubi) ta' kull kwantità ta' semen meħuda minn annimal donatur fi kwalunkwe ħin tiġi sottomessa għal test ta' iżolament virali għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer b'riżultati negattivi;]

II.2.2. ħielsa minn infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-Kapitolu IV tal-Parti 5 tal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686;

II.2.3. fejn ma tkun instabet l-ebda evidenza klinika, seroloġika, viroloġika jew patoloġika tal-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky matul il-perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar;

II.2.4. fejn, matul il-perjodu ta' mill-inqas 3 xhur qabel id-data tad-dħul fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina, l-ebda annimal ma tlaqqam kontra infezzjoni bil-virus tas-sindromu riproduttiv u respiratorju tal-ħnieżer u ma ġiet individwata l-ebda infezzjoni bis-sindromu riproduttiv u respiratorju tal-ħnieżer.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat POR-SEM-A-ENTRY**

| | | |
|---|---|---|
| | II.3. | Is-semen deskritt fil-Parti I ikun inġabar, ġie pproċessat u maħżun, u ntbagħat miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen(4) li |
| | II.3.1. | huwa approvat u elenkat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju; |
| | II.3.2. | jikkonforma mar-rekwiżiti fir-rigward tar-responsabbiltajiet, il-proċeduri operattivi, il-faċilitajiet u t-tagħmir stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686. |
| | II.4. | Is-semen deskritt fil-Parti I inkiseb minn annimali donaturi li |
| | II.4.1. | ma tlaqqmux kontra infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, id-deni klassiku tal-ħnieżer u infezzjoni bil-virus tas-sindromu riproduttiv u respiratorju tal-ħnieżer; |
| | II.4.2. | baqgħu għal perjodu ta' mill-inqas 3 xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen f'pajjiż terz jew f'territorju jew żona tiegħu msemmija fil-Kaxxa I.7.; |
| | II.4.3. | ma wrewx sintomi jew sinjali kliniċi ta' mard trażmissibbli tal-annimali fil-jum tad-dħul tagħhom f'ċentru tal-ġbir tas-semen u fil-jum tal-ġbir tas-semen; |
| | II.4.4. | jiġu identifikati individwalment kif previst fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692; |
| | II.4.5. | għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen u matul il-perjodu tal-ġbir |
| | II.4.5.1. | inżammu fi stabbilimenti li ma jinsabux f'żona ristretta stabbilita minħabba l-okkorrenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, ta' infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, tad-deni klassiku tal-ħnieżer jew tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, jew ta' marda emerġenti rilevanti għall-annimali porċini; |
| | II.4.5.2. | inżammu fi stabbiliment wieħed fejn ma ġewx irrapportati infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis*, infezzjoni bil-virus tar-rabja, antraċe, infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky u infezzjoni bil-virus tas-sindromu riproduttiv u respiratorju tal-ħnieżer; |
| | II.4.5.3. | ma kinux f'kuntatt ma' annimali minn stabbilimenti li jinsabu f'żona ristretta minħabba l-okkorrenza tal-mard imsemmi fil-punt II.4.5.1. jew minn stabbilimenti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt II.4.5.2.; |
| | II.4.5.4. | ma ntużawx għat-tnissil naturali; |
| | II.4.6. | kienu soġġetti għal kwarantina għal perjodu ta' mill-inqas 28 jum f'akkomodazzjoni ta' kwarantina, fejn kienu preżenti biss annimali oħrajn bid-dwiefer mifruqa b'mill-inqas l-istess stat ta' saħħa, li fil-jum tad-dħul tagħhom fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen kienu konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin: |
| | II.4.6.1. | ma kienx jinsab f'żona ristretta stabbilita minħabba l-mard imsemmi fil-punt II.4.5.1.; |
| | II.4.6.2. | ma ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet imsemmija fil-punt II.4.5.2. għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum; |
| | II.4.6.3. | kien jinsab f'żona fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer f'raġġ ta' 10 km iċċentrat fuq l-akkomodazzjoni ta' kwarantina għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum; |
| | II.4.6.4. | ma ġiet irrapportata l-ebda tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul perjodu ta' mill-inqas 3 xhur qabel id-data tad-dħul tal-annimali fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen; |
| | II.4.6.5. | kien ħieles minn infezzjoni bil-*Brucella abortus,* bil-*Brucella melitensis* u bil-*Brucella suis* għall-perjodu ta' mill-inqas it-3 xhur preċedenti; |
| | II.4.7. | inżammu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen |
| | II.4.7.1. | li ma kienx jinsab f'żona ristretta stabbilita minħabba l-mard imsemmi fil-punt II.4.5.1.; |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat POR-SEM-A-ENTRY**

II.4.7.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda waħda mill-mardiet imsemmija fil-punt II.4.5.2. għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen, u

(1)(5)[mill-inqas 30 jum wara d-data tal-ġbir;]

(1)(6)[sad-data li fiha l-kunsinna tas-semen tintbagħat lejn l-Unjoni;]

II.4.7.3. li kien jinsab f'żona fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda tal-ilsien u d-dwiefer f'raġġ ta' 10 km iċċentrat fuq iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum; u

(1)(5)[ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' mill-inqas 3 xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen u 30 jum mid-data tal-ġbir;]

(1)(6)[ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' mill-inqas 3 xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen u sad-data li fiha l-kunsinna tas-semen tintbagħat lejn l-Unjoni u l-annimali donaturi jkunu nżammu f'dak iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament qabel id-data tal-ġbir tas-semen;]

II.4.7.4. fejn ma kienet ġiet irrapportata l-ebda evidenza klinika, seroloġika, viroloġika jew patoloġika ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky għal perjodu li jinkludi mill-inqas 30 jum qabel id-data tad-dħul u mill-inqas 30 jum immedjatament qabel id-data tal-ġbir tas-semen;

II.4.8. ikunu ġew soġġetti għat-testijiet li ġejjin, imwettqa fil-perjodu ta' 30 jum qabel il-bidu tal-kwarantina msemmija fil-punt II.4.6., b'riżultati negattivi, meħtieġa f'konformità mal-punt 1(b) tal-Kapitolu I tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686:

II.4.8.1. fir-rigward ta' infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis*, test b'antiġene ta' *Brucella* bbaferjat (it-test bir-Rose Bengal), test ELISA kompetittiv jew test ELISA indirett għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-ispeċi ta' *Brucella* lixxa;

II.4.8.2. rigward l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky

(1)[fil-każ ta' annimali mhux imlaqqmin, test ELISA għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-virus kollu tal-marda ta' Aujeszky jew għall-glikoproteina B (ADV-gB) jew għall-glikoproteina D (ADV-gD) tal-virus jew inkella test tan-newtralizzazzjoni tas-serum;]

(1)[fil-każ ta' annimali mlaqqmin b'vaċċin bil-gE mħassra, test ELISA għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-glikoproteina E (ADV-gE) tal-virus tal-marda ta' Aujeszky;]

(1)[II.4.8.3. fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer, test ELISA għall-antikorpi jew test tan-newtralizzazzjoni tas-serum, fil-każ ta' annimali li jkunu ġejjin minn Stat Membru jew żona tiegħu fejn ikun ġie rrapportat deni klassiku tal-ħnieżer jew ikun ġie pprattikat tilqim kontra din il-marda għall-perjodu tat-12-il xahar preċedenti;]

II.2.8.4. fir-rigward ta' infezzjoni bil-virus tas-sindromu riproduttiv u respiratorju tal-ħnieżer, test seroloġiku (l-assaġġ ta' monosaff tal-immunoperossidażi (IPMA), l-assaġġ tal-immunofluworexxenza (IFA), jew test ELISA);

II.4.9. ikunu ġew soġġetti għat-testijiet li ġejjin, imwettqa fuq kampjuni meħuda f'perjodu ta' mill-inqas 21 jum wara l-bidu tal-kwarantina msemmija fil-punt II.4.6., b'riżultati negattivi, meħtieġa f'konformità mal-punt 1(c) tal-Kapitolu I tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686:

II.4.9.1. fir-rigward ta' infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis*, test b'antiġene ta' *Brucella* bbaferjat (it-test bir-Rose Bengal), test ELISA kompetittiv jew test ELISA indirett għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-ispeċi ta' *Brucella* lixxa;

II.4.9.2. rigward l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky

(1)[fil-każ ta' annimali mhux imlaqqmin, test ELISA għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-virus kollu tal-marda ta' Aujeszky jew għall-glikoproteina B (ADV-gB) jew għall-glikoproteina D (ADV-gD) tal-virus jew inkella test tan-newtralizzazzjoni tas-serum;]

(1)[fil-każ ta' annimali mlaqqmin b'vaċċin bil-gE mħassra, test ELISA għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-glikoproteina E (ADV-gE) tal-virus tal-marda ta' Aujeszky;]

(1)[II.4.9.3. fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer, test ELISA għall-antikorpi jew test tan-newtralizzazzjoni tas-serum, fil-każ ta' annimali li jkunu ġejjin minn Stat Membru jew żona tiegħu fejn ma jkun ġie rrapportat l-ebda deni klassiku tal-ħnieżer jew ma jkun ġie pprattikat l-ebda tilqim kontra din il-marda għall-perjodu tat-12-il xahar preċedenti;]

II.4.9.4. fir-rigward ta' infezzjoni bil-virus tas-sindromu riproduttiv u respiratorju tal-ħnieżer, test seroloġiku (IPMA, IFA, jew ELISA) u test għall-ġenoma tal-virus (traskrizzjoni inversa u reazzjoni katina bil-polimerażi (RT-PCR), RT-PCR bi primers imbejta, RT-PCR f'ħin reali);

II.4.10. ikunu ġew soġġetti, fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, għat-testijiet ta' rutina obbligatorji li ġejjin, meħtieġa f'konformità mal-punt 2(a) tal-Kapitolu I tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686:

II.4.10.1. fir-rigward ta' infezzjoni bi *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis*, test b'antiġene ta' *Brucella* bbaferjat (it-test bir-Rose Bengal), test ELISA kompetittiv jew test ELISA indirett għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-ispeċi ta' *Brucella* lixxa;

II.4.10.2. rigward l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky

(1)[fil-każ ta' annimali mhux imlaqqmin, test ELISA għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-virus kollu tal-marda ta' Aujeszky jew għall-glikoproteina B (ADV-gB) jew għall-glikoproteina D (ADV-gD) tal-virus jew inkella test tan-newtralizzazzjoni tas-serum;]

(1)[fil-każ ta' annimali mlaqqmin b'vaċċin bil-gE mħassra, test ELISA għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-glikoproteina E (ADV-gE) tal-virus tal-marda ta' Aujeszky;]

II.4.10.3. rigward id-deni klassiku tal-ħnieżer, test ELISA għall-antikorpi jew test tan-newtralizzazzjoni tas-serum;

II.4.10.4. fir-rigward ta' infezzjoni bil-virus tas-sindromu riproduttiv u respiratorju tal-ħnieżer, test seroloġiku (IPMA, IFA, jew ELISA);

II.4.11. ikunu ġew soġġetti għat-testijiet imsemmija fil-punt II.4.10. imwettqa, f'konformità mal-punt 2(b) tal-Kapitolu I tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686, fuq kampjuni meħuda minn:

(1)*jew* [l-annimali kollha immedjatament qabel ma dawn jitilqu miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, jew mal-wasla tagħhom fil-biċċerija u, fl-ebda każ, aktar tard minn 12-il xahar wara d-data tad-dħul tagħhom fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen.]

(1)*jew* [mill-inqas 25 % tal-annimali fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen kull 3 xhur biex jiġu ttestjati għal infezzjoni bi *Brucella abortus*, *Brucella melitensis* u *Brucella suis*, infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky u d-deni klassiku tal-ħnieżer u minn mill-inqas 10 % tal-annimali fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen kull xahar biex jiġu ttestjati għal infezzjoni bil-virus riproduttiv u respiratorju tal-ħnieżer.]

(1)*jew* [mill-inqas 10 % tal-annimali fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen kull xahar biex jiġu ttestjati għal infezzjoni bi *Brucella abortus, Brucella melitensis* u *Brucella suis*, infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky, id-deni klassiku tal-ħnieżer u infezzjoni bil-virus tas-sindromu riproduttiv u respiratorju tal-ħnieżer.]

II.5. Is-semen deskritt fil-Parti I

II.5.1. ikun inġabar, ġie pproċessat u maħżun f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fil-punti 1 u 2 tal-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

II.5.2. jitqiegħed f'tubi jew pakketti oħrajn li fuqhom tiġi applikata l-marka f'konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 83(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u dik il-marka hija indikata fil-Kaxxa I.27;

II.5.3. jiġi ttrasportat f'kontenitur li:

II.5.3.1. kien issiġillat u nnumerat qabel id-dispaċċ miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru, jew minn veterinarju uffiċjali, u s-siġill għandu n-numru kif indikat fil-Kaxxa I.19;

II.5.3.2. ikun tnaddaf u ġie diżinfettat jew sterilizzat qabel l-użu, jew ikun kontenitur ġdid li jintuża darba;

(1)(5)[II.5.3.3. ikun imtela bl-aġent krijoġeniku li ma jkunx intuża qabel għal prodotti oħrajn.]

II.6. Is-semen jiġi ppreservat biż-żieda ta' antibijotiċi kif ġej:

II.6.1. L-antibijotiku li ġej jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejja, effettiv(a) b'mod partikolari kontra l-leptospiri, żdied/żdiedet mas-semen wara d-dilwizzjoni finali, jew jinsab/tinsab fid-dilwenti tas-semen użati, sabiex tintlaħaq il-konċentrazzjoni indikata għal kull ml ta' semen:

(1)*jew* [taħlita ta' ġentamiċina (250 µg), tilosina (50 µg) u linkomiċina-spektinomiċina (150/300 µg);]

(1)*jew* [taħlita ta' linkomiċina-spektinomiċina (150/300 µg), peniċillina (500 IU) u streptomiċina (500 µg);]

(1)*jew* [taħlita ta' amikaċina (75 µg) u divekaċina (25 µg);]

(1)*jew* [antibijotiku jew taħlita ta' antibijotiċi(7) ……………………………………………., b'attività battteriċidali mill-inqas ekwivalenti għal waħda mit-taħlitiet li ġejjin:

- ġentamiċina (250 µg), tilosina (50 µg) u linkomiċina-spektinomiċina (150/300 µg);
- linkomiċina-spektinomiċina (150/300 µg), peniċillina (500 IU) u streptomiċina (500 µg);
- amikaċina (75 µg) u divekaċina (25 µg).]

II.6.2. Immedjatament wara ż-żieda tal-antibijotiċi, u qabel kwalunkwe ffriżar possibbli, is-semen dilwit ikun inżamm f'temperatura ta' mill-inqas 5 °C jew 15 C għal perjodu ta' mhux inqas minn 45 minuta, jew taħt reġim ta' temperatura-ħin b'attività batteriċidali ekwivalenti ddokumentata.

**Noti**

"Annimal porċin" ifisser annimal porċin kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2020/686.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali porċini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tas-semen.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat POR-SEM-A-ENTRY**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.11: "*Post tad-dispaċċ*": Indika n-numru ta' approvazzjoni uniku u l-isem u l-indirizz taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen tad-dispaċċ tal-kunsinna tas-semen. Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni:

https://ec.europa.eu/food/animals/semen/porcine_en

Kaxxa ta' referenza I.12: "*Post tad-destinazzjoni*": Indika l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tad-destinazzjoni tal-kunsinna tas-semen.

Kaxxa ta' referenza I.19: Għandu jiġi indikat in-numru tas-siġill.

Kaxxa ta' referenza I.24: L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' konténituri.

Kaxxa ta' referenza I.27: "*Tip*": indika s-semen.

"*Numru ta' identifikazzjoni*": Indika n-numru ta' identifikazzjoni ta' kull annimal donatur.

"*Marka ta' identifikazzjoni*": Indika l-marka fuq it-tubu jew fuq pakketti oħrajn fejn jitqiegħed is-semen tal-kunsinna.

"*Data tal-ġbir/produzzjoni*": Indika d-data li fiha nġabar is-semen tal-kunsinna.

*"In-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant / tal-istabbiliment / taċ-ċentru":* Indika n-numru ta' approvazzjoni uniku taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen minn fejn ikun inġabar is-semen.

"*Kwantità*": Indika n-numru ta' tubi jew pakketti oħrajn bl-istess marka.

**Parti II:**

(1) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(2) Għal pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss bid-data tal-ftuħ f'konformità mal-kolonna 9 fil-parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Għal pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss bid-data tal-ftuħ f'konformità mal-kolonna 9 fil-parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(4) Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/food/animals/semen/porcine_en .

(5) Applikabbli għal semen iffriżat.

(6) Applikabbli għal semen frisk u mkessaħ.

(7) Daħħal l-isem/ismijiet tal-antibijotiku/antibijotiċi miżjud(a) u l-konċentrazzjoni tiegħu/tagħhom jew l-isem kummerċjali tad-dilwent tas-semen li fih l-antibijotiċi.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

KAPITOLU 55

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' STOKKIJIET TA' SEMEN TA' ANNIMALI PORĊINI MIĠBURA, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAD-DIRETTIVA 90/429/KEE QABEL IL-21 TA' APRIL 2021, MIBGĦUTA WARA L-20 TA' APRIL 2021 MIĊ-ĊENTRU TAL-ĠBIR TAS-SEMEN FEJN IKUN INĠABAR IS-SEMEN (MUDELL "POR-SEM-B-ENTRY")

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE | |
|---|---|---|---|
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC** |
| | | **I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | | **I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi | |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | **I.17** | |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur | Nru tas-siġill | |
| | **I.20 Iċ-ċertifikat bħala jew għal** | | |
| | □ Prodotti ġerminali | | |
| | **I.21 □ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22 □ Għas-suq intern** | |
| | | **I.23** | |

| **I.24 Ghadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ**

**Mudell taċ-ċertifikat POR-SEM-B-ENTRY**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. il-pajjiż esportatur ………………………………………………………………………

*(l-isem tal-pajjiż esportatur)*(1)

(2)*jew* [II.1.1. matul l-aħħar 12-il xahar kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer, mid-deni klassiku tal-ħnieżer u mid-deni Afrikan tal-ħnieżer,

*u* li fih ma sar l-ebda tilqim kontra kwalunkwe waħda minn dawn il-mardiet matul l-aħħar 12-il xahar;]

(2)*jew* [II.1.1. huwa rikonoxxut bħala ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer mingħajr tilqim mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) u ħieles mid-deni klassiku tal-ħnieżer u mid-deni Afrikan tal-ħnieżer, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet stipulati fil-Kodiċi tal-OIE dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri;]

II.2. iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen(3) li fih inġabar is-semen f'din il-kunsinna:

II.2.1. ġie approvat għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mis-servizzi veterinarji ta' ……………………… *(l-isem tal-pajjiż terz*(2)*)* u fid-data tal-ġbir kien konformi mal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni u s-superviżjoni stabbiliti fil-Kapitolu I u fil-Kapitolu II tal-Anness A tad-Direttiva 90/429/KEE;

II.2.2. matul il-perjodu li beda tliet xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen f'din il-kunsinna sad-data li fiha ntbagħat kien jinsab f'żona mhux ristretta minħabba tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tad-deni klassiku tal-ħnieżer, tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, tal-marda vexxikulari tal-ħnieżer u tal-istomatite vexxikulari;

II.2.3. matul il-perjodu li beda 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen f'din il-kunsinna sad-data li fiha ntbagħat, kien ħieles mill-bruċellożi u mill-marda ta' Aujeszky;

(2)*jew* [II.2.4. kien fih biss annimali li ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Aujeszky u ssodisfa r-rekwiżiti tal-Anness B tad-Direttiva 90/429/KEE.]

(2)(4)*u/jew* [II.2.4. kien ċentru li fih xi wħud mill-annimali jew l-annimali kollha tlaqqmu kontra l-marda ta' Aujeszky bl-użu ta' vaċċin bil-gE mħassra u ssodisfa r-rekwiżiti tal-Anness B tad-Direttiva 90/429/KEE.]

**Il-kundizzjonijiet għad-dħul tal-annimali fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen**

II.3. Qabel ma ddaħħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, l-annimali kollha:

II.3.1. kienu soġġetti għal perjodu ta' kwarantina ta' mill-inqas 30 jum f'akkomodazzjoni approvata speċifikament għall-iskop mill-awtorità kompetenti, u fejn kienu preżenti biss annimali li kellhom mill-inqas l-istess stat ta' saħħa (akkomodazzjoni ta' kwarantina);

II.3.2. qabel ma ddaħħlu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina, intgħażlu minn merħliet jew azjendi:

II.3.2.1. li kienu ħielsa mill-bruċellożi f'konformità mal-Kapitolu dwar il-bruċellożi porċina tal-Kodiċi dwar is-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE);

II.3.2.2. li fihom ma kien preżenti l-ebda annimal imlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer fit-12-il xahar preċedenti;

II.3.2.3. li ma kinux jinsabu f'żona ristretta definita skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali minħabba tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tad-deni klassiku tal-ħnieżer, tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, tal-marda vexxikulari tal-ħnieżer, tal-istomatite vexxikulari u tal-marda ta' Aujeszky;

II.3.2.4. li fihom ma nstabet l-ebda evidenza klinika, seroloġika, viroloġika jew patoloġika tal-marda ta' Aujeszky fit-12-il xahar preċedenti;

II.3.3. qabel ma ddaħħlu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina, ma kinux inżammu qabel f'xi merħla bi stat ta' saħħa inferjuri minn dak deskritt fi II.3.2.;

II.3.4. fi żmien 30 jum qabel ma ddaħħlu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina msemmija fil-punt II.3.1., ġew soġġetti għat-testijiet li ġejjin, imwettqa f'konformità mal-istandards internazzjonali, b'riżultati negattivi:

II.3.4.1. fir-rigward tal-bruċellożi, test b'antiġene ta' *Brucella* bbaferjat (it-test bir-Rose Bengal), jew cELISA jew iELISA;

II.3.4.2. fir-rigward tal-marda ta' Aujeszky,

(2)*jew* [II.3.4.2.1. fil-każ ta' annimali mhux imlaqqmin, test tan-newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-virus kollu tal-marda ta' Aujeszky jew għall-glikoproteina B (ADV-gB) jew il-glikoproteina D (ADV-gD) tiegħu;]

(2)*jew* [II.3.4.2.1. fil-każ ta' annimali mlaqqmin b'vaċċin bil-gE mħassra, test ELISA għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-glikoproteina E (ADV-gE);]

(2)*jew* [II.3.5. iddaħħlu fiċ-ċentru wara li l-annimali kollha kienu rreaġixxew b'riżultat negattiv għal test b'antiġene ta' *Brucella* bbaferjat (it-test bir-Rose Bengal), jew cELISA jew iELISA mwettaq fuq kampjuni miġbura matul l-aħħar 15-il jum tal-perjodu ta' kwarantina speċifikat fil-punt II.3.1.;]

(2)*jew* [II.3.5. iddaħħlu fiċ-ċentru wara li mhux l-annimali kollha kienu rreaġixxew b'riżultat negattiv għal test b'antiġene ta' *Brucella* bbaferjat (it-test bir-Rose Bengal), jew cELISA jew iELISA mwettaq fuq kampjuni miġbura matul l-aħħar 15-il jum tal-perjodu ta' kwarantina speċifikat fil-punt II.3.1. u s-suspett ta' bruċellożi kien eskluż f'konformità mal-punt 1.5. tal-Kapitolu I tal-Anness B tad-Direttiva 90/429/KEE;]

II.3.6. ġew soġġetti għat-testijiet li ġejjin għall-marda ta' Aujeszky mwettqa fuq kampjuni miġbura matul l-aħħar 15-il jum tal-perjodu ta' kwarantina speċifikat fil-punt II.3.1.:

(2)*jew* [II.3.6.1. fil-każ ta' annimali mhux imlaqqmin, test tan-newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-virus kollu tal-marda ta' Aujeszky jew għall-glikoproteina B (ADV-gB) jew il-glikoproteina D (ADV-gD) tiegħu;]

(2)*jew* [II.3.6.1. fil-każ ta' annimali mlaqqmin b'vaċċin bil-gE mħassra, test ELISA għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-glikoproteina E (ADV-gE);]

(2)*jew* [II.3.6.2. it-testijiet imsemmija fil-punt II.3.6.1. twettqu b'riżultat negattiv f'kull każ;]

(2)*jew* [II.3.6.2. l-annimali li rriżultaw pożittivi f'test imsemmi fil-punt II.3.6.1. tneħħew immedjatament mill-akkomodazzjoni ta' kwarantina u l-awtorità kompetenti ħadet il-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-annimali li kien fadal kellhom stat ta' saħħa sodisfaċenti qabel ma ddaħħlu fiċ-ċentru tal-ġbir f'konformità mal-punt II.3.;]

II.3.7. It-testijiet kollha saru f'laboratorju approvat mill-awtorità kompetenti;

II.3.8. L-annimali ddaħħlu biss fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen bil-permess espress tal-veterinarju taċ-ċentru u l-movimenti kollha tal-annimali, li jidħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen u joħorġu minnu, jiġu rreġistrati;

II.3.9. L-ebda annimal li ddaħħal fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ma wera xi sinjal kliniku fil-jum tad-dħul; l-annimali kollha ġew direttament mill-akkomodazzjoni ta' kwarantina li, fil-jum tal-kunsinna u matul il-perjodu ta' residenza tal-annimali, issodisfat uffiċjalment il-kundizzjonijiet li ġejjin:

II.3.9.1. ma kinitx tinsab f'żona ristretta definita skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali minħabba tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tad-deni klassiku tal-ħnieżer, tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, tal-marda vexxikulari tal-ħnieżer, tal-istomatite vexxikulari u tal-marda ta' Aujeszky;

II.3.9.2. ma ġiet irreġistrata l-ebda evidenza klinika, seroloġika, viroloġika jew patoloġika tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tad-deni klassiku tal-ħnieżer, tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, tal-marda vexxikulari tal-ħnieżer, tal-istomatite vexxikulari jew tal-marda ta' Aujeszky għal dawn l-aħħar 30 jum.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat POR-SEM-B-ENTRY**

**Testijiet ta' rutina obbligatorji għall-annimali li jinżammu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen**

II.4. L-annimali kollha li jinżammu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen huma soġġetti għat-testijiet ta' rutina li ġejjin imwettqa f'laboratorju approvat mill-awtorità kompetenti:

II.4.1. fir-rigward tal-bruċellożi, test b'antiġene ta' *Brucella* bbaferjat (it-test bir-Rose Bengal), jew cELISA jew iELISA;

II.4.2. fir-rigward tal-virus tal-marda ta' Aujeszky,

(1)*jew* [II.4.2.1. fil-każ ta' annimali mhux imlaqqmin, test tan-newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-virus kollu tal-marda ta' Aujeszky jew għall-glikoproteina B (ADV-gB) jew il-glikoproteina D (ADV-gD) tiegħu;

(1)*jew* [II.4.2.1. fil-każ ta' annimali mlaqqmin b'vaċċin bil-gE mħassra, test ELISA għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-glikoproteina E (ADV-gE);

II.4.3. It-testijiet ta' rutina msemmija fil-punti II.4.1. u II.4.2. jitwettqu fuq kampjuni meħuda f'konformità mal-punt 1.2. tal-Kapitolu II tal-Anness B tad-Direttiva 90/429/KEE sabiex jiġi żgurat li l-annimali kollha fiċ-ċentru jkunu ġew ittestjati mill-inqas darba matul is-soġġorn tagħhom f'dak iċ-ċentru u mill-inqas kull 12-il xahar mid-data tad-dħul, jekk is-soġġorn tagħhom jaqbeż it-12-il xahar;

(2)*jew* [II.4.4. L-annimali kollha rreaġixxew b'riżultati negattivi fit-testijiet ta' rutina msemmija fil-punti II.4.1. u II.4.2. imwettqa fuq il-kampjuni msemmija fil-punt II.4.3.]

| | Kaxxa ta' referenza I.12: "*Post tad-destinazzjoni*": Indika l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tad-destinazzjoni tal-kunsinna ta' semen, ooċiti u/jew embrijuni. |
| | Kaxxa ta' referenza I.17: "*Dokumenti ta' akkumpanjament*": In-numru/i taċ-ċertifikat(i) oriġinali relatat(i) għandu/għandhom jikkorrispondi/u għan-numru tas-serje tad-dokument(i) uffiċjali individwali jew taċ-ċertifikat(i) tas-saħħa li akkumpanjaw is-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni deskritti fil-Parti I miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen, u/jew mill-grupp għall-ġbir u/jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti u/jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali fejn ġew ipproċessati u maħżuna s-semen, l-ooċiti jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali fejn ġew maħżuna s-semen, l-ooċiti jew l-embrijuni sal-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali deskritt fil-Kaxxa I.11. L-oriġinal(i) ta' dak/dawk id-dokument(i) jew dak/dawk iċ-ċertifikat(i) jew il-kopji approvati uffiċjalment tagħhom iridu jiġu mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat. |
| | Kaxxa ta' referenza I.19: Għandu jiġi indikat in-numru tas-siġill. |
| | Kaxxa ta' referenza I.24: L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' konterituri. |
| | Kaxxa ta' referenza I.27: "*Tip*": Speċifika jekk humiex embrijuni derivati *in vivo*, ooċiti derivati *in vivo*, embrijuni prodotti *in vitro* jew embrijuni mikromanipulati.<br>"*Numru ta' identifikazzjoni*": Indika n-numru ta' identifikazzjoni ta' kull annimal donatur.<br>"*Marka ta' identifikazzjoni*": Indika l-marka fuq it-tubu jew fuq pakketti oħrajn fejn jitqiegħdu s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni tal-kunsinna.<br>"*Data tal-ġbir/produzzjoni*": Indika d-data li fiha nġabru jew ġew prodotti s-semen, l-ooċiti u/jew l-embrijuni tal-kunsinna.<br>*"In-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant / tal-istabbiliment / taċ-ċentru":* Indika n-numru ta' approvazzjoni uniku taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn ikun inġabar is-semen, u/jew tal-grupp għall-ġbir u/jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu jkunu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni.<br>"*Kwantità*": Indika n-numru ta' tubi jew pakketti oħrajn bl-istess marka. |
| | **Parti II:** |
| | (1) L-istabbilimenti tal-ħżin tal-prodotti ġerminali biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/food/animals/semen/porcine_en . |
| | (2) Ħassar jekk mhux applikabbli. |
| | (3) Għal pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss bid-data tal-ftuħ f'konformità mal-kolonna 9 fil-parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat POR-GP-STORAGE-ENTRY**

(4) Għal pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss bid-data tal-ftuħ f'konformità mal-kolonna 9 fil-parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(5) L-istabbilimenti tal-prodotti ġerminali approvati biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/food/animals/semen/porcine_en .

(6) Pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss elenkati fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għas-semen ta' annimali porċini u l-Istati Membri tal-UE.

(7) Id-dokument(i) oriġinali jew iċ-ċertifikat(i) tas-saħħa jew il-kopji approvati b'mod uffiċjali tagħhom li akkumpanjaw is-semen, l-oociti jew l-embrijuni deskritti fil-Parti I miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen, u/jew mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti l-oociti u/jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali fejn ġew ipproċessati u maħżuna s-semen, l-oociti jew l-embrijuni, u/jew mill-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali fejn inħażnu s-semen, l-oociti jew l-embrijuni għall-istabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali minn fejn jintbagħtu s-semen, l-oociti u/jew l-embrijuni kif deskritt fil-Kaxxa I.11 iridu jiġu mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat.

(8) Applikabbli għal semen, oociti jew embrijuni ffriżati.

(9) Applikabbli għall-kunsinna fejn f'kontenitur wieħed jitqiegħdu u jiġu ttrasportati s-semen, l-oociti, l-embrijuni derivati *in vivo*, l-embrijuni prodotti *in vitro* u l-embrijuni mikromanipulati ta' annimali porċini.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

## KAPITOLU 59

# MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' SEMEN TA' ANNIMALI EKWINI MIĠBURA, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAR-REGOLAMENT (UE) 2016/429 U MAR-REGOLAMENT DELEGAT (UE) 2020/692 WARA L-20 TA' APRIL 2021, MIBGĦUTA MIĊ-ĊENTRU TAL-ĠBIR TAS-SEMEN FEJN IKUN INĠABAR IS-SEMEN (MUDELL "EQUI-SEM-A-ENTRY")

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE** | |
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | **I.1** | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2** **Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a** **Referenza tal-IMSOC** |
| | | | **I.3** **Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | | | **I.4** **Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | **I.5** | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6** **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.7** | **Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9** **Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.8** | **Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10** **Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | |
| | **I.11** | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12** **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.13** | **Post tat-tagħbija** | **I.14** **Data u ħin tat-tluq** | |
| | **I.15** | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16** **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17** | |
| | **I.18** | **Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| | **I.19** | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur | Nru tas-siġill | |
| | **I.20** | **Iċ-ċertifikat bħala jew għal** | | |
| | | □ Prodotti ġerminali | | |
| | **I.21** | □ **Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22** □ **Għas-suq intern**<br>**I.23** | |

| **I.24 Għadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

| **I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ**

**Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-A-ENTRY**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Is-semen deskritt fil-Parti I huwa maħsub għar-riproduzzjoni artifiċjali u nkiseb minn annimali donaturi li joriġinaw

II.1.1. minn pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu

II.1.1.1. awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' semen ta' annimali ekwini u elenkati fl-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404;

II.1.1.2. li fihom il-marda Afrikana taż-żwiemel, l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, infezzjoni b'*Burkholderia mallei* (glanders), is-surra (*Trypanosoma evansi*), id-durina (*Trypanosoma equiperdum*), l-anemija infettiva ekwina, infezzjoni bil-virus tar-rabja, l-antraċe, infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina u l-metrite ekwina li tittieħed (*Taylorella equigenitalis*) huma mardiet notifikabbli;

II.1.1.3. ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu f'konformità mal-Artikolu 22(2)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, u fejn ma jkun sar l-ebda tilqim sistematiku kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu f'konformità mal-Artikolu 22(4)(b) ta' dak ir-Regolament;

II.1.1.4. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu;

II.1.2. minn stabbiliment f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu

[(1)]*jew* [II.1.2.1. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders) għal perjodu ta' mill-inqas 36 xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu;]

[(1)]*jew* [II.1.2.1. mill-istabbiliment tal-oriġini fejn ma ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders) għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu, u l-Kummissjoni tkun irrikonoxxiet il-programm ta' sorveljanza mwettaq fl-annimali ekwini tat-tnissil fl-istabbiliment tal-oriġini biex jintwera n-nuqqas ta' infezzjoni matul dak il-perjodu ta' 6 xhur;]

[(1)]*jew* [II.2.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda durina għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu;]

[(1)]*jew* [II.1.2.2. mill-istabbiliment tal-oriġini fejn ma ġiet irrapportata l-ebda durina għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu, u l-Kummissjoni tkun irrikonoxxiet il-programm ta' sorveljanza mwettaq fl-annimali ekwini tat-tnissil fl-istabbiliment tal-oriġini biex jintwera n-nuqqas ta' infezzjoni matul dak il-perjodu ta' 6 xhur;]

[(1)]*jew* [II.2.3. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu.]

[(1)]*jew* [II.2.3. mill-istabbiliment tal-oriġini fejn ma ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur immedjatament qabel il-ġbir tas-semen u sad-data tad-dispaċċ tiegħu, u l-Kummissjoni tkun irrikonoxxiet il-programm ta' sorveljanza mwettaq fl-annimali ekwini tat-tnissil fl-istabbiliment tal-oriġini biex jintwera n-nuqqas ta' infezzjoni matul dak il-perjodu ta' 6 xhur.]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-A-ENTRY**

II.2. Is-semen deskritt fil-Parti I inkiseb minn annimali donaturi li joriġinaw, qabel jidħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, minn stabbilimenti

II.2.1. li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) matul il-perjodu tat-30 jum preċedenti qabel il-ġbir tas-semen, u

(1)*jew* [tkun ġiet irrapportata surra fl-istabbiliment matul il-perjodu tas-sentejn preċedenti qabel il-ġbir tas-semen;]

(1)*jew* [tkun ġiet irrapportata surra fl-istabbiliment matul il-perjodu tas-sentejn preċedenti qabel il-ġbir tas-semen u, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment

(1)*jew* [sakemm l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment kienu ġew soġġetti għal test għas-surra b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li jkun tneħħa l-aħħar annimal infettat mill-istabbiliment;]]

(1)jew [għal mill-inqas 30 jum mid-data tat-tindif u tad-diżinfettar wara li jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal tal-ispeċi elenkata fl-istabbiliment.]]

II.2.2. li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina matul il-perjodu tas-6 xhur preċedenti qabel il-ġbir tas-semen, u

(1)*jew* [tkun ġiet irrapportata durina fl-istabbiliment matul il-perjodu tas-sentejn preċedenti qabel il-ġbir tas-semen;]

(1)*jew* [tkun ġiet irrapportata durina fl-istabbiliment matul il-perjodu tas-sentejn preċedenti qabel il-ġbir tas-semen u, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment

(1)*jew* [sakemm l-annimali ekwini li kien fadal fl-istabbiliment, ħlief annimali ekwini maskili kkastrati, ikunu ġew soġġetti għal test għad-durina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 8 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati, jew wara li jkunu ġew ikkastrati l-annimali ekwini maskili infettati kollha;]]

(1)*jew* [għal mill-inqas 30 jum wara li jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal ekwin fl-istabbiliment, u wara li l-bini jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat;]]

II.2.3. li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda anemija infettiva ekwina matul il-perjodu tad-90 jum preċedenti qabel il-ġbir tas-semen, u

(1)*jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda anemija infettiva ekwina fl-istabbiliment matul il-perjodu tat-12-il xahar preċedenti qabel il-ġbir tas-semen;]

(1)*jew* [tkun ġiet irrapportata anemija infettiva ekwina fl-istabbiliment matul il-perjodu tat-12-il xahar preċedenti qabel il-ġbir tas-semen u, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment

(1)*jew* [sakemm l-annimali ekwini li kien fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test għall-anemija infettiva ekwina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 9 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall minimu ta' 3 xhur wara li jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati u wara li jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat l-istabbiliment;]]

(1)*jew* [għal mill-inqas 30 jum wara li jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal ekwin fl-istabbiliment, u wara li l-bini jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat;]]

II.2.4. li fihom, matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen, l-ebda annimal ekwin ma jkun wera sinjali ta' infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina u ta' metrite ekwina li tittieħed.

II.3. Is-semen deskritt fil-Parti I ikun inġabar, ġie pproċessat u maħżun, u ntbagħat miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen[(2)] li

II.3.1. huwa approvat u elenkat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;

II.3.2. jikkonforma mar-rekwiżiti fir-rigward tar-responsabbiltajiet, il-proċeduri operattivi, il-faċilitajiet u t-tagħmir stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686.

II.4. Is-semen deskritt fil-Parti I inkiseb minn annimali donaturi li

II.4.1. ma tlaqqmux kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel mill-inqas fl-aħħar 40 jum qabel il-ġbir tas-semen;

II.4.2. ma tlaqqmux kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela mill-inqas fl-aħħar 60 jum qabel il-ġbir tas-semen;

II.4.3. baqgħu għal perjodu ta' mill-inqas 3 xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen f'pajjiż terz jew f'territorju jew żona tiegħu msemmija fil-Kaxxa I.7.;

II.4.4. għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen u matul il-perjodu tal-ġbir

II.4.4.1. inżammu fi stabbilimenti li ma jinsabux f'żona ristretta stabbilita minħabba l-okkorrenza tal-marda Afrikana taż-żwiemel, ta' infezzjoni b'*Burkholderia mallei* (glanders) jew ta' marda emerġenti rilevanti għall-annimali ekwini;

II.4.4.2. inżammu fi stabbiliment wieħed fejn ma jkunux ġew irrapportati enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, durina, surra (*Trypanosoma evansi*), anemija infettiva ekwina, infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina, metrite ekwina li tittieħed, infezzjoni bil-virus tar-rabja u antraċe;

II.4.4.3. ma kinux f'kuntatt ma' annimali minn stabbilimenti li jinsabu f'żona ristretta minħabba l-okkorrenza tal-mard imsemmi fil-punt II.4.4.1. jew minn stabbilimenti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt II.4.4.2.;

II.4.5. ma ntużawx għat-tnissil naturali matul perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen u bejn id-dati tal-ewwel kampjun imsemmi fil-punti II.4.8.1., II.4.8.2. u/jew II.4.8.3. u sa tmiem il-perjodu tal-ġbir;

II.4.6. ma wrew l-ebda sintomu ta' mard li jittieħed fil-jum meta ddaħħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen u fil-jum li nġabar is-semen;

II.4.7. jiġu identifikati individwalment kif previst fl-Artikolu 21(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

II.4.8. ikunu ġew soġġetti għat-testijiet li ġejjin, imsemmija fil-punt 1(a) tal-Kapitolu I tal-Parti 4 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686, kif ġej:

[(3)][II.4.8.1. għal infezzjoni bl-anemija infettiva ekwina (EIA), test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test AGID jew ta' Coggins) jew assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiku (ELISA) b'riżultat negattiv;]

II.4.8.2. għal infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina (EVA),

[(1)]*jew* [II.4.8.2.1. test tan-newtralizzazzjoni tas-serum b'riżultat negattiv f'dilwizzjoni tas-serum ta' wieħed minn erbgħa;]

[(1)]*u/jew* [II.4.8.2.2. test ta' iżolament virali, reazzjoni katina bil-polimerażi (PCR) jew PCR f'ħin reali b'riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur;]

II.4.8.3. għall-metrite ekwina li tittieħed (CEM), test għall-identifikazzjoni tal-aġent imwettaq fuq tliet eżemplari (swabs) meħuda miż-żiemel tal-għalla donatur f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' mhux inqas minn 7 ijiem mill-inqas mill-għant tal-pene (prepuzju), mill-uretra u mill-fossa glandis;

Il-kampjuni fl-ebda każ ma ttieħdu aktar kmieni minn 7 ijiem (trattament sistemiku) jew 21 jum (trattament lokali) wara t-trattament antimikrobiku taż-żiemel tal-għalla donatur u tqiegħdu f'mezz tat-trasport bil-karbonju attivat, bħal medium Amies, qabel ma ntbagħtu lejn il-laboratorju fejn kienu soġġetti b'riżultat negattiv għal test għal:

(1)*jew* [II.4.8.3.1. l-iżolament tat-*Taylorella equigenitalis* wara l-kultivazzjoni taħt kundizzjonijiet mikroerofiliċi għal perjodu ta' mill-inqas 7 ijiem, stabbilit fi żmien 24 siegħa wara t-teħid tal-eżemplari mill-annimal donatur, jew fi żmien 48 siegħa fejn l-eżemplari jinżammu kesħin waqt it-trasport;]

(1)*u/jew* [II.4.8.3.2. l-individwazzjoni ta' ġenoma tat-*Taylorella equigenitalis* b'PCR jew PCR f'ħin reali, imwettqa fi żmien 48 siegħa wara li jittieħdu l-eżemplari mill-annimal donatur;]

II.4.9. kienu soġġetti bir-riżultati speċifikati fil-punt II.4.8. f'kull każ għal mill-inqas wieħed mill-programmi ta' ttestjar li ġejjin spjegati fid-dettall, rispettivament, fil-punti 1(b)(i), (ii) u (iii) tal-Kapitolu I tal-Parti 4 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686:

(4)[II.4.9.1. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien kontinwament residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I, u l-ebda annimal ekwidu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ma ġie f'kuntatt dirett ma' annimali ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri minn dak taż-żiemel tal-għalla donatur.

It-testijiet deskritti fil-punt II.4.8. twettqu fuq kampjuni meħuda(5) miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil jew qabel l-ewwel ġbir tas-semen maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel l-ewwel ġbir tas-semen.]

(4)[II.4.9.2. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I, iżda telaq miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru għal perjodu kontinwu ta' inqas minn 14-il jum matul il-perjodu tal-ġbir, jew inkella annimali ekwini oħrajn fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ġew f'kuntatt dirett ma' annimali ekwini bi stat ta' saħħa inferjuri.

It-testijiet deskritti fil-punt II.4.8. twettqu fuq kampjuni meħuda(5) miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil jew qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel l-ewwel ġbir tas-semen u, matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat, iż-żiemel tal-għalla donatur kien soġġett għat-testijiet deskritti fil-punt II.4.8., kif ġej:

(a) għall-anemija infettiva ekwina, wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.4.8.1. twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud(5) mhux aktar minn 90 jum qabel il-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I;

(b) għal infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina, wieħed mit-testijiet deskritti

(1)*jew* [fil-punt II.4.8.2. twettaq l-aħħar fuq kampjun meħud(5) mhux aktar minn 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I;]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-A-ENTRY**

(1)jew [fil-punt II.4.8.2.2., f'każ li jiġi kkonfermat l-istat non-shedder ta' żiemel tal-għalla donatur seropożittiv għal infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina, twettaq fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur meħud(5) mhux aktar minn 6 xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I u kampjun tad-demm meħud(5) miż-żiemel tal-għalla donatur matul il-perjodu ta' 6 xhur irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għal infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina f'dilwizzjoni tas-serum ta' aktar minn wieħed minn erbgħa;]

(c) għall-metrite ekwina li tittieħed, it-test deskritt fil-punt II.4.8.3. twettaq l-aħħar fuq tliet eżemplari (swabs) meħuda(5) mhux aktar minn 60 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I

(1)jew [f'żewġ okkażjonijiet;]

(1)jew [f'okkażjoni waħda u soġġett għal PCR jew PCR f'ħin reali.]]

(4)[II.4.9.3. Iż-żiemel tal-għalla donatur ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu I tal-Parti 4 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 u s-semen jinġabar għad-dħul fl-Unjoni bħala semen iffriżat.

It-testijiet deskritti fil-punti II.4.8.1, II.4.8.2 u II.4.8.3. twettqu fuq kampjuni meħuda(5) miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil, u t-testijiet deskritti fil-punti II.4.8.1 u II.4.8.3. twettqu fuq kampjuni meħuda(5) miż-żiemel tal-għalla donatur matul il-perjodu tal-ħżin tas-semen ta' perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen u qabel ma s-semen jitneħħa miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, mhux inqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara l-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I, u

(1)jew [it-testijiet għal infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina deskritti fil-punt II.4.8.2. twettqu fuq kampjuni meħuda(5) matul il-perjodu tal-ħżin tas-semen ta' perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen u qabel ma s-semen jitneħħa miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, jew inkella jintuża mhux inqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara d-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I.]

(1)jew [l-istat non-shedder ta' żiemel tal-għalla donatur seropożittiv għal infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina ġie kkonfermat minn test ta' iżolament virali, PCR jew PCR f'ħin reali mwettaq b'riżultat negattiv fuq kampjuni ta' alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur meħuda(5) darbtejn f'sena f'intervall ta' mill-inqas 4 xhur u ż-żiemel tal-għalla donatur irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'dilwizzjoni tas-serum ta' mill-inqas wieħed minn erbgħa f'test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għal infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina.]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-A-ENTRY**

II.4.10. sarilhom l-ittestjar previst fil-punt II.4.9. fuq kampjuni meħuda fid-dati li ġejjin:

| Identifikazzjoni tas-semen | Programm ta' ttestjar | Data tal-bidu[5] | | Data tat-teħid ta' kampjuni għat-testijiet tas-saħħa[5] | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Residenza tad-donatur | Ġbir tas-semen | EIA II.4.8.1. | | EVA II. 4.8.2. | | CEM II.4.8.3. | |
| | | | | | | Kampjun tad-demm | Kampjun tas-semen | 1. kampjun | 2. kampjun |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |

II.5. Is-semen deskritt fil-Parti I

II.5.1. ikun inġabar, ġie pproċessat u maħżun f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fil-punti 1 u 2 tal-Parti 1 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

II.5.2. jitqiegħed f'tubi jew pakketti oħrajn li fuqhom tiġi applikata l-marka f'konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 83(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u dik il-marka hija indikata fil-Kaxxa I.27;

II.5.3. jiġi ttrasportat f'kontenitur li:

II.5.3.1. kien issiġillat u nnumerat qabel id-dispaċċ miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru, jew minn veterinarju uffiċjali, u s-siġill għandu n-numru kif indikat fil-Kaxxa I.19;

II.5.3.2. ikun tnaddaf u ġie diżinfettat jew sterilizzat qabel l-użu, jew ikun kontenitur ġdid li jintuża darba;

*[1][6]*[II.5.3.3. ikun imtela bl-aġent krijoġeniku li ma jkunx intuża qabel għal prodotti oħrajn.]

*[1][7]*[II.6. Is-semen jiġi ppreservat biż-żieda ta' antibijotiċi kif ġej:

II.6.1. L-antibijotiku li ġej jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejja żdied/żdiedet mas-semen wara d-dilwizzjoni finali, jew jinsab/tinsab fid-dilwenti tas-semen użati, sabiex tintlaħaq il-konċentrazzjoni indikata għal kull ml ta' semen:

*[1]jew* [taħlita ta' ġentamiċina (250 µg), tilosina (50 µg) u linkomiċina-spektinomiċina (150/300 µg);]

*[1]jew* [taħlita ta' linkomiċina-spektinomiċina (150/300 µg), peniċillina (500 IU) u streptomiċina (500 µg);]

*[1]jew* [taħlita ta' amikaċina (75 µg) u divekaċina (25 µg);]

*[1]jew* [antibijotiku jew taħlita ta' antibijotiċi[8] ……………………………………………., b'attività battériċidali mill-inqas ekwivalenti għal waħda mit-taħlitiet li ġejjin:

- ġentamiċina (250 µg), tilosina (50 µg) u linkomiċina-spektinomiċina (150/300 µg);
- linkomiċina-spektinomiċina (150/300 µg), peniċillina (500 IU) u streptomiċina (500 µg);
- amikaċina (75 µg) u divekaċina (25 µg).]

II.6.2. Immedjatament wara ż-żieda tal-antibijotiċi, u qabel kwalunkwe ffriżar possibbli, is-semen dilwit ikun inżamm f'temperatura ta' mill-inqas 5 °C għal perjodu ta' mhux inqas minn 45 minuta, jew taħt reġim ta' temperatura-ħin b'attività battériċidali ekwivalenti ddokumentata.]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-A-ENTRY**

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tas-semen.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

| | |
|---|---|
| Kaxxa ta' referenza I.11: | "*Post tad-dispaċċ*": Indika n-numru ta' approvazzjoni uniku u l-isem u l-indirizz taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen tad-dispaċċ tal-kunsinna tas-semen. Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni:<br>https://ec.europa.eu/food/animals/semen/equine_en |
| Kaxxa ta' referenza I.12: | "*Post tad-destinazzjoni*": Indika l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tad-destinazzjoni tal-kunsinna tas-semen. |
| Kaxxa ta' referenza I.19: | Għandu jiġi indikat in-numru tas-siġill. |
| Kaxxa ta' referenza I.24: | L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri. |
| Kaxxa ta' referenza I.27: | "*Tip*": Indika s-semen.<br>"*Numru ta' identifikazzjoni*": Indika n-numru ta' identifikazzjoni ta' kull annimal donatur.<br>"*Marka ta' identifikazzjoni*": Indika l-marka fuq it-tubu jew fuq pakketti oħrajn fejn jitqiegħed is-semen tal-kunsinna.<br>"*Data tal-ġbir/produzzjoni*": Indika d-data li fiha nġabar is-semen tal-kunsinna fil-format li ġej: jj.xx.ssss.<br>*"In-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant / tal-istabbiliment / taċ-ċentru":* Indika n-numru ta' approvazzjoni uniku taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen minn fejn ikun inġabar is-semen.<br>"*Kwantità*": Indika n-numru ta' tubi jew pakketti oħrajn bl-istess marka. |

**Parti II:**

Gwida dwar kif timtela t-tabella fil-punt II.4.10.

Abbrevjazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| EIA-1 | L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-anemija infettiva ekwina (EIA) |
| EIA-2 | It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EIA |
| EVA-B1 | L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għal infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina (EVA) fuq kampjun tad-demm |
| EVA-B2 | It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tad-demm |
| EVA-S1 | L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tas-semen |
| EVA-S2 | It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tas-semen |
| CEM-11 | L-ewwel kampjun tal-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-metrite ekwina li tittieħed (CEM) |
| CEM-12 | It-tieni kampjun tal-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM meħud 7 ijiem wara s-CEM-11 |
| CEM-21 | L-ewwel kampjun tat-tieni okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM |
| CEM-22 | It-tieni kampjun tat-tieni okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM meħud 7 ijiem wara s-CEM-21 |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-A-ENTRY**

Struzzjonijiet:

Għal kull semen identifikat fil-kolonna A f'korrispondenza mal-Kaxxa I.27, il-programm ta' ttestjar (il-punti II.4.9.1., II.4.9.2. u/jew II.4.9.3.) għandu jiġi speċifikat fil-kolonna B, u l-kolonni C u D għandhom jimtlew bid-dati meħtieġa.

Id-dati meta ttieħdu l-kampjuni għall-ittestjar fil-laboratorju qabel l-ewwel ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I kif meħtieġ fil-punti II.4.9.1., II.4.9.2. u II.4.9.3. għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' fuq tal-kolonni minn 5 sa 9 tat-tabella, jiġifieri fil-kaxxi mmarkati b'EIA-1, EVA-B1 jew EVA-S1 u CEM-11 u CEM-12 fl-eżempju ta' hawn taħt.

Id-dati meta ttieħdu l-kampjuni għall-ittestjar imtenni fil-laboratorju kif meħtieġ f'konformità mal-punt II.4.9.2. jew II.4.9.3. għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' isfel tal-kolonni minn 5 sa 9 fit-tabella, jiġifieri fil-kaxxi EIA-2, EVA-B2 jew EVA-S2 u CEM-21 u CEM-22 fl-eżempju ta' hawn taħt.

| Identifikazzjoni tas-semen | Programm ta' ttestjar | Data tal-bidu | | Data tat-teħid ta' kampjuni għat-testijiet tas-saħħa | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Residenza tad-donatur | Ġbir tas-semen | EIA II.4.8.1. | EVA II.4.8.2. | | CEM II.4.8.3. | |
| | | | | | Kampjun tad-demm | Kampjun tas-semen | 1.kampjun | 2.kampjun |
| **A** | **B** | **C** | **D** | **EIA-1** | **EVA-B1** | **EVA-S1** | **CEM-11** | **CEM-12** |
| | | | | **EIA-2** | **EVA-B2** | **EVA-S2** | **CEM-21** | **CEM-22** |

(1) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(2) Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/food/animals/semen/equine_en.

(3) It-test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (it-test AGID jew ta' Coggins) jew it-test ELISA għall-anemija infettiva ekwina mhumiex meħtieġa għall-annimali ekwini donaturi li kienu kontinwament residenti fl-Iżlanda mit-twelid, diment li l-Iżlanda tkun baqgħet uffiċjalment ħielsa minn anemija infettiva ekwina u l-ebda annimal ekwin u s-semen, l-ooċiti u l-embrijuni tiegħu ma jkunu ddaħħlu fl-Iżlanda minn barra qabel u matul il-perjodu li fih ikun inġabar is-semen.

(4) Ingassa l-programmi li ma japplikawx għall-kunsinna.

(5) Daħħal id-data fit-tabella fil-punt II.4.10 (segwi l-Gwida fil-Parti II tan-Noti).

(6) Applikabbli għal semen iffriżat.

(7) Attestazzjoni obbligatorja fil-każ li żdiedu l-antibijotiċi.

(8) Daħħal l-isem/ismijiet tal-antibijotiku/antibijotiċi miżjud(a) u l-konċentrazzjoni tiegħu/tagħhom jew l-isem kummerċjali tad-dilwent tas-semen li fih l-antibijotiċi.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data | Kwalifika u titolu

Timbru | Firma

KAPITOLU 60

# MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' STOKKIJIET TA' SEMEN TA' ANNIMALI EKWINI MIĠBURA, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAD-DIRETTIVA 92/65/KEE WARA T-30 TA' SETTEMBRU 2014 U QABEL IL-21 TA' APRIL 2021, MIBGĦUTA WARA L-20 TA' APRIL 2021 MIĊ-ĊENTRU TAL-ĠBIR TAS-SEMEN FEJN IKUN INĠABAR IS-SEMEN (MUDELL "EQUI-SEM-B-ENTRY")

| | | |
|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE** |
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** \| **I.2a Referenza tal-IMSOC**<br>**I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali**<br>**I.4 Awtorità Kompetenti Lokali**<br>**KODIĊI QR** |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17** |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat | |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill | |
| | **I.20 Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br>□ Prodotti ġerminali | |
| | **I.21** □ **Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22** □ **Għas-suq intern**<br>**I.23** |

| **I.24 Ghadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-B-ENTRY**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt tal-pajjiż esportatur [(1)]……………………………………

(*l-isem tal-pajjiż esportatur*)

b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen[(2)], li fih inġabar, ġie pproċessat u maħżun għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni s-semen deskritt fil-Parti I, ġie approvat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Kapitoli I(I)(1) u I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE[(3)];

II.2. Matul il-perjodu li jibda 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I sad-data li fiha ntbagħat is-semen frisk jew imkessaħ jew sakemm għadda l-perjodu minimu ta' 30 jum għall-ħżin tas-semen iffriżat, iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen:

II.2.1. kien jinsab fil-pajjiż esportatur jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/156/KE[(4)], f'dik il-parti tat-territorju tal-pajjiż esportatur li:

- ma kinitx meqjusa infettata bil-marda Afrikana taż-żwiemel f'konformità mal-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE,
- kienu ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal perjodu ta' mill-anqas sentejn,
- kienu ħielsa mill-glanders u mid-durina għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur;

II.2.2. issodisfa l-kundizzjonijiet għal azjenda stipulati fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE u, b'mod partikolari:

[(5)]*jew* [II.2.2.1. wara każ ta' xi marda msemmija hawn taħt, ma ġewx skarnati jew ma nqatlux l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għal dik il-marda li kienu jinsabu fl-azjenda, u l-azjenda ilha ħielsa:

- minn kull tip ta' enċefalomijelite ekwina għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur, li jibda minn dakinhar li jiġu skarnati l-annimali ekwidi li jbatu mill-marda,
- mill-anemija infettiva ekwina (EIA) mill-inqas għall-perjodu meħtieġ biex jinkiseb riżultat negattiv f'test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test AGID jew ta' Coggins) imwettaq fuq kampjuni meħuda minn kull wieħed mill-annimali li jkun fadal wara li l-annimali infettati jkunu ġew skarnati f'żewġ okkażjonijiet tliet xhur bogħod minn xulxin,
- mill-istomatite vexxikulari (VS) għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur mill-aħħar każ irreġistrat,
- mir-rabja għal perjodu ta' mill-inqas xahar mill-aħħar każ irreġistrat,
- mill-antraċe għal perjodu ta' mill-inqas 15-il jum mill-aħħar każ irreġistrat,]

[(5)]*jew* [II.2.2.1. wara każ ta' xi marda msemmija hawn taħt, l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għal dik il-marda li kienu jinsabu fl-azjenda jkunu ġew skarnati jew inqatlu u l-istabbiliment ġie ddiżinfettat, filwaqt li l-azjenda tkun ilha ħielsa għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum minn kull tip ta' enċefalomijelite ekwina, anemija infettiva ekwina, stomatite vexxikulari u rabja, jew għal 15-il jum fil-każ tal-antraċe, li jibdew minn dakinhar li jkun tlesta b'mod sodisfaċenti d-diżinfettar tal-istabbiliment wara l-qerda tal-annimali;]

II.2.3. kien fih biss annimali ekwidi li kienu ħielsa minn sinjali kliniċi ta' arterite virali ekwina u metrite ekwina li tittieħed,

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-B-ENTRY**

II.3. Qabel ma daħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, iż-żwiemel tal-għalla donaturi u kwalunkwe ekwidu ieħor li kien fiċ-ċentru:

II.3.1. kienu kontinwament residenti għal perjodu ta' tliet xhur (jew minn meta daħlu jekk kienu ġew importati direttament minn Stat Membru tal-Unjoni matul il-perjodu ta' tliet xhur) fil-pajjiż esportatur jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/156/KE, f'dik il-parti tat-territorju tal-pajjiż esportatur li matul dak il-perjodu:

- ma kinitx meqjusa infettata bil-marda Afrikana taż-żwiemel f'konformità mal-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE,
- kienu ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal perjodu ta' mill-anqas sentejn,
- kienu ħielsa mill-glanders u mid-durina għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur;

*(5)jew* [II.3.2. oriġinaw mill-pajjiż tal-esportazzjoni li dakinhar li ddaħħlu fiċ-ċentru kien ħieles mill-istomatite vexxikulari (VS) għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur,]

*(5)jew* [II.3.2. kienu soġġetti għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-istomatite vexxikulari (VS) imwettaq b'riżultat negattiv f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 32 jew test ELISA għall-VS imwettaq b'riżultat negattiv f'konformità mal-Kapitolu rilevanti tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE fuq kampjun tad-demm meħud(6) fi żmien 14-il jum qabel daħlu fiċ-ċentru;]

II.3.3. oriġinaw minn azjendi li fil-jum tad-dħul fiċ-ċentru kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt II.2.2.;

II.4. Is-semen deskritt fil-Parti I inġabar minn żwiemel tal-għalla donaturi li:

II.4.1. ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard infettiv jew li jittieħed fil-ħin tad-dħul fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen u dakinhar li nġabar is-semen;

II.4.2. inżammu għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen f'azjendi fejn l-ebda annimal ekwin ma wera xi sinjal kliniku ta' arterite virali ekwina jew ta' metrite ekwina kontaġġuża matul dak il-perjodu;

II.4.3. ma ntużawx għat-tnissil naturali matul perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen u bejn id-dati tal-ewwel kampjun imsemmi fil-punti II.4.5.1., II.4.5.2. u/jew II.4.5.3. u sa tmiem il-perjodu tal-ġbir;

II.4.4. sarulhom it-testijiet li ġejjin, li jissodisfaw mill-inqas ir-rekwiżiti tal-Kapitolu rilevanti tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE, imwettqa f'laboratorju li huwa rikonoxxut mill-awtorità kompetenti u li għandu t-testijiet imsemmija hawn taħt inklużi fl-akkreditazzjoni tiegħu ekwivalenti għal dik prevista fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004(7), kif ġej:

*(8)*[II.4.4.1. għall-anemija infettiva ekwina (EIA), test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (it-test AGID jew ta' Coggins) jew assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiku (ELISA) għall-anemija infettiva ekwina b'riżultat negattiv;]

II.4.4.2. għall-arterite virali ekwina (EVA),

*(5)jew* [II.4.4.2.1. test tan-newtralizzazzjoni tas-serum b'riżultat negattiv f'dilwizzjoni tas-serum ta' wieħed minn erbgħa;]

*(5)u/jew* [II.4.4.2.2. test ta' iżolament virali, reazzjoni katina bil-polimerażi (PCR) jew PCR f'ħin reali b'riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur;]

II.4.4.3. għall-metrite ekwina li tittieħed (CEM), test għall-identifikazzjoni tal-aġent imwettaq fuq tliet eżemplari (swabs) meħuda miż-żiemel tal-għalla donatur f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' mhux inqas minn 7 ijiem mill-inqas mill-għant tal-pene (prepuzju), mill-uretra u mill-fossa glandis;

Il-kampjuni fl-ebda każ ma ttieħdu aktar kmieni minn 7 ijiem (trattament sistemiku) jew 21 jum (trattament lokali) wara t-trattament antimikrobiku taż-żiemel tal-għalla donatur u tqiegħdu f'mezz tat-trasport bil-karbonju attivat, bħal medium Amies, qabel ma ntbagħtu lejn il-laboratorju fejn kienu soġġetti b'riżultat negattiv għal test għal:

[5] *jew* [II.4.4.3.1. l-iżolament tat-*Taylorella equigenitalis* wara l-kultivazzjoni taħt kundizzjonijiet mikroerofiliċi għal perjodu ta' mill-inqas 7 ijiem, stabbilit fi żmien 24 siegħa wara t-teħid tal-eżemplari mill-annimal donatur, jew fi żmien 48 siegħa fejn l-eżemplari jinżammu kesħin waqt it-trasport;]

[5] *u/jew* [II.4.4.3.2. l-individwazzjoni ta' ġenoma tat-*Taylorella equigenitalis* b'PCR jew PCR f'ħin reali, imwettqa fi żmien 48 siegħa wara li jittieħdu l-eżemplari mill-annimal donatur;]

II.4.5. kienu soġġetti, bir-riżultati speċifikati fil-punt II.4.4 f'kull każ, għal mill-inqas wieħed mill-programmi ta' ttestjar spjegati fid-dettall, rispettivament, fil-punti 1.6(a), (b) u (c) tal-Kapitolu II tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE kif ġej:

[9] [II.4.5.1. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien kontinwament residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I u, matul dak iż-żmien, l-ebda annimal ekwidu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ma ġie f'kuntatt dirett ma' annimali ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri minn dak taż-żiemel tal-għalla donatur.

It-testijiet deskritti fil-punt II.4.4. twettqu fuq kampjuni meħuda[6] miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil jew qabel l-ewwel ġbir tas-semen maħsub għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel l-ewwel ġbir tas-semen.]

[9] [II.4.5.2. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I, iżda telaq miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru għal perjodu kontinwu ta' inqas minn 14-il jum, u/jew annimali ekwidi oħrajn fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ġew f'kuntatt dirett ma' annimali ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri.

It-testijiet deskritti fil-punt II.4.4. twettqu fuq kampjuni meħuda[6] miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil jew qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen maħsub għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen,

*u* matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen maħsub għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat, iż-żiemel tal-għalla donatur kien soġġett għat-testijiet deskritti fil-punt II.4.4., kif ġej:

(a) għall-anemija infettiva ekwina, wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.4.4.1. twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud[6] mhux aktar minn 90 jum qabel il-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I;

(b) għall-arterite virali ekwina, wieħed mit-testijiet deskritti

[5] *jew* [fil-punt II.4.4.2. twettaq l-aħħar fuq kampjun meħud[6] mhux aktar minn 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I;]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-B-ENTRY**

[5]*jew* [fil-punt II.4.4.2.2 twettaq fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur meħuda[6] mhux aktar minn 6 xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I u kampjun tad-demm meħud[6] miż-żiemel tal-għalla donatur matul il-perjodu ta' 6 xhur irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina f'dilwizzjoni tas-serum ta' aktar minn wieħed minn erbgħa;]

(c) għall-metrite ekwina li tittieħed, it-test deskritt fil-punt II.4.4.3. twettaq l-aħħar fuq tliet eżemplari (swabs) meħuda[6] mhux aktar minn 60 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I

[5]*jew* [f'żewġ okkażjonijiet;]

[5]*jew* [f'okkażjoni waħda u soġġett għal PCR jew PCR f'ħin reali.]]

[9][II.4.5.3. Iż-żiemel tal-għalla donatur ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1.6(a) u (b) tal-Kapitolu II tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u s-semen jinġabar għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen iffriżat.

It-testijiet deskritti fil-punti II.4.4.1, II.4.4.2. u II.4.4.3. twettqu fuq kampjuni meħuda[6] miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil,

*u* it-testijiet deskritti fil-punti II.4.4.1 u II.4.4.3. twettqu fuq kampjuni meħuda[6] miż-żiemel tal-għalla donatur matul il-perjodu tal-ħżin tas-semen ta' perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen u qabel ma s-semen jitneħħa miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, mhux inqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara l-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I,

*u* [5]*jew* [it-testijiet għall-arterite virali ekwina deskritti fil-punt II.4.4.2. twettqu fuq kampjuni meħuda[6] matul il-perjodu tal-ħżin tas-semen ta' perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen u qabel ma s-semen jitneħħa miċ-ċentru tal-ġbir tas-semen jew inkella jintuża, mhux inqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara d-data tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I.]

[5]*jew* [l-istat non-shedder taż-żmiel tal-għalla seropożittiv għall-arterite virali ekwina ġie kkonfermat minn test ta' iżolament virali, PCR jew PCR f'ħin reali mwettaq b'riżultat negattiv fuq kampjuni ta' alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur meħud[6] darbtejn fis-sena f'intervall ta' għall-inqas erba' xhur u ż-żiemel tal-għalla donatur irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'dilwizzjoni ta' serum ta' mill-inqas wieħed minn kull erbgħa f'test ta' newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina.]

II.4.6. sarilhom l-ittestjar previst fil-punti II.3.2.[5] u II.4.5. fuq kampjuni meħuda fid-dati li ġejjin:

| Identifikazzjoni tas-semen | Programm ta' ttestjar | Data tal-bidu[6] | | Data tat-teħid ta' kampjuni għat-testijiet tas-saħħa[6] | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Residenza tad-donatur | Ġbir tas-semen | VS[5] II.3.2 | EIA II.4.4.1. | EVA II.4.4.2. | | CEM II.4.4.3. | |
| | | | | | | Kampjun tad-demm | Kampjun tas-semen | 1. kampjun | 2. kampjun |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-B-ENTRY**

(5)jew [II.5. Ma żdied l-ebda antibijotiku mas-semen;]

(5)jew [II.5. L-antibijotiku li ġej jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejja ġie(t) miżjud(a) biex tiġi prodotta konċentrazzjoni fis-semen dilwit finali ta' mhux inqas minn(10):

…………………………………………………………………………………………………….

…………………………………………………………………………………………………….. ;]

II.6. Is-semen deskritt fil-Parti I kien:

II.6.1. miġbur, ipproċessat, maħżun u ttrasportat f'kundizzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II(I)(1) u III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.6.2. intbagħat lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat f'konformità mal-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.19.

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tas-semen.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa I.11: Il-post tad-dispaċċ għandu jikkorrispondi għaċ-ċentru tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen.

Kaxxa I.19: Għandhom jiġu indikati l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill.

Kaxxa I.24: L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.27: "*Numru ta' identifikazzjoni*": L-identità tal-annimal donatur għandha tikkorrispondi għall-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

"*Data tal-ġbir/produzzjoni*": Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

**Parti II:**

Gwida dwar kif timtela t-tabella fil-punt II.4.6.

Abbrevjazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| VS | Ittestjar għall-istomatite vexxikulari (VS) jekk meħtieġ f'konformità mal-punt II.3.2 |
| EIA-1 | L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-anemija infettiva ekwina (EIA) |
| EIA-2 | It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EIA |
| EVA-B1 | L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-arterite virali ekwina (EVA) fuq kampjun tad-demm |
| EVA-B2 | It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tad-demm |
| EVA-S1 | L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tas-semen |
| EVA-S2 | It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tas-semen |
| CEM-11 | L-ewwel kampjun tal-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-metrite ekwina li tittieħed (CEM) |
| CEM-12 | It-tieni kampjun tal-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM meħud 7 ijiem wara s-CEM-11 |
| CEM-21 | L-ewwel kampjun tat-tieni okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM |
| CEM-22 | It-tieni kampjun tat-tieni okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM meħud 7 ijiem wara s-CEM-21 |

Struzzjonijiet:

Għal kull semen identifikat fil-kolonna A f'korrispondenza mal-Kaxxa I.27, il-programm ta' ttestjar (il-punti II.4.5.1., II.4.5.2. u/jew II.4.5.3.) għandu jiġi speċifikat fil-kolonna B, u l-kolonni C u D għandhom jimtlew bid-dati meħtieġa.

Id-dati meta ttieħdu l-kampjuni għall-ittestjar fil-laboratorju qabel l-ewwel ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I kif meħtieġ fil-punti II.4.5.1., II.4.5.2. u II.4.5.3. għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' fuq tal-kolonni minn 5 sa 9 tat-tabella, jiġifieri fil-kaxxi mmarkati b'EIA-1, EVA-B1 jew EVA-S1 u CEM-11 u CEM-12 fl-eżempju ta' hawn taħt.

Id-dati meta ttieħdu l-kampjuni għall-ittestjar imtenni fil-laboratorju kif meħtieġ f'konformità mal-punt II.4.5.2. jew II.4.5.3. għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' isfel tal-kolonni minn 5 sa 9 fit-tabella, jiġifieri fil-kaxxi EIA-2, EVA-B2 jew EVA-S2 u CEM-21 u CEM-22 fl-eżempju ta' hawn taħt.

| Identifikazzjoni tas-semen | Programm ta' ttestjar | Data tal-bidu | | Data tat-teħid ta' kampjuni għat-testijiet tas-saħħa | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Residenza tad-donatur | Ġbir tas-semen | VS II.3.2. | EIA II.4.4.1. | EVA II.4.4.2. | | CEM II.4.4.3. | |
| | | | | | | Kampjun tad-demm | Kampjun tas-semen | 1.kampjun | 2.kampjun |
| **A** | **B** | **C** | **D** | **VS** | **EIA-1** | **EVA-B1** | **EVA-S1** | **CEM-11** | **CEM-12** |
| | | | | | **EIA-2** | **EVA-B2** | **EVA-S2** | **CEM-21** | **CEM-22** |

(1) L-importazzjonijiet tas-semen ta' annimali ekwini huma awtorizzati minn pajjiż terz elenkat fil-kolonna 1 tal-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404, diment li s-semen inġabar fil-parti tat-territorju tal-pajjiż terz indikat fil-kolonna 2 ta' dak l-Anness minn żiemel tal-għalla donatur tal-kategorija ta' annimali ekwini indikati fil-kolonna 3 ta' dak l-Anness.

(2) Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen elenkati f'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq is-sit web tal-Kummissjoni biss: https://ec.europa.eu/food/animals/semen/equine_en.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A (I) ta' Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54).

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi (ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1).

(5) Ħassar kif meħtieġ.

(6) Daħħal id-data fit-tabella fil-punt II.4.6 (segwi l-Gwida fil-Parti II tan-Noti).

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar s-saħħa tal-annimali u l-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

(8) It-test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (it-test AGID jew ta' Coggins) jew it-test ELISA għall-anemija infettiva ekwina mhumiex meħtieġa għall-annimali ekwini donaturi li kienu kontinwament residenti fl-Iżlanda mit-twelid, diment li l-Iżlanda tkun baqgħet uffiċjalment ħielsa minn anemija infettiva ekwina u l-ebda annimal ekwin u s-semen, l-ova u l-embrijuni tiegħu ma jkunu ddaħħlu fl-Iżlanda minn barra qabel u matul il-perjodu li fih ikun inġabar is-semen.

(9) Ingassa l-programmi li ma japplikawx għall-kunsinna.

(10) Daħħal l-ismijiet u l-konċentrazzjonijiet.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data | Kwalifika u titolu

Timbru | Firma

KAPITOLU 61

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' STOKKIJIET TA' SEMEN TA' ANNIMALI EKWINI MIĠBURA, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAD-DIRETTIVA 92/65/KEE WARA L-31 TA' AWWISSU 2010 U QABEL L-1 TA' OTTUBRU 2014, MIBGĦUTA WARA L-20 TA' APRIL 2021 MIĊ-ĊENTRU TAL-ĠBIR TAS-SEMEN FEJN IKUN INĠABAR IS-SEMEN (MUDELL "EQUI-SEM-C-ENTRY")

| | | |
|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE** | |
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | |
| **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC** |
| | **I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | **I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| **I.7 Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| **I.8 Reġjun tal-oriġini** Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi | |
| **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | |
| **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | **I.17** | |
| **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali | □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill | | |
| **I.20 Iċ-ċertifikat bħala jew għal** | | |
| □ Prodotti ġerminali | | |
| **I.21 □ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22 □ Għas-suq intern** | |
| | **I.23** | |

| I.24 Għadd totali ta' imballaġġi | I.25 Kwantità totali | I.26 |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-C-ENTRY**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt tal-pajjiż esportatur [(1)]……………………………………

(*l-isem tal-pajjiż esportatur*)

b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen[(2)], li fih inġabar, ġie pproċessat u maħżun is-semen deskritt fil-Parti I għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea ġie approvat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Kapitolu I(I)(1) u tal-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE,

II.2. matul il-perjodu li jibda 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I sakemm għadda l-perjodu tal-ħżin ta' 30 jum għas-semen iffriżat, iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen:

II.2.1. kien jinsab fil-pajjiż esportatur jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/156/KE[(3)], f'dik il-parti tat-territorju tal-pajjiż esportatur li:

- ma kinitx meqjusa infettata bil-marda Afrikana taż-żwiemel f'konformità mal-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE[(3)],
- kienet ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal sentejn,
- kienet ħielsa mill-glanders u mid-durina għal 6 xhur;

II.2.2. issodisfa l-kundizzjonijiet għal azjenda stipulati fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE[(3)] u, b'mod partikolari:

[(4)]*jew* [II.2.2.1. wara każ ta' xi marda msemmija hawn taħt, ma ġewx skarnati jew ma nqatlux l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għal dik il-marda li kienu jinsabu fl-azjenda, u l-azjenda ilha ħielsa:

- minn kull tip ta' enċefalomijelite ekwina għal mill-inqas 6 xhur, li jibdew minn dakinhar li jiġu skarnati l-annimali ekwidi li jkunu jbatu mill-marda,
- mill-anemija infettiva ekwina mill-inqas għall-perjodu meħtieġ biex jinkiseb riżultat negattiv f'test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test ta' Coggins) imwettaq fuq kampjuni meħuda minn kull wieħed mill-annimali li jkun fadal wara li l-annimali infettati jkunu ġew skarnati f'żewġ okkażjonijiet tliet xhur bogħod minn xulxin,
- mill-istomatite vexxikulari għal mill-inqas 6 xhur mill-aħħar każ irreġistrat,
- mir-rabja għal mill-inqas xahar mill-aħħar każ irreġistrat,
- mill-antraċe għal mill-inqas 15-il jum mill-aħħar każ irreġistrat,]

[(4)]*jew* [II.2.2.1. wara każ ta' xi marda msemmija hawn taħt, l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għal dik il-marda li kienu jinsabu fl-azjenda jkunu ġew skarnati jew inqatlu u l-istabbiliment ġie ddiżinfettat, filwaqt li l-azjenda tkun ilha ħielsa għal mill-inqas 30 jum minn kull tip ta' enċefalomijelite ekwina, anemija infettiva ekwina, stomatite vexxikulari u rabja, jew għal 15-il jum fil-każ tal-antraċe, li jibdew minn dakinhar li jkun tlesta b'mod sodisfaċenti d-diżinfettar tal-istabbiliment wara l-qerda tal-annimali;]

II.2.3. kien fih biss annimali ekwidi li kienu ħielsa minn sinjali kliniċi ta' arterite virali ekwina u metrite ekwina li tittieħed,

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-C-ENTRY**

II.3. Qabel ma daħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, iż-żwiemel tal-għalla donaturi u kwalunkwe ekwidu ieħor li kien fiċ-ċentru:

II.3.1. kienu kontinwament residenti għal tliet xhur (jew minn meta daħlu jekk kienu ġew importati direttament minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea matul il-perjodu ta' tliet xhur) fil-pajjiż esportatur jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/156/KE[3], f'dik il-parti tat-territorju tal-pajjiż esportatur li matul dak il-perjodu

– ma kinitx meqjusa infettata bil-marda Afrikana taż-żwiemel f'konformità mal-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE[3],

– kienet ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għall-aħħar sentejn,

– kienet ħielsa mill-glanders u mid-durina għal mill-inqas 6 xhur;

*[4]jew* [II.3.2. oriġinaw minn pajjiż tal-esportazzjoni li dakinhar tad-dħul fiċ-ċentru kien ilu ħieles mill-istomatite vexxikulari (VS) għal mill-inqas 6 xhur;]

*[4]jew* [II.3.2. ġew soġġetti għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-istomatite vexxikulari (VS) imwettaq b'riżultat negattiv f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 12 fuq kampjun tad-demm meħud[5] fi żmien 14-il jum qabel daħlu fiċ-ċentru;]

II.3.3. oriġinaw minn azjendi li fil-jum tad-dħul fiċ-ċentru kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt II.2.2.;

II.4. Is-semen deskritt fil-Parti I inġabar minn żwiemel tal-għalla donaturi li:

II.4.1. ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' marda infettiva jew li tittieħed fil-ħin li ddaħħlu fiċ-ċentru u dakinhar li nġabar is-semen;

II.4.2. ikunu nżammu għal 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen f'azjendi fejn l-ebda annimal ekwin ma wera xi sinjal kliniku ta' arterite virali ekwina jew ta' metrite ekwina li tittieħed matul dak il-perjodu;

II.4.3. ma jkunux intużaw għat-tnissil naturali matul mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen u bejn id-dati tal-ewwel kampjun imsemmija fil-punti II.4.5.1., II.4.5.2. u/jew II.4.5.3. u sa tmiem il-perjodu tal-ġbir;

II.4.4. sarulhom it-testijiet li ġejjin, li talanqas jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu rilevanti fil-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, li twettqu fuq kampjuni li ttieħdu f'konformità ma' wieħed mill-programmi speċifikati fil-punt II.4.5, f'laboratorju magħruf mill-awtorità kompetenti:

*[4][6]jew* [II.4.4.1. test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test ta' Coggins) għall-anemija infettiva ekwina (EIA) b'riżultat negattiv; ]

*[4][6]jew* [II.4.4.1. test ELISA għall-anemija ekwina infettiva (EIA) b'riżultat negattiv;]

*u* *[4]jew* [II.4.4.2. test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina (EVA) b'riżultat negattiv f'dilwizzjoni tas-serum ta' wieħed minn erbgħa;]

*[4]jew* [II.4.4.2. test ta' iżolament virali għall-arterite virali ekwina (EVA) mwettaq b'riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur;]

*u* II.4.4.3. test għall-identifikazzjoni tal-aġent għall-metrite ekwina li tittieħed (CEM) imwettaq f'żewġ okkażjonijiet fuq kampjuni miġbura b'intervall ta' sebat ijiem permezz ta' iżolament tat-*Taylorella equigenitalis* wara kultivazzjoni ta' bejn 7 ijiem u 14-il jum minn fluwidu ta' qabel l-eġakulazzjoni jew kampjun tas-semen u minn swabs ġenitali meħuda mill-inqas mill-għant tal-pene, mill-uretra u mill-fossa tal-uretra b'riżultat negattiv f'kull każ;

II.4.5. ġew soġġetti bir-riżultati speċifikati fil-punt II.4.4. f'kull każ għal mill-inqas wieħed mill-programmi ta' ttestjar(7) spjegati fid-dettall fil-punti II.4.5.1., II.4.5.2. u II.4.5.3. kif ġej:

II.4.5.1. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien kontinwament residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I u, matul dak iż-żmien, l-ebda annimal ekwidu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ma ġie f'kuntatt dirett ma' annimali ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri minn dak taż-żiemel tal-għalla donatur.

It-testijiet deskritti fil-punt II.4.4. twettqu fuq kampjuni meħuda(5) qabel l-ewwel ġbir tas-semen u mill-inqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum.

II.4.5.2. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien residenti fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I, iżda telaq miċ-ċentru taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru għal perjodu kontinwu ta' inqas minn 14-il jum, jew annimali ekwidi oħrajn fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ġew f'kuntatt dirett ma' annimali ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri.

It-testijiet deskritti fil-punt II.4.4. twettqu fuq kampjuni meħuda(5) qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen tal-istaġun tat-tnissil jew il-perjodu tal-ġbir fis-sena li fiha nġabar is-semen deskritt fil-Parti I u mill-inqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum,

*u* it-test deskritt fil-punt II.4.4.1. għall-anemija ekwina infettiva twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud(5) mhux aktar minn 90 jum qabel ma nġabar is-semen deskritt fil-Parti I;

*u* *(4)jew* [wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.4.4.2. għall-arterite virali ekwina twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm li ttieħed(5) mhux aktar minn 30 jum qabel ma nġabar is-semen deskritt fil-Parti I,]

*(4)jew* [twettaq test ta' iżolament virali għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur meħud(5) mhux aktar minn 6 xhur qabel ma nġabar is-semen deskritt fil-Parti I u kampjun tad-demm meħud fl-istess data(5) rreaġixxa b'mod pożittiv f'test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina f'dilwizzjoni tas-serum ta' aktar minn wieħed minn erbgħa,]

*u* it-test deskritt fil-punt II.4.4.3. għall-metrite ekwina li tittieħed twettaq l-aħħar fuq kampjuni meħuda(5) mhux aktar minn 60 jum qabel ma nġabar is-semen deskritt fil-Parti I.

II.4.5.3. It-testijiet deskritti fil-punt II.4.4. twettqu fuq kampjuni meħuda(5) qabel id-data tal-ewwel ġbir tas-semen tal-istaġun tat-tnissil jew il-perjodu tal-ġbir fis-sena meta nġabar is-semen deskritt fil-Parti I,

*u* t-testijiet deskritti fil-punt II.4.4. twettqu l-aħħar fuq kampjuni meħuda(5) bejn 14 u 90 jum wara l-ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I.

II.4.6. sarilhom l-ittestjar previst fil-punti II.3.2.[4] u II.4.5. fuq kampjuni meħuda fid-dati li ġejjin:

| Identifikazzjoni tas-semen | Programm ta' ttestjar | Data tal-bidu[5] | | Data tat-teħid ta' kampjuni għat-testijiet tas-saħħa[5] | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Residenza tad-donatur | Ġbir tas-semen | VS[4] II.3.2 | EIA II.4.4.1. | EVA II. 4.4.2. | | CEM II.4.4.3. | |
| | | | | | | Kampjun tad-demm | Kampjun tas-semen | 1. kampjun | 2. kampjun |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |

[4]*jew* [II.5. Ma żdied l-ebda antibijotiku mas-semen;]

[4]*jew* [II.5. L-antibijotiku li ġej jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejja ġie(t) miżjud(a) biex tiġi prodotta konċentrazzjoni fis-semen dilwit finali ta' mhux inqas minn[8]:

……………………………………………………………………………………………………………….

……………………………………………………………………………………………………………….. ;]

II.6. Is-semen deskritt fil-Parti I kien:

II.6.1. miġbur, ipproċessat, maħżun u ttrasportat f'kundizzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II(I)(1) u III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.6.2. intbagħat lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat f'konformità mal-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.19.

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tas-semen.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa I.11: Il-post tad-dispaċċ għandu jikkorrispondi għaċ-ċentru tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen.

Kaxxa I.19: Għandhom jiġu indikati l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill.

Kaxxa I.24: L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.27: "*Numru ta' identifikazzjoni*": L-identità tal-annimal donatur għandha tikkorrispondi għall-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

"*Data tal-ġbir/produzzjoni*": Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-C-ENTRY**

**Parti II:**

Gwida dwar kif timtela t-tabella fil-punt II.4.6.

Abbrevjazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| VS | Ittestjar għall-istomatite vexxikulari (VS) jekk meħtieġ f'konformità mal-punt II.3.2 |
| EIA-1 | L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-anemija infettiva ekwina (EIA) |
| EIA-2 | It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EIA |
| EVA-B1 | L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-arterite virali ekwina (EVA) fuq kampjun tad-demm |
| EVA-B2 | It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tad-demm |
| EVA-S1 | L-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tas-semen |
| EVA-S2 | It-tieni okkażjoni tal-ittestjar għall-EVA fuq kampjun tas-semen |
| CEM-11 | L-ewwel kampjun tal-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għall-metrite ekwina li tittieħed (CEM) |
| CEM-12 | It-tieni kampjun tal-ewwel okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM meħud 7 ijiem wara s-CEM-11 |
| CEM-21 | L-ewwel kampjun tat-tieni okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM |
| CEM-22 | It-tieni kampjun tat-tieni okkażjoni tal-ittestjar għas-CEM meħud 7 ijiem wara s-CEM-21 |

Struzzjonijiet:

Għal kull semen identifikat fil-kolonna A f'korrispondenza mal-Kaxxa I.27, il-programm ta' ttestjar (II.4.5.1., II.4.5.2. u/jew II.4.5.3.) irid jiġi speċifikat fil-kolonna B, u l-kolonni C u D iridu jimtlew bid-dati meħtieġa.

Id-dati meta ttieħdu l-kampjuni għall-ittestjar fil-laboratorju qabel l-ewwel ġbir tas-semen deskritt fil-Parti I kif meħtieġ fil-punti II.4.5.1., II.4.5.2. u II.4.5.3. għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' fuq tal-kolonni minn 5 sa 9 tat-tabella, jiġifieri fil-kaxxi mmarkati b'EIA-1, EVA-B1 jew EVA-S1 u CEM-11 u CEM-12 fl-eżempju ta' hawn taħt.

Id-dati meta ttieħdu l-kampjuni għall-ittestjar imtenni fil-laboratorju kif meħtieġ f'konformità mal-punt II.4.5.2. jew II.4.5.3. jiddaħħlu fil-linja ta' isfel tal-kolonni minn 5 sa 9 fit-tabella, jiġifieri fil-kaxxi EIA-2, EVA-B2 jew EVA-S2 u CEM-21 u CEM-22 fl-eżempju ta' hawn taħt.

| Identifikazzjoni tas-semen | Programm ta' ttestjar | Data tal-bidu | | Data tat-teħid ta' kampjuni għat-testijiet tas-saħħa | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Residenza tad-donatur | Ġbir tas-semen | VS II.3.2. | EIA II.4.4.1. | EVA II.4.4.2. | | CEM II.4.4.3. | |
| | | | | | | Kampjun tad-demm | Kampjun tas-semen | 1.kampjun | 2.kampjun |
| **A** | **B** | **C** | **D** | **VS** | **EIA-1** | **EVA-B1** | **EVA-S1** | **CEM-11** | **CEM-12** |
| | | | | | **EIA-2** | **EVA-B2** | **EVA-S2** | **CEM-21** | **CEM-22** |

(1) L-importazzjonijiet tas-semen ta' annimali ekwini huma awtorizzati minn pajjiż terz elenkat fil-kolonna 1 tal-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404, diment li s-semen inġabar fil-parti tat-territorju tal-pajjiż terz indikat fil-kolonna 2 ta' dak l-Anness minn żiemel tal-għalla donatur tal-kategorija ta' annimali ekwini indikati fil-kolonna 3 ta' dak l-Anness.

(2) Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen elenkati f'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq is-sit web tal-Kummissjoni biss: https://ec.europa.eu/food/animals/semen/equine_en.

(3) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.

(4) Ħassar kif meħtieġ.

(5) Daħħal id-data fit-tabella fil-punt II.4.6 (segwi l-Gwida fil-Parti II tan-Noti)

(6) It-test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (it-test ta' Coggins) jew it-test ELISA għall-anemija infettiva ekwina mhumiex meħtieġa għall-annimali ekwini donaturi li kienu kontinwament residenti fl-Iżlanda mit-twelid, diment li l-Iżlanda tkun baqgħet uffiċjalment ħielsa minn anemija infettiva ekwina u l-ebda annimal ekwin u s-semen, l-ova u l-embrijuni tiegħu ma jkunu ddaħħlu fl-Iżlanda minn barra qabel u matul il-perjodu li fih ikun inġabar is-semen.

(7) Ingassa l-programmi li ma japplikawx għall-kunsinna.
(8) Daħħal l-ismijiet u l-konċentrazzjonijiet.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

## KAPITOLU 62

# MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' STOKKIJIET TA' SEMEN TA' ANNIMALI EKWINI MIĠBURA, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAD-DIRETTIVA 92/65/KEE QABEL L-1 TA' SETTEMBRU 2010, MIBGĦUTA WARA L-20 TA' APRIL 2021 MIĊ-ĊENTRU TAL-ĠBIR TAS-SEMEN FEJN IKUN INĠABAR IS-SEMEN (MUDELL "EQUI-SEM-D-ENTRY")

Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna

| PAJJIŻ | | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE |
|---|---|---|---|
| I.1 | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.2 | **Referenza taċ-ċertifikat** — I.2a **Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR** |
| | | I.3 | **Awtorità Kompetenti Ċentrali** |
| | | I.4 | **Awtorità Kompetenti Lokali** |
| I.5 | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.6 | **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| I.7 | **Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.9 | **Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| I.8 | **Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | I.10 | **Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi |
| I.11 | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.12 | **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| I.13 | **Post tat-tagħbija** | I.14 | **Data u ħin tat-tluq** |
| I.15 | **Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | I.16 | **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** |
| | | I.17 | |
| I.18 | **Kundizzjonijiet tat-trasport** — □ Ambjentali — □ Imkessaħ — □ Iffriżat | | |
| I.19 | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | |
| I.20 | **Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br>□ Prodotti ġerminali | | |
| I.21 | **□ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.22 | **□ Għas-suq intern** |
| | | I.23 | |

| **I.24 Ghadd totali ta' imballaġġi** | | | **I.25 Kwantità totali** | | **I.26** |
|---|---|---|---|---|---|
| **I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | | | | |
| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-D-ENTRY**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** Referenza taċ-ċertifikat | **II.b** Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, tal-pajjiż esportatur[(1)] ……………………………………

(*l-isem tal-pajjiż esportatur*)

b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen[(2)] li fih inġabar, ġie pproċessat u maħżun is-semen deskritt fil-Parti I maħsub għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea:

II.1.1. ġie approvat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti skont il-kundizzjonijiet tal-Kapitolu I tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE,

II.1.2. jinsab fit-territorju jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/156/KE[(3)], f'parti mit-territorju tal-pajjiż tal-esportazzjoni li, minn dakinhar li nġabar is-semen sad-data li fiha ntbagħat dan is-semen, kien ħieles:

– mill-marda Afrikana taż-żwiemel, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE,

– mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal sentejn,

– mill-glanders u d-durina għal 6 xhur;

II.1.3. matul il-perjodu li beda 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen sad-data li fiha ntbagħat dan is-semen, ma kienx soġġett għal ordni ta' projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali li stipulat waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

II.1.3.1. jekk ma jkunux ġew skarnati jew inqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għall-marda li jinsabu fl-azjenda, il-projbizzjoni damet għal:

– 6 xhur, li jibdew minn dakinhar li jiġu skarnati l-annimali ekwidi li jbatu mill-marda, fil-każ ta' enċefalomijelite ekwina,

– perjodu meħtieġ biex jitwettqu, b'riżultat negattiv, żewġ testijiet ta' Coggins tliet xhur bogħod minn xulxin fl-annimali li jifdal wara li jkunu ġew skarnati l-annimali infettati, fil-każ tal-anemija ekwina infettiva,

– 6 xhur, fil-każ tal-istomatite vexxikulari,

– xahar mill-aħħar każ irreġistrat, fil-każ tar-rabja,

– 15-il jum mill-aħħar każ irreġistrat, fil-każ tal-antraċe.

II.1.3.2. jekk l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għal dik il-marda li kienu jinsabu fl-azjenda jkunu ġew skarnati jew maqtula u l-istabbiliment ikun ġie ddiżinfettat, il-projbizzjoni tkun damet għal 30 jum, jew 15-il jum fil-każ tal-antraċe, minn dakinhar li jkun tlesta b'mod sodisfaċenti d-diżinfettar tal-istabbiliment wara l-qerda tal-annimali;

II.1.4. matul il-perjodu li jibda 30 jum qabel il-ġbir tas-semen u li jdum sad-data li fiha jintbagħat dan is-semen, kien fih biss annimali ekwidi li kienu ħielsa minn sinjali kliniċi ta' arterite virali ekwina u metrite ekwina li tittieħed,

II.2. Qabel ma daħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen, iż-żwiemel tal-għalla donaturi u kwalunkwe ekwidu ieħor li kien fiċ-ċentru:

II.2.1. kienu kontinwament residenti għal tliet xhur (jew minn meta daħlu jekk kienu ġew importati direttament minn Stat Membru tal-Unjoni matul il-perjodu ta' tliet xhur) fit-territorju jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni, f'parti mit-territorju[(4)] tal-pajjiż tal-esportazzjoni li matul dak il-perjodu kienu ħielsa:

– mill-marda Afrikana taż-żwiemel, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE,

– mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal sentejn,

– mill-glanders għal 6 xhur,

– mid-durina għal 6 xhur;

*[(4)]jew* [II.2.2. oriġinaw mit-territorju tal-pajjiż tal-esportazzjoni li dakinhar tad-dħul tagħhom fiċ-ċentru kien ħieles mill-istomatite vexxikulari għal 6 xhur,]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-D-ENTRY**

| | | |
|---|---|---|
| | (4)*jew* | [II.2.2. ġew ittestjati b'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-istomatite vexxikulari f'kampjun tad-demm meħud fi ............................(5), jiġifieri fi żmien 14-il jum qabel daħlu fiċ-ċentru, b'riżultat negattiv, f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 12;] |
| | II.2.3. | oriġinaw minn azjendi li fil-jum tad-dħul fiċ-ċentru kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt II.1.3.; |
| | II.3. | Is-semen deskritt fil-parti I inġabar minn żwiemel tal-għalla donaturi li: |
| | II.3.1. | dakinhar li nġabar is-semen ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda infettiva jew li tittieħed, |
| | II.3.2. | matul mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen ma jkunux intużaw għas-servizz naturali, |
| | II.3.3. | matul l-aħħar perjodu ta' 30 jum qabel il-ġbir tas-semen inżammu f'azjendi fejn l-ebda annimal ekwin ma wera sinjali kliniċi ta' arterite virali ekwina, |
| | II.3.4. | matul l-aħħar perjodu ta' 60 jum qabel il-ġbir tas-semen inżammu f'azjendi fejn l-ebda annimal ekwin ma wera sinjali kliniċi ta' metrite ekwina li tittieħed, |
| | II.3.5. | sa fejn naf jien u sa fejn stajt naċċerta ruħi, ma kinux f'kuntatt ma' annimali ekwidi li kienu qed ibatu minn marda infettiva jew li tittieħed matul il-15-il jum immedjatament qabel il-ġbir tas-semen; |
| | II.3.6. | sarulhom it-testijiet tas-saħħa tal-annimali li ġejjin, li twettqu f'laboratorju rikonoxxut mill-awtorità kompetenti, f'konformità ma' programm ta' ttestjar kif speċifikat fil-punt II.3.7.: |
| | II.3.6.1. | test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (it-test ta' Coggins) għall-anemija infettiva ekwina b'riżultat negattiv(6); |
| | (4)*jew* | [II.3.6.2. test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 4;] |
| | (4)*jew* | [II.3.6.2. test ta' iżolament virali għall-arterite virali ekwina mwettaq b'riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollu;] |
| | II.3.6.3. | test għall-metrite ekwina li tittieħed imwettaq f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' sebat ijiem permezz ta' iżolament tat-*Taylorella equigenitalis* minn fluwidu ta' qabel l-eġakulazzjoni jew kampjun tas-semen u minn swabs ġenitali meħuda mill-inqas mill-għant tal-pene, mill-uretra u mill-fossa tal-uretra b'riżultat negattiv f'kull każ; |
| | II.3.7. | kienu ġew soġġetti għal wieħed mill-programmi ta' ttestjar li ġejjin(7): |
| | II.3.7.1. | Iż-żiemel tal-għalla donatur kien kontinwament residenti fiċ-ċentru għall-ġbir għal mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen u matul il-perjodu tal-ġbir, u matul dak iż-żmien l-ebda annimal ekwidu fiċ-ċentru għall-ġbir ma ġie f'kuntatt dirett ma' annimali ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri minn dak taż-żwiemel tal-għalla donaturi.<br>It-testijiet meħtieġa fil-punt II.3.6. twettqu fuq kampjuni meħuda fi ……………………...(5) u fi ……………………...(5) mill-inqas 14-il jum wara l-bidu tal-perjodu ta' residenza msemmi hawn fuq u mill-inqas fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil; |
| | II.3.7.2. | Iż-żiemel tal-għalla donatur ma kienx kontinwament residenti fiċ-ċentru għall-ġbir u annimali ekwidi oħrajn fiċ-ċentru għall-ġbir ġew f'kuntatt dirett ma' annimali ekwidi bi stat ta' saħħa inferjuri minn dak taż-żwiemel tal-għalla donaturi.<br>It-testijiet meħtieġa fil-punt II.3.6. twettqu fuq kampjuni meħuda fi ……………………...(5) u fi ……………….....(5), fil-perjodu ta' 14-il jum qabel l-ewwel ġbir tas-semen u mill-inqas fil-bidu tal-istaġun tat-tnissil.<br>It-test meħtieġ fil-punt II.3.6.1. twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud mhux aktar tard minn 120 jum qabel ma nġabar is-semen fi ……………………..(5); |
| | (4)*jew* | [It-test meħtieġ fil-punt II.3.6.2. twettaq l-aħħar mhux aktar minn 30 jum qabel ma nġabar is-semen fi …………………..(5);] |
| | (4)*jew* | [L-istat non-shedder taż-żiemel tal-għalla seropożittiv għall-arterite virali ekwina ġie kkonfermat minn test ta' iżolament virali li twettaq mhux aktar minn sena qabel ma nġabar is-semen fi …………………………..(5);] |
| | II.3.7.3. | It-testijiet deskritti fil-punt II.3.6. twettqu matul il-perjodu obbligatorju ta' 30 jum għall-ħżin tas-semen iffriżat u mhux inqas minn 14-il jum wara l-ġbir tas-semen fuq kampjuni meħuda fi ……………………(5) u fi ……………………(5); |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-SEM-D-ENTRY**

II.4. Is-semen deskritt fil-Parti I inġabar, ġie pproċessat, maħżun u ttrasportat taħt kundizzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitoli II u III tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE.

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tas-semen.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa I.11: Il-post tad-dispaċċ għandu jikkorrispondi għaċ-ċentru tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen.

Kaxxa I.19: Għandhom jiġu indikati l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill.

Kaxxa I.24: L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' konteni turi.

Kaxxa I.27: "*Numru ta' identifikazzjoni*": L-identità tal-annimal donatur għandha tikkorrispondi għall-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.
"*Data tal-ġbir/produzzjoni*": Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

**Parti II:**

(1) L-importazzjonijiet tas-semen ta' annimali ekwini huma awtorizzati minn pajjiż terz elenkat fil-kolonna 1 tal-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404, diment li s-semen inġabar fil-parti tat-territorju tal-pajjiż terz indikat fil-kolonna 2 ta' dak l-Anness minn żiemel tal-għalla donatur tal-kategorija ta' annimali ekwini indikati fil-kolonna 3 ta' dak l-Anness.

(2) Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen elenkati f'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq is-sit web tal-Kummissjoni biss: https://ec.europa.eu/food/animals/semen/equine_en.

(3) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.

(4) Ħassar kif meħtieġ.

(5) Daħħal id-data.

(6) It-test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (it-test ta' Coggins) jew it-test ELISA għall-anemija infettiva ekwina mhumiex meħtieġa għall-annimali ekwini donaturi li kienu kontinwament residenti fl-Iżlanda mit-twelid, diment li l-Iżlanda tkun baqgħet uffiċjalment ħielsa minn anemija infettiva ekwina u l-ebda annimal ekwin u s-semen, l-ova u l-embrijuni tiegħu ma jkunu ddaħħlu fl-Iżlanda minn barra qabel u matul il-perjodu li fih ikun inġabar is-semen.

(7) Ingassa l-programmi li ma japplikawx għall-kunsinna.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data | Kwalifika u titolu

Timbru | Firma

## KAPITOLU 63

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' OOĊITI U EMBRIJUNI TA' ANNIMALI EKWINI MIĠBURA JEW PRODOTTI, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAR-REGOLAMENT (UE) 2016/429 U MAR-REGOLAMENT DELEGAT (UE) 2020/692 WARA L-20 TA' APRIL 2021, MIBGĦUTA MILL-GRUPP GĦALL-ĠBIR JEW GĦALL-PRODUZZJONI TAL-EMBRIJUNI LI MINNU NĠABRU JEW ĠEW PRODOTTI L-OOĊITI JEW L-EMBRIJUNI (MUDELL "EQUI-OOCYTES-EMB-A-ENTRY")

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE |
|---|---|---|
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | |
| **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC** |
| | **I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | **I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| **I.7 Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| **I.8 Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | |
| **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | |
| **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | **I.17** | |
| **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat | |
| **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | |
| **I.20 Iċ-ċertifikat bħala jew għal** | | |
| □ Prodotti ġerminali | | |
| **I.21 □ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22 □ Għas-suq intern** | |
| | **I.23** | |

| I.24 Għadd totali ta' imballaġġi | I.25 Kwantità totali | I.26 |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-OOCYTES-EMB-A-ENTRY**

| Parti II: Ċertifikazzjoni | II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-ooċiti(1)/ l-embrijuni derivati *in vivo*(1)/ l-embrijuni prodotti *in vitro*(1)/ l-embrijuni mikromanipulati(1) deskritti fil-Parti I huma maħsuba għar-riproduzzjoni artifiċjali u nkisbu minn annimali donaturi li joriġinaw

II.1.1. minn pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu

II.1.1.1. awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' ooċiti(1)/ embrijuni(1) ta' annimali ekwini u elenkati fl-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404;

II.1.1.2. li fihom il-marda Afrikana taż-żwiemel, l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, infezzjoni b'*Burkholderia mallei* (glanders), is-surra (*Trypanosoma evansi*), id-durina (*Trypanosoma equiperdum*), l-anemija infettiva ekwina, infezzjoni bil-virus tar-rabja, l-antraċe, infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina u l-metrite ekwina li tittieħed (*Taylorella equigenitalis*) huma mardiet notifikabbli;

II.1.1.3. ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22(2)(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692, u fejn ma jkun sar l-ebda tilqim sistematiku kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22(4)(b) ta' dak ir-Regolament;

II.1.1.4. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom;

II.1.2. minn stabbiliment f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu

(1)*jew* [II.1.2.1. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda marda infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders) għal perjodu ta' mill-inqas 36 xahar immedjatament qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom;]

(1)*jew* [II.1.2.1. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni b'*Burkholderia mallei* (glanders) għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur immedjatament qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom, u l-Kummissjoni rrikonoxxiet il-programm ta' sorveljanza mwettaq f'annimali ekwini tat-tnissil fl-istabbiliment tal-oriġini sabiex jintwera n-nuqqas ta' infezzjoni matul dak il-perjodu ta' 6 xhur;]

(1)*jew* [II.1.2.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda durina għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom;]

(1)*jew* [II.1.2.2. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda durina għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur immedjatament qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom, u l-Kummissjoni rrikonoxxiet il-programm ta' sorveljanza mwettaq f'annimali ekwini tat-tnissil fl-istabbiliment tal-oriġini sabiex jintwera n-nuqqas ta' infezzjoni matul dak il-perjodu ta' 6 xhur;]

(1)*jew* [II.1.2.3. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-ooċiti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom;]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-OOCYTES-EMB-A-ENTRY**

*(1)jew* [II.1.2.3. fejn ma ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur immedjatament qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-oociti(1)/ tal-embrijuni(1) u sad-data tad-dispaċċ tagħhom, u l-Kummissjoni rrikonoxxiet il-programm ta' sorveljanza mwettaq f'annimali ekwini tat-tnissil fl-istabbiliment tal-oriġini sabiex jintwera n-nuqqas ta' infezzjoni matul dak il-perjodu ta' 6 xhur.]

II.2. L-oociti(1)/ l-embrijuni(1) deskritti fil-Parti I inkisbu minn annimali donaturi li joriġinaw minn stabbilimenti

II.2.1. li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra (*Trypanosoma evansi*) matul il-perjodu tat-30 jum preċedenti qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-oociti(1)/ tal-embrijuni(1), u

*(1)jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra fl-istabbilimenti matul il-perjodu tas-sentejn preċedenti qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-oociti(1)/ tal-embrijuni(1);]

*(1)jew* [tkun ġiet irrapportata surra fl-istabbiliment matul il-perjodu tas-sentejn preċedenti qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-oociti(1)/ tal-embrijuni(1) u, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment

*(1)jew* [sakemm l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment kienu ġew soġġetti għal test għas-surra b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li jkun tneħħa l-aħħar annimal infettat mill-istabbiliment;]]

*(1)*jew [għal mill-inqas 30 jum mid-data tat-tindif u tad-diżinfettar wara li jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal tal-ispeċi elenkata fl-istabbiliment.]]

II.2.2. li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina matul il-perjodu tas-sitt xhur preċedenti qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-oociti(1)/ tal-embrijuni(1), u

*(1)jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina fl-istabbilimenti matul il-perjodu tas-sentejn preċedenti qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-oociti(1)/ tal-embrijuni(1);]

*(1)jew* [tkun ġiet irrapportata durina fl-istabbiliment matul il-perjodu tas-sentejn preċedenti qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-oociti(1)/ tal-embrijuni(1) u, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment

*(1)jew* [sakemm l-annimali ekwini li kien fadal fl-istabbiliment, ħlief annimali ekwini maskili kkastrati, ikunu ġew soġġetti għal test għad-durina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 8 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati, jew wara li jkunu ġew ikkastrati l-annimali ekwini maskili infettati kollha;]]

*(1)jew* [għal mill-inqas 30 jum wara li jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal ekwin fl-istabbiliment, u wara li l-bini jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat;]]

II.2.3. li fihom ma tkun ġiet irrapportata l-ebda anemija infettiva ekwina matul il-perjodu tad-90 jum preċedenti qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-oociti(1)/ tal-embrijuni(1), u

*(1)jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda anemija infettiva ekwina fl-istabbiliment matul il-perjodu tat-12-il xahar preċedenti qabel il-ġbir(1)/ il-produzzjoni(1) tal-oociti(1)/ tal-embrijuni(1);]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-OOCYTES-EMB-A-ENTRY**

| | |
|---|---|
| | [1]*jew* [tkun ġiet irrapportata anemija infettiva ekwina fl-istabbiliment matul il-perjodu tat-12-il xahar preċedenti qabel il-ġbir[1]/ il-produzzjoni[1] tal-ooċiti[1]/ tal-embrijuni[1] u, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment<br>[1]*jew* [sakemm l-annimali ekwini li kien fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test għall-anemija infettiva ekwina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 9 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall minimu ta' 3 xhur wara li jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati u wara li jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat l-istabbiliment.]]<br>[1]*jew* [għal mill-inqas 30 jum wara li jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal ekwin fl-istabbiliment, u wara li l-bini jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat;]]<br>[1][II.3. L-embrijuni derivati *in vivo* deskritti fil-Parti I inġabru, ġew ipproċessati u maħżuna, u ntbagħtu mill-grupp għall-ġbir tal-embrijuni[2] li<br>II.3.1. huwa approvat u elenkat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;<br>II.3.2. jikkonforma mar-rekwiżiti fir-rigward tar-responsabbiltajiet, il-proċeduri operattivi, il-faċilitajiet u t-tagħmir stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686.]<br>[1][II.3. L-ooċiti[1]/ l-embrijuni prodotti *in vitro*[1]/ l-embrijuni mikromanipulati[1] deskritti fil-Parti I inġabru jew ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna, u mibgħuta mill-grupp ta' produzzjoni tal-embrijuni[2] li<br>II.3.1. huwa approvat u elenkat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju;<br>II.3.2. jikkonforma mar-rekwiżiti fir-rigward tar-responsabbiltajiet, il-proċeduri operattivi, il-faċilitajiet u t-tagħmir stabbiliti fil-Partijiet 2 u 3 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686.]<br>II.4. L-ooċiti[1]/ l-embrijuni[1] deskritti fil-Parti I inkisbu minn annimali donaturi li<br>II.4.1. ma tlaqqmux kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel mill-inqas fl-aħħar 40 jum qabel il-ġbir[1]/ il-produzzjoni[1] tal-ooċiti[1]/ tal-embrijuni[1];<br>II.4.2. ma tlaqqmux kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela mill-inqas fl-aħħar 60 jum qabel il-ġbir[1]/ il-produzzjoni[1] tal-ooċiti[1]/ tal-embrijuni[1];<br>II.4.3. baqgħu għal perjodu ta' mill-inqas 3 xhur qabel id-data tal-ġbir[1]/ tal-produzzjoni[1] tal-ooċiti[1]/ tal-embrijuni[1] f'pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu msemmija fil-Kaxxa I.7.;<br>II.4.4. għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir[1]/ produzzjoni[1] tal-ooċiti[1]/ tal-embrijuni[1] u matul il-perjodu tal-ġbir<br>II.4.4.1. inżammu fi stabbilimenti li ma jinsabux f'żona ristretta stabbilita minħabba l-okkorrenza tal-marda Afrikana taż-żwiemel, ta' infezzjoni b'*Burkholderia mallei* (glanders) jew ta' marda emerġenti rilevanti għall-annimali ekwini;<br>II.4.4.2. inżammu fi stabbiliment wieħed fejn ma jkunux ġew irrapportati l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, id-durina, is-surra (*Trypanosoma evansi*), l-anemija infettiva ekwina, il-metrite ekwina li tittieħed, infezzjoni bil-virus tar-rabja u l-antraċe;<br>II.4.4.3. ma kinux f'kuntatt ma' annimali minn stabbilimenti li jinsabu f'żona ristretta minħabba l-okkorrenza tal-mard imsemmi fil-punt II.4.4.1. jew minn stabbilimenti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt II.4.4.2.;<br>II.4.5. ma ntużawx għat-tnissil naturali matul perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-ooċiti[1]/ tal-embrijuni[1] u bejn id-data li fiha ttieħdu l-ewwel kampjuni msemmija fil-punti II.4.8.1. u II.4.8.2. u d-data tal-ġbir tal-ooċiti[1]/ tal-embrijuni[1]; |

II.4.6. ġew eżaminati mill-veterinarju tal-grupp jew minn membru tal-grupp tiegħu u ma wrew l-ebda sintomu jew sinjal kliniku ta' mard tal-annimali trażmissibbli fil-jum tal-ġbir[1]/ tal-produzzjoni[1] tal-ooċiti[1]/ tal-embrijuni[1];

II.4.7. jiġu identifikati individwalment kif previst fl-Artikolu 21(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

II.4.8. ikunu ġew soġġetti għat-testijiet li ġejjin, imsemmija fil-punti 2(b) u (c) tal-Kapitolu II tal-Parti 4 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686, kif ġej:

[3][II.4.8.1. għall-anemija infettiva ekwina (EIA), test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test AGID jew ta' Coggins) jew assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiku (ELISA) b'riżultat negattiv imwettaq fuq kampjun tad-demm meħud fi ………………[4], b'dan ikun mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu msemmi fil-punt II.4.5, u t-test twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud fi ……………………[4]; b'dan ikun mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tal-ġbir tal-ooċiti[1]/tal-embrijuni[1] maħsuba għad-dħul fl-Unjoni;]

II.4.8.2. għall-metrite ekwina li tittieħed (CEM), test għall-identifikazzjoni tal-aġent imwettaq b'riżultat negattiv fuq mill-inqas żewġ eżemplari (swabs) meħuda matul il-perjodu msemmi fil-punt II.4.5. mill-inqas mis-superfiċi tal-mukoża tal-fossa klitorjali u s-sinuses klitorjali tad-debba donatriċi

[1]*jew* [II.4.8.2.1. f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' mhux inqas minn 7 ijiem fi…………[4] u fi………………..[4], fil-każ ta' iżolament tat-*Taylorella equigenitalis* wara l-kultivazzjoni f'kundizzjonijiet mikroerofiliċi għal perjodu ta' mill-inqas 7 ijiem, stabbilit fi żmien 24 siegħa wara t-teħid tal-eżemplari mill-annimal donatur, jew fi żmien 48 siegħa fejn l-eżemplari jinżammu kesħin waqt it-trasport.]

[1]*u/jew* [II.4.8.2.2. f'okkażjoni waħda fi………………..[4], fil-każ tal-individwazzjoni ta' ġenoma tat-*Taylorella equigenitalis* permezz ta' reazzjoni katina bil-polimerażi (PCR) jew PCR f'ħin reali, imwettqa fi żmien il-perjodu ta' 48 siegħa wara li jittieħdu l-eżemplari mill-annimal donatur.]

Il-kampjuni msemmija fil-punti II.4.8.2.1. u II.4.8.2.2. fl-ebda każ ma ttieħdu aktar kmieni minn 7 ijiem (trattament sistemiku) jew 21 jum (trattament lokali) wara t-trattament antimikrobiku tad-debba donatriċi u tqiegħdu f'mezz tat-trasport bil-karbonju attivat, bħal medium Amies, qabel ma ntbagħtu lejn il-laboratorju.

II.5. L-ooċiti[1]/ l-embrijuni[1] deskritti fil-Parti I

II.5.1. ikunu nġabru, ġew ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fil-Parti 2[1]/fil-Parti 3[1]/fil-Parti 4[1]/fil-Parti 5[1] u fil-Parti 6 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

II.5.2. jitqiegħed/jitqiegħdu f'tubi jew pakketti oħrajn li fuqhom tiġi applikata l-marka f'konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 83(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u dik il-marka hija indikata fil-Kaxxa I.27;

II.5.3. jiġu ttrasportati f'kontenitur li:

II.5.3.1. kien issiġillat u nnumerat qabel intbagħat mill-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju tal-grupp, jew minn veterinarju uffiċjali, u s-siġill għandu n-numru kif indikat fil-Kaxxa I.19;

II.5.3.2. ikun tnaddaf u ġie diżinfettat jew sterilizzat qabel l-użu, jew ikun kontenitur ġdid li jintuża darba;

[1][5][II.5.3.3. ikun imtela bl-aġent krijoġeniku li ma jkunx intuża qabel għal prodotti oħrajn.]

(1)(6)[II.5.4. jitqiegħdu f'tubi jew pakketti oħrajn li jkunu ssiġillati b'mod sikur u ermetikament;

II.5.5. jiġu ttrasportati f'kontenitur fejn ikunu separati minn xulxin permezz ta' kompartimenti fiżiċi jew billi jitqiegħdu f'boroż protettivi sekondarji.]

(1)(7)[II.6.L-embrijuni derivati *in vivo*(1)/ l-embrijuni prodotti *in vitro*(1)/ l-embrijuni mikromanipulati(1) deskritti fil-Parti I tnisslu permezz ta' inseminazzjoni artifiċjali bl-użu ta' semen li kien ġej minn ċentru tal-ġbir tas-semen, stabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali jew stabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali approvat għall-ġbir, l-ipproċessar u/jew il-ħżin tas-semen mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu elenkati fl-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għas-semen ta' annimali ekwini jew mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru(8).]

(1)(9)[II.7.L-antibijotiku li ġej jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejja(10) żdied/żdiedet mal-mezzi ta' ġbir, ipproċessar, ħasil jew ħżin: ……………………………………………………………………………]

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-ooċiti u tal-embrijuni.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

| | |
|---|---|
| Kaxxa ta' referenza I.11: | "*Post tad-dispaċċ*": Indika n-numru ta' approvazzjoni uniku u l-isem u l-indirizz tal-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni tad-dispaċċ tal-kunsinna ta' ooċiti jew embrijuni. Il-gruppi għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni:<br>https://ec.europa.eu/food/animals/semen/equine_en |
| Kaxxa ta' referenza I.12: | "*Post tad-destinazzjoni*": Indika l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tad-destinazzjoni tal-kunsinna ta' ooċiti jew embrijuni. |
| Kaxxa ta' referenza I.19: | Għandu jiġi indikat in-numru tas-siġill. |
| Kaxxa ta' referenza I.24: | L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' konenituri. |
| Kaxxa ta' referenza I.27: | "*Tip*": Speċifika jekk humiex embrijuni derivati *in vivo*, ooċiti derivati *in vivo*, embrijuni prodotti *in vitro* jew embrijuni mikromanipulati.<br>"*Numru ta' identifikazzjoni*": Indika n-numru ta' identifikazzjoni ta' kull annimal donatur.<br>"*Marka ta' identifikazzjoni*": Indika l-marka fuq it-tubu jew fuq pakketti oħrajn fejn jitqiegħdu l-ooċiti jew l-embrijuni tal-kunsinna.<br>"*Data tal-ġbir/produzzjoni*": Indika d-data li fiha nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni tal-kunsinna.<br>*"In-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant / tal-istabbiliment / taċ-ċentru":* indika n-numru ta' approvazzjoni uniku tal-grupp għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti l-ooċiti jew l-embrijuni.<br>"*Kwantità*": Indika n-numru ta' tubi jew pakketti oħrajn bl-istess marka. |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-OOCYTES-EMB-A-ENTRY**

**Parti II:**

(1) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(2) Il-gruppi għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 233(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/food/animals/semen/equine_en.

(3) It-test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (it-test AGID jew ta' Coggins) jew it-test ELISA għall-anemija infettiva ekwina mhumiex meħtieġa għall-annimali ekwini donaturi li kienu kontinwament residenti fl-Iżlanda mit-twelid, diment li l-Iżlanda tkun baqgħet uffiċjalment ħielsa minn anemija infettiva ekwina u l-ebda annimal ekwin u s-semen, l-ova u l-embrijuni tiegħu ma jkunu ddaħħlu fl-Iżlanda minn barra qabel u matul il-perjodu li fih ikunu nġabru l-ova jew l-embrijuni u s-semen ikun intuża għall-fertilizzazzjoni.

(4) Daħħal id-data fil-format li ġej: jj.xx.ssss.

(5) Applikabbli għal ooċiti jew embrijuni ffriżati.

(6) Applikabbli għall-kunsinna fejn f'kontenitur wieħed jitqiegħdu u jiġu ttrasportati l-ooċiti, l-embrijuni derivati *in vivo*, l-embrijuni prodotti *in vitro* u l-embrijuni mikromanipulati ta' annimali ekwini.

(7) Ma japplikax għall-ooċiti.

(8) Ċentru għall-ġbir tas-semen, stabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali jew stabbiliment tal-ħżin tal-prodotti ġerminali biss elenkati fuq is-siti web tal-Kummissjoni:

- pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu: https://ec.europa.eu/food/animals/live_animals/approved-establishments_en
- ta' Stat Membru: https://ec.europa.eu/food/animals/semen/equine_en

(9) Attestazzjoni obbligatorja fil-każ li żdiedu l-antibijotiċi.

(10) Daħħal l-isem/ismijiet tal-antibijotiku/antibijotiċi miżjud(a) u l-konċentrazzjoni tiegħu/tagħhom.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data | Kwalifika u titolu

Timbru | Firma

# KAPITOLU 64

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' STOKKIJIET TA' OOĊITI U EMBRIJUNI TA' ANNIMALI EKWINI MIĠBURA JEW PRODOTTI, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAD-DIRETTIVA 92/65/KEE WARA T-30 TA' SETTEMBRU 2014 U QABEL IL-21 TA' APRIL 2021, MIBGĦUTA WARA L-20 TA' APRIL 2021 MILL-GRUPP GĦALL-ĠBIR JEW GĦALL-PRODUZZJONI TAL-EMBRIJUNI LI MINNU NĠABRU JEW ĠEW PRODOTTI L-OOĊITI JEW L-EMBRIJUNI (MUDELL "EQUI-OOCYTES-EMB-B-ENTRY")

| | | | |
|---|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE** | |
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat**<br>**I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali**<br>**I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | **I.2a Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR** |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17** | |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur | Nru tas-siġill | |
| | **I.20 Iċċertifikat bħala jew għal**<br>□ Prodotti ġerminali | | |
| | **I.21 □ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22 □ Għas-suq intern**<br>**I.23** | |

| I.24 Għadd totali ta' imballaġġi | I.25 Kwantità totali | I.26 |
|---|---|---|

| I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-OOCYTES-EMB-B-ENTRY**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** | **Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b** | **Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, tal-pajjiż esportatur[1] ……………………………………… (*l-isem tal-pajjiż esportatur*)

b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-ova[2]/ l-embrijuni[2] deskritti fil-Parti I:

II.1.2. inġabru[2]/ġew prodotti[2] mill-grupp[3] deskritt fil-Kaxxa I.11, li kien ġie approvat u ssorveljat f'konformità mal-Kapitolu I(III) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE[4] u kien soġġett għal spezzjoni minn veterinarju uffiċjali mill-inqas darba kull sena kalendarja;

II.1.3. inġabru[2]/ġew prodotti[2], ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.1.4. inġabru f'post separat minn partijiet oħrajn tal-istabbiliment jew tal-azjenda li kien jinsab f'kundizzjoni tajba u li tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel il-ġbir;

II.1.5. ġew eżaminati, ipproċessati u ppakkjati fil-faċilitajiet tal-laboratorju li ma jinsabux f'żona soġġetta għall-miżuri ta' projbizzjoni jew ta' kwarantina kif stabbiliti fil-Kaxxa II.1.6, f'sezzjoni li hija separata mis-sezzjoni għall-ħżin tat-tagħmir u tal-materjali li jintużaw f'kuntatt mal-annimali donaturi u separata miż-żona fejn jiġu ttrattati l-annimali donaturi;

II.1.6. ġejjin minn dwieb donaturi li:

II.1.6.1. kienu kontinwament residenti għal perjodu ta' tliet xhur (jew minn meta daħlu jekk kienu ġew importati direttament minn Stat Membru tal-Unjoni matul il-perjodu ta' tliet xhur) fil-pajjiż esportatur jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/156/KE[5], f'dik il-parti tat-territorju tal-pajjiż esportatur li matul dak il-perjodu

– ma kinux meqjusa infettati bil-marda Afrikana taż-żwiemel f'konformità mal-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE,

– kienu ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal perjodu ta' mill-anqas sentejn,

– kienu ħielsa mill-glanders u mid-durina għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur;

[2]*jew* [II.1.6.2. oriġinaw minn pajjiż tal-esportazzjoni li dakinhar tal-ġbir tagħhom kien ħieles mill-istomatite vexxikulari (VS) għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar 6 xhur minn dik id-data;]

[2]*jew* [II.1.6.2. kienu soġġetti għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-istomatite vexxikulari (VS) imwettaq b'riżultat negattiv f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 32 jew test ELISA għall-VS imwettaq b'riżultat negattiv f'konformità mal-Kapitolu rilevanti tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE fuq kampjun tad-demm meħud fi …………………[6] fi żmien 30 jum qabel il-ġbir tal-ova[2]/embrijuni[2];]

[2]*jew* [II.1.6.3. matul perjodu tal-aħħar 30 jum qabel id-data tal-ġbir kienu jinsabu f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja li ssodisfaw, minn dakinhar tal-ġbir tal-ova[2]/embrijuni[2] sad-data li fiha ntbagħtu, il-kundizzjonijiet għal azjenda stipulati fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE u, b'mod partikolari:]

[2]*jew* [II.1.6.3. fil-każ ta' ova[2]/embrijuni[2] ffriżati, matul perjodu tal-aħħar 30 jum qabel id-data tal-ġbir, inżammu f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja li ssodisfaw, minn dakinhar tal-ġbir tal-ova[2]/embrijuni[2] sa tmiem il-perjodu tal-ħżin obbligatorja ta' 30 jum fi stabbilimenti approvati, il-kundizzjonijiet għal azjenda stipulati fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE u, b'mod partikolari:]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-OOCYTES-EMB-B-ENTRY**

(2)*jew* [II.1.6.3.1. wara każ ta' xi marda msemmija hawn taħt, ma ġewx skarnati jew ma nqatlux l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għal dik il-marda li kienu jinsabu fl-azjenda, u l-azjenda ilha ħielsa:

– minn kull tip ta' enċefalomijelite ekwina għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur, li jibda minn dakinhar li jiġu skarnati l-annimali ekwidi li jbatu mill-marda,

– mill-anemija infettiva ekwina mill-inqas għall-perjodu meħtieġ biex jinkiseb riżultat negattiv f'test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test AGID jew ta' Coggins) imwettaq fuq kampjuni meħuda minn kull wieħed mill-annimali ekwidi li jkun fadal wara li l-annimali infettati jkunu ġew skarnati f'żewġ okkażjonijiet tliet xhur bogħod minn xulxin,

– mill-istomatite vexxikulari għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur mill-aħħar każ irreġistrat,

– mir-rabja għal perjodu ta' mill-inqas xahar mill-aħħar każ irreġistrat,

– mill-antraċe għal perjodu ta' mill-inqas 15-il jum mill-aħħar każ irreġistrat,]

(2)*jew* [II.1.6.3.1. wara każ ta' xi marda msemmija hawn taħt, l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għal dik il-marda li kienu jinsabu fl-azjenda jkunu ġew skarnati jew inqatlu u l-istabbiliment ġie ddiżinfettat, filwaqt li l-azjenda tkun ilha ħielsa għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum minn kull tip ta' enċefalomijelite ekwina, anemija infettiva ekwina, stomatite vexxikulari u rabja, jew għal perjodu ta' mill-inqas 15-il jum fil-każ tal-antraċe, li jibdew minn dakinhar li jkun tlesta b'mod sodisfaċenti d-diżinfettar tal-istabbiliment wara l-qerda tal-annimali;]

II.1.6.4. matul perjodu tal-aħħar 30 jum qabel il-ġbir, l-ova(2)/embrijuni(2) jkunu nżammu f'azjendi li fihom l-ebda wieħed mill-annimali ekwidi ma jkun wera sinjali kliniċi ta' metrite ekwina li tittieħed għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum;

II.1.6.5. ma ntużawx għat-tnissil naturali matul perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-ova(2)/embrijuni(2) u bejn id-data tal-ewwel kampjuni msemmija fil-punti II.1.6.6.1. u II.1.6.6.2. u d-data tal-ġbir tal-ova(2)/embrijuni(2);

II.1.6.6. sarulhom it-testijiet, li jissodisfaw mill-inqas ir-rekwiżiti tal-Kapitoli rilevanti tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE, imwettqa f'laboratorju li huwa rikonoxxut mill-awtorità kompetenti u li għandu t-testijiet imsemmija hawn taħt inklużi fl-akkreditazzjoni tiegħu ekwivalenti għal dik prevista fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004(7), kif ġej:

(8)[II.1.6.6.1. għall-anemija infettiva ekwina (EIA), test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test AGID jew ta' Coggins) jew assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiku (ELISA) b'riżultat negattiv imwettaq fuq kampjun tad-demm meħud fi ………………..(6), b'dan ikun mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu msemmi fil-punt II.1.6.5, u t-test twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud fi ……………………..(6); b'dan ikun mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tal-ġbir tal-ova(2)/tal-embrijuni(2) maħsuba għall-importazzjonijiet fl-Unjoni;]

II.1.6.6.2. għall-metrite ekwina li tittieħed (CEM), test għall-identifikazzjoni tal-aġent imwettaq b'riżultat negattiv fuq mill-inqas żewġ eżemplari (swabs) meħuda matul il-perjodu msemmi fil-punt II.1.6.5. mill-inqas mis-superfiċi tal-mukoża tal-fossa klitorjali u s-sinuses klitorjali tad-debba donatriċi

(2)*jew* [II.1.6.6.2.1. f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' mhux inqas minn 7 ijiem fi………..(6) u fi ………………..(6), fil-każ ta' iżolament tat-*Taylorella equigenitalis* wara l-kultivazzjoni f'kundizzjonijiet mikroerofiliċi għal perjodu ta' mill-inqas 7 ijiem, stabbilit fi żmien 24 siegħa wara t-teħid tal-eżemplari mill-annimal donatur, jew fi żmien 48 siegħa fejn l-eżemplari jinżammu kesħin waqt it-trasport.]

(2)*u/jew* [II.1.6.6.2.2. f'okkażjoni waħda fi………………..(6), fil-każ tal-individwazzjoni ta' ġenoma tat-*Taylorella equigenitalis* permezz ta' reazzjoni katina bil-polimerażi (PCR) jew PCR f'ħin reali, imwettqa fi żmien 48 siegħa wara li jittieħdu l-eżemplari mill-annimal donatur,]

Il-kampjuni msemmija fil-punti II.1.6.6.2.1. u II.1.6.6.2.2. fl-ebda każ ma ttieħdu aktar kmieni minn 7 ijiem (trattament sistemiku) jew 21 jum (trattament lokali) wara t-trattament antimikrobiku taż-żiemel tal-għalla donatur u tqiegħdu f'mezz tat-trasport bil-karbonju attivat, bħal medium Amies, qabel ma ntbagħtu lejn il-laboratorju.

II.1.6.7. sa fejn naf jien u sa fejn stajt naċċerta ruħi, ma kinux f'kuntatt ma' annimali ekwidi li kienu qed ibatu minn marda infettiva jew li tittieħed matul il-perjodu ta' 15-il jum immedjatament qabel il-ġbir;

II.1.6.8. dakinhar li nġabru l-ova(2)/embrijuni(2) ma wrewx sinjali kliniċi ta' marda infettiva jew li tittieħed;

II.1.7. inġabru(2)/ġew prodotti(2) wara d-data li fiha l-grupp tal-ġbir(2)/produzzjoni(2) tal-embrijuni deskritt fil-Kaxxa I.11 kien approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur;

II.1.8. ġew ipproċessati u maħżuna f'kundizzjonijiet approvati għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament wara l-ġbir(2)/produzzjoni(2) tagħhom, u ġew ittrasportati f'kundizzjonijiet li jissodisfaw it-termini stipulati fil-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2. L-embrijuni deskritti fil-Part I tnisslu permezz ta' inseminazzjoni artifiċjali(1)/b'riżultat ta' fertilizzazzjoni *in vitro*(2) bl-użu ta' semen li jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 92/65/KEE u li ġej minn ċentri għall-ġbir tas-semen approvati f'konformità mal-Artikolu 11(2) jew 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE(9) u li jinsabu, rispettivament, fi Stat Membru tal-Unjoni jew f'pajjiż terz jew partijiet mit-territorju ta' pajjiż terz elenkati fil-kolonni 2 u 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni tas-semen ta' annimali ekwini miġbur minn żwiemel irreġistrati, ekwidi irreġistrati jew ekwidi għat-tnissil u għall-produzzjoni f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 u indikati fil-kolonni 11, 12 u 13 tal-Anness I għalih.(10)(11);

(12)[II.3. L-ova użati għall-produzzjoni *in vitro* tal-embrijuni deskritti fil-Parti I jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti II.1.1. sa II.1.8 ta' dan iċ-ċertifikat.]

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-ooċiti u tal-embrijuni.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-OOCYTES-EMB-B-ENTRY**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa I.11: Il-post tad-dispaċċ għandu jikkorrispondi għall-grupp għall-ġbir tal-embrijuni jew għall-grupp ta' produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti, ipproċessati, maħżuna u approvati l-ova/embrijuni f'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE u elenkati fuq is-sit web tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/equine/index_en.htm.

Kaxxa I.19: Għandhom jiġu indikati l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill.

Kaxxa I.24: L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.27: "*Tip*": Speċifika jekk humiex embrijuni derivati *in vivo*, ova derivati *in vivo*, embrijuni prodotti *in vitro* jew embrijuni mikromanipulati.

"*Numru ta' identifikazzjoni*": L-identità tal-annimal donatur għandha tikkorrispondi għall-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

"*Data tal-ġbir/produzzjoni*": Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

**Parti II:**

(1) Pajjiżi terzi jew partijiet mit-territorju ta' pajjiżi terzi biss elenkati fil-kolonna 1 tal-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 li minnhom kien awtorizzat ukoll id-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini mhux maħsuba għall-iskarnar u kif indikat fil-kolonna 3 ta' dak l-Anness.

(2) Ħassar kif xieraq.

(3) Il-gruppi tal-ġbir jew tal-produzzjoni tal-embrijuni biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/food/animals/semen/equine_en.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A (I) ta' Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54).

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi (ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1).

(6) Daħħal id-data. (segwi l-Gwida fil-Parti II tan-Noti).

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar s-saħħa tal-annimali u l-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

(8) It-test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (it-test AGID jew ta' Coggins) jew it-test ELISA għall-anemija infettiva ekwina mhumiex meħtieġa għall-annimali ekwidi donaturi li kienu kontinwament residenti fl-Iżlanda mit-twelid, diment li l-Iżlanda tkun baqgħet uffiċjalment ħielsa minn anemija infettiva ekwina u l-ebda annimal ekwidu u s-semen, l-ova u l-embrijuni tiegħu ma jkunu ddaħħlu fl-Iżlanda minn barra qabel u matul il-perjodu li fih ikunu nġabru l-ova u l-embrijuni u s-semen ikun intuża għall-fertilizzazzjoni.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-OOCYTES-EMB-B-ENTRY**

(9) Iċ-ċentri tal-ġbir tas-semen approvati mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss elenkati fl-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għas-semen ta' annimali ekwini jew mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru.

(10) L-importazzjonijiet ta' semen ta' annimali ekwini huma awtorizzati minn pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659, diment li s-semen ikun inġabar fil-parti tat-territorju tal-pajjiż terz indikata fil-kolonna 4 minn żiemel tal-għalla donatur tal-kategorija tal-ekwidi indikata b'mod pożittiv fil-kolonna 11, 12 jew 13 tal-Anness I għalih.

(11) Ma japplikax għall-ova.

(12) Ħassar jekk l-ebda wieħed mill-embrijuni fil-kunsinna ma ġie prodott permezz ta' fertilizzazzjoni *in vitro* tal-ova.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

## KAPITOLU 65

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TA' STOKKIJIET TA' OOĊITI U EMBRIJUNI TA' ANNIMALI EKWINI MIĠBURA JEW PRODOTTI, IPPROĊESSATI U MAĦŻUNA F'KONFORMITÀ MAD-DIRETTIVA 92/65/KEE WARA L-31 TA' AWWISSU 2010 U QABEL L-1 TA' OTTUBRU 2014, MIBGĦUTA WARA L-20 TA' APRIL 2021 MILL-GRUPP GĦALL-ĠBIR JEW GĦALL-PRODUZZJONI TAL-EMBRIJUNI LI MINNU NĠABRU JEW ĠEW PRODOTTI L-OOĊITI JEW L-EMBRIJUNI (MUDELL "EQUI-OOCYTES-EMB-C-ENTRY")

| | | |
|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE** |
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat**<br>**I.2a Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR**<br>**I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali**<br>**I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17** |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** □ Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat | |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill | |
| | **I.20 Iċ-ċertifikat bħala jew għal**<br>□ Prodotti ġerminali | |
| | **I.21 □ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22 □ Għas-suq intern**<br>**I.23** |

| **I.24 Ghadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** |
|---|---|---|

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-OOCYTES-EMB-C-ENTRY**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** | **Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b** | **Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, tal-pajjiż esportatur[1] ……………………………………… (*l-isem tal-pajjiż esportatur*)

b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-ova[2]/ l-embrijuni[2] deskritti fil-Parti I:

II.1.2. inġabru[2]/ġew prodotti[2] mill-grupp[3] deskritt fil-Kaxxa I.11, li kien ġie approvat u ssorveljat f'konformità mal-Kapitolu I(III) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u kien soġġett għal spezzjoni minn veterinarju uffiċjali mill-inqas darba kull sena kalendarja;

II.1.3. inġabru[2]/ġew prodotti[2], ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.1.4. inġabru f'post separat minn partijiet oħrajn tal-istabbiliment jew tal-azjenda li kien jinsab f'kundizzjoni tajba u li tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel il-ġbir;

II.1.5. ġew eżaminati, ipproċessati u ppakkjati fil-faċilitajiet tal-laboratorju li ma jinsabux f'żona soġġetta għall-miżuri ta' projbizzjoni jew ta' kwarantina kif stabbiliti fil-Kaxxa II.1.6, f'sezzjoni li hija separata mis-sezzjoni għall-ħżin tat-tagħmir u tal-materjali li jintużaw f'kuntatt mal-annimali donaturi u separata miż-żona fejn jiġu ttrattati l-annimali donaturi;

II.1.6. ġejjin minn dwieb donaturi li:

II.1.6.1. kienu kontinwament residenti għal tliet xhur (jew minn meta daħlu jekk kienu ġew importati direttament minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea matul il-perjodu ta' tliet xhur) fil-pajjiż esportatur jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/156/KE[4], f'dik il-parti tat-territorju tal-pajjiż esportatur li matul dak il-perjodu

– ma kinitx meqjusa infettata bil-marda Afrikana taż-żwiemel f'konformità mal-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE,

– kienet ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għall-aħħar sentejn,

– kienet ħielsa mill-glanders u mid-durina għal mill-inqas 6 xhur;

[2]*jew* [II.1.6.2. oriġinaw minn pajjiż tal-esportazzjoni li dakinhar tal-ġbir kien ilu ħieles mill-istomatite vexxikulari għal mill-inqas 6 xhur;]

[2]*jew* [II.1.6.2. ġew ittestjati b'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-istomatite vexxikulari fuq kampjun tad-demm meħud fi …………………[5] fi żmien 30 jum qabel il-ġbir, b'riżultat negattiv f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 12;]

[2]*jew* [II.1.6.3. matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum qabel il-ġbir kienu jinsabu f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja li, minn dakinhar li nġabru l-ova[2]/embrijuni[2] sad-data li fiha ntbagħtu, issodisfaw il-kundizzjonijiet għal azjenda stipulati fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE u, b'mod partikolari:]

[2]*jew* [II.1.6.3. matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum qabel il-ġbir kienu jinsabu f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja li, minn dakinhar li nġabru l-ova[2]/embrijuni[2] sakemm għadda, fil-każ ta' ova[2]/embrijuni[2] ffriżati, il-perjodu ta' 30 jum ta' ħżin obbligatorja fl-istabbilimenti approvati, issodisfaw il-kundizzjonijiet għal azjenda stipulati fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE u, b'mod partikolari:]

(2)*jew* [II.1.6.3.1. wara każ ta' xi marda msemmija hawn taħt, ma ġewx skarnati jew ma nqatlux l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għal dik il-marda li kienu jinsabu fl-azjenda, u l-azjenda ilha ħielsa:

- minn kull tip ta' enċefalomijelite ekwina għal mill-inqas 6 xhur, li jibdew minn dakinhar li jiġu skarnati l-annimali ekwidi li jkunu jbatu mill-marda,
- mill-anemija infettiva ekwina mill-inqas għall-perjodu meħtieġ biex jinkiseb riżultat negattiv f'test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test AGID jew ta' Coggins) imwettaq fuq kampjuni meħuda minn kull wieħed mill-annimali ekwidi li jkun fadal wara li l-annimali infettati jkunu ġew skarnati f'żewġ okkażjonijiet tliet xhur bogħod minn xulxin;
- mill-istomatite vexxikulari għal mill-inqas 6 xhur mill-aħħar każ irreġistrat,
- mir-rabja għal mill-inqas xahar mill-aħħar każ irreġistrat,
- mill-antraċe għal mill-inqas 15-il jum mill-aħħar każ irreġistrat,]

(2)*jew* [II.1.6.3.1. wara każ ta' marda msemmija hawn taħt, l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli għal dik il-marda li kienu jinsabu fl-azjenda jkunu ġew skarnati jew inqatlu u l-istabbiliment ġie ddiżinfettat, filwaqt li l-azjenda tkun ilha ħielsa għal mill-inqas 30 jum minn kull tip ta' enċefalomijelite ekwina, anemija infettiva ekwina, stomatite vexxikulari u rabja, jew għal 15-il jum fil-każ tal-antraċe, li jibdew minn dakinhar li jkun tlesta b'mod sodisfaċenti d-diżinfettar tal-istabbiliment wara l-qerda tal-annimali;]

II.1.6.4. matul l-aħħar 30 jum qabel il-ġbir ikunu nżammu f'azjendi fejn kull wieħed minnhom kien ħieles minn sinjali kliniċi ta' metrite ekwina li tittieħed għal mill-inqas 60 jum;

II.1.6.5. ma jkunux intużaw għat-tnissil naturali matul mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-ova jew tal-embrijuni u bejn id-data tal-ewwel kampjuni msemmija fil-punti II.1.6.6. u II.1.6.7. u d-data tal-ġbir tal-ova jew tal-embrijuni;

II.1.6.6. ikunu ġew soġġetti, b'riżultat negattiv, għal test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test ta' Coggins) jew test ELISA għall-anemija infettiva ekwina mwettaq fuq kampjun tad-demm meħud fi ……………..(5), jiġifieri matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tal-ova jew tal-embrijuni u t-test ikun twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud fi …………………..(5), jiġifieri mhux aktar minn 90 jum qabel ma jkunu nġabru l-ova jew l-embrijuni(6);

II.1.6.7. ikunu ġew soġġetti għal test għall-identifikazzjoni tal-aġent għall-metrite ekwina li tittieħed permezz ta' iżolament tat-*Taylorella equigenitalis* wara kultivazzjoni ta' bejn 7 ijiem u 14-il jum imwettaq b'riżultati negattivi f'kull każ fuq kampjuni meħuda matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir tal-ova jew tal-embrijuni minn superfiċi tal-mukoża tal-fossa klitorjali u s-sinuses klitorjali fuq żewġ perjodi ta' saħna konsekuttivi fi……….(5) u fi………………..(5), u fuq eżemplari ta' kultura addizzjonali meħud matul wieħed mill-perjodi ta' saħna miċ-ċerviċi endometrijali fi……………….(5);

II.1.6.8. sa fejn naf jien u sa fejn stajt naċċerta ruħi, ma kinux ġew f'kuntatt ma' annimali ekwidi li kienu qed ibatu minn marda infettiva jew li tittieħed matul il-15-il jum immedjatament qabel il-ġbir;

II.1.6.9. dakinhar tal-ġbir tal-ova(2)/embrijuni(2) ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda infettiva jew li tittieħed;

II.1.7. inġabru(2)/ġew prodotti(2) wara d-data li fiha l-grupp tal-ġbir(2)/produzzjoni(2) tal-embrijuni deskritt fil-Kaxxa I.11 kien approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur;

II.1.8. ġew ipproċessati u maħżuna f'kundizzjonijiet approvati għal mill-inqas 30 jum immedjatament wara l-ġbir(2)/produzzjoni(2) tagħhom, u ġew ittrasportati f'kundizzjonijiet li jissodisfaw it-termini stipulati fil-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2. L-embrijuni deskritti fil-Parti I tnisslu permezz ta' inseminazzjoni artifiċjali(2)/b'riżultat ta' fertilizzazzjoni *in vitro*(2) bl-użu ta' semen li jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 92/65/KEE u li ġej minn ċentri għall-ġbir tas-semen approvati f'konformità mal-Artikolu 11(2) jew 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE u li jinsabu, rispettivament, fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew f'pajjiż terz jew partijiet mit-territorju ta' pajjiż terz elenkati fil-kolonni 2 u 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni tas-semen ta' annimali ekwini miġbur minn żwiemel irreġistrati, annimali ekwidi rreġistrati jew annimali ekwidi għat-tnissil u l-produzzjoni f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 u indikati fil-kolonni 11, 12 u 13 tal-Anness I għalih.(7)(8);

II.3. L-ova użati għall-produzzjoni *in vitro* tal-embrijuni deskritti hawn fuq jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti II.1.1. sa II.1.8. ta' dan iċ-ċertifikat(2).

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali ekwini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-ooċiti u tal-embrijuni.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa I.11: Il-post tad-dispaċċ għandu jikkorrispondi għall-grupp għall-ġbir tal-embrijuni jew għall-grupp ta' produzzjoni tal-embrijuni li minnu nġabru jew ġew prodotti, ipproċessati, maħżuna u approvati l-ova/embrijuni f'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u elenkati fuq is-sit web tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/equine/index_en.htm.

Kaxxa I.19: Għandhom jiġu indikati l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill.

Kaxxa I.24: L-għadd totali ta' imballaġġi għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.27: "Tip": speċifika jekk humiex embrijuni derivati *in vivo*, ooċiti derivati *in vivo*, embrijuni prodotti *in vitro* jew embrijuni mikromanipulati.

"*Numru ta' identifikazzjoni*": L-identità tal-annimal donatur għandha tikkorrispondi għall-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

"*Data tal-ġbir/produzzjoni*": Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-OOCYTES-EMB-C-ENTRY**

**Parti II:**

(1) Pajjiżi terzi jew partijiet mit-territorju ta' pajjiżi terzi biss elenkati fil-kolonna 1 tal-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 li minnhom kien awtorizzat ukoll id-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini mhux maħsuba għall-iskarnar u kif indikat fil-kolonna 3 ta' dak l-Anness.

(2) Ħassar kif xieraq.

(3) Il-gruppi tal-ġbir jew tal-produzzjoni tal-embrijuni biss elenkati f'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq is-sit web tal-Kummissjoni:

https://ec.europa.eu/food/animals/semen/equine_en

(4) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.

(5) Daħħal id-data.

(6) It-test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (it-test ta' Coggins) jew it-test ELISA għall-anemija infettiva ekwina mhumiex meħtieġa għall-annimali ekwini donaturi li kienu kontinwament residenti fl-Iżlanda mit-twelid, diment li l-Iżlanda tkun baqgħet uffiċjalment ħielsa minn anemija infettiva ekwina u l-ebda annimal ekwidu u s-semen, l-ooċiti u l-embrijuni tiegħu ma jkunu ddaħħlu fl-Iżlanda minn barra qabel u matul il-perjodu li fih ikun inġabar is-semen.

(7) Iċ-ċentri tal-ġbir tas-semen approvati mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu biss elenkati fl-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għas-semen ta' annimali ekwini jew mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru.

(8) Ma japplikax għall-ova.

**Veterinarju uffiċjali**

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

KAPITOLU 66

## MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' KUNSINNI TAL-PRODOTTI ĠERMINALI ELENKATI HAWN TAĦT, MIBGĦUTA WARA L-20 TA' APRIL 2021 MILL-ISTABBILIMENT TAL-IPPROĊESSAR TAL-PRODOTTI ĠERMINALI:

- semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;
- stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;
- stokkijiet ta' semen ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014;
- stokkijiet ta' semen tal-annimali ekwini miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010;
- oċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 wara l-20 ta' April 2021;
- stokkijiet ta' oċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura jew prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u qabel il-21 ta' April 2021;
- stokkijiet ta' oċiti u embrijuni ta' annimali ekwini miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014

## (MUDELL "EQUI-GP-PROCESSING-ENTRY")

| | | | |
|---|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE** | |
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC** |
| | | **I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | | **I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | |
| **I.15 Mezz tat-trasport**<br>□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment<br>□ Ferrovija □ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | **I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **I.18** | **Kundizzjonijiet tat-trasport** | □ Ambjentali | □ Imkessaħ | □ Iffriżat |
| **I.19** | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill | | | |
| **I.20** | **Iċ-ċertifikat bħala jew għal** | | | |
| | □ Prodotti ġerminali | | | |
| **I.21** | □ **Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22** □ **Għas-suq intern** | | |
| | | **I.23** | | |
| **I.24** | **Għadd totali ta' imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26** | |
| **I.27** | **Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | | |

| Kodiċi NM | Speċi | Sottospeċi/Kategorija | | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip | | Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru | Marka ta' identifikazzjoni | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Test |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-GP-PROCESSING-ENTRY**

| Parti II: Ċertifikazzjoni | II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali[1] deskritt fil-Kaxxa I.11. li fih ġie/ġew ipproċessat(i) u maħżun(a) s-semen[2]/ l-ooċiti[2]/ l-embrijuni derivati *in vivo*[2]/ l-embrijuni prodotti *in vitro*[2]/ l-embrijuni mikromanipulati[2] li għandhom jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea:

II.1.1. jinsab f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu

II.1.1.1. awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' semen[2]/ ooċiti[2]/ embrijuni[2] ta' annimali ekwini u elenkati fl-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404;

II.1.1.2. li fihom il-marda Afrikana taż-żwiemel, l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, infezzjoni b'*Burkholderia mallei* (glanders), is-surra (*Trypanosoma evansi*), id-durina (*Trypanosoma equiperdum*), l-anemija infettiva ekwina, infezzjoni bil-virus tar-rabja, l-antraċe, infezzjoni bil-virus tal-arterite ekwina u l-metrite ekwina li tittieħed (*Taylorella equigenitalis*) huma mardiet notifikabbli;

II.1.1.3. ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel għal perjodu ta' mill-inqas 24 xahar immedjatament qabel il-ġbir[2]/ il-produzzjoni[2] tas-semen[2]/ tal-ooċiti[2]/ tal-embrijuni[2] u sad-data tad-dispaċċ tiegħu/tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22(2)(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692, u fejn ma jkun sar l-ebda tilqim sistematiku kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen[2]/ tal-ooċiti[2]/ tal-embrijuni[2] u sad-data tad-dispaċċ tiegħu/tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22(4)(b) ta' dak ir-Regolament;

